Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Novembru 2021
(OR. en)

14267/21

SOC 686
EMPL 515
ECOFIN 1129
EDUC 390

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 743 final
Suġġett:	PROPOSTA GĦAL RAPPORT KONĠUNT DWAR L-IMPJIEGI MILL-KUMMISSJONI U MILL-KUNSILL

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 743 final.

Mehmuż: COM(2021) 743 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.11.2021
COM(2021) 743 final

PROPOSTA GĦAL RAPPORT KONĠUNT
DWAR L-IMPJIEGI MILL-KUMMISSJONI U MILL-KUNSILL

MT MT

Werrej

MESSAĠĠ EWLENIN 2

ĦARSA ĠENERALI LEJN IX-XEJRIET U L-ISFIDI SOĊJALI U TAS-SUQ TAX-XOGĦOL FL-UNJONI EWROPEA 24

1.1 Xejriet tas-suq tax-xogħol 24

1.2 Xejriet soċjali 28

1.3 It-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta: ħarsa ġenerali lejn l-isfidi relatati mal-prinċipji tal-Pilastru 31

1.4 Miri ewlenin tal-UE sal-2030 39

IMPJIEGI U RIFORMI SOĊJALI – PRESTAZZJONI U AZZJONI TAL-ISTATI MEMBRI 45

2.1. Linja Gwida 5: Nagħtu spinta lid-domanda għax-xogħol 45

2.1.1 Indikaturi ewlenin 45

2.1.2 Rispons tal-politika 62

2.2 Linja Gwida 6: Insaħħu l-provvista ta' ħaddiema u ntejbu l-aċċess għall-impjiegi, għall-ħiliet u għall-kompetenzi 70

2.2.1 Indikaturi ewlenin 70

2.2.2 Rispons tal-politika 102

2.3 Linja Gwida 7: Insaħħu l-funzjonament tas-swieq tax-xogħol u l-effettività tad-djalogu soċjali 114

2.3.1 Indikaturi ewlenin 114

2.3.2 Rispons tal-politika 141

2.4 Linja Gwida 8: Nippromwovu l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, inrawmu l-inklużjoni soċjali u nġġieldu l-faqar 148

2.4.1 Indikaturi ewlenin 148

2.4.2 Rispons tal-politika 170

MESSAĠĠI EWLENIN

Ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi (JER) mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Kunsill jissorvelja, fuq bażi annwali, u f'konformità mal-Artikolu 148 tat-TFUE, is-sitwazzjoni tal-impjiegi fl-Unjoni u l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi. Jipprovdi ħarsa ġenerali annwali lejn l-iżviluppi ewlenin fl-impjiegi u dawk soċjali fl-Unjoni Ewropea, u lejn il-miżuri ta' politika riċenti tal-Istati Membri, f'konformità mal-Linji Gwida għall-Politiki dwar l-Impjiegi tal-Istati Membri[1]. Jidentifika wkoll l-oqsma prijoritarji relatati għall-azzjoni politika. Il-proposta tal-Kummissjoni għar-rapport hija parti mill-pakkett tal-ħarifa tas-Semestru Ewropew; wara skambji bejn il-Kummissjoni u l-korpi preparatorji tagħha, it-test finali se jiġi adottat mill-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur (EPSCO).

L-edizzjoni tal-2022 tal-JER tixħet enfasi akbar fuq l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, f'konformità mal-impenji tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Marzu 2021 u mill-Mexxejja tal-UE fid-Dikjarazzjoni ta' Porto tat-8 ta' Mejju. L-implimentazzjoni tiegħu ssaħħaħ l-impenn tal-Unjoni lejn tranżizzjoni ekoloġika, diġitali u ġusta u tikkontribwixxi għall-kisba ta' konverġenza soċjali u ekonomika 'l fuq, filwaqt li tindirizza l-isfidi demografiċi. Tikkontribwixxi wkoll sabiex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Dan ir-rapport isaħħaħ il-monitoraġġ tal-Pilastru Soċjali, b'mod partikolari permezz ta' kaxxi tematiċi li jkopru sfidi ewlenin fit-tliet oqsma ta' opportunitajiet indaqs u aċċess għas-suq tax-xogħol, ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u ta' protezzjoni u inklużjoni soċjali. Ir-rapport jintegra wkoll it-tliet miri ewlenin il-ġodda tal-UE għall-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru, li ntlaqgħu mill-mexxejja tal-UE fis-Summit Soċjali ta' Porto u mill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju. L-UE impenjat ruħha għall-miri ewlenin tal-UE li ġejjin sal-2030:

- tal-anqas 78 % tal-popolazzjoni ta' bejn l-20 u l-64 għandu jkollha impjieg;
- kull sena, tal-anqas 60 % tal-persuni ta' bejn il-25 u l-64 sena għandhom jipparteċipaw f'attivitajiet ta' apprendiment; u
- n-numru ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali għandu jonqos b'tal-anqas 15-il miljun meta mqabbel mal-2019.

Flimkien mal-fondi ta' koeżjoni, l-implimentazzjoni tar-riformi u tal-investimenti previsti fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs) tal-Istati Membri se tippromwovi rkupru ġust, inklużiv u sostenibbli. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għandha tippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi ttejjeb ir-reżiljenza, it-tħejjija għall-kriżi, il-kapaċità ta' aġġustament u l-potenzjal ta' tkabbir tal-Istati Membri. B'dan il-mod, il-Faċilità tikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, b'attenzjoni partikolari għall-indirizzar tal-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi.[2] Erba' mis-sitt pilastri li jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni tal-Faċilità huma rilevanti f'dan ir-rigward, jiġifieri: (i) tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv; (ii) il-koeżjoni soċjali u territorjali; (iii) is-saħħa u r-reżiljenza

[1] L-aħħar aġġornament tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi ġie adottat mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea f'Ottubru 2021 (ĠU L 379, 26.10.2021, p. 1–5).

[2] L-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2021/241 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

ekonomika, soċjali u istituzzjonali, u (iv) politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss, għat-tfal u għażżgħażagħ. Bħala parti mill-analiżi tar-rispons tal-politika, ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi jinkludi wkoll għażla ta' miżuri appoġġati mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) u minn sorsi oħrajn ta' finanzjament tal-UE, inkluż il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta.

It-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta tirfed l-analiżi fil-JER tal-2022, filwaqt li tkopri b'mod aktar komprensiv il-prinċipji tal-Pilastru. Bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Soċjali ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni pproponiet reviżjoni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, sabiex tippermetti monitoraġġ aħjar tal-Pilastru b'sett rivedut ta' indikaturi ewlenin, li l-EPSCO approva f'Ġunju 2021. Għalhekk, il-JER tal-2022 jivvaluta l-prestazzjoni tal-Istati Membri fis-sett rivedut ta' indikaturi ewlenin[3]. Issa, dan jinkludi indikaturi li jippermettu li jiġu identifikati dimensjonijiet importanti bħall-apprendiment għall-adulti, l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni b'diżabbiltà, ir-riskju ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali għat-tfal, u l-piż eċċessiv tal-kost tal-abitazzjoni. L-evidenza mit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta, flimkien ma' analiżi speċifika għall-pajjiżi tal-evidenza u tal-kuntest tal-politika, tippermetti identifikazzjoni aktar akkurata tal-isfidi soċjali ewlenin u ta' dawk relatati mal-impjiegi u mal-ħiliet fl-UE u fl-Istati Membri (ara l-Illustrazzjoni 1). Din tkun tippermetti li jsir monitoraġġ aktar mill-qrib tal-iżviluppi u tad-diverġenzi soċjali. Il-kumitati konsultattivi tal-Kunsill EPSCO se jirriflettu fuq proposta mressqa minn Spanja u mill-Belġju għal Proċedura ta' Żbilanċi Soċjali (SIP) ibbażata fuq l-Artikolu 148 tat-TFUE fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

Illustrazzjoni 1: L-impjiegi, il-ħiliet u l-isfidi soċjali fost l-Istati Membri tal-UE skont l-indikaturi ewlenin fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta



Noti: 1) id-*data* għall-indikatur dwar il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment għadha ma hijiex disponibbli; 2) indikatur dwar il-ħiliet diġitali jirreferi għad-*data* tal-2019; 3) Hemm *data* nieqsa f'xi indikaturi għal xi pajjiżi: id-didaskaliji għall-indikaturi kollha huma ppreżentati fl-Anness tar-Rapport.

L-impatt fuq is-suq tax-xogħol tal-kriżi tal-COVID-19 ittaffa bis-saħħa tal-azzjoni politika rapida u deċiżiva fil-livell tal-Istati Membri u tal-UE. L-irkupru tas-suq tax-xogħol qed jaqbad, iżda l-impjiegi u t-total ta' sigħat maħduma għadu ma ġiex lura għal-livelli ta' qabel il-kriżi.[4] Wara li laħqet punt baxx ta' 71,6 % fit-tieni trimestru tal-2020, ir-

[3] Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Soċjali jipproponi wkoll indikaturi sekondarji tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, li dwarhom għadhom għaddejjin id-diskussjonijiet.

[4] Dan jirrifletti li l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u ta' sensja temporanja għad għandhom rwol importanti għal ħafna ħaddiema, flimkien mar-restrizzjonijiet fuq it-tkeċċijiet imposti minn diversi Stati Membri sabiex jgħinu fil-preservazzjoni tal-impjiegi.

rata ta' impjieg irkuprat parzjalment għal 72,8 % għal dawk ta' bejn l-20 u l-64 sena fit-tieni trimestru tal-2021, jiġifieri anqas mil-livell massimu ta' 73,3 % milħuq fir-raba' trimestru tal-2019. Filwaqt li l-irkupru ekonomiku se jsostni l-ħolqien tax-xogħol, qabel l-2022 ma huwiex mistenni li se jerġgħu jinkisbu l-livelli ta' impjieg ta' qabel il-kriżi. Kif rifless fil-mira ewlenija tal-UE għar-rata ta' impjieg, livell għoli ta' impjieg huwa prijorità importanti għall-2030 sabiex jiġi żgurat li kulħadd ikun jista' jieħu sehem bis-sħiħ fl-ekonomija u fis-soċjetà, u sabiex jgħin fit-tnaqqis tan-numru ta' persuni f'riskju ta' faqar. B'mod kumplessiv, iż-żieda fil-qgħad baqgħet taħt dak li seta' kien mistenni fid-dawl tal-impatt tal-COVID-19 fuq l-ekonomija. Dan huwa dovut għall-miżuri ta' politika introdotti mill-Istati Membri, anke b'appoġġ mill-finanzjament tal-UE (b'mod partikolari l-istrument Ewropew għal Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza, SURE,[5] u l-Assistenza fl-Irkupru għall-Koeżjoni u għat-Territorji tal-Ewropa, REACT-EU[6]), u sa ċertu punt anqas għall-fatt li xi persuni daħlu tal-anqas temporanjament f'inattività meta s-sejbien ta' xogħol sar aktar diffiċli.

L-irkupru tas-suq tax-xogħol qed jaqbad

[5] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 tad-19 ta' Mejju 2020.

[6] Ir-Regolament (UE) 2020/2221 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020.

72,8 %
ir-rata ta' impjieg fit-tieni trimestru tal-2021 (1,2 pp anqas minn sena qabel)

6,7 %
ir-rata tal-qgħad f'Settembru 2021 (1 pp anqas minn sena qabel)

17,4 %
ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fit-tieni trimestru tal-2021 (0,6 pp ogħla mit-tieni trimestru tal-2020)

+13,3 %
is-sigħat maħdumin għal kull ħaddiem fit-tieni trimestru tal-2021 meta mqabblin mar-raba' trimestru tal-2020 (minkejja dan, 2,7 % anqas milli fit-tieni trimestru tal-2019)



Ir-rati ta' attività, tal-qgħad u tas-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ fl-EU-27, %



It-total ta' sigħat maħdumin għal kull ħaddiem u l-assenzi mix-xogħol, EU-27

Nota: Interruzzjoni fis-serje fir-rati tal-qgħad trimestrali mill-ewwel trimestru tal-2021. Sors: Il-bażi tad-*data* tal-Eurostat [une_rt_q], [une_ltu_q] u l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol [lfsi_emp_q], [lfsq_argan], [lfsi_neet_q]. *Data* aġġustata skont l-istaġun, mhux aġġustata skont il-kalendarju.

Il-kriżi tal-COVID-19 temmet ix-xejra pożittiva fir-rata ta' attività osservata f'dawn l-aħħar snin. Ir-rata ta' attività tal-EU-27 għall-grupp ta' età ta' bejn l-20 u l-64 sena naqset kemxejn bħala riżultat tal-pandemija, iżda diġà rkuprat għall-valur tagħha ta' qabel il-kriżi f'termini trimestrali. Din kienet xprunata l-aktar mill-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u tal-grupp ta' età ta' bejn il-55 u l-64 sena. F'termini assoluti, il-popolazzjoni tal-UE fl-età tax-xogħol xorta waħda kompliet tonqos matul l-aħħar deċennju, li huwa wkoll fattur determinanti għaż-żieda fin-nuqqas ta' ħaddiema. F'dan il-kuntest, il-politiki li jġibu aktar nies fis-suq tax-xogħol, li jippermettu ħajja tax-xogħol itwal u aktar f'saħħitha u li jtejbu l-produttività fuq perjodu ta' żmien medju sa twil, huma importanti. It-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-adattament aħjar tagħhom għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu tal-ħaddiema matul il-

ħajja tagħhom ikollhom impatt pożittiv fuq il-provvista ta’ ħaddiema u, b’hekk, potenzjalment jappoġġaw rati ogħla ta’ impjieg.

Il-COVID-19 kellha impatt differenti bejn is-setturi u t-tipi ta’ ħaddiema

L-**ogħla rati ta’ tkabbir fl-impjiegi** mit-tieni trimestru tal-2020 fl-attivitajiet tal-kostruzzjoni, tal-amministrazzjoni pubblika u tal-ICT

L-**aktar rati baxxi ta’ tkabbir fl-impjiegi** mit-tieni trimestru tal-2020 fil-kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, fl-arti u fid-divertiment u fl-agrikoltura

1,6 miljun anqas impjegati (20-64) **b’kuntratti temporanji** fit-tieni trimestru tal-2021 meta mqabbel mat-tieni trimestru tal-2019

Bidliet fl-impjiegi skont l-attività ekonomika (kunċett domestiku, *data* aġġustata skont l-istaġun u l-kalendarju), EU-27



Sors: Il-bażi tad-*data* tal-Eurostat [tec00109]. Nota: *Attivitajiet tal-NACE Reviżjoni 2.

Hekk kif l-ekonomija tirkupra mix-xokk tal-COVID-19, mhux l-impjiegi kollha x’aktarx li jerġgħu jiġu, u l-appoġġ għat-tranżizzjonijiet bejn impjiegi qed isir partikolarment importanti. Mit-tieni trimestru tal-2020, l-ogħla rati ta’ tkabbir fl-impjiegi jinsabu fl-attivitajiet tal-kostruzzjoni, tal-amministrazzjoni pubblika u tal-ICT, filwaqt li l-aktar rati baxxi ta’ tkabbir huma fil-kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, fl-arti u fid-divertiment u fl-agrikoltura. Għal xi wħud mill-kumpaniji affettwati, il-pandemija se tkun irrappreżentat xejn aktar minn xokk tranżitorju. Għal oħrajn, tista’ twassal għal bidliet profondi fil-mudelli tan-negozju, parzjalment xprunati minn bidla fil-preferenzi tal-konsumatur (pereżempju, użu akbar tal-kummerċ elettroniku) u l-organizzazzjoni u l-prattiki tax-xogħol tad-ditti (inklużi d-diġitalizzazzjoni u l-ispinta għal metodi ta’ produzzjoni aktar sostenibbli). F’din il-perspettiva, xi kompiti jistgħu jsiru inutli, li jeħtieġu ristrutturar f’termini ta’ metodi ta’ ħidma u ta’ input tax-xogħol, bi ħtieġa akbar għal dawk li jfasslu l-politika u għan-negozji sabiex jappoġġaw it-tranżizzjonijiet bejn impjiegi, skont il-linji tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar Appoġġ Attiv Effettiv għall-Impjiegi (EASE). L-irkupru jipprovdi wkoll opportunità sabiex nimxu lejn sistema soċjoekonomika aktar sostenibbli b’mudelli tan-negozju ġodda u b’implikazzjonijiet estensivi għat-tipi ta’ impjiegi offruti u għall-ħiliet meħtieġa. Hija meħtieġa riallokazzjoni rapida tal-ħaddiema sostnuta minn politiki attivi

effettivi tas-suq tax-xogħol u minn miżuri ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' ħaddiema, sabiex tingħata spinta lill-produttività, lill-pagi u lill-koeżjoni soċjali, u sabiex jiġu ffaċilitati t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. L-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jista' jkollhom rwol utli f'dan ir-rigward, billi jiffaċilitaw u jappoġġaw il-proċessi ta' ristrutturar. Għandhom jibqgħu parti mis-sett ta' għodod ta' politika wara l-kriżi, u jiffokaw mill-ġdid fuq l-għajnuna għall-modernizzazzjoni tal-ekonomija (permezz ta' miżuri assoċjati għall-iżvilupp tal-ħiliet, pereżempju) mingħajr ma jdewmu l-aġġustamenti strutturali.

Il-kriżi enfasizzat is-sitwazzjoni aktar diffiċli taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol

13,7 % żgħażagħ NEETs (15-29 sena) fl-2020

+1,3 pp fir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ bejn l-2019 u l-2020

Id-doppju taż-żgħażagħ li għandhom impjieg temporanju involontarju meta mqabblin ma' persuni ta' bejn il-25 u l-64 sena

Iż-żgħażagħ li huma barra mill-edukazzjoni, impjieg u taħriġ (%, 15-29, 2020)



Nota: Xi unitajiet amministrattivi fuq gżejjer u reġjuni ultraperiferiċi ma humiex irrappreżentati.
Sors: Eurostat, Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol [edat_lfse_35]. © EuroGeographics għall-fruntieri amministrattivi.

Il-kriżi tal-COVID-19 kellha impatt akbar fuq iż-żgħażagħ, b'mod partikolari dawk li bdew impjieg, u talbet azzjoni politika rapida u deċiżiva. Ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ (15-24) fl-UE wriet sinjali inizjali ta' rkupru sa nofs l-2021 iżda xorta laħqet is-17,4 % fit-tieni trimestru tal-2021, kważi t-tripplu tar-rata tal-qgħad tal-popolazzjoni ta' 25-74 sena. Ix-xokk tal-COVID-19 reġġa' lura x-xejra li damet sitt snin, ta' tnaqqis fin-numri ta' żgħażagħ li huma barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET), parzjalment bħala riżultat tal-pożizzjonijiet prekarji fis-suq tax-xogħol għaż-żgħażagħ. Dan jitlob azzjoni politika deċiżiva sabiex jiġu evitati r-riskji ta' effetti negattivi fit-tul fuq il-benesseri u fuq il-prospetti tal-karriera tagħhom. It-tnaqqis fin-numri ta' NEETs huwa tabilħaqq wieħed mill-ambizzjonijiet

komplementari tal-UE mressqin mill-Kummissjoni Ewropea fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Soċjali. Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ rinfurzata ssaħħaħ lill-azzjoni sabiex tiġi pprovduta offerta ta' kwalità tajba ta' impjiegi, ta' edukazzjoni kontinwa, ta' apprendistat jew ta' traineeship fi żmien erba' xhur minn meta jisfaw qiegħda jew minn meta ż-żgħażagħ itemmu l-edukazzjoni formali[7]. L-inizjattiva ALMA (Aim, Learn, Master, Achieve)[8] se tgħin liż-żgħażagħ NEETs żvantaġġati jiksbu esperjenza professjonali barra mill-pajjiż, inkluż ukoll l-appoġġ soċjali neċessarju, bl-objettiv li jiġu integrati fl-edukazzjoni, fit-taħriġ vokazzjonali jew f'impjieg ta' kwalità.

Minħabba l-impatt mhux indaqs tal-kriżi fuq gruppi differenti ta' ħaddiema, politiki attivi tas-suq tax-xogħol imfasslin apposta huma importanti sabiex jiġi żgurat irkupru inklużiv. Il-ħaddiema f'impjieg mhux standard intlaqtu ħażin ħafna, b'mod partikolari dawk b'kuntratti għal terminu fiss fl-Istati Membri b'ishma akbar ta' impjieg temporanju[9]. Dawk li ma twildux fl-UE esperjenzaw telf akbar ta' impjiegi mill-popolazzjoni nattiva. Barra minn hekk, hemm potenzjal konsiderevoli sabiex jiżdiedu l-impjiegi fost il-persuni b'diżabbiltà: fl-2020, fl-UE, id-distakk bejn ir-rata ta' impjieg ta' persuni b'diżabbiltà u ta' oħrajn kienet ta' 24,5 pp.

Il-pandemija kompliet tenfasizza l-isfidi fit-tul relatati mal-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Filwaqt li l-evidenza ma turix impatt negattiv aktar b'saħħtu fuq ir-rati ta' impjieg tan-nisa meta mqabblin mal-irġiel, in-nisa esperjenzaw aktar tnaqqis fis-sigħat tax-xogħol mill-irġiel matul il-perjodi ta' konfinament. Wara dawn l-iżviluppi, hemm differenzi fir-rappreżentanza tan-nisa u tal-irġiel f'setturi u f'okkupazzjonijiet affettwati mill-kriżi, differenzi bejn il-ġeneri fl-użu tat-telexogħol, u l-fatt li n-nisa ħadu sehem akbar ta' responsabbiltajiet ta' kura. Barra minn hekk, matul il-kriżi, in-nisa waħedhom bit-tfal esperjenzaw telf akbar ta' impjieg minn dawk ta' mingħajr tfal. Dan jenfasizza l-importanza tas-servizzi tal-indukrar tat-tfal u tal-kura fit-tul sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, f'dan ir-rigward, id-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata[10], li jeħtieġ li tiġi trasposta mill-Istati Membri sat-2 ta' Awwissu 2022, għandha l-għan li tipprovdi aċċess ugwali u użu bbilanċjat tal-arranġamenti tal-liv mill-irġiel u min-nisa. Se tippermetti lill-ġenituri bi tfal jew lil ħaddiema bi qraba dipendenti jibbilanċjaw aħjar ir-responsabbiltajiet ta' kura u dawk professjonali. Fl-istess ħin, it-tfassil tas-sistemi tat-taxxa jkompli jiskoraġġixxi l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul (li spiss ikunu nisa) f'numru ta' Stati Membri.

[7] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi - It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ 2020/C 372/01, ĠU C 372, 4.11.2020, p. 1.

[8] Aktar informazzjoni tinsab fuq: ALMA (Aim, Learn, Master, Achieve) - Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni - Il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu)

[9] Dawn l-impjegati spiss ikunu koperti b'mod dgħajjef mill-benefiċċji tas-sostituzzjoni tal-introjtu, għalkemm ħafna gvernijiet ippruvaw itaffu jew jeliminaw dawn id-distakki permezz ta' miżuri ta' emerġenza. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2019/C 387/01 tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom, ĠU C 387, 15.11.2019, p. 1.

[10] Id-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE.

Id-differenzi bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol għadhom wisgħin

Id-differenzi fir-rata ta' impjieg bejn persuni bit-tfal u mingħajr tfal taħt is-6 snin fl-2020 (f'pps, skont il-ġeneru, bejn il-25 u d-49 sena)



Ir-rata ta' impjieg tan-nisa bi tfal żgħar fl-UE hija **11,8 pp anqas** minn dik tan-nisa mingħajr tfal

Is-sigħat maħdumin naqsu aktar għan-nisa spiss bħala riżultat **tal-obbligi ta' kura** (6,1 punti għan-nisa vs 4,3 għall-irġiel)

Għad hemm differenzi kbar f'termini ta' **parteċipazzjoni fis-servizzi għall-indukrar tat-tfal** fost l-Istati Membri

Sors: Eurostat, Sħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol [lfst_hheredch].

Filwaqt li hemm potenzjal li jiżdied l-impjieg fost ċerti gruppi, iż-żieda fin-nuqqas ta' ħaddiema f'ħafna Stati Membri tindika l-importanza ewlenija ta' ħtieġa aktar ġenerali għat-titjib tal-ħiliet u għat-taħriġ mill-ġdid. It-tnaqqis fl-attività ekonomika kkawżat mill-COVID wassal għal tnaqqis fin-nuqqas ta' ħaddiema fi kważi l-Istati Membri kollha. Fl-2021, wara t-tnaqqis tal-miżuri ta' lockdown u l-irkupru ekonomiku gradwali, il-postijiet tax-xogħol vakanti bdew jerġgħu jiżdiedu fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Setturi bħall-kostruzzjoni, is-saħħa, u l-kura fit-tul, kif ukoll it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, irrapportaw l-akbar nuqqas ta' ħaddiema, xprunati minn nuqqas ta' ħiliet sa minn dejjem, fost kawżi oħrajn. Barra minn hekk, bħala riżultat tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, tista' tkun mistennija domanda akbar għall-ħaddiema f'setturi relatati mal-enerġija rinnovabbli, mal-kostruzzjoni, mal-agrikoltura u mal-forestrija, u fil-biċċa l-kbira se tkun fil-grupp ta' ħiliet medji.

In-nuqqas ta' ħaddiema qed jiżdied bl-irkupru ekonomiku

2,1 %
ir-rata tal-postijiet tax-xogħol vakanti fit-tieni trimestru-tal-2021, 0,5 pp ogħla mit-tieni trimestru tal-2020 u 0,1 pp biss anqas mit-tieni trimestru tal-2019

In-**nuqqas ta' ħiliet** ta' natura dejjiema jixpruna x-xejra fis-setturi tal-kostruzzjoni, tas-saħħa, tal-kura fit-tul u tal-ICT

Ir-rata tal-postijiet tax-xogħol vakanti u r-rata tal-qgħad (15-74) fl-EU-27



Nota: Attivitajiet B-S tal-NACE Reviżjoni 2. Ir-rata tal-qgħad, *data* trimestrali, *data* aġġustata skont l-istaġun. Sors: Eurostat, Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol [jvs_q_nace2] u [une_rt_q]

Impjieg mhux dejjem jipprovdi introjtu għal għajxien deċenti. Il-faqar fost dawk li jaħdmu żdied minn 8,5 % fl-2010 għal 9 % fl-2019 fl-EU-27. B'mod ġenerali, il-ħaddiema b'kuntratti temporanji jaffaċċjaw riskju ferm ogħla ta' faqar fost dawk li jaħdmu minn dawk b'kuntratti permanenti (16,2 % vs 5,9 %), u hekk ukoll ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet meta mqabblin ma' dawk b'livell għoli ta' ħiliet (19 % vs 4,9 %). Barra minn hekk, il-ħaddiema li ma twildux fl-UE huma ferm aktar probabbli li jesperjenzaw il-faqar fost dawk li jaħdmu min-nattivi. Minkejja ż-żidiet riċenti fil-paga minima f'ħafna Stati Membri, il-pagi minimi statutorji spiss jibqgħu baxxi meta mqabblin ma' pagi oħrajn fl-ekonomija. F'konformità mal-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva dwar pagi minimi adegwati[11], in-negozjar kollettiv jaqdi rwol importanti fil-kisba ta' protezzjoni adegwata tal-paga minima madwar l-Unjoni.

L-impjiegi b'terminu fiss qabdu jonqsu sa mill-bidu tal-pandemija, u dan jirrifletti telf ogħla ta' impjiegi għal dawk b'terminu fiss milli fost l-impjegati permanenti, għalkemm dan għadu sinifikanti f'diversi Stati Membri. Il-kuntratti temporanji għadhom partikolarment mifruxin fost in-nisa, iż-żgħażagħ u l-impjegati li ma twildux fl-UE. Il-kuntratti temporanji li jservu bħala "pass importanti" lejn impjiegi aktar permanenti huma kruċjali għat-titjib tal-kwalità kumplessiva tal-impjiegi. F'xi Stati Membri, ir-raġuni ewlenija

[11] Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea, COM(2020) 682 final.

li għaliha l-ħaddiema jidħlu għal kuntratt b'terminu fiss tibqa' d-diffikultà biex isibu impjieg permanenti. Il-ħaddiema f'kuntratti temporanji involontarji spiss jirrapportaw livelli aktar baxxi ta' sodisfazzjon fix-xogħol, li jistgħu jaffettwaw il-prestazzjoni u l-kisba tal-ħiliet tagħhom. Fl-2020, is-sehem tal-impjiegi part-time fl-UE naqas meta mqabbel mas-sena ta' qabel, iżda x-xogħol part-time involontarju għadu jaffettwa perċentwal imdaqqas ta' impjegati.

Iż-żieda sinifikanti f'daqqa fit-telexogħol esponiet kemm il-vantaġġi kif ukoll l-isfidi assoċjati max-xogħol mill-bogħod. Matul l-emerġenza tas-saħħa, it-telexogħol wera li huwa importanti għal ħafna ditti sabiex jiżguraw il-kontinwità tal-operat u jissalvagwardjaw is-saħħa tal-impjegati tagħhom. Fi żminijiet normali, jippermetti wkoll tnaqqis fil-ħin tal-ivvjaġġar, flessibbiltà akbar u opportunitajiet ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-impjegati, u effiċjenza u produttività mtejbin għad-ditti. Madankollu, it-telexogħol xi drabi jista' jċajpar il-linji eżistenti bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, li jimplika intensità ogħla tax-xogħol u diffikultajiet fil-kisba ta' rappreżentanza kollettiva u fil-parteċipazzjoni fit-teħid ta' deċiżjonijiet u fit-taħriġ fuq il-post tax-xogħol f'ċerti każijiet. It-teknoloġiji diġitali ppermettew li jiżdied it-telexogħol u appoġġaw tlaqqigħ aħjar tad-domanda u l-provvista għall-ħaddiema, filwaqt li ppreżentaw sfidi għal ċerti gruppi, b'mod partikolari dawk b'livell baxx ta' ħiliet jew l-anzjani, sabiex jipparteċipaw bis-sħiħ fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà. Min-naħa tiegħu, dan jista' jżid ir-riskji ta' distakki diġitali u ta' esklużjoni mis-suq tax-xogħol u soċjali u, b'hekk, l-importanza li kulħadd jiġi pprovdut bil-ħiliet diġitali meħtieġa sabiex jibbenefika mill-bidla diġitali.

Il-pandemija aċċellerat ix-xejriet kontinwi fid-diġitalizzazzjoni, inkluż billi tat spinta lill-ħidma permezz tal-pjattaformi, li titlob azzjoni politika għall-immaniġġjar tat-trasformazzjonijiet relatati – b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-aċċess għall-protezzjoni soċjali. It-teknoloġiji diġitali jġibu modi ġodda kif wieħed jitgħallem u jaħdem, kif ukoll opportunitajiet ġodda għan-negozji u għall-konsumaturi. Fis-suq tax-xogħol, joħolqu opportunitajiet ta' impjieg u jistgħu jikkontribwixxu għal tqabbil aħjar bejn l-impjegaturi u l-impjegati. Madankollu, jistgħu jinvolvu wkoll riskji għall-impjiegi eżistenti u għall-kwalità tal-impjiegi, b'mod partikolari għal dawk f'attivitajiet li huma intensivi fir-rutina u għal dawk b'livell baxx ta' ħiliet. B'mod parallel mar-riallokazzjoni tal-ħaddiema lejn okkupazzjonijiet li jeħtieġu ħiliet diġitali, jista' jkun hemm riallokazzjoni lejn dawk marbutin mal-ekonomija tal-pjattaforma tax-xogħol diġitali. Id-domanda għax-xogħol online qed tikber b'mod rapidu matul il-pandemija (bid-dħul li żdied b'ħames darbiet f'dawn l-aħħar ħames snin), u kixef dejjem aktar l-importanza li jiġi ċċarat l-istatus legali u li jittejbu l-kundizzjonijiet għall-ħaddiema tal-pjattaformi.

F'diversi Stati Membri, l-użu ta' forom ta' impjieg part-time u ta' forom mhux standard għandu komponent involontarju importanti

13,3 %
l-impjegati f'kuntratti temporanji fl-UE fl-2020 (1,5 pp anqas milli fl-2019; 15-64)

Fosthom
6,8 %
f'impjieg temporanju involuntarju
bi prevalenza kbira taż-żgħażagħ

17,2 %
tal-persuni impjegati jaħdmu part-time fl-UE fl-2020 (1,2 pp anqas mill-2019)

25 %
f'impjieg part-time involontarju
fl-UE fl-2020

Il-kuntratti temporanji bħala perċentwal mill-impjiegi totali (15-64) fl-2020. L-impjiegi temporanji involontarji (15-64) fl-2020, EU-27



Il-kuntratti ta' impjiegi part-time bħala perċentwal mill-impjiegi totali (15-64) fl-2020. L-impjiegi part-time involontarji (15-64) fl-2020, EU-27



Sors: Il-bażi tad-*data* tal-Eurostat [tesem190] u l-istħarriġ dwar il-forza tax-xogħol [lfsi_pt_a], [lfsa_eppgai] u [lfsa_etpgan].

It-tranżizzjoni lejn l-ekonomija ekoloġika u l-impenn sabiex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050 jirrappreżentaw opportunità unika sabiex l-ekonomija tal-UE titnieda mill-ġdid b'mod sostenibbli, inklużiv u reżiljenti. Sakemm jiġu stabbiliti l-politiki ta' akkumpanjament it-tajbin, it-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika tista' toħloq sa miljun impjieg addizzjonali sal-2030, għalkemm l-impatti huma mistennijin li jvarjaw skont l-okkupazzjonijiet, is-setturi u r-reġjuni. L-impjiegi se jinħolqu l-aktar fil-grupp ta' ħiliet medji u b'hekk jistgħu jgħinu sabiex jittaffew ix-xejriet ta' polarizzazzjoni tax-xogħol. Madankollu, it-tranżizzjoni ekoloġika ma hijiex se taffettwa lill-Ewropej kollha bl-istess mod u se jkollha impatt negattiv għal xi wħud, li jimplika telf ta' impjiegi u ristrutturar f'ċerti setturi (b'mod partikolari fis-setturi tar-riżorsi estrattivi u fis-setturi intensivi fl-enerġija), kif ukoll pressjonijiet li dejjem qed jikbru fuq l-introjtu tal-unitajiet domestiċi. Barra minn hekk, f'ħafna setturi, l-impjiegi eżistenti se jeħtieġu l-apprendiment ta' ħiliet komplementari biex jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika. Dawn il-bidliet jistgħu jkunu ta' sfida, speċjalment għal dawk l-aktar vulnerabbli, u għal xi reġjuni, b'mod partikolari dawk affettwati mit-tranżizzjoni industrijali jew mill-bidliet fix-xejriet tal-konsum, u ż-żoni tal-estrazzjoni tal-faħam. Fl-istess ħin, ħafna attivitajiet relatati mat-tranżizzjoni għal ekonomija aktar ċirkolari għandhom

potenzjal sinifikanti li jikkontribwixxu għall-ekonomija soċjali u għall-ħolqien ta' impjiegi lokali. It-titjib tal-ħiliet, it-taħriġ mill-ġdid u l-appoġġ għat-tranżizzjonijiet bejn impjiegi se jkunu essenzjali sabiex jingħelbu dawn l-isfidi. Jistgħu jipprovdu lin-nies bil-ħiliet it-tajbin u jrawmu riallokazzjoni rapida tal-ħaddiema li tikkontribwixxi għal titjib fl-effiċjenza, fil-produttività u fil-pagi. Kif imħabbar fl-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa, se jissaħħu l-monitoraġġ tal-ekoloġizzazzjoni tal-professjonijiet u l-identifikazzjoni tat-tip ta' adattament tal-ħiliet meħtieġ f'okkupazzjonijiet u f'setturi speċifiċi.

Il-faqar enerġetiku huwa forma ta' faqar li dejjem qed jikber, u jitlob miżuri mmirati. Illum, il-faqar enerġetiku jaffettwa sa 34 miljun persuna fl-UE, b'madwar persuna minn kull ħamsa b'introjtu taħt is-soll tal-faqar li tirrapporta li ma tistax iżżomm id-dar tagħha sħuna b'mod adegwat. F'Ottubru 2021, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar *L-indirizzar taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija*[12], li enfasizzat sistemi ġusti ta' benefiċċji tat-taxxa, miżuri mmirati ta' appoġġ għall-introjtu u politiki inklużivi ta' rinnovazzjoni bħala l-elementi ewlenin ta' sett ta' għodod sabiex jittaffa l-faqar enerġetiku u jiġi indirizzat l-impatt immedjat taż-żidiet riċenti fil-prezzijiet. Tranżizzjoni ekoloġika soċjalment ġusta teħtieġ miżuri ta' akkumpanjament dwar l-impjiegi, il-ħiliet u l-politika soċjali li jindirizzaw l-isfida. Il-Kummissjoni biħsiebha tipproponi Rakkomandazzjoni tal-Kunsill sabiex tindirizza l-aspetti soċjali u tax-xogħol tat-tranżizzjoni klimatika f'Diċembru 2021.

L-involviment ta' kwalità għolja u effettiv tas-sħab soċjali huwa prerekwiżit għall-funzjonament tajjeb tal-ekonomija soċjali tas-suq Ewropew, filwaqt li jiġu żgurati eżiti ta' politika aktar sostenibbli u inklużivi. Aktar minn nofs il-miżuri kollha fl-oqsma tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u tal-protezzjoni tal-introjtu promulgati sa mit-tifqigħa tal-pandemija ġew miftehmin minn organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali jew innegozjati magħhom. Il-Linji Gwida dwar l-Impjiegi jitolbu lill-Istati Membri sabiex jiżguraw l-involviment f'waqtu u sinifikanti tas-sħab soċjali fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' riformi u ta' politiki dwar l-impjiegi, soċjali u, fejn rilevanti, ekonomiċi, inkluż billi tiġi appoġġata l-kapaċità miżjuda tagħhom. F'konformità mal-prattiki nazzjonali u mal-oqfsa istituzzjonali, l-involviment tas-sħab soċjali fil-livelli kollha għandu l-għan li jtejjeb it-tfassil u jiżgura s-sjieda tar-riformi. B'mod kumplessiv, il-kwalità tal-involviment tas-sħab soċjali fil-politiki nazzjonali dwar l-impjiegi u dawk soċjali baqgħet stabbli jew tjiebet ftit matul l-aħħar snin, iżda għadha tvarja b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri. L-involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huwa importanti u strumentali wkoll għal dan l-għan. Dan huwa partikolarment importanti fi żmien meta huwa meħtieġ kunsens qawwi sabiex jiġu żgurati rkupru u appoġġ b'saħħithom għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Fil-futur, l-involviment adegwat tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza se jkun importanti sabiex jiġi żgurat suċċess fit-twettiq tal-miżuri ppjanati.

---

[12] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "L-indirizzar taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija: sett ta' għodod għall-azzjoni u l-appoġġ", COM (2021) 660 final

Is-sħab soċjali kellhom rwol importanti fl-istrateġija ta' rkupru mill-kriżi tal-COVID-19

Forma ta' involviment tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-miżuri ta' politika promulgati fl-2021



Aktar minn nofs il-miżuri kollha fl-oqsma tal-kontinwità tal-operat, tal-protezzjoni u ż-żamma tal-impjiegi, tal-adattament tal-postijiet tax-xogħol u tal-protezzjoni tal-introjtu ppromulgati fl-2021 ġew miftiehma mis-sħab soċjali jew innegozjati magħhom

Il-kwalità tal-involviment tvarja b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri

Noti: L-illustrazzjoni turi 184 każ ta' leġiżlazzjoni jew ta' rakkomandazzjonijiet u ta' ftehimiet tripartitiċi bejn l-1 ta' Jannar 2021 u t-13 ta' Settembru 2021. Sors: Il-bażi tad-*data* tal-Eurofound EU PolicyWatch dwar il-COVID-19.

L-eżiti edukattivi għadhom korrelatati ħafna mal-isfond soċjoekonomiku. Il-COVID-19 poġġiet is-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ tal-Istati Membri taħt pressjoni qawwija. Is-sehem tal-persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ kompla jonqos matul il-pandemija, għalkemm b'pass aktar kajman, u għad hemm differenzi sinifikanti bejn il-pajjiżi. L-ewwel studji u stħarriġiet mill-Istati Membri jindikaw telf sostanzjali ta' apprendiment matul il-pandemija, bi studenti minn sfond soċjoekonomiku aktar baxx jew bi sfond ta' migrazzjoni mhux mill-UE li kienu partikolarment affettwati. Minbarra aċċess mhux ugwali għall-edukazzjoni diġitali online, li pereżempju fid-dar ikollhom ambjent ta' apprendiment li jagħtihom anqas appoġġ, xekkel l-apprendiment tagħhom. Għalkemm ma huwiex relatat mal-pandemija, l-isfond soċjoekonomiku jew ta' migrazzjoni tal-istudenti għadu b'saħħtu fit-tbassir tal-livell ta' ħiliet diġitali tagħhom. F'termini ta' ħiliet bażiċi, wara xi progress fil-passat, is-sehem ta' studenti ta' 15-il sena bi progress insuffiċjenti reġa' qed jiżdied. Dan

jenfasizza l-importanza li tiġi pprovduta edukazzjoni ta' kwalità mill-ewwel snin. Minkejja żżieda fir-rata ta' livell edukattiv terzjarju milħuq, fil-maġġoranza tal-Istati Membri, id-differenzi soċjali fil-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni terzjarja għandhom it-tendenza li jippersistu fost il-ġenerazzjonijiet. L-ispariġġi eżistenti fil-ħiliet jenfasizzaw ukoll il-ħtieġa li tissaħħaħ ir-rilevanza tal-edukazzjoni għas-suq tax-xogħol u li tiżdied aktar il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni terzjarja, b'mod partikolari f'setturi b'domanda dejjem akbar, bħat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), u x-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM). Il-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-inugwaljanzi fl-eżiti edukattivi b'rabta ma' sfondi soċjoekonomiċi jew ta' migrazzjoni huma kruċjali sabiex jiġu pprovduti opportunitajiet indaqs għal kulħadd, b'effetti ta' benefiċċju fuq il-livelli ta' ħiliet individwali u fuq il-potenzjal ta' tkabbir tal-ekonomija.

L-inugwaljanzi fl-edukazzjoni jistgħu jiddeterminaw pożizzjonijiet tat-tluq differenti fis-suq tax-xogħol, kif ukoll prospetti tal-karriera differenti

Distakk ta' 26,6 pp fil-**ħiliet tal-qari** bejn l-istudenti fil-kwart tal-qiegħ tal-indiċi tal-istatus ekonomiku, soċjali u kulturali u dawk fl-ogħla kwart

L-isfond soċjoekonomiku u jew ta' migrazzjoni tal-istudenti huwa b'saħħtu fit-tbassir tal-**livell ta' ħiliet diġitali** tagħhom

Iż-żgħażagħ li twieldu barra mill-UE huma kważi tliet darbiet aktar probabbli li jitilqu mill-iskola qabel ma jlestuha

Tluq bikri mill-edukazzjoni u mit-taħriġ (18-24 sena, 2020)



Nota: Xi unitajiet amministrattivi fuq gżejjer u reġjuni ultraperiferiċi ma humiex irrappreżentati. Sors: Eurostat LFS EDAT_LFSE_02. © EuroGeographics għall-fruntieri amministrattivi.

L-iżvilupp tal-ħiliet għall-adulti għadu ’l bogħod mill-prattika standard madwar l-UE, b’differenzi kbar bejn il-pajjiżi u b’impatt qawwi mill-pandemija; il-mira ewlenija tal-UE sal-2030 se tappoġġa aktar sforzi meħtieġa fuq din id-dimensjoni. Għalhekk, l-iżgurar li l-forza tax-xogħol ikollha l-ħiliet għas-swieq tax-xogħol tal-futur għadu sfida ewlenija. Il-previżjonijiet tal-ħiliet jindikaw bidla fil-profili tal-ħiliet tas-suq tax-xogħol fid-dawl tal-bidla teknoloġika rapida, inkluż minħabba t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u tnaqqis ulterjuri fl-okkupazzjonijiet b’livell baxx ta’ ħiliet. Dan joħloq ħtieġa urġenti għat-titjib tal-ħiliet u għat-taħriġ mill-ġdid. F’dan il-kuntest, il-mira ewlenija tal-UE dwar l-apprendiment għall-adulti (matul is-sena preċedenti) ġiet stabbilita għal 60 %, meta mqabblin mar-rata ta’ 37,4 % tal-2016. Il-parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti fost dawk b’livell baxx ta’ kwalifiki u l-migranti baqgħet ferm taħt il-medja. Iż-żieda fil-parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti teħtieġ approċċ integrat li jindirizza d-diversi ostakli b’mod koerenti, inkluż permezz tal-informazzjoni dwar il-ħiliet u t-tbassir fi sħubijiet mal-partijiet ikkonċernati rilevanti. Dan jimplika l-kombinazzjoni tal-appoġġ finanzjarju għall-kostijiet diretti, bħall-intitolamenti għal taħriġ individwali, mal-liv għal taħriġ imħallas u ma’ servizzi ta’ gwida għall-karriera, kif ukoll ma’ ħarsa ġenerali lejn l-opportunitajiet ta’ taħriġ b’garanzija ta’ kwalità u ma’ informazzjoni dwar il-validazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-ħiliet.

It-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol huma kruċjali sabiex jiġu ffaċilitati t-tranżizzjonijiet bejn impjiegi u sabiex tiġi appoġġata t-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali

9,2 %
tal-adulti ppparteċipaw fl-apprendiment (matul l-4 ġimgħat ta’ qabel) fl-UE fl-2020

Fosthom, **3,4 %** biss tal-**adulti b’livell baxx ta’ kwalifiki**

89 %
mill-adulti tal-UE jaqblu li **kundizzjonijiet finanzjarji aħjar** iħeġġu l-parteċipazzjoni fit-taħriġ

Ir-rata ta’ parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti tal-popolazzjoni totali u tal-persuni qiegħda fl-2020 (f’%, 25-64, l-aħħar 4 ġimgħat)



Sors: Eurostat LFS [trng_lfse_02]

L-Istati Membri tal-UE rreġistraw progress limitat fil-provvista ta’ ħiliet diġitali bażiċi għall-adulti, u huma meħtieġa aktar sforzi sinifikanti dwar il-ħiliet diġitali avvanzati. Il-pandemija żiedet sostanzjalment id-domanda għall-ħiliet diġitali fil-livelli kollha bħala rekwiżit trasversali f’ħafna okkupazzjonijiet u setturi. L-aħħar *data* disponibbli għall-

indikatur primarju tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, mill-2019, turi li 56 % biss tal-adulti kellhom tal-anqas ħiliet diġitali bażiċi. L-indikatur jissuġġerixxi wkoll nuqqas ta' konverġenza fost l-Istati Membri, u progress bil-mod ħafna mill-2014. Il-ħiliet diġitali huma meħtieġa (fil-livell xieraq) f'aktar minn 90 % tal-impjiegi attwali u kważi fis-setturi kollha tal-ekonomija. Il-progress f'dan il-qasam huwa essenzjali jekk l-UE trid tissodisfa l-ħtieġa dejjem akbar għall-ħiliet diġitali għall-parteċipazzjoni ta' kuljum fis-soċjetà, kif ukoll il-ħtieġa speċifika tal-ekonomija għall-ispeċjalisti fl-ICT.

Minkejja l-kriżi tal-COVID-19, fl-2020 l-introjti aggregati tal-unitajiet domestiċi baqgħu ġeneralment stabbli bħala medja fost l-Istati Membri tal-UE, bis-saħħa tar-rispons politiku rapidu eċċezzjonali fil-livell tal-Istati Membri u tal-UE. Kif faqqgħet il-pandemija, l-introjtu tal-unitajiet domestiċi naqas drastikament fit-tieni trimestru tal-2020, iżda rkupra sal-aħħar tas-sena u b'mod kumplessiv baqa' stabbli bejn l-2019 u l-2020. It-tnaqqis fil-kumpensi tal-impjegati kien l-akbar, u dak tal-ħaddiema għal rashom u l-introjtu nett mill-proprjetà raw tnaqqis kbir ukoll. Matul l-2020, il-benefiċċji soċjali netti kkontribwew bil-qawwa għall-introjtu kumplessiv, u kellhom rwol kbir fil-mitigazzjoni tat-tnaqqis ġenerali fl-introjtu tal-unitajiet domestiċi fit-tieni trimestru, appoġġat ukoll sa ċertu punt minn aġġustamenti fit-taxxi fuq l-introjtu u fuq il-ġid. Fl-isfond ta' tnaqqis fil-PDG reali b'6 % sena wara sena, din l-istabbiltà tal-introjti aggregati tal-unitajiet domestiċi fl-2020 tixhed l-effettività tal-politiki diskrezzjonarji eċċezzjonali stabbiliti sabiex jittaffa l-impatt soċjali tal-kriżi iżda wkoll tal-impatt ta' stabbilizzazzjoni awtomatika tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali u tat-taxxa. Fit-tieni trimestru-tal-2021, kemm il-PDG reali kif ukoll il-kumpens lill-impjegati żdiedu b'mod rapidu, bejn wieħed u ieħor bl-istess rata li biha kkuntrattaw sena qabel. B'mod kumplessiv, l-introjti disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi (GDHI) żdiedu aktar f'dan it-trimestru milli kienu naqsu sena qabel, anke bis-saħħa tal-benefiċċji soċjali netti li naqsu b'pass aktar bil-mod minn sorsi oħrajn ta' introjtu.

Minkejja l-kriżi tal-COVID-19, fl-2020 l-introjti aggregati tal-unitajiet domestiċi baqgħu ġeneralment stabbli bħala medja fl-Istati Membri tal-UE

L-inugwaljanza fl-introjtu (S80/S20) naqset ftit jew baqgħet stabbli fil-maġġoranza tal-Istati Membri

Is-sehem ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) kien stabbli **f'madwar persuna waħda minn kull ħamsa** fl-UE fl-2020

It-tkabbir tal-PDG, it-tkabbir fl-introjtu disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi u fil-komponenti ewlenin tiegħu (EU-27)



Sors: Eurostat, Kontijiet Nazzjonali [nasq_10_nf_tr] u [namq_10_gdp]. Noti: ara l-parti ewlenija tar-Rapport.

Is-sistemi ta' protezzjoni soċjali għenu sabiex tittaffa l-kriżi tal-COVID-19 mingħajr żidiet sostanzjali fir-riskju tal-faqar jew fl-inugwaljanza fl-introjtu. Ir-rata tal-persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) u kull wieħed mill-komponenti tagħha kif ukoll l-inugwaljanza ġenerali fl-introjtu baqgħu ġeneralment stabbli bejn l-2019 u l-2020 fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri[13]. Dan jirrifletti l-impatt tas-sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji, kif ukoll tal-appoġġ pubbliku kbir, inkluż permezz ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri oħrajn għaż-żamma tal-impjiegi, introdotti jew estiżi matul il-kriżi tal-COVID-19, b'mod partikolari għal gruppi vulnerabbli. Stimi bikrija tan-nefqa fuq il-protezzjoni soċjali fl-2020 għal 19-il Stat Membru[14] jindikaw livelli mingħajr preċedent u żidiet kbar meta mqabblin mal-2019. Minkejja xi miżuri temporanji sabiex jittejjeb l-aċċess għal protezzjoni soċjali (adegwata), għad hemm distakki f'ħafna pajjiżi, b'mod partikolari għal ħaddiema mhux standard u għal ħaddiema għal rashom. Xi riformi strutturali huma mħabbrin fil-pjanijiet nazzjonali ppreżentati mill-Istati Membri sabiex jimplimentaw ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-ħaddiema għal rashom[15].

[13] Jirriflettu wkoll l-istimi rapidi tal-Eurostat għall-2020 dwar ir-rati tar-riskju tal-faqar u x-xejriet tal-inugwaljanza fl-introjtu.

[14] Eurostat, Stimi bikrija - Il-protezzjoni soċjali - Eurostat (europa.eu) li jkopru BE, BG, CZ, DE, DK, EE, IE, FR, HR, IT, LV, LT, HU, MT, AT, PL, PT, SI u SE

[15] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2019/C 387/01 tat-8 ta' Novembru 2019.

Madankollu, ir-riskji tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali għadhom għoljin għal ċerti gruppi tal-popolazzjoni, u b'mod partikolari għall-familji bit-tfal, għall-persuni b'diżabbiltà, għat-tfal li ma twildux fl-UE u għar-Rom. Il-faqar fost l-unitajiet domestiċi b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna żdied matul l-aħħar deċennju. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, it-tfal huma aktar esposti għall-faqar (inkluż il-faqar persistenti) mill-popolazzjoni adulta. It-tfal li jikbru fil-faqar jew fl-esklużjoni soċjali huma anqas probabbli li jmorru tajjeb fl-iskola, igawdu saħħa tajba u jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom aktar tard fil-ħajja. Il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ppreżenta ambizzjoni komplementari għall-mira ewlenija tal-UE għall-2030 dwar it-tnaqqis tal-faqar, li hija li jitnaqqas b'tal-anqas 5 miljun ruħ in-numru ta' tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali sal-2030. F'xi Stati Membri, ir-rata ta' AROPE għat-tfal imrobbija minn ġenitur wieħed jew f'familji b'aktar minn 3 itfal jew bi sfond ta' migrazzjoni jew Rom huwa sa tliet darbiet ogħla minn dak ta' tfal oħrajn. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 stabbiliet Garanzija Ewropea għat-tfal preċiżament sabiex tipprevjeni u tiġġieled l-esklużjoni soċjali tat-tfal billi tiggarantixxi l-aċċess għal sett ta' servizzi ewlenin. Nies li ma twildux fl-UE għandhom riskju akbar li jġarrbu l-faqar jew l-esklużjoni soċjali. Maġġoranza kbira tar-Rom jgħixu taħt is-soll nazzjonali tal-faqar. Ir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-abitazzjoni kompliet tonqos madwar l-UE kollha qabel il-kriżi, iżda s-sitwazzjoni għadha kritika għal persuni taħt is-soll tal-faqar. Fl-2020, madwar persuna minn kull għaxra tal-popolazzjoni tal-UE kienet tgħix f'unitajiet domestiċi li jonfqu 40 % jew aktar mill-introjtu disponibbli (ekwivalizzat) tagħhom fuq l-akkomodazzjoni. Fi ħdan il-popolazzjoni fir-riskju tal-faqar, ir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-abitazzjoni kienet ogħla b'mod sinifikanti, b'differenzi importanti bejn l-Istati Membri.

L-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar ilu stabbli fl-EU-27 mill-2015 iżda wera diverġenza eżatt qabel il-kriżi. Bħala medja, fl-UE, it-trasferimenti soċjali (esklużi l-pensjonijiet) naqqsu r-rata tar-riskju tal-faqar b'madwar terz. Madankollu, hemm differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri, li jvarjaw minn madwar 16 % sa aktar minn 50 %. Bejn l-2019 u l-2020, id-differenzi bejn l-Istati Membri żdiedu. Hemm varjazzjoni konsiderevoli f'termini ta' kopertura tal-protezzjoni soċjali, b'mod partikolari fost il-ħaddiema mhux standard u l-ħaddiema għal rashom, filwaqt li fl-2019 il-benefiċċji tal-introjtu minimu bħala perċentwal tas-soll tal-faqar naqsu fi kważi l-Istati Membri kollha. Il-livelli ta' introjtu minimu jinsabu b'mod sinifikanti taħt is-60 % tas-soll tal-faqar għal 12-il Stat Membru. Fl-2022, il-Kummissjoni biħsiebha tipproponi Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu sabiex tappoġġa u tikkomplementa b'mod effettiv il-politiki tal-Istati Membri.

L-adegwatezza tax-xbieki ta' sikurezza soċjali tvarja fost l-Istati Membri

Il-benefiċċji tal-introjtu minimu bħala perċentwal tas-soll tal-faqar naqsu f'16-il Stat Membru bejn l-2018 u l-2019

Il-benefiċċji tal-introjtu minimu f'anqas minn nofs is-soll tal-faqar f'terz tal-Istati Membri fl-2019

L-**impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar** ivarja **bejn 16 % u 52 %** fost l-Istati Membri

L-introjtu nett tal-benefiċjarji tal-introjtu minimu bħala perċentwal tal-limitu tar-riskju ta' faqar (illivellat fuq tliet snin) u tal-introjtu ta' ħaddiem b'paga baxxa (sena tal-introjtu 2019)



Sors: Komputazzjoni tad-DĠ EMPL mill-mikrodata tal-EU-SILC. Nota: Għal IE, id-*data* tirrifletti s-sena tal-introjtu 2020 għall-benefiċċji tal-MI. Għal IE, IT, LU u LV, il-limitu tal-AROP SILC 2020 għadu ma huwiex disponibbli. Iċ-ċart tikkonċerna persuni waħedhom mingħajr tfal. L-introjtu nett ta' benefiċjarju tal-introjtu minimu jista' jinkludi wkoll tipi oħrajn ta' benefiċċji (eż. allowances għall-akkomodazzjoni) minbarra l-introjtu minimu. Il-ħaddiem b'paga baxxa huwa kkunsidrat li jaqla' 50 % tal-paga medja u jaħdem full-time.

Minkejja l-pandemija, l-evidenza inizjali tissuġġerixxi li l-ħtiġijiet mhux issodisfati awtodikjarati għall-kura medika kienu ġeneralment stabbli fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fl-2020, iżda l-varjazzjoni bejniethom hija sostanzjali. Xi gruppi, bħal persuni li jgħixu f'familji bi dħul baxx jew persuni bi sfond ta' migrazzjoni, huma aktar probabbli li jkunu vulnerabbli minħabba ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati, għalkemm il-firxa tad-distakki mill-popolazzjoni kumplessiva tvarja fost l-Istati Membri. Xorta jista' jkun hemm sfidi relatati mal-posponiment tal-proċeduri mediċi u interruzzjoni sinifikanti tal-kura ta' rutina tal-pazjenti, marbutin ukoll ma' ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati li kienu aktar sostanzjali fil-bidu tal-kriżi tal-COVID-19. Il-ħtieġa li jissaħħu r-reżiljenza, il-kwalità u l-aċċessibbiltà tal-kura tas-saħħa telgħet fil-wiċċ mat-tifqigħa tal-pandemija.

It-tixjiħ tal-popolazzjoni huwa mistenni li jwassal għal żieda qawwija fid-domanda għal servizzi tal-kura fit-tul (LTC). Bħala medja, fl-2019, fl-UE 26,6 % tal-persuni ta' 65 sena jew aktar li jgħixu f'unitajiet domestiċi privati kienu jeħtieġu kura fit-tul. It-tisħiħ tal-aċċess għal-LTC formali huwa importanti sabiex jiġu żgurati l-ekwità soċjali u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u jipprovdi wkoll opportunità għall-ħolqien tax-xogħol. Kura fid-djar ta' kwalità tajba u servizzi tal-LTC ibbażati fil-komunità huma importanti sabiex tiġi pprovduta alternattiva aċċessibbli għall-kura residenzjali għal kulħadd. L-unitajiet domestiċi li jeħtieġu LTC spiss ikollhom aċċess limitat għal servizzi formali ta' kura fid-djar peress li ma jkunux affordabbli jew sempliċiment ma jkunux disponibbli. Fl-2019, 46,5 % tal-persuni ta' 65 sena jew aktar b'diffikultajiet serji fil-kura personali jew fl-attivitajiet fl-unità domestiċi fl-UE rrapportaw li kellhom ħtieġa mhux issodisfata għal għajnuna f'attivitajiet bħal dawn. Dan in-nuqqas ta' għajnuna kien ferm aktar evidenti għal dawk fil-kwintil bl-anqas introjtu. In-nuqqas ta' aċċess għall-kura formali jista' jsarraf fi ħtiġijiet ta' kura mhux issodisfati jew f'piż fuq persuni li jindukraw b'mod informali (l-aktar nisa), li jipprovdu l-akbar sehem ta' kura. B'mod ġenerali, l-adegwatezza tal-protezzjoni soċjali fir-rigward tal-ħtiġijiet ta' kura fit-tul tvarja b'mod

konsiderevoli madwar l-Istati Membri, u l-persuni fil-bżonn jistgħu jiffaċċjaw ħlasijiet mill-but għoljin ħafna għal kura formali fit-tul, anke wara li jirċievu l-benefiċċji soċjali.

It-tibdil demografiku jkompli joħloq sfidi fit-tul għas-sistemi tal-pensjonijiet. L-adegwatezza tal-pensjonijiet baqgħet ġeneralment stabbli fl-2020. Id-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet għadha kbira, minkejja tnaqqis gradwali matul dawn l-aħħar għaxar snin. Ir-riformi għandu jkollhom l-għan li jibnu sistemi tal-pensjonijiet inklużivi, li jipprovdu aċċess adegwat kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa u għall-persuni f'tipi differenti ta' kuntratti u ta' attivitajiet ekonomiċi, filwaqt li jiżguraw introjtu minimu adegwat fix-xjuħija, u jippreservaw is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi.

****

L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni sabiex jindirizzaw l-isfidi tal-impjiegi, tal-ħiliet u tal-politika soċjali identifikati f'dan ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi. L-analiżi ppreżentata fir-rapport tenfasizza numru ta' oqsma prijoritarji għall-azzjonijiet politiċi. Dawn għandu jkollhom l-għan li jippromwovu rkupru inklużiv billi jrawmu l-ħolqien tax-xogħol, jiffaċilitaw it-tranżizzjonijiet mill-qgħad għall-impjiegi u bejn is-setturi, itejbu r-reżiljenza ekonomika u soċjali u jiżguraw li t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali jkunu ġusti, filwaqt li jagħmlu progress fil-miri ewlenin tal-UE għall-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar.

F'konformità mal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi, l-Istati Membri huma mistiedna:

- Jagħmlu tranżizzjoni gradwali minn miżuri ta' emerġenza għall-irkupru fis-swieq tax-xogħol, u jieħdu miżuri sabiex jippromwovu parteċipazzjoni akbar fis-suq tax-xogħol u r-riattivazzjoni tal-ħaddiema l-aktar affettwati mill-pandemija;
- Jiżviluppaw pakketti ta' politika koerenti ta' inċentivi għar-reklutaġġ u għat-tranżizzjoni, miżuri ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid u appoġġ imsaħħaħ mis-servizzi tal-impjiegi għat-tranżizzjonijiet bejn impjiegi, f'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-EASE;
- Isaħħu l-effiċjenza u l-effettività tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, inkluż billi jinvestu fl-infrastruttura u fis-servizzi diġitali (filwaqt li jiżguraw l-aċċessibbiltà); it-tbassir u l-intelliġenza tal-ħiliet (relatati wkoll mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali); is-sistemi ta' tfassil tal-profili; u t-taħriġ adegwat tal-persunal;
- Itejbu l-prospetti tas-suq tax-xogħol taż-żgħażagħ billi jippromwovu edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali u edukazzjoni terzjarja inklużivi u ta' kwalità; filwaqt li joffru appoġġ immirat għas-servizzi tal-impjiegi (inklużi mentoraġġ, gwida u konsulenza) kif ukoll jappoġġaw apprendistati u traineeships ta' kwalità (b'mod partikolari fl-SMEs), f'konformità mal-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa;
- Jiżguraw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jsaħħu l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, inkluż permezz ta' politiki ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata; l-aċċess għal kura affordabbli u ta' kwalità fit-tul u għal servizzi tal-edukazzjoni u tal-kura bikrija tat-tfal; u jiżguraw li l-ġenituri u persuni oħrajn b'responsabbiltajiet ta' kura jkollhom aċċess għal-liv tal-familja u għal arranġamenti tax-xogħol flessibbli, filwaqt li jippromwovu użu bbilanċjat ta' dawk l-intitolamenti bejn in-nisa u l-irġiel;
- Itejbu l-eżiti tal-apprendiment u jnaqqsu l-inugwaljanzi fl-edukazzjoni u fit-taħriġ; jespandu l-aċċess għall-edukazzjoni terzjarja (b'mod partikolari għal gruppi żvantaġġati); jipprevjenu t-tluq bikri mill-iskola; ikomplu jżidu l-parteċipazzjoni u r-

rilevanza għas-suq tax-xogħol tal-edukazzjoni terzjarja, b'enfasi speċjali fuq setturi bħal ICT u STEM, inkluż permezz ta' mikrokredenzjali;

- Jinvestu fit-taħriġ mill-ġdid u fit-titjib tal-ħiliet tal-adulti, b'mod partikolari fil-ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi, billi jsaħħu d-dispożizzjonijiet dwar l-intitolamenti individwali għat-taħriġ, ipprovduti b'mod partikolari permezz ta' kontijiet individwali tal-apprendiment, jappoġġaw sħubijiet pubbliċi-privati fuq skala kbira ta' diversi partijiet ikkonċernati skont il-Patt għall-Ħiliet u l-Koalizzjoni għall-Ħiliet u l-Impjiegi Diġitali, jagħtu inċentivi akbar lin-negozji u lill-ħaddiema sabiex jinvolvu rwieħhom fit-titjib tal-ħiliet u fit-taħriġ mill-ġdid, jinvestu fl-infrastruttura u fit-tagħmir, inklużi dawk diġitali;
- Jagħtu spinta lill-kompetenzi diġitali tal-istudenti u tal-adulti u jkabbru l-ammont ta' talent diġitali fis-suq tax-xogħol billi jiżviluppaw ekosistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ diġitali appoġġati minn faċilitaturi ewlenin bħall-konnettività b'veloċità għolja għall-iskejjel, tagħmir u taħriġ tal-għalliema; jappoġġaw lill-istituzzjonijiet b'għarfien espert dwar id-diġitalizzazzjoni b'enfasi speċjali fuq l-inklużjoni u fuq it-tnaqqis tad-distakk diġitali;
- Jirriformaw ir-regolamenti tas-suq tax-xogħol u s-sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji, sabiex jiżguraw li titnaqqas is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u li jitrawwem il-ħolqien tax-xogħol ta' kwalità; jiżguraw li l-ħaddiema f'forom mhux standard tax-xogħol u l-ħaddiema għal rashom ikollhom aċċess għal protezzjoni soċjali adegwata f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-Aċċess għall-Protezzjoni Soċjali;
- Jiżguraw li l-ambjenti tax-xogħol ikunu sikuri u adattati sew għar-rekwiżiti ta' wara l-pandemija, u li jkunu disponibbli arranġamenti tax-xogħol flessibbli;
- Jiżguraw proċess ta' tranżizzjoni soċjalment ġust;
- Jippromwovu n-negozjar kollettiv, id-djalogu soċjali u l-involviment tas-sħab soċjali, inkluż fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza;
- Jipprovdu lit-tfal kollha fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali b'aċċess liberu u effettiv għall-kura tas-saħħa, għall-edukazzjoni u għall-kura bikrija tat-tfal, għall-edukazzjoni u għal attivitajiet ibbażati fl-iskola, aċċess effettiv għal nutrizzjoni bnina u għal akkomodazzjoni adegwata, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni li tistabbilixxi Garanzija għat-Tfal;
- Jinvestu f'sistemi ta' protezzjoni soċjali adegwati u sostenibbli għal kulħadd, inklużi skemi ta' introjtu minimu, jappoġġaw riformi sabiex jinżammu u jissaħħu l-livelli ta' protezzjoni, u jtejbu l-protezzjoni ta' dawk li ma humiex koperti jew li ma humiex koperti biżżejjed; itejbu l-adegwatezza tal-benefiċċji, it-trasferibbiltà tad-drittijiet, l-aċċess għas-servizzi tal-kwalità u l-appoġġ għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' dawk li jistgħu jaħdmu; isaħħu l-provvista ta' servizzi ta' kura fit-tul ta' kwalità, affordabbli u sostenibbli; jivvalutaw l-impatti distributtivi tal-politiki;
- Jiżguraw sistemi tal-pensjonijiet inklużivi u sostenibbli, li jipprovdu aċċess adegwat kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa u għal persuni f'tipi differenti ta' kuntratti u ta' attivitajiet ekonomiċi, filwaqt li jiżguraw introjtu minimu adegwat fix-xjuħija.
- Jindirizzaw il-kondizzjoni ta' persuni mingħajr dar bħala l-aktar forma estrema ta' faqar; jippromwovu l-investiment fir-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni residenzjali u soċjali; jiffaċilitaw l-aċċess għal akkomodazzjoni ta' kwalità u affordabbli, għal akkomodazzjoni soċjali jew għal assistenza għall-akkomodazzjoni, fejn xieraq;
- Jinvestu fil-kapaċità tas-sistema tal-kura tas-saħħa inklużi l-kura tas-saħħa primarja, il-koordinazzjoni tal-kura, il-persunal tal-kura tas-saħħa u l-e-Saħħa. Inaqqsu l-ħlasijiet mill-but, itejbu l-kopertura tal-kura tas-saħħa u jippromwovu t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema tas-saħħa.

Il-finanzjament tal-UE, inkluż permezz tal-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, jappoġġa lill-Istati Membri sabiex iżidu l-azzjoni politika f'dawn l-oqsma.

Implimentazzjoni sħiħa u ambizzjuża tar-riformi u tal-investimenti fil-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza se tkun kruċjali sabiex jiġi żgurat appoġġ effettiv għall-irkupru u għal tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ġusti. Se tikkontribwixxi b'mod importanti sabiex jiġu indirizzati l-isfidi fl-impjiegi, fil-ħiliet u fil-politika soċjali identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Il-miżuri marbutin ma' dawn l-oqsma ta' politika, fil-pjanijiet nazzjonali diġà approvati mill-Kunsill, jammontaw għal madwar EUR 135 biljun, madwar 30 % tal-allokazzjonijiet finanzjarji totali ta' dawn il-pjanijiet approvati, li se jipprovdu kontribut importanti għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

ĦARSA ĠENERALI LEJN IX-XEJRIET U L-ISFIDI SOĊJALI U TAS-SUQ TAX-XOGĦOL FL-UNJONI EWROPEA

1.1 Xejriet tas-suq tax-xogħol

L-irkupru tas-suq tax-xogħol qed jaqbad, iżda ir-rata ta' impjieg għadha ma ġietx lura għal-livelli ta' qabel il-kriżi. Fit-tieni trimestru tal-2021, in-numru totali ta' persuni f'impjieg fl-UE laħaq il-207,5 miljuni[16]. Dan huwa 4,1 miljuni aktar milli fit-tieni trimestru tal-2020, iżda xorta 2 miljuni anqas mill-ogħla livell tar-raba' trimestru tal-2019. Wara li laħqet punt baxx ta' 71,6 % fit-tieni trimestru tal-2020, ir-rata ta' impjieg (20-64) irkuprat parzjalment, għal 72,8 % fit-tieni trimestru tal-2021, li għadha taħt l-ogħla livell ta' 73,3 % tar-raba' trimestru tal-2019. Fuq bażi annwali, ir-rata ta' impjieg kienet ta' 72,5 % fl-2020 fl-UE, 0,7 pp anqas mill-valur tal-2019. F'xi attivitajiet ekonomiċi, il-livelli ta' impjieg għadhom ferm aktar baxxi minn qabel il-kriżi. B'mod partikolari, in-negozju bl-ingrossa u bl-imnut, it-trasport, l-akkomodazzjoni u l-attivitajiet tas-servizzi tal-ikel għad għandhom 2,3 miljun persuna anqas impjegata fit-tieni trimestru tal-2021 meta mqabbel mar-raba' trimestru tal-2019 (tnaqqis ta' 4,5 %), segwiti mill-manifattura (tnaqqis ta' 2,5 %). Għall-kuntrarju, setturi bħall-kostruzzjoni u l-informazzjoni u l-komunikazzjoni diġà rkupraw il-livelli ta' impjieg li kellhom qabel il-pandemija[17]. B'mod kumplessiv, l-impjiegi huma mbassrin li se jiżdiedu b'0,8 % fl-2021 u b'1 % fl-2022, qabel ma jimmoderaw ftit għal 0,6 % fl-2023[18]. Il-mira tal-UE ta' mill-inqas 78 % tal-popolazzjoni ta' 20-64 sena f'impjieg sal-2030 tirrifletti impenn konġunt għal irkupru inklużiv u li jwassal għall-ħolqien abbundanti ta' impjiegi (ara t-taqsima 1.4).

Fl-istess ħin, wara t-tnaqqis inizjali tagħha fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19, ir-rata tal-postijiet tax-xogħol vakanti s'issa żdiedet għal livelli kważi rekord[19]. Qabel il-kriżi, fit-tieni trimestru tal-2019, ir-rata tal-postijiet tax-xogħol vakanti kienet ta' 2,4 % fl-EU-27. Il-miżuri ta' konteniment b'rispons għall-pandemija u l-waqfien jew it-tnaqqis fir-ritmu fl-attivitajiet ekonomiċi relatat wasslu għal tnaqqis fir-rata tal-postijiet tax-xogħol vakanti. Ir-rata naqset għal 1,6 % fl-EU-27 fit-tieni trimestru tal-2020, l-anqas waħda sa mill-ewwel trimestru tal-2016. Minn dak iż-żmien, kompliet tiżdied, u laħqet it-2,3 % fit-tieni trimestru tal-2021, u kważi reġgħet assorbiet kompletament l-impatt tax-xokk tal-COVID-19. Filwaqt li huwa normali li l-postijiet tax-xogħol vakanti jirreaġixxu aktar malajr mill-qgħad għal varjazzjonijiet ċikliċi, ix-xejriet u l-informazzjoni tal-istħarriġ (jiġifieri l-Eurofound) jindikaw il-ħtieġa li n-nuqqasijiet potenzjali ta' ħaddiema jiġu mmonitorjati bir-reqqa (ara t-Taqsima 2.1).

[16] Iċ-ċifri totali tal-impjiegi ġejjin mill-Kontijiet Nazzjonali (kunċett domestiku); ċifri oħra mid-*data* tal-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol. F'din it-taqsima kollha jintużaw ċifri trimestrali aġġustati skont l-istaġun.

[17] Ara l-Kummissjoni Ewropea (2021), *Labour Market and Wage Developments in Europe Annual Review 2021 (pubblikazzjoni pendenti)*.

[18] Il-Kummissjoni Ewropea (2021), *European Economic Forecast, Autumn 2021*, Dokument Istituzzjonali 160.

[19] Ir-rata tal-postijiet tax-xogħol vakanti hija mogħtija mill-pożizzjonijiet totali li jkunu vakanti bħala perċentwal tal-pożizzjonijiet okkupati u vakanti.

Ir-rispons rapidu tal-politika għen sabiex jiġi kkontrollat l-impatt fuq is-suq tax-xogħol fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19[20]. Il-pandemija wasslet għal kriżi tas-saħħa pubblika b'effetti mifruxin fuq l-attività ekonomika, fuq is-swieq tax-xogħol u fuq is-soċjetà. Ir-rata tal-qgħad (15-74) żdiedet minn 6,6 % fir-raba' trimestru tal-2019 (l-aktar livell baxx li qatt ġie rreġistrat fl-EU-27) għal 7,6 % fit-tielet trimestru tal-2020. Fiż-żona tal-euro, ir-rata tal-qgħad kienet kemxejn ogħla, bi 8,5 % fit-tielet trimestru tal-2020 (1,1 pp ogħla mill-valur tagħha fir-raba' trimestru tal-2019). Aktar reċentement, it-tnaqqis tal-miżuri ta' konteniment u l-varar ta' kampanji ta' tilqim għenu sabiex l-ekonomiji tal-UE jerġgħu jaqbdu u kkontribwew sabiex titnaqqas ir-rata tal-qgħad għal 7,3 % fit-tieni trimestru tal-2021 (8 % fiż-żona tal-euro). B'mod kumplessiv, iż-żieda fil-qgħad baqgħet taħt dak li seta' kien mistenni fid-dawl tal-impatt tal-COVID-19 fuq l-ekonomija. Dan bis-saħħa tal-miżuri ta' politika introdotti mill-Istati Membri, inkluż b'appoġġ mill-finanzjament tal-UE (b'mod partikolari SURE iżda wkoll REACT-EU u l-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus, CRII u CRII Plus), u wkoll ir-riżultat tat-tluq tan-nies mis-suq tax-xogħol għall-inattività meta bdew isibuha aktar diffiċli li jsibu xogħol saret, li wassal sabiex ħafna minnhom iwaqqfu t-tfittxija tagħhom għax-xogħol. Id-*data* riċenti ta' kull xahar turi li r-rata tal-qgħad kompliet tonqos, għal 6,7 % fl-UE f'Settembru 2021 (7,4 % fiż-żona tal-euro), u qorbot lejn il-livelli ta' qabel il-kriżi. Madankollu, hemm eteroġenità sinifikanti fl-Istati Membri kollha (ara t-Taqsima 2.1). Barra minn hekk, ir-rata tal-qgħad fit-tul laħqet it-2,9 % tal-popolazzjoni attiva fit-tieni trimestru tal-2021 fl-UE, u wriet żieda moderata għalkemm stabbli meta mqabblin mal-livell baxx rekord tagħha fit-tieni trimestru tal-2020 (2 %).

It-total ta' sigħat maħdumin irkupra parzjalment mit-tnaqqis qawwi wara t-tifqigħa tal-pandemija, iżda għadu taħt il-livelli ta' qabel il-kriżi. Fit-tieni trimestru tal-2021, in-numru tiegħu kien ta' 82,8 biljun. Dan huwa 9,7 biljun siegħa aktar mil-livell baxx rekord fit-tieni trimestru tal-2020 (73,1 biljun), l-aktar minħabba l-kundizzjonijiet aħjar tas-suq tax-xogħol, l-estensjoni tal-possibbiltà ta' xogħol mill-bogħod u t-tnaqqis fl-assenzi ta' kull ġimgħa mix-xogħol (minn 19,4 % tal-impjiegi totali fit-tieni trimestru tal-2020 għal 10,5 % fit-tieni trimestru tal-2021). Madankollu, dan għadu kważi 2,5 biljun siegħa anqas mill-ogħla livell milħuq fl-ewwel trimestru tal-2019, u xorta jenfasizza r-rwol li l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u ta' sensja temporanja għandhom jew kellhom għal ħafna ħaddiema, flimkien mar-restrizzjonijiet fuq it-tkeċċijiet imposti minn diversi Stati Membri sabiex jgħinu fil-preservazzjoni tal-impjiegi (ara t-Taqsima 2.1). In-numru ta' sigħat maħdumin għal kull persuna impjegata kien qed jonqos bil-mod iżda kostanti matul l-aħħar deċennju fl-UE, bl-espansjoni tax-xogħol part-time u b'arranġamenti tax-xogħol flessibbli oħrajn (jiġifieri kuntratti ta' żero sigħat jew xogħol fuq talba fil-kuntest tax-xogħol fuq il-pjattaformi) bħala d-determinanti ewlenin.

It-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 waqqfet ix-xejra pożittiva fir-rata ta' attività osservata f'dawn l-aħħar snin. Ir-rata ta' attività tal-UE għal dawk li għandhom 20-64 sena kienet ta' 77,8 % fl-2020, 0,5 pp anqas milli fl-2019. Madankollu, fit-tieni trimestru tal-2021 kienet irkuprat għal 78,3 %, f'konformità mal-valuri osservati qabel il-kriżi. Wara l-aggregat, ġiet osservata żieda għan-nisa (għal 72,7 %, 0,3 pp aktar milli fir-raba' trimestru tal-2019) filwaqt li jiġi rreġistrat tnaqqis għall-irġiel (għal 84 %, 0,3 pp taħt il-valur tar-raba' trimestru tal-2019). Il-koorti ta' età ta' 55-64 sena wera l-aktar prestazzjoni pożittiva bi tnaqqis żgħir

[20] Għad-dettalji, ara Employment and Social Developments in Europe, Annual Review 2021 (disponibbli fuq: https://op.europa.eu/s/tYkn) u Labour Market and Wage Developments in Europe, Annual Review 2021 (*pubblikazzjoni pendenti*).

biss fil-quċċata tal-kriżi u biċ-ċifri tat-tieni trimestru tal-2021 ogħla mil-livelli ta' qabel il-pandemija.

Filwaqt li r-rata ta' impjieg tan-nisa naqset, taħt l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19, ftit anqas minn dik tal-irġiel, għad hemm differenzi sinifikanti bejn il-ġeneri. Fl-2020, ir-rata ta' impjieg tan-nisa (20-64 sena) naqset għal 66,9 %, 0,5 pp aktar baxxa milli fl-2019, filwaqt li għall-irġiel naqset għal 78 %, 0,9 pp taħt il-valur tagħha fis-sena preċedenti. F'termini trimestrali, ir-rata ta' impjieg tan-nisa naqset minn 67,4 % fir-raba' trimestru tal-2019 għal 66,1 % fit-tieni trimestru tal-2020, iżda kienet irkuprat għal 67,2 % sat-tieni trimestru tal-2021. Ir-rata ta' impjieg għall-irġiel kienet ta' 78,3 % fit-tieni trimestru tal-2021, 0,8 pp anqas mir-raba' trimestru tal-2019. Dawn l-iżviluppi ssarrfu fi tnaqqis żgħir fid-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi, ta' 11,1 pp fit-tieni trimestru tal-2021 meta mqabbla ma' 11,6 pp fir-raba' trimestru tal-2019 (f'termini annwali, rispettivament 11,1 pp u 11,5 pp fl-2020 u fl-2019).

Il-kriżi kellha impatt kbir fuq l-eżiti tas-suq tax-xogħol taż-żgħażagħ, għalkemm is-sitwazzjoni tagħhom ilha titjieb sa minn tmiem l-2020. Ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ (15-24) laħqet is-17,1 % fl-2020 fl-UE, 1,8 pp ogħla milli fl-2019. Fit-tieni trimestru tal-2021, ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ kienet ta' 17,4 %, jiġifieri 2,6 pp ogħla milli fir-raba' trimestru tal-2019, iżda 1 pp taħt il-quċċata milħuqa fit-tielet trimestru tal-2020. B'mod kumplessiv, madwar 3,2 miljun żagħżugħ (15-24) kienu qiegħda fl-UE fit-tieni trimestru tal-2021, u laħqu l-5,1 miljuni meta jitqiesu dawk kollha li huma barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET), u 9,4 miljuni għall-grupp ta' età akbar ta' bejn 15 u 29 sena. Ir-rata trimestrali ta' NEET għal dan il-grupp ta' età kienet ta' 13,2 % fl-UE fit-tieni trimestru tal-2021 (0,7 pp ogħla milli fir-raba' trimestru tal-2019, iżda 1,5 pp taħt il-quċċata tat-tieni trimestru tal-2020).

Il-ħaddiema akbar fl-età felħu għall-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 fuq is-suq tax-xogħol aħjar minn gruppi oħrajn. Ir-rata ta' impjieg ta' ħaddiema akbar fl-età (55-64) baqgħet relattivament stabbli mit-tifqigħa tal-COVID-19. Laħqet is-60,2 % fit-tieni trimestru tal-2021, 0,4 pp ogħla mil-livell osservat fir-raba' trimestru tal-2019 u b'xejra ta' żieda kostanti matul l-aħħar deċennju. Ir-rata ta' impjieg tal-adulti ta' bejn 25-54 sena kienet ta' 80,3 % fit-tieni trimestru tal-2021, jiġifieri xorta ftit taħt il-livell ta' qabel il-pandemija (80,8 % fir-raba' trimestru tal-2019). Ir-rata tal-qgħad tal-UE ta' dawk ta' 55-74 sena żdiedet b'mod moderat, minn 4,7 % fir-raba' trimestru tal-2019 għal 5,3 % fit-tieni trimestru tal-2021.

Illustrazzjoni 1: L-impatt tal-kriżi fuq l-impjiegi varja fost il-gruppi ta' età

Ir-rati ta' impjieg skont il-ġeneru u l-grupp ta' età fl-EU-27, *data* aġġustata skont l-istaġun, mhux aġġustata skont il-kalendarju (f'%)



Nota: Interruzzjoni fis-serje kronoloġika mill-ewwel trimestru tal-2021.
Sors: Eurostat, Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol [lfsi_emp_q].

Il-ħaddiema f'forom mhux standard ta' impjieg u l-ħaddiema għal rashom ġew affettwati b'mod partikolari mill-kriżi. Fuq in-numru totali ta' impjegati (20-64 sena) fl-UE fl-2020 (161,6 miljun), madwar 19,9-il miljun (12,4 %) kellhom kuntratt ta' impjieg għal terminu fiss (1,3 pp taħt iċ-ċifra osservata għall-2019). Madwar 21,3 miljun ħaddiem (20-64, aġġustati skont l-istaġun) kienu b'kuntratti temporanji fit-tieni trimestru tal-2021, xorta 0,8 miljun persuna anqas meta mqabbel mar-raba' trimestru tal-2019. Is-sehem huwa ħafna ogħla fost iż-żgħażagħ (15-24) milli għall-bqija tal-popolazzjoni, u ogħla b'mod sinifikanti għal dawk b'livell baxx ta' ħiliet meta mqabblin ma' dawk b'livell medju u għoli ta' ħiliet. Is-sehem ta' impjiegi temporanji involontarji kompla jonqos (b'1,1 pp) meta mqabbel mal-2019, u laħaq is-6,8 % fl-2020. Il-proporzjon ta' kuntratti temporanji mill-impjiegi totali (20-64) żdied mil-livell l-aktar baxx tat-tieni trimestru tal-2020 (10,1 %), sa 11,3 % fit-tieni trimestru tal-2021. In-numru ta' persuni li jaħdmu part-time żdied b'mod kostanti matul l-2020. Bħala riżultat, il-proporzjon ta' ħaddiema part-time (20-64) mill-impjiegi totali laħaq is-17,7 % fit-tieni trimestru tal-2021 (0,6 pp taħt il-valur tar-raba' trimestru tal-2019). Is-sehem ta' ħaddiema part-time involontarji naqas għal 25 % fl-2020 (1,5 pp inqas meta mqabbel mal-2019). Mill-bidu tal-pandemija fl-ewwel trimestru tal-2020, in-numru ta' ħaddiema għal rashom naqas b'0,7 miljun persuna (minn madwar 25,8 miljun għal 25,1 miljun fit-tieni trimestru tal-2021.

Illustrazzjoni 2: Hemm inċidenza differenti ta' kuntratti temporanji skont il-grupp ta' età u l-livell ta' kwalifika

Is-sehem tal-impjegati b'kuntratti temporanji skont l-età u l-livell tal-edukazzjoni fl-EU-27 (2020)



Sors: Eurostat, Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol [lfsa_etgar], [lfsa_etpgan] u [lfst_r_e2tgaedcu].

L-eżiti tas-suq tax-xogħol ta' persuni li ma twildux fl-UE ġew affettwati bil-qawwa mill-kriżi. Fl-2020, ir-rata ta' impjieg (20-64) ta' persuni li twieldu barra mill-UE kienet ta' 65,3 %, 2,4 pp taħt il-valur tal-2019, u 8,2 pp anqas minn dik tan-nattivi. Ir-rata tal-qgħad (15-74) ta' dawk li ma twildux fl-UE kienet ta' 12,3 % fl-2020, jiġifieri żieda mill-10,8 % tas-sena ta' qabel. Iċ-ċifri tal-qgħad ukoll juru żieda minn 13,5 % fit-tieni trimestru tal-2020 għal 13,9 % fit-tieni trimestru tal-2021.

1.2 Xejriet soċjali

Minkejja l-kriżi tal-COVID-19, fl-2020 l-introjti tal-unitajiet domestiċi baqgħu ġeneralment stabbli bħala medja madwar l-Istati Membri tal-UE, bis-saħħa tar-rispons politiku rapidu. Hekk kif faqqgħet il-pandemija, l-introjtu disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi (GDHI) naqas drastikament, bi 3,3 % (sena wara sena) fit-tieni trimestru tal-2020, iżda rkupra sal-aħħar tas-sena u b'mod kumplessiv baqa' stabbli bejn l-2019 u l-2020 (bi tnaqqis ta' 0,25 %). It-tnaqqis fil-kumpensi lill-impjegati kien l-akbar (-5,5 %), iżda l-kumpens tal-ħaddiema għal rashom (-1,4 %) u l-introjtu nett mill-proprjetà (-3,3 %) raw tnaqqis kbir ukoll – ara l-Illustrazzjoni 3. Matul l-2020, il-benefiċċji soċjali netti kkontribwew bil-qawwa għall-introjtu kumplessiv, u kellhom rwol kbir fil-mitigazzjoni tat-tnaqqis kumplessiv fl-introjtu tal-unitajiet domestiċi fit-tieni trimestru, appoġġat ukoll sa ċertu punt minn aġġustamenti fit-taxxi fuq l-introjtu u fuq il-ġid. Din ix-xejra kompliet fit-tieni trimestru u fit-tielet trimestru tal-2020, u hekk ukoll fl-ewwel trimestru tal-2021, bit-tkabbir fl-introjtu mill-benefiċċji soċjali li kien akbar mit-tnaqqis fil-kumpens lill-impjegati u lill-ħaddiema għal rashom (li tnaqqas ħafna meta mqabbel mat-tnaqqis fit-tieni trimestru) u mit-tnaqqis fl-introjtu nett mill-proprjetà. Fl-isfond ta' tnaqqis fl-introjtu mis-suq u fil-PDG reali b'6 % sena wara sena, din l-istabbiltà fl-introjtu aggregat tal-unitajiet domestiċi tixhed l-appoġġ ipprovdut mill-politiki diskrezzjonarji eċċezzjonali stabbiliti sabiex jittaffa l-impatt soċjali tal-

kriżi u mill-effetti ta' stabbilizzazzjoni awtomatika tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali u tat-taxxa. Il-bidliet fit-tieni trimestru tal-2021 immarkaw punt ta' bidla: kemm il-PDG reali kif ukoll il-kumpens lill-impjegati żdiedu b'mod rapidu, bejn wieħed u ieħor bl-istess rata li kkuntrattaw sena qabel, fit-tieni trimestru tal-2020. B'mod kumplessiv, il-GDHI reali żdiedu aktar milli kienu naqsu sena qabel, anke bis-saħħa tal-benefiċċji soċjali netti li naqsu b'pass aktar bil-mod minn sorsi oħrajn ta' introjtu.

Illustrazzjoni 3: L-istabbiltà wiesgħa fl-introjtu aggregat tal-unitajiet domestiċi bħala medja fl-UE fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19 irriżultat mir-rispons politiku mingħajr preċedent

It-tkabbir tal-PDG, it-tkabbir fl-introjtu disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi u fil-komponenti ewlenin tiegħu (EU-27)



Noti: Kalkoli tad-DĠ EMPL. Il-GDHI nominali ġie deflatat bl-użu tal-indiċi tal-prezzijiet tan-nefqa fuq il-konsum finali tal-unitajiet domestiċi. It-tkabbir reali tal-GDHI għall-UE huwa stmat bħala medja ponderata tal-valuri tal-Istati Membri għal dawk b'*data* trimestrali disponibbli bbażata fuq l-ESA2010 (b'mod ġenerali 95 % tal-GDHI tal-UE).
Sors: Eurostat, Kontijiet Nazzjonali [nasq_10_nf_tr] u [namq_10_gdp]. Id-*data* ma hijiex aġġustata skont l-istaġun.

B'mod kumplessiv, l-inugwaljanza fl-introjtu baqgħet ġeneralment stabbli fil-maġġoranza tal-Istati Membri. Skont l-istimi rapidi tal-Eurostat[21], il-proporzjon medju tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu (S80/S20) fl-UE baqa' stabbli jew irreġistra tnaqqis żgħir fl-2020. Dan reġa' kien ir-riżultat tal-appoġġ pubbliku enormi implimentat u tal-istabbilizzazzjoni awtomatika qawwija li taffiet il-konsegwenzi tal-kriżi, b'mod partikolari għal gruppi vulnerabbli. Filwaqt li l-introjtu mill-impjieg huwa stmat li naqas b'10 % għall-

[21] Ippubblikati f'Lulju 2021, disponibbli fuq is-sit web tal-Eurostat. Id-*data* sħiħa għall-2020 se tkun disponibbli fl-2022.

ewwel kwintili tal-introjtu u bi 2 % għall-ħames wieħed, l-impatt kumplessiv fuq l-introjti disponibbli kien fil-biċċa l-kbira limitat fid-distribuzzjoni kollha tal-introjtu, bis-saħħa tal-effett ta' taffija ta' benefiċċju tas-sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji, u tat-tħaddim ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u ta' skemi oħrajn ta' żamma tal-impjiegi.

Is-sehem ta' persuni f'riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali baqa' stabbli fil-biċċa l-kbira fl-ewwel sena qabel il-kriżi tal-COVID-19. Fl-2020, madwar persuna minn kull ħamsa kienet f'riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) fl-UE (21,9 %). It-tliet komponenti kollha[22] tal-indikatur tal-AROPE kienu stabbli għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri sena wara sena. Skont l-istimi rapidi tal-Eurostat, ir-rata tar-riskju tal-faqar (AROP) ma nbidlitx f'tal-anqas nofs l-Istati Membri meta mqabbla mal-2019. Dawn l-istimi juru li l-miżuri ta' politika li għadhom kif ġew introdotti, flimkien mas-sistemi ta' taxxa u benefiċċji, taffew l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19, stabilizzaw l-introjti, u kkontribwew b'mod sinifikanti għall-prevenzjoni ta' żieda fir-riskji tal-faqar. Dan irriżulta wkoll fi stabbiltà wiesgħa tar-rata tad-deprivazzjoni materjali u soċjali (6,8 %, żieda ta' 0,2 pp biss). Is-sehem ta' persuni li jgħixu f'familji kważi mingħajr impjieg baqa' stabbli wkoll (8,2 %, żieda ta' 0,1 pp biss), li jirrifletti l-impatt kontenut f'termini ta' telf ta' impjiegi, ukoll bis-saħħa ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u ta' miżuri oħrajn ta' żamma tal-impjiegi. Il-faqar enerġetiku qiegħed isir forma dejjem aktar importanti ta' faqar. Fit-13 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar *L-indirizzar taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija*[23], li enfasizzat sistemi ġusti ta' benefiċċji tat-taxxa, miżuri mmirati ta' appoġġ għall-introjtu u politiki inklużivi ta' rinnovazzjoni bħala l-elementi ewlenin ta' sett ta' għodod sabiex jittaffa l-faqar enerġetiku u jiġi indirizzat l-impatt immedjat taż-żidiet fil-prezzijiet.

Ir-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) għat-tfal kienet stabbli wkoll iżda b'differenzi akbar bejn il-pajjiżi u b'żieda fil-faqar monetarju. Kien hemm aktar varjazzjoni fir-rata tal-AROPE għat-tfal fost l-Istati Membri: erba' Stati Membri rreġistraw valuri ta' aktar minn 30 %, filwaqt li erbgħa oħrajn jinsabu taħt il-15 %. Barra minn hekk, il-faqar monetarju kien anqas kontenut, peress li fl-2020 żdied sostanzjalment f'terz tal-Istati Membri. Il-ġenituri waħedhom u l-familji l-kbar kienu ferm aktar f'riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali minn familji b'tifel jew tifla waħda jew tnejn (medja ta' 42,1 % u ta' 29,6 % fl-UE, rispettivament).

Il-faqar fost in-nies li għandhom impjieg għadu sfida. Il-faqar fost dawk li jaħdmu fl-EU-27 żdied b'0,5 pp (minn 8,5 % għal 9 %) bejn l-2010 u l-2019. Filwaqt li d-*data* għall-2020 għadha ma hijiex kompletament disponibbli, is-sitwazzjoni ma tidhirx li nbidlet b'mod sinifikanti mill-2019. B'mod ġenerali, il-ħaddiema vulnerabbli jiffaċċjaw ċirkostanzi aktar diffiċli: dawk b'kuntratti temporanji jaffaċċjaw riskju ogħla ta' faqar fost dawk li jaħdmu milli għal dawk b'kuntratti permanenti (16,2 % vs 5,9 %), u hekk ukoll ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet meta mqabblin ma' dawk b'livell għoli ta' ħiliet (19 % vs 4,9 %), u dawk li ma twildux fl-UE meta mqabblin man-nattivi (20,1 % vs 8,1 %).

Minkejja r-reżiljenza soċjali fil-livell aggregat, il-gruppi vulnerabbli ġew affettwati b'mod aktar negattiv mill-kriżi tal-COVID-19. Il-miżuri ta' konfinament fuq il-moviment kellhom impatt sproporzjonat fuq il-persuni b'diżabbiltà[24], pereżempju, b'mod partikolari f'termini ta' aċċess għall-kura tas-saħħa, għall-edukazzjoni u għal servizzi oħrajn ta' appoġġ

[22] Ara l-Kapitolu 1.3 għad-dettalji.

[23] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "L-indirizzar taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija: sett ta' għodod għall-azzjoni u l-appoġġ", COM (2021) 660 final

[24] Il-Kummissjoni Ewropea, *Employment and Social Developments in Europe 2021*, Ġunju 2021

online, li jaggrava wkoll il-limitazzjonijiet preeżistenti fl-aċċess għall-impjiegi. Persuni bi sfond ta' migrazzjoni kienu qed jesperjenzaw rati tal-AROPE li xi drabi huma d-doppju ta' dawk tan-nattivi[25]. Il-lockdowns matul il-pandemija qatgħu lil ħafna Rom li jgħixu f'insedjamenti segregati minn kwalunkwe sors ta' introjtu u ta' attività ekonomika (formali jew informali), li wassal għal aktar approfondiment tar-rati ta' faqar tagħhom.[26]

1.3 It-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta: ħarsa ġenerali lejn l-isfidi relatati mal-prinċipji tal-Pilastru

L-analiżi fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2022 tiddependi fuq sett rivedut ta' indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali approvati mill-Kunsill[27]. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ippubblikat f'Marzu 2021, ippreżenta proposta għal Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta, li mbagħad ġiet diskussa mal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u mal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) u approvata mill-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur (EPSCO) fl-14 ta' Ġunju 2021. Ir-reviżjoni għandha l-għan li tkopri l-prinċipji tal-Pilastru b'mod aktar komprensiv, filwaqt li ssaħħaħ ir-rwol tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali bħala l-għodda kwantitattiva ewlenija għall-monitoraġġ tal-progress fl-implimentazzjoni tal-Pilastru fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. It-Tabella ta' Valutazzjoni riveduta se tgħin ukoll sabiex tikkomplementa l-għodod ta' monitoraġġ eżistenti, b'mod partikolari l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali[28].

L-indikaturi ewlenin fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta jappoġġaw il-monitoraġġ ta' 18 mill-20 prinċipju tal-Pilastru[29] (erbgħa aktar milli taħt il-verżjoni preċedenti), li jikkontribwixxu għall-valutazzjoni tal-isfidi dwar l-impjiegi u soċjali ewlenin fl-Istati Membri. Is-sett ta' indikaturi ewlenin ġie rivedut skont il-prinċipji tal-parsimonja, tad-disponibbiltà, tal-komparabbiltà u tar-robustezza statistika. L-indikaturi, marbutin ma' kull wieħed mit-tliet kapitoli tal-Pilastru, huma kif ġej (l-indikaturi l-ġodda huma mmarkati b'**, dawk riveduti b'*)[30]:

- *Opportunitajiet indaqs*

---

[25] Kif muri mill-indikaturi tal-Eurostat [ilc_peps06] AROPE għal dawk li twieldu barra mill-UE u għan-nattivi.
[26] Skont l-istħarriġiet imwettqin mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) fl-2016 (9 pajjiżi tal-UE) u fl-2019 (5 pajjiżi tal-UE). Ara SWD(2020) 530 final.
[27] Saru diskussjonijiet mal-Istati Membri fil-Grupp Indikatur tal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u s-Sottogrupp Indikatur tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS). L-opinjoni tal-EMCO u tal-KPS li rrapportaw dwar il-ftehim milħuq dwar l-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta ġiet approvata mill-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur fl-14 ta' Ġunju.
[28] Il-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi (EPM) u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali (SPPM) huma rapporti annwali mħejjija rispettivament mill-Kumitat tal-Impjiegi u mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali. Jidentifikaw ix-xejriet li jridu jiġu osservati, l-isfidi tal-impjiegi u soċjali ewlenin fl-Istati Membri, u jimmonitorjaw il-progress fir-rigward tal-miri soċjali u għall-impjiegi rilevanti li jkopru l-UE kollha.
[29] Iż-żewġ prinċipji li għadhom ma humiex koperti huma s-7 u t-8 "Informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-impjieg u l-protezzjoni f'każ ta' sensja" u "Djalogu soċjali u Involviment tal-ħaddiema", rispettivament. Hemm rekwiżiti stretti dwar il-kwalità għall-indikaturi ewlenin, li jeħtieġ ukoll li jkollhom interpretazzjoni normattiva ċara. Sa issa ma kienx possibbli li jinstab indikatur bħal dan għal dawn il-prinċipji, iżda l-Kummissjoni se twettaq aktar ħidma fuq dan.
[30] Bħala parti mir-reviżjoni, tħassar l-indikatur ewlieni "Qligħ nett ta' ħaddiem waħdu full-time li jaqla' l-paga medja".

- Il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment matul l-aħħar 12-il xahar (25-64 sena)**
- Is-sehem ta' persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ (18-24 sena)
- Is-sehem tal-popolazzjoni b'ħiliet diġitali kumplessivi bażiċi jew aħjar (16-74 sena)
- Iż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (rata ta' NEET) (15-29 sena)*
- Id-differenza bejn il-ġeneri fir-rata ta' impjieg (20-64 sena)
- L-inugwaljanza fl-introjtu mkejla bħala proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili (S80/S20)

- *Kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti*
  - Rata ta' impjieg (20-64 sena)[31]
  - Ir-rata tal-qgħad (15-74 sena)
  - Ir-rata tal-qgħad fit-tul (15-74 sena)
  - L-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi f'termini reali, per capita[32]
- *Protezzjoni u inklużjoni soċjali*
  - Ir-rata ta' dawk fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (età 0+) (AROPE 0+)[33]
  - Ir-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali għat-tfal (0-17-il sena) (AROPE 0-17)**[34]
  - L-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar[35]
  - Id-differenza fl-impjiegi minħabba d-diżabbiltà (20-64 sena)**[36]
  - Ir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-abitazzjoni**[37]

[31] Mill-2021, f'konformità mar-Regolamenti rilevanti, il-Eurostat, permezz tal-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika tal-Istati Membri, jiġbor *data* għall-EU-LFS skont metodoloġija riveduta. Din il-bidla għandha l-għan li ttejjeb id-*data* dwar is-suq tax-xogħol, iżda trid tiġi osservata meta jiġu interpretati l-bidliet fl-indikaturi qrib iż-żmien tal-bidla, l-1 ta' Jannar 2021. Barra minn hekk, huma affettwati l-indikaturi ewlenin; ir-Rata ta' żgħażagħ NEET, ir-Rata tal-qgħad, ir-Rata tal-qgħad fit-tul, id-Differenza bejn il-ġeneri fir-rata ta' impjieg, l-AROPE għat-tfal.

[32] Kif mitlub mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, dan l-indikatur jitkejjel bl-użu tal-"introjtu mhux aġġustat" (jiġifieri mingħajr ma jiġu inklużi t-trasferimenti soċjali *in natura*) u billi titneħħa r-referenza għall-użu tal-unitajiet tal-istandards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS).

[33] Flimkien mat-tliet sottoindikaturi tagħha: Id-deprivazzjoni materjali u soċjali estrema, popolazzjoni sħiħa (SMSD 0+), Fir-riskju tal-faqar, popolazzjoni sħiħa (AROP 0+) u Is-sehem ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna (familji kważi mingħajr impjieg), 0-64 sena (QJ 0-64). L-SMSD 0+ tissostitwixxi l-komponent Deprivazzjoni Materjali Estrema fid-*data* ppubblikata mill-2021 'il quddiem sabiex tirrappreżenta sett aktar realistiku ta' ħtiġijiet fis-soċjetajiet tal-UE.

[34] Flimkien mat-tliet sottoindikaturi tagħha: Id-deprivazzjoni materjali u soċjali estrema, tfal (SMSD 0-17), Id-deprivazzjoni materjali u soċjali estrema, tfal (AROP 0-17) u Is-sehem ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna (familji kważi mingħajr impjieg), tfal (QJ 0-17). L-SMSD għat-tfal hija verżjoni mmodifikata ta' SMSD għall-popolazzjoni kollha.

[35] Dan jitkejjel bħala d-differenza, fost il-popolazzjoni totali, bejn is-sehem tal-persuni fir-riskju tal-faqar (ta' introjtu) qabel u wara t-trasferimenti soċjali.

[36] L-indikatur tad-differenza fl-impjiegi minħabba d-diżabbiltà bħalissa huwa kkalkolat mill-EU-SILC u bbażat fuq l-istatus tad-diżabbiltà kif mogħti mill-Indiċi tal-Limitazzjoni fl-Attività Globali (GALI). Ir-rispondenti tal-istħarriġ wieġbu l-mistoqsijiet li ġejjin: 1) "Inti limitat(a) minħabba problema tas-saħħa f'attivitajiet li normalment jagħmlu n-nies? Tista' tgħid li inti … limitat(a) serjament; limitat(a), iżda mhux serjament; jew mhux limitat(a) affattu?" Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija 1) hija "limitat(a) ħafna" jew "limitat(a) iżda mhux serjament", ir-rispondenti jwieġbu l-mistoqsija 2) "Kont limitat(a) għal tal-anqas l-aħħar 6 xhur? Iva jew le?". Persuna titqies li jkollha diżabbiltà jekk it-tweġiba għat-tieni mistoqsija tkun "Iva". Kif ikkalkolat mill-EU-SILC, wieħed josserva korrelazzjoni bejn il-prevalenza tad-diżabbiltà bbażata fuq il-kunċett tal-GALI u d-differenza fl-impjiegi minħabba d-diżabbiltà bbażata fuqu fis-sena 2020 madwar l-Istati Membri tal-EU-27 (Koeffiċjent ta' korrelazzjoni ta' Pearson = -0,6).

- Tfal ta’ anqas minn 3 snin f’indukrar formali tat-tfal
- Ħtieġa awtodikjarata mhux issodisfata għall-kura medika (16-il sena u aktar)[38].

L-indikatur ewlieni tad-“Differenza fl-impjiegi minħabba d-diżabbiltà” juża temporanjament l-EU-SILC bħala s-sors statistiku, iżda se jaqleb għall-EU-LFS sabiex ikun aktar akkurat mill-2022, u se jipprovdi *data* fl-2023. Is-servizzi tal-Kummissjoni, inkluż il-Eurostat, se jkomplu jimmonitorjaw il-kwalità tiegħu u se jirrieżaminaw l-indikatur fit-terminu medju, ladarba ssir disponibbli d-*data* bbażata fuq l-LFS (2023), u se jappoġġaw passi ulterjuri sabiex itejbu l-komparabbiltà bejn il-pajjiżi u jesploraw l-iżvilupp ta’ indikaturi addizzjonali f’dan il-qasam. L-indikatur ewlieni “Il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment matul l-aħħar 12-il xahar” se juża wkoll l-EU-LFS mill-2022 ’il quddiem. Il-Kummissjoni se timmonitorja l-indikatur flimkien mal-Eurostat u twettaq analiżi bir-reqqa tad-*data* miż-żewġ sorsi ta’ stħarriġ meta dawn isiru disponibbli (2023) sabiex tiżgura l-kwalità u l-komparabbiltà tad-*data*. Sabiex jiġi żgurat il-monitoraġġ tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi 6 u 7, inkluż fir-rigward tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, dan ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2022 se juża b’mod eċċezzjonali l-indikatur dwar il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment f’dawn l-aħħar 4 ġimgħat (25-64 sena).

L-indikaturi ewlenin huma analizzati bl-użu tal-metodoloġija komuni miftiehma mill-EMCO u mill-KPS (ara l-Anness 4 għal aktar dettalji). Din il-metodoloġija tevalwa s-sitwazzjoni u l-iżviluppi fl-Istati Membri billi tħares lejn il-livelli u l-bidliet fir-rigward tas-sena ta’ qabel[39] ta’ kull wieħed mill-indikaturi ewlenin inklużi fit-Tabella ta’ Valutazzjoni Soċjali. Il-livelli u l-bidliet huma kklassifikati skont id-distanza tagħhom mill-medji (mhux ponderati) rispettivi tal-UE. Imbagħad, il-prestazzjonijiet tal-Istati Membri fil-livelli u fil-bidliet jiġu kkombinati bl-użu ta’ regola miftiehma sabiex kull Stat Membru jiġi assenjat f’waħda mis-seba’ kategoriji (“bl-aqwa prestazzjoni”, “aħjar mill-medja”, “medja/newtrali”, “sitwazzjonijiet tajbin iżda li għandhom jiġu mmonitorjati”, “sitwazzjonijiet dgħajfin iżda li qed jitjiebu”, “sitwazzjonijiet li jridu jiġu ssorveljati” u “sitwazzjonijiet kritiċi”). Fuq din il-bażi, it-Tabella 1 tipprovdi sommarju tal-qari tat-tabella ta’ valutazzjoni skont l-aħħar ċifri disponibbli għal kull indikatur.

---

[37] L-indikatur ikejjel is-sehem tal-popolazzjoni li tgħix f’unitajiet domestiċi fejn il-kostijiet totali tal-akkomodazzjoni jirrappreżentaw aktar minn 40 % tal-introjtu disponibbli (it-tnejn “netti” mill-allowances għall-akkomodazzjoni). Il-Methodological Guidelines and Description of EU-SILC variables (verżjoni ta’ April 2020) jiddeskrivu l-allowances (inklużi dawk b’testi tal-mezzi biss) bħala li jinkludu l-benefiċċji tal-kera u l-benefiċċji għall-okkupanti sidien, iżda jeskludu l-benefiċċji tat-taxxa u t-trasferimenti kapitali. Id-dokument jiddefinixxi l-kostijiet tal-akkomodazzjoni bħala ta’ kull xahar u dawk fil-fatt imħallsin, marbutin mad-dritt tal-unità domestika li tgħix fl-akkomodazzjoni. Jinkludu assigurazzjoni strutturali (għall-inkwilini: jekk imħallsin), is-servizzi u l-imposti (tneħħija tad-drenaġġ, ġbir tal-iskart, eċċ.; obbligatorji għas-sidien, għall-inkwilini: jekk imħallsin), manutenzjoni u tiswijiet regolari, taxxi (għall-inkwilin: fl-abitazzjoni, jekk applikabbli) u l-kost tal-utilitajiet (ilma, elettriku, gass u tisħin). Għas-sidien li jħallsu ipoteka, huma inklużi l-pagamenti tal-imgħax relatati (kwalunkwe ħelsien mit-taxxa dedott, iżda l-benefiċċji tal-akkomodazzjoni ma jiġux dedotti). Għall-inkwilini bil-prezz tas-suq jew bi prezz imraħħas, huwa inkluż ukoll il-pagament tal-kera. Għall-inkwilini mingħajr kera, il-benefiċċji tal-akkomodazzjoni ma għandhomx jiġu dedotti mill-kost totali tal-akkomodazzjoni.

[38] Il-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika jikkonċernaw il-valutazzjoni suġġettiva ta’ persuna dwar jekk kinitx teħtieġ eżami jew trattament għal tip speċifiku ta’ kura tas-saħħa, iżda ma kellhiex jew ma fittxitx dan minħabba t-tliet raġunijiet li ġejjin: “Raġunijiet finanzjarji”, “Lista ta’ stennija” u “Vjaġġ twil wisq”. Kura medika tirreferi għas-servizzi tal-kura tas-saħħa individwali (eżami jew trattament mediku minbarra l-kura tas-snien) mogħtija minn jew taħt is-superviżjoni diretta ta’ tobba jew ta’ professjonijiet ekwivalenti skont is-sistemi nazzjonali tal-kura tas-saħħa (definizzjoni tal-Eurostat). Il-problemi li l-persuni jirrapportaw sabiex jiksbu l-kura meta jkunu morda jistgħu jirriflettu ostakli għall-kura.

39 Bl-eċċezzjoni tal-Introjtu Disponibbli Gross tal-Unitajiet Domestiċi, li jitkejjel bħala numru tal-indiċi (2008 = 100, b’hekk jirrifletti tibdil meta mqabbel ma’ qabel il-kriżi) u t-l-bidliet fl-aħħar sena, bi qbil mal-Kumitat tal-Impjiegi u mal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali.

L-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali jindikaw sfidi ewlenin fl-Istati Membri tal-UE fit-tliet oqsma tal-opportunitajiet indaqs u l-aċċess għas-suq tax-xogħol, tal-kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u tal-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali. F'termini ta' "sitwazzjonijiet kritiċi" (ħomor fl-Illustrazzjoni 4), numru relattivament kbir ta' Stati Membri għadhom jiffaċċjaw sfidi sinifikanti fir-rigward tas-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol tan-nisa u tal-parteċipazzjoni tat-tfal fil-kura formali tat-tfal (b'ħames indikazzjonijiet ħomor għaż-żewġ indikaturi). L-eżiti tas-suq tax-xogħol ta' gruppi oħrajn iqajmu wkoll tħassib f'numru relattivament kbir ta' Stati Membri, bid-differenza fl-impjiegi minħabba d-diżabbiltà u bir-rata ta' żgħażagħ NEET iteptpu aħmar għal sitta u erba' pajjiżi rispettivament. Il-persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ għadhom kritiċi għal erba' Stati Membri wkoll. Fl-aħħar nett, fil-qasam tal-protezzjoni u tal-inklużjoni soċjali, l-impatt tat-trasferimenti soċjali (minbarra l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar huwa kritiku f'numru kbir ta' Stati Membri (6), u sa erbgħa jiffaċċjaw sfidi kritiċi fir-rigward kemm tar-riskji ta' faqar b'mod ġenerali kif ukoll tal-faqar fost it-tfal b'mod partikolari. Il-proporzjonijiet kwintili tal-introjtu huma wkoll "kritiċi" f'erba' Stati Membri. Meta tiġi estiża l-perspettiva sabiex tkopri wkoll is-"sitwazzjonijiet li jridu jiġu ssorveljati", minbarra dawk "kritiċi", it-tliet indikaturi taż-żgħażagħ NEET, l-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar, u tfal ta' anqas minn 3 snin f'indukrar formali tat-tfal jindikaw l-aktar każijiet problematiċi b'għaxar pajjiżi għall-ewwel tnejn u bi ħdax għal tal-aħħar. Analiżi dettaljata tas-sittax-il indikatur, inklużi xejriet aktar fit-tul u indikaturi addizzjonali, meta rilevanti, hija ppreżentata fil-Kapitolu 2.

L-appoġġ finanzjarju u tekniku tal-UE għall-impjiegi, għall-ħiliet u għall-miżuri tal-politika soċjali

Finanzjament sinifikanti tal-UE huwa pprovdut permezz ta' għodod finanzjarji differenti sabiex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. B'madwar EUR 500 biljun (inkluż il-kofinanzjament nazzjonali) għall-perjodu 2021-2027, il-fondi tal-politika ta' koeżjoni tal-UE (b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-FSE+, u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-FEŻR) għandhom l-għan li jnaqqsu d-disparitajiet soċjoekonomiċi, jappoġġaw konverġenza ekonomika u soċjali 'l fuq u jrawmu bidla strutturali. F'Mejju 2020, il-Kummissjoni pproponiet NextGenerationEU (EUR 807 biljun fi prezzijiet kurrenti, inkorporati fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-UE għall-2021-2027) sabiex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi, tissaħħaħ ir-reżiljenza ekonomika u soċjali u sabiex l-ekonomiji u s-soċjetajiet tal-UE jitħejjew aħjar għall-isfidi u għall-opportunitajiet tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, inkluż fir-rigward tad-dimensjoni ġusta tagħhom. Il-Faċilità l-ġdida għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) tinsab fil-qalba ta' NextGenerationEU (aktar dettalji aktar 'il quddiem). L-impatt tal-finanzjament tal-UE huwa msaħħaħ aktar permezz tal-assistenza teknika ffinanzjata permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku. L-għan ta' dan tal-aħħar huwa li jappoġġa – fuq talba – lill-awtoritajiet nazzjonali b'konsulenza politika mill-aktar avvanzata u b'bini tal-kapaċitajiet mfassal apposta f'oqsma prijoritarji għar-riforma, inkluż fl-oqsma tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u tal-politika soċjali. L-appoġġ tekniku jista' jiġi offrut fuq bażi bilaterali jew multinazzjonali.

Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (b'valur ta' EUR 723,8 biljun fi prezzijiet kurrenti) tipprovdi appoġġ finanzjarju fuq skala kbira għar-riformi u għall-investimenti fl-Istati Membri li jappoġġaw it-tkabbir sostenibbli u inkluživ u l-ħolqien tax-xogħol, b'attenzjoni partikolari għal dawk li jindirizzaw l-isfidi identifikati fir-

Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Sa erbgħa mis-sitt pilastri li jiddefinixxu l-mandat tal-Faċilità huma rilevanti għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali: it-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv; il-koeżjoni soċjali u territorjali; is-saħħa u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali, u l-politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss, għat-tfal u għaż-żgħażagħ. B'riżultat ta' dan, tingħata attenzjoni xierqa lill-oqsma tal-impjiegi, tal-ħiliet u tal-politika soċjali fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza mressqin mill-Istati Membri, milqugħin mill-Kummissjoni u approvati mill-Kunsill.

B'baġit ta' kważi EUR 99,3 biljun għall-perjodu 2021-27, il-FSE+ se jappoġġa, jikkomplementa u jżid il-valur għall-politiki tal-Istati Membri fl-oqsma tal-impjiegi, tal-ħiliet u tal-politika soċjali. Il-Fond se jiffinanzja miżuri li jiżguraw opportunitajiet indaqs, aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u ta' kwalità, protezzjoni u inklużjoni soċjali, li b'mod partikolari jiffokaw fuq edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità u inklużivi, apprendiment tul il-ħajja, investiment fit-tfal u ż-żgħażagħ u aċċess għas-servizzi bażiċi. Fil-bidu tal-kriżi tal-COVID-19, il-fondi ta' koeżjoni pprovdew rispons rapidu skont l-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus u l-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus Plus (CRII u CRII+), li rriżultaw f'żieda netta ta' aktar minn EUR 11-il biljun għall-miżuri tal-impjiegi u tal-kura tas-saħħa sa Novembru 2021. EUR 50,6 biljun addizzjonali f'Assistenza fl-Irkupru għall-Koeżjoni u għat-Territorji tal-Ewropa (REACT-EU) ikkontribwew għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' tiswija tad-dannu kkawżat mill-kriżi fl-Istati Membri. Fl-aħħar nett, EUR 100 biljun f'self saru disponibbli permezz tal-Appoġġ temporanju sabiex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE) favur skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili ta' żamma tal-impjiegi, b'mod partikolari għall-ħaddiema għal rashom.

Bħala parti mill-Pjan ta' Investiment għall-Patt Ekoloġiku Ewropew, ġie stabbilit il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta (JMT) sabiex jgħin fl-appoġġ ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika. L-ewwel pilastru huwa l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF)[40], stabbilit fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni, li jipprovdi EUR 19,3-il biljun sabiex jittaffew l-effetti negattivi tal-proċess ta' tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima billi jiġu appoġġati t-territorji l-aktar affettwati.

[40] Ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta; EUR-Lex - 32021R1056 - EN - EUR-Lex (europa.eu)

Illustrazzjoni 4: L-impjiegi, il-ħiliet u l-isfidi soċjali fost l-Istati Membri tal-UE skont l-indikaturi ewlenin fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta



Noti: 1) id-*data* għall-indikatur dwar il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment għadha ma hijiex disponibbli; 2) indikatur dwar il-ħiliet diġitali jirreferi għad-*data* tal-2019; 3) Hemm *data* nieqsa f'xi indikaturi għal xi pajjiżi: id-didaskaliji għall-indikaturi kollha huma ppreżentati fl-Anness.

Tabella 1. L-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali: ħarsa ġenerali lejn l-isfidi fost l-Istati Membri

		Sena	Bl-aqwa prestazzjoni	Aħjar mill-medja	Sitwazzjonijiet tajbin iżda li għandhom jiġu mmonitorjati	Medja/newtrali	Sitwazzjonijiet dgħajfin iżda li qed jitjiebu	Sitwazzjonijiet li jridu jiġu ssorveljati	Sitwazzjonijiet kritiċi
Opportunitajiet indaqs	**Persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ (% tal-popolazzjoni 18-24 sena)**	**2020**	EL, HR, IE, SI	EE, LV, PL, PT	LT	AT, BE, DE, DK, FR, NL, SK	ES, MT	CY, CZ, FI, LU, SE	BG, HU, IT, RO
	Livell ta' ħiliet diġitali tal-individwi	**2019**	DE, DK, FI, NL, SE	AT, CZ, EE, EL, HR, IE	LU	BE, ES, FR, LT, MT, PT, SI, SK		CY, HU, PL	BG, LV, RO
	Rata taż-żgħażagħ NEET (% tal-popolazzjoni totali 15-29 sena)	**2020**	DE, LU, NL, SE	AT, BE, DK, FI, HR, MT, SI		CZ, EE, FR, LV, PL	RO	CY, HU, IE, LT, PT, SK	BG, EL, ES, IT
	Differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi	**2020**	FI, LT, LV, SE	DE, DK, EE, FR, LU, PT, SI		AT, BE, BG, CY, ES, IE, NL, SK	MT	CZ, HR	EL, HU, IT, PL, RO
	Proporzjon kwintili tal-introjtu (S80/S20)	**2020**	CZ, SI, SK	AT, BE, DK, FI, NL, PL, SE		CY, EE, EL, FR, HR, HU, LU, PT	RO	ES, MT	BG, DE, LT, LV
Kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti	**Rata ta' impjieg (% tal-popolazzjoni 20-64 sena)**	**2020**	CZ, DE, NL, SE	DK, FI, LV, MT, PL	EE, LT	AT, CY, FR, HU, LU, SI, SK	HR	BE, BG, IE, PT, RO	EL, ES, IT
	Rata tal-qgħad (% tal-popolazzjoni attiva 15-74 sena)	**2020**	CZ, PL	BG, DE, FR, HU, MT, NL, RO, SI		AT, BE, CY, DK, FI, HR, IE, LU, PT, SE, SK	EL, IT	EE, LT, LV	ES
	Rata tal-qgħad fit-tul (% tal-popolazzjoni attiva 15-74 sena)	**2020**		CZ, DE, DK, HU, MT, NL, PL, PT, SE		AT, BE, BG, CY, FI, FR, HR, IE, LV, RO, SI	EL, IT	EE, LT, LU, SK	ES
	Tkabbir per capita tal-GDHI (2008 = 100)	**2020**	HU, LT, PL	CZ, IE, LV, MT, SI, SK		DE, DK, FI, HR, LU, NL, PT, SE		AT, BE	CY, EL, ES, IT
Protezzjoni u inklużjoni soċjali	**Rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali**	**2020**	CZ, SI, SK	AT, CY, DK, FI, NL, PL, SE		BE, EE, FR, HR, HU, LU, MT, PT	LV	DE, LT	BG, EL, ES, RO
	Rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali għat-tfal (0-17)	**2020**	CZ, DK, FI, SI	EE, LT, NL, PL, SE, SK		AT, BE, CY, FR, HR, HU, LU, LV, MT, PT		DE	BG, EL, ES, RO
	L-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar	**2020**	BE, DK, FI, FR	CZ, HU, LU, SE, SI, SK	AT	CY, EE, NL, PL		DE, EL, LT, PT	BG, ES, HR, LV, MT, RO
	Differenza fl-impjiegi minħabba d-diżabbiltà	**2020**	AT, DK, EE, FI, PT	ES, LT, LU, SI	FR	CY, CZ, EL, NL, SK		MT, RO, SE	BE, BG, DE, HR, HU, PL
	Piż eċċessiv tal-kost tal-abitazzjoni	**2020**	SK	CY, FI, HR, LT, MT, PT, SI		AT, BE, CZ, ES, HU, LU, LV, NL, PL, RO, SE	EL	BG, DK, EE	DE
	Tfal ta' anqas minn 3 snin f'indukrar formali tat-tfal	**2020**	BE, DK, FR, LU, NL, PT, SE	SI	ES	EE, FI, LV, MT	HR	AT, BG, CY, DE, EL, LT	CZ, HU, PL, RO, SK
	Ħtieġa awtodikjarata mhux issodisfata għall-kura medika	**2020**		AT, CY, CZ, DE, ES, HU, LU, MT, NL		BE, BG, DK, FR, HR, LT, PT, SE, SI, SK	EE, EL	FI, LV, RO	PL

Nota: aġġornament tat-28 ta' Ottubru 2021. Proporzjon kwintili tal-introjtu, Rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, Fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, għat-tfal, L-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar, Il-piż eċċessiv tal-kost tal-abitazzjoni, Tfal ta' anqas minn 3 snin f'indukrar formali tat-tfal u

Ħtieġa awtodikjarata mhux issodisfata għall-kura medika mhux disponibbli għall-Irlanda u għall-Italja. It-tkabbir tal-GDHI ma huwiex disponibbli għall-Bulgarija, għall-Estonja, għal Franza u għar-Rumanija. Id-differenza fl-impjiegi minħabba diżabbiltà ma hijiex disponibbli għall-Irlanda, għall-Italja u għal-Latvja. L-interruzzjonijiet fis-serje u l-indikazzjonijiet huma rrapportati fl-Annessi 1 u 2.

1.4 Miri ewlenin tal-UE sal-2030

L-UE stabbiliet tliet miri ewlenin għall-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, kif ippreżentati fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-miri ewlenin intlaqgħu mill-Mexxejja tal-UE fid-Dikjarazzjoni ta' Porto tat-8 ta' Mejju u mill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju u ġew approvati mill-Kunsill EPSCO ta' Ġunju[41]. Flimkien mal-għanijiet komplementari li huma ppreżentati hawn taħt, huma jirriflettu t-tliet kapitoli tal-Pilastru, jiġifieri l-opportunitajiet indaqs u l-aċċess għas-suq tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, u l-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali[42]. It-tliet miri se jgħinu sabiex imexxu l-azzjoni lejn mudell ta' rkupru u ta' tkabbir li jwassal għall-ħolqien abbundanti ta' impjiegi, bl-apprendiment tul il-ħajja li jappoġġa lill-ħaddiema sabiex jagħmlu l-aħjar użu mit-trasformazzjonijiet ekonomiċi u soċjetali, filwaqt li jiġġieldu l-faqar u l-esklużjoni soċjali fl-UE u jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Huma stabbiliti f'livelli ambizzjużi għalkemm realistiċi, u jqisu l-kuntest soċjoekonomiku, ix-xejriet usa' u r-riformi u l-investimenti ppjanati, inkluż taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Abbażi tal-miri miftehmin sal-2030 fl-UE:

- Tal-anqas 78 % tal-popolazzjoni bejn l-20 u l-64 sena għandha tkun f'impjieg[43].
- Kull sena, tal-anqas 60 % tal-adulti (25-64) kollha għandhom jipparteċipaw f'taħriġ.
- In-numru ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali għandu jitnaqqas b'tal-anqas 15-il miljun.

Issa l-Istati Membri jinsabu fil-proċess li jistabbilixxu l-miri nazzjonali tagħhom stess f'konformità mal-ambizzjonijiet inkorporati fil-miri ewlenin tal-UE. L-Impenn Soċjali ta' Porto tas-7 ta' Mejju 2021 (iffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea, mill-Prim Ministru Portugiż, mis-sħab soċjali tal-UE u mill-Pjattaforma Soċjali) stieden lill-Istati Membri jistabbilixxu miri nazzjonali ambizzjużi li, filwaqt li jqisu kif xieraq il-pożizzjoni tat-tluq ta' kull pajjiż, ikunu jikkostitwixxu kontribut adegwat għall-ilħuq tal-miri Ewropej. F'Lulju 2021, il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri jibagħtu l-proposti inizjali tagħhom għall-miri nazzjonali tal-2030. Kemm il-miri ewlenin tal-UE kif ukoll il-miri nazzjonali se jiġu mmonitorjati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

Kif rifless mill-mira ewlenija għar-rata ta' impjieg, livell għoli ta' impjieg huwa prijorità importanti għall-2030 sabiex jiġi żgurat li kulħadd ikun jista' jieħu sehem bis-sħiħ fl-ekonomija u fis-soċjetà. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol hija importanti sabiex jiġi sostnut il-potenzjal ta' tkabbir sostenibbli u inklużiv, titrawwem il-parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà u jingħata kontribut għall-adegwatezza u għas-sostenibbiltà fiskali tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali, anke fid-dawl tat-tixjiħ tal-popolazzjoni. Il-progress fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tas-suq tax-xogħol se jkun importanti għall-kisba ta' din il-mira. Ir-rata ta'

---

[41]Id-dikjarazzjoni ta' Porto u l-laqgħa tal-Kunsill Ewropew (l-24 u l-25 ta' Ġunju 2021) Konklużjonijiet.

[42] Dawn jikkomplementaw oqfsa oħra bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa, iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, il-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni, u d-Deċennju Diġitali.

[43] Il-mira tar-rata ta' impjieg ġiet stabbilita fid-dawl ta' xenarji ssimulati fuq il-bażi tar-rati ta' tkabbir potenzjali tal-PDG u tal-projezzjonijiet tal-popolazzjoni tal-Eurostat sal-2030 kif ukoll ir-relazzjoni bejn l-impjiegi u l-PDG matul l-irkupru tal-2013-2019.

impjieg fl-UE kienet ta' 72,5 % fl-2020, 5,5 pp anqas mill-ambizzjoni ta' 78 % tal-2030 inkorporata fil-mira ewlenija (ara l-Illustrazzjoni 5).

Ġew stabbiliti għanijiet komplementari mill-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa u taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol, u b'hekk tiġi appoġġata l-mira kumplessiva tar-rata ta' impjieg. L-ambizzjonijiet komplementari għandhom l-għan li jnaqqsu bin-nofs id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi, iżidu l-provvista ta' edukazzjoni u ta' kura formali bikrija tat-tfal (ECEC), u jnaqqsu għal 9 % is-sehem taż-żgħażagħ (15-29) barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs). Iż-żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol hija importanti sabiex jiżdied il-potenzjal tat-tkabbir, u sabiex tiġi indirizzata l-isfida relatata ma' popolazzjoni li qed tixjieħ u ma' forza tax-xogħol li qed tiċkien. Bl-appoġġ ta' ECEC formali, parteċipazzjoni aktar b'saħħitha tan-nisa fis-suq tax-xogħol tista' tikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali, inkluż fost it-tfal, permezz tal-impatt pożittiv fuq l-introjtu tal-unitajiet domestiċi. Bl-istess mod, it-tnaqqis tar-rata ta' NEETs ifisser l-attivazzjoni tal-potenzjal mhux sfruttat taż-żgħażagħ bħala muftieħ sabiex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fis-soċjetà.

Illustrazzjoni 5. Ir-rata ta' impjieg tal-persuni ta' 20-64 sena fl-2020

Sors: Eurostat, indikatur [tesem010]



Il-mira ewlenija għall-2030 dwar il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment tirrifletti l-ħtieġa li jiġu żgurati l-adattament u l-kapaċità li jiġu sfruttati l-benefiċċji f'kuntest ta' ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li jinbidlu malajr, wara x-xokk tal-COVID-19 u fid-dawl tat-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. L-impatt tal-pandemija fuq l-ekonomija u fuq is-soċjetà kif ukoll il-bidliet strutturali li ġejjin jenfasizzaw il-ħtieġa għal rikwalifikazzjoni tul il-karriera u żvilupp tal-ħiliet tul il-ħajja. Dan huwa aktar importanti minn qatt qabel, peress li t-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi huma mistennijin li se jbiddlu b'mod fundamentali l-

ħtiġijiet ta' ħiliet ta' ħafna impjiegi u joħolqu oħrajn ġodda. F'dan il-kuntest, il-mira ewlenija tal-UE dwar l-apprendiment għall-adulti ġiet stabbilita għal 60 %, meta mqabbla mar-rata ta' 37,4 % tal-2016[44] (ara l-Illustrazzjoni 6). Għalhekk, il-mira għall-2030 ġiet stabbilita f'livell ambizzjuż, bi sforzi msaħħin tal-UE u tal-Istati Membri xprunati mill-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa, kif ukoll mill-finanzjament addizzjonali sinifikanti tal-UE mqiegħed għad-dispożizzjoni għat-taħriġ, inkluż taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ara l-Kapitolu 2.2).

L-ilħuq tal-mira dwar l-apprendiment għall-adulti huwa possibbli biss b'pedamenti sodi fis-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, filwaqt li l-kisba tal-ħiliet jeħtieġ li twieġeb għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol tal-futur. Il-kisba edukattiva hija fattur ewlieni fid-determinazzjoni tal-prospetti ta' impjieg taż-żgħażagħ, u tistabbilixxi wkoll il-pedamenti għall-apprendiment aktar tard fil-ħajja. Minkejja dan, sa 9,9 % taż-żgħażagħ fl-UE ma kinux kisbu tal-anqas edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell fl-2020. Għal din ir-raġuni, il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru stabbilixxa l-għanijiet komplementari sabiex ikompli jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola u tiżdied il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell. Barra minn hekk, l-għan komplementari ta' mill-inqas 80 % ta' dawk ta' 16-74 sena li għandhom tal-anqas ħiliet diġitali bażiċi jirrikonoxxi r-rwol ewlieni ta' dawn sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni sħiħa fis-swieq tax-xogħol u fis-soċjetajiet tal-futur. L-azzjoni f'dan il-qasam hija partikolarment urġenti minħabba l-progress bil-mod li sar fl-UE mill-2015 (minn 54 % fl-2015 għal 56 % fl-2019).

[44] Kif ippreżentat f'1.2, l-aħħar *data* disponibbli hija mill-2016. Il-Kummissjoni se timmonitorja l-indikatur flimkien mal-Eurostat u twettaq analiżi bir-reqqa tad-*data* miż-żewġ sorsi ta' stħarriġ meta dawn isiru disponibbli (2023) sabiex tiżgura l-kwalità u l-komparabbiltà tad-*data*.

Illustrazzjoni 6. Il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment matul l-aħħar 12-il xahar (%, 2016)



Sors: estrazzjoni speċjali, disponibbli online mill-Eurostat.

Il-kisba ta' tnaqqis ambizzjuż fil-faqar u fl-esklużjoni soċjali hija essenzjali sabiex jiġu żgurati tkabbir inklużiv u konverġenza soċjali u ekonomika 'l fuq fl-UE. Il-mira għall-2030 tinvolvi tnaqqis ta' 15-il miljun persuna fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) sal-2030[45]. Fl-2020, ir-rata tal-AROPE madwar l-UE kienet ta' 21,9 % (ara l-Illustrazzjoni 7). Sabiex tinkiseb l-ambizzjoni inkorporata fil-mira tal-UE dwar it-tnaqqis tal-faqar, l-Istati Membri se jkollhom jieħdu azzjoni fuq it-tliet dimensjonijiet tal-appoġġ għall-introjtu, tal-aċċess għall-prodotti u għas-servizzi u tal-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol.

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali stabbilixxa bħala għan komplementari t-tnaqqis fin-numru ta' tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali. L-enfasi fuq it-tfal hija kruċjali sabiex jitkisser iċ-ċiklu interġenerazzjonali tal-faqar u sabiex jingħata kontribut għall-opportunitajiet indaqs fl-UE. B'impenn favur din l-ambizzjoni, dan l-għan komplementari jipproponi li n-numru tat-tfal AROPE jitnaqqas b'tal-anqas 5 miljuni sal-2030.

[45] B'kont meħud tax-xenarju demografiku ċentrali tal-Eurostat għad-deċennju tal-2020.

Illustrazzjoni 7: Ir-rata tal-AROPE għall-popolazzjoni kollha fl-2020 (%)



Sors: Indikatur tal-Eurostat [tepsr_lm410]. Il-mira tal-2030 ta' tnaqqis ta' 15-il miljun persuna sal-2030 tkun tikkorrispondi għal rata ta' AROPE ta' 17,6 % skont il-valur bażi fl-2019 u x-xenarju demografiku ċentrali tal-Eurostat għad-deċennju tal-2020.

Oqfsa ta' valutazzjoni komparattiva li jappoġġaw l-analiżi u t-tfassil tal-politika

Il-Komunikazzjoni tal-2017 dwar l-istabbiliment tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproponiet valutazzjoni komparattiva bħala għodda sabiex tappoġġa r-riformi strutturali u trawwem il-konverġenza 'l fuq fl-oqsma tal-impjiegi u soċjali. Bħala eżerċizzju multilaterali, l-oqfsa ta' valutazzjoni komparattiva jikkombinaw indikaturi kwantitattivi (dwar il-prestazzjoni u l-eżiti) mal-analiżi kwalitattiva tal-karatteristiċi tat-tfassil tal-politika u l-lievi tal-politika li jaffettwaw it-tfassil tajjeb tal-politika. Minbarra l-appoġġ għat-tfassil tal-politika, l-oqfsa ta' valutazzjoni komparattiva, flimkien mal-indikaturi tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, jgħinu sabiex jinformaw l-analiżi fis-Semestru Ewropew u fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi.

Mill-2017, l-oqfsa ta' valutazzjoni komparattiva ġew żviluppati mill-Kummissjoni u ġew diskussi mal-Istati Membri f'diversi oqsma, f'konformità ma' approċċ komuni miftiehem mill-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS). L-oqfsa indirizzaw l-oqsma 1) tal-benefiċċji tal-qgħad u l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, 2) tal-ħiliet u l-apprendiment għall-adulti, u 3) tal-introjtu minimu. Ir-riżultati ewlenin ta' dawn l-eżerċizzji ġew irrapportati fir-rapporti Konġunti dwar l-Impjiegi preċedenti. Il-Kummissjoni bdiet taħdem ukoll fuq oqfsa addizzjonali għal użu possibbli fiċ-ċikli futuri tas-Semestru, b'mod partikolari f'kooperazzjoni mal-Kumitat tal-Impjiegi dwar il-valutazzjoni komparattiva tal-pagi minimi u dwar l-immappjar tan-negozjar kollettiv, u mal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar l-adegwatezza tal-pensjonijiet u dwar l-indukrar tat-tfal u l-appoġġ għat-tfal.

Il-qafas dwar l-indukrar tat-tfal u l-appoġġ għat-tfal ġie miftiehem mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali f'Ottubru 2021. Dan jidentifika indikaturi tal-eżitu (dwar l-edukazzjoni bikrija tat-tfal u l-attendenza għall-indukrar, il-faqar fost it-tfal u d-deprivazzjoni speċifika għat-tfal) u indikaturi tal-prestazzjoni (id-distakk fl-attendenza għall-indukrar tat-tfal fil-kwintili tal-introjtu, l-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq il-faqar tat-tfal, id-distakki fil-piż eċċessiv tal-kost tal-abitazzjoni u fir-rata ta' privazzjoni ta' akkomodazzjoni għat-tfal, l-impatt tal-filjazzjoni fuq l-impjiegi fil-grupp ta' età ta' bejn il-25 u d-49 sena u s-sehem tal-popolazzjoni, li għandhom bejn 25 u 49 sena, mhux attiva jew li taħdem part-time minħabba responsabbiltajiet ta' kura, skont il-ġeneru). Sabiex tiġi vvalutata l-adegwatezza tal-appoġġ għall-introjtu, ġew miftehmin żewġ indikaturi relatati mal-introjtu ta' koppja li ma taħdimx b'żewġt itfal u dak ta' koppja b'paga baxxa waħda b'żewġt itfal, it-tnejn bħala sehem mis-soll tal-faqar. Firxa ta' informazzjoni kuntestwali hija pprovduta għal kontabbiltà aħjar għas-sitwazzjonijiet tal-Istati Membri fil-monitoraġġ tax-xejriet. Xi oqsma huma enfasizzati wkoll għal aktar ħidma, speċjalment fuq il-lievi tal-politika.

Bit-tisħiħ tal-fehim komuni tal-indikaturi pertinenti u tal-lievi tal-politika f'qasam ta' politika, l-oqfsa ta' valutazzjoni komparattiva jagħtu kontribut qawwi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Wara l-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-oqfsa ta' valutazzjoni komparattiva futuri se jiġu aġġustati għat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta. Ir-riżultati ewlenin ta' dawn l-eżerċizzji huma rrapportati fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi.

IMPJIEGI U RIFORMI SOĊJALI – PRESTAZZJONI U AZZJONI TAL-ISTATI MEMBRI

2.1. Linja Gwida 5: Nagħtu spinta lid-domanda għax-xogħol

Din it-taqsima tħares lejn l-implimentazzjoni tal-linja gwida nru. 5 dwar l-impjiegi, li tirrakkomanda li l-Istati Membri joħolqu l-kundizzjonijiet li jippromwovu d-domanda għall-ħaddiema u l-ħolqien tax-xogħol, f'konformità mal-prinċipji 4 (appoġġ attiv għall-impjiegi) u 6 (salarji) tal-Pilastru. Is-subtaqsima 2.1.1 tiffoka fuq l-iżviluppi ewlenin fis-suq tax-xogħol, li jirriflettu wkoll l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19. Is-subtaqsima 2.1.2 tirrapporta dwar il-miżuri implimentati mill-Istati Membri f'dawn l-oqsma, b'enfasi speċjali fuq dawk li żammew l-impjiegi fil-kriżi tal-COVID-19 u jappoġġaw il-ħolqien tax-xogħol.

2.1.1 Indikaturi ewlenin

Wara x-xokk inizjali mill-kriżi tal-COVID-19, l-eżiti tas-suq tax-xogħol stabbilizzaw fl-2021. Minkejja tnaqqis ta' 6 % sena wara sena fil-PDG tal-UE fl-2020, ir-rata tal-qgħad żdiedet biss b'0,4 pp, minn medja ta' 6,7 % għal 7,1 % matul l-istess perjodu (b'żieda ta' 1,4 pp fiċ-ċifri ta' kull xahar mill-aktar livelli baxxi ta' qabel il-kriżi ta' 6,3 % f'Marzu 2020 sal-ogħla livell ta' 7,7 % f'Settembru 2020). Miżuri ta' appoġġ fil-forma ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u skemi oħrajn ta' żamma tal-impjiegi kkontribwew għaż-żieda relattivament limitata fil-qgħad. Parteċipazzjoni aktar baxxa fis-suq tax-xogħol, l-aktar minħabba l-biża' ta' kontaġju u t-tnaqqis fl-opportunitajiet sabiex jinstab impjieg minħabba attività ekonomika batuta, immitigaw iż-żieda fir-rata tal-qgħad ukoll. Filwaqt li l-irkupru ekonomiku se jsostni l-ħolqien tax-xogħol, qabel l-2022 ma huwiex mistenni li se jerġgħu jinkisbu l-livelli ta' impjieg ta' qabel il-kriżi. Dan minkejja l-fatt li f'Settembru 2021 ir-rata tal-qgħad qed toqrob lejn il-livell ta' qabel il-kriżi (6,7 %).

In-numru ta' ħaddiema li jibbenefikaw minn skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u minn skemi simili ta' żamma tal-impjiegi baqa' għoli sa nofs l-2021. L-Istati Membri kollha tal-UE introduċew jew saħħew skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u/jew skemi simili ta' żamma tal-impjiegi fil-kriżi tal-COVID-19. Matul l-ewwel mewġa tal-pandemija (April-Mejju 2020), l-użu ta' skemi bħal dawn laħaq livelli mingħajr preċedent (sa 40 % tal-impjegati totali f'sa 60 % tal-kumpaniji kollha fl-Istati Membri bħal Franza u l-Italja, ara l-Illustrazzjoni 2.1.1). Għalkemm f'livelli aktar baxxi, l-użu ta' dawn l-iskemi baqa' sinifikanti fit-tieni nofs tal-2020 u fl-ewwel nofs tal-2021. Dawn il-miżuri ta' appoġġ ikkontribwew b'mod sinifikanti sabiex jillimitaw l-impatt tal-pandemija fuq is-suq tax-xogħol, b'mod partikolari f'termini ta' rati ta' impjieg u b'mod partikolari għall-ħaddiema b'introjti aktar baxxi (Eurostat, 2021[46]). F'xi Stati Membri (eż. l-Estonja u l-Latvja), l-iskemi ngħalqu u mbagħad ġew introdotti mill-ġdid sabiex jindirizzaw iż-żieda mill-ġdid tal-pandemija. Bħala parti mir-rispons tal-UE għall-pandemija, fl-2020 19-il Stat Membru, b'total ta' madwar 31 miljun persuna u 2,5 miljun ditta, irċivew appoġġ minn SURE [47]. Se jkun importanti li jiġi żgurat li l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jiffaċilitaw u jappoġġaw il-proċessi ta' ristrutturar u ma jittardjawx l-

---

[46] L-impatt tal-COVID-19 fuq l-introjtu mill-impjiegi - stimi avvanzati - Statistika Spjegata (europa.eu).
[47] It-tieni rapport dwar l-implimentazzjoni ta' SURE (COM/2021/596).

aġġustamenti strutturali. Għal dan l-għan, il-miżuri eċċezzjonali ta' emerġenza għandhom jitneħħew gradwalment la jasal iż-żmien.

Illustrazzjoni 2.1.1: Il-proporzjon ta' impjegati u ta' kumpaniji appoġġati minn miżuri ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u minn miżuri oħrajn għaż-żamma tal-impjiegi naqas gradwalment

Il-kopertura tal-miżuri għaż-żamma tal-impjiegi varjat fost l-Istati Membri (f'%, l-ewwel trimestru tal-2020 sat-tieni trimestru tal-2021)



Nota: L-ebda *data* disponibbli għaċ-Ċekja u għar-Rumanija.
Sors: Eurostat, statistika dwar il-COVID-19[48]

Il-qgħad fil-maġġoranza tal-Istati Membri tal-UE mar għall-agħar fl-2020 meta mqabbel mal-2019. Fl-2020, ir-rata tal-qgħad żdiedet fl-Istati Membri kollha ħlief f'erba' Stati Membri meta mqabbla mal-2019 (ara l-Illustrazzjoni 2.1.2), bl-ogħla livell għall-UE (7,7 %) li ntlaħaq f'Settembru 2020. Is-sitwazzjoni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali għadha "kritika" fi Spanja, li rreġistrat żieda fl-2020 minn rata tal-qgħad diġà għolja, filwaqt li l-Greċja u l-Italja huma "sitwazzjoni dgħajfa iżda li qed titjieb". Is-sitwazzjoni tal-qgħad fl-Istati Baltiċi marret għall-agħar b'mod sinifikanti matul l-2020, għalkemm *data* riċenti tindika li fl-2021 kien hemm irkupru. Fl-ewwel disa' xhur tal-2021, it-tnaqqis l-aktar b'saħħtu fil-qgħad ġie rreġistrat f'Ċipru (-3,5 pp), fil-Greċja (-3,1 pp) u fl-Awstrija (-2,1 pp). Matul l-istess perjodu ġie rreġistrat titjib iżgħar, iżda xorta ogħla minn 1 pp fl-Irlanda, fid-Danimarka, fis-Slovenja, fl-Estonja u fi Spanja.

[48] Is-soċjetà u x-xogħol - COVID-19 - Eurostat (europa.eu).

Illustrazzjoni 2.1.2: Il-qgħad żdied fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fl-2020

Ir-rata tal-qgħad (15-74 sena) u-tibdil annwali mill-2019 għall-2020 (indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)



Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness.
Sors: Eurostat, [une_rt_a] LFS.

Skont l-indikatur tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, l-impjiegi fi kważi l-pajjiżi kollha tal-UE naqsu fl-2020 meta mqabbla mal-2019. Kif muri fl-Illustrazzjoni 2.1.3, il-Greċja, l-Italja u Spanja għadhom f'"sitwazzjonijiet kritiċi" skont il-metodoloġija tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, minħabba tnaqqis ulterjuri fl-impjiegi li ħallew rati ta' madwar 65 % jew anqas. Min-naħa l-oħra, l-Iżvezja, il-Ġermanja, iċ-Ċekja u n-Netherlands huma "bl-aqwa prestazzjoni" (b'rati qrib jew ogħla minn 80 % fl-2020). B'mod kumplessiv, ir-rata ta' impjieg tal-UE (grupp ta' età 20-64) naqset għal 72,5 fl-2020 (-0,7 pp meta mqabbla mal-2019). Ir-rati ta' impjieg bdew jirkupraw fit-tielet trimestru tal-2020. Madankollu, l-impjiegi fl-UE (impjegati u ħaddiema għal rashom) kienu 1 % anqas fit-tieni trimestru tal-2021 (skont id-*data* tal-kontijiet nazzjonali) milli fl-ogħla livell fl-aħħar trimestru tal-2019, b'differenzi reġjonali persistenti (ara l-Anness 3). Id-distakk fir-rati ta' impjieg tal-UE bejn l-ibliet u ż-żoni rurali ma kinitx affettwata mill-kriżi tal-COVID-19 u kienet ta' 0,9 pp fl-2020 għall-popolazzjoni ta' 20-64 sena (tnaqqis ta' 0,1 pp mill-2019). Id-*data* tal-kontijiet nazzjonali turi

li mill-ewwel trimestru sat-tieni trimestru tal-2021, it-tkabbir fl-impjiegi kien pożittiv fl-Istati Membri kollha ħlief għall-Estonja u għal Spanja. F'disa' Stati Membri (il-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, il-Polonja u l-Portugall), ir-rata ta' impjieg fit-tieni trimestru tal-2021 kienet qabżet il-livelli ta' qabel il-kriżi (ir-raba' trimestru tal-2019).

Illustrazzjoni 2.1.3: Ir-rata ta' impjieg naqset fi kważi l-Istati Membri kollha fl-2020
Ir-rata ta' impjieg (20-64 sena) u-tibdil annwali fiha mill-2019 għall-2020 (indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)



Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness.
Sors: Eurostat [lfsi_emp_a], LFS.

L-Istati Membri kollha minbarra tnejn esperjenzaw tnaqqis fis-sigħat maħdumin għal kull persuna impjegata sa mill-bidu tal-kriżi tal-COVID-19. Bħala riżultat tal-miżuri sabiex jiġi kkontrollat l-impatt immedjat tal-kriżi fuq l-impjiegi, it-tnaqqis fit-total ta' sigħat maħdumin juri tnaqqis aktar serju milli seta' ġie ssuġġerit mill-bidliet fir-rati aggregati ta' impjieg (Illustrazzjoni 2.1.4). Il-grad sa fejn it-telf fl-impjiegi jista' jiġi evitat jiddependi wkoll fuq il-karatteristiċi tax-xogħol, inklużi n-natura kritika u l-grad ta' "possibbiltà ta' telexogħol" tal-okkupazzjonijiet u l-interazzjoni soċjali meħtieġa. Wara ż-żieda f'daqqa fit-tieni trimestru tal-2020, in-numru ta' ħaddiema assenti mix-xogħol naqas għal-livelli ta' qabel il-pandemija fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Sa mill-bidu tal-irkupru, is-sigħat maħdumin baqgħu taħt il-livelli ta' qabel il-pandemija fil-pajjiżi kollha ħlief għad-Danimarka u għall-

Polonja. Livelli baxxi ta' sigħat maħdumin jistgħu jirriflettu l-użu ta' xogħol b'ħinijiet iqsar fid-dawl tal-attività li għadha mnaqqsa; madankollu, lanqas ma huwa ċar meta s-sigħat maħdumin għal kull impjegat se jerġgħu lura għal-livelli ta' qabel il-kriżi[49]. Diżaggregazzjoni skont il-ġeneru tal-iżviluppi fis-sigħat maħdumin hija ppreżentata fit-taqsima 2.2.

Illustrazzjoni 2.1.4: Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rreġistraw tnaqqis sinifikanti fl-impjiegi u fit-total ta' sigħat maħdumin

It-tibdil fit-total ta' impjiegi u fit-total ta' sigħat maħdumin bejn ir-raba' trimestru tal-2019 u t-tieni trimestru tal-2021 (f'%)



Nota: *data* aġġustata skont l-istaġun u l-kalendarju, ħlief dik aġġustata skont l-istaġun biss għal CZ, EL, FR, MT, PL, PT, SK (impjiegi) u MT, SK (sigħat maħdumin). Ma hemmx *data* disponibbli għal BE dwar is-sigħat maħdumin. Id-*data* dwar LU u IE hija għall-ewwel trimestru tal-2021.

Sors: Eurostat [namq_10_a10_e] Kontijiet nazzjonali

L-impjiegi naqsu aktar bis-saħħa f'setturi aktar affettwati mil-lockdowns u mill-miżuri ta' konteniment neċessarji introdotti sabiex tiġi miġġielda l-pandemija. L-ogħla tnaqqis fl-impjiegi ġie rreġistrat fis-setturi l-aktar affettwati b'mod sever mil-lockdowns, bħall-akkomodazzjoni, l-ikel, l-attivitajiet tal-aġenziji tal-ivvjaġġar, il-kultura u s-servizzi tal-unitajiet domestiċi[50]. Għall-kuntrarju, il-manifattura ta' farmaċewtiċi bażiċi, l-assigurazzjoni, l-ipprogrammar tal-kompjuters u t-telekomunikazzjoni huma fost l-attivitajiet li esperjenzaw l-ogħla żidiet fl-impjiegi fl-2020 (meta mqabbla mas-sena ta' qabel)[51]. L-aktar setturi affettwati kienu wkoll fost il-benefiċjarji ewlenin mill-arranġamenti ta' xogħol b'ħinijiet iqsar.

[49] Il-Kummissjoni Ewropea (2021), Labour Market and Wage Developments in Europe, Annual review 2021. Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (pubblikazzjoni pendenti).
[50] Eurofound (2021), COVID-19: Implications for employment and working life, COVID-19 series, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.
[51] Il-Kummissjoni Ewropea (2021) Employment and social developments in Europe 2021.

L-impjiegi indipendenti naqsu aktar mill-impjiegi totali, b'xi differenzi bejn il-pajjiżi. Fl-2020, in-numru ta' ħaddiema għal rashom fl-UE naqas b'1,5 % u dawn jirrappreżentaw sehem ta' 14 %; dan it-tnaqqis kien l-aktar evidenti fost il-ħaddiema għal rashom bl-impjegati (-4,7 %). Il-ħaddiema għal rashom intlaqtu b'mod partikolari fil-Ġermanja u fl-Italja. Madankollu ħdax-il Stat Membru rreġistraw tkabbir fin-numru ta' ħaddiema għal rashom, b'mod partikolari l-Polonja, Franza, in-Netherlands u l-Ungerija. Fit-tieni trimestru tal-2021, in-numru ta' ħaddiema għal rashom fl-UE naqas bi 2,6 % meta mqabbel mal-istess trimestru ta' sena qabel, bi tnaqqis ta' 5 % fost il-ħaddiema għal rashom waħedhom. L-akbar tnaqqis fl-2021 ġie rreġistrat fir-Rumanija, fl-Italja, fil-Portugall u fin-Netherlands. Bejn l-ewwel trimestru tal-2021 u t-tieni trimestru tal-2021, filwaqt li l-impjiegi totali kienu qed jirkupraw fl-UE, l-impjiegi indipendenti[52] ma rkuprawx.

Il-kriżi tal-COVID-19 naqqset temporanjament il-livelli storikament għoljin ta' nuqqas ta' ħaddiema li kienu ntlaħqu qabel, iżda fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri reġgħu qed jiżdiedu. In-nuqqas ta' ħaddiema jseħħ meta l-impjegaturi ma jkunux jistgħu jsibu l-ħaddiema li jeħtieġu sabiex jimlew il-postijiet tax-xogħol vakanti miftuħin. Qabel il-kriżi, fit-tieni trimestru tal-2019, ir-rata tal-postijiet tax-xogħol vakanti kienet ta' 2,4 % fl-EU-27. Ir-rata ta' postijiet tax-xogħol vakanti naqset għal 1,6 % fit-tieni trimestru tal-2020, u minn dak iż-żmien kompliet tiżdied sabiex laħqet it-2,3 % fit-tieni trimestru tal-2021, u kważi reġgħet assorbiet lura kompletament l-impatt tax-xokk tal-COVID-19. Skont l-Istħarriġiet Ewropej dwar in-Negozju u l-Konsumatur (EU-BCS), qabel il-pandemija n-nuqqas ta' ħaddiema kien fl-ogħla livell storiku tiegħu fi 15-il Stat Membru (l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Greċja, Franza, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija u s-Slovakkja – ara l-Illustrazzjoni 2.1.5)[53]. It-tnaqqis fl-attività ekonomika kkawżat mill-COVID-19 wassal għal tnaqqis fin-nuqqas ta' ħaddiema fi kważi l-Istati Membri kollha[54]. Fl-2021, wara t-tnaqqis tal-miżuri tal-lockdown u l-irkupru ekonomiku gradwali, in-nuqqas ta' ħaddiema reġa' beda jiżdied fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. F'setturi bħall-kostruzzjoni, is-saħħa u l-kura fit-tul, kif ukoll l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, in-nuqqas sa minn dejjem ta' ħiliet huwa l-fattur ewlieni wara dan il-proċess. Fit-tieni trimestru tal-2021, in-nuqqasijiet imxew aktar qrib il-livelli tagħhom ta' qabel il-pandemija , filwaqt li l-qgħad naqas biss b'mod marġinali. Xi Stati Membri esperjenzaw żieda aktar qawwija fin-nuqqas ta' ħaddiema minn oħrajn. L-ishma tal-impjegaturi li rrapportaw li n-nuqqas ta' ħaddiema kien fattur ewlieni li jillimita l-produzzjoni fl-ewwel tliet trimestri tal-2021 kienu l-ogħla (aktar minn 20 %) fil-Polonja, fir-Rumanija, fil-Litwanja, fil-Kroazja, fil-Greċja u fil-Ġermanja.

Illustrazzjoni 2.1.5: In-nuqqas ta' ħaddiema rrapportat naqas bħala riżultat tal-pandemija fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, iżda għal darb'oħra qed jerġa' jiżdied aktar ma l-irkupru jikkonsolida ruħu

Indiċi tan-nuqqas ta' ħaddiema - Is-sehem ta' impjegaturi fil-manifattura, fis-servizzi u fil-kostruzzjoni li jirrapportaw li n-nuqqas ta' ħaddiema huwa fattur ewlieni li jillimita l-produzzjoni tagħhom (f'%, 2013-2021).

[52] Ċifri tal-kontijiet nazzjonali, aġġustati skont l-istaġun.
[53] Ir-riżultati jikkorrelataw b'mod wiesa' mas-sejbiet mill-Istħarriġ dwar l-Investiment tal-2019 tal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment.
[54] Għalkemm dan x'aktarx kien limitat bl-introduzzjoni ta' miżuri ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u ta' miżuri oħrajn ta' appoġġ għall-impjiegi.



Noti: Il-pajjiżi huma kklassifikati f'ordni dekrexxenti tan-nuqqas ta' ħaddiema fl-2021. Id-*data* għall-2021 hija kkalkolata bħala l-medja tal-ewwel tliet trimestri.
Sors: EU-BCS.

Il-kriżi tal-COVID-19 ikkawżat tnaqqis kbir fir-rata ta' tkabbir fil-pagi nominali, segwit minn irkupru fl-ewwel nofs tal-2021. Meta mqabbla mal-2019, meta l-pagi[55] espandew b'rata ta' 3,6 % għall-EU-27, fl-2020 it-tkabbir fil-pagi kien negattiv, b'-1,8 %. It-tnaqqis jista' tal-anqas jiġi spjegat parzjalment mill-impatt tax-xogħol b'ħinijiet iqsar, b'varjazzjonijiet li jiddependu mit-tfassil tal-miżuri nazzjonali[56]. Madankollu, l-aggregat negattiv jaħbi eteroġenità sostanzjali fost il-pajjiżi. Fl-2020, il-Litwanja, ir-Rumanija, il-Polonja, in-Netherlands u l-Bulgarija rreġistraw tkabbir nominali għoli fil-pagi ta' 3 % jew aktar. Il-pagi naqsu fil-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Ewropa, flimkien mal-Belġju, mal-Awstrija u mal-Finlandja. L-akbar rati ta' deċellerazzjoni ġew irreġistrati fl-Italja (-6,9 %), fi Spanja (-5,4 %), fi Franza (-3,9 %) u f'Ċipru (-3,6 %) (Illustrazzjoni 2.1.6). Dan huwa prinċipalment dovut għat-tnaqqis tas-sigħat maħdumin assoċjat mal-użu mifrux ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar. Fl-ewwel nofs tal-2021, b'diversi Stati Membri li ħarġu mir-reċessjoni, u bl-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar li bdew jiġu eliminati gradwalment, l-Istati Membri kollha, minbarra l-Irlanda u ċ-Ċekja, reġgħu rreġistraw żidiet fit-tkabbir tal-pagi. B'mod kumplessiv, fl-ewwel nofs tal-2021, it-tkabbir fil-pagi kien ta' 3,6 % kemm fl-UE kif ukoll fiż-żona tal-euro.

[55] Imkejlin skont il-kumpens nominali għal kull impjegat.
[56] F'pajjiżi fejn il-benefiċċji jitħallsu direttament lill-impjegati u jiġu rreġistrati bħala trasferimenti soċjali, skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar wasslu għal tnaqqis osservat fil-kostijiet tal-pagi.

Illustrazzjoni 2.1.6: It-tkabbir fil-pagi nominali qaleb għan-negattiv matul il-kriżi f'diversi Stati Membri iżda rkupra fl-2021
Kumpens nominali għal kull impjegat (bidla ta' % annwali, 2019-2020 u t-tieni trimestru tal-2021)



Noti: (1) Il-pagi jitkejlu bl-indikatur "Kumpens nominali għal kull impjegat", li jiġi kkalkolat bħala kumpens totali lill-impjegati diviż bin-numru totali ta' impjegati. Il-kumpens totali huwa definit bħala r-remunerazzjoni totali, fi flus jew *in natura*, pagabbli mill-impjegatur lil impjegat bħala kumpens għal xogħol magħmul minn dan tal-aħħar matul il-perjodu bażi tal-kontijiet u għandu żewġ komponenti: i) Pagi u salarji pagabbli fi flus jew *in natura*; u ii) Kontribuzzjonijiet soċjali pagabbli mill-impjegaturi. (2) Id-*data* kollha użata hija *data* tal-kontijiet nazzjonali. L-indikaturi huma bbażati fuq il-valuri tal-munita nazzjonali. (3) Il-pajjiżi huma kklassifikati f'ordni axxendenti tat-tkabbir fil-pagi reali fl-2020.
Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, il-bażi tad-*data* tal-AMECO.

Il-pagi reali naqsu f'numru ta' Stati Membri u flimkien għall-UE fl-2020, iżda reġgħu żdiedu fl-2021. Id-Danimarka, l-Ungerija, il-Ġermanja, l-Awstrija, iċ-Ċekja, Malta, Ċipru, il-Finlandja, il-Belġju, il-Lussemburgu u Franza esperjenzaw tnaqqis sena wara sena tat-tkabbir fil-pagi reali fl-2020 (ara l-Illustrazzjoni 2.1.7). L-akbar tnaqqis ġie osservat fi Franza (-5,2 %) u fil-Lussemburgu (-3,0 %). Għall-kuntrarju, fl-2020 il-pagi reali żdiedu l-aktar fil-Litwanja (7,0 %), fil-Latvja (5,3 %) u fir-Rumanija (3,4 %). Wara tkabbir negattiv fil-pagi reali medji fl-2020 (-0,9 %), il-pagi reali żdiedu b'1,1 % fl-UE fl-ewwel nofs tal-2021. L-ogħla tkabbir fil-pagi reali fl-ewwel nofs tal-2021 ġie rreġistrat fil-Litwanja (3,9 %), fi Franza (3,7 %) u fl-Ungerija (3,1 %). 'Il quddiem, l-inċertezza dwar il-prospettiva tal-inflazzjoni tista' tinfluwenza l-iżviluppi fil-pagi reali[57].

[57] It-tbassir tas-sajf tal-2021 tal-Kummissjoni Ewropea jipproġetta żieda moderata fl-inflazzjoni fl-2021 u fl-2022, iżda jinnota li l-inflazzjoni tista' tirriżulta ogħla mit-tbassir jekk ir-restrizzjonijiet fuq il-provvista jkunu aktar persistenti u l-pressjonijiet fuq il-prezzijiet jingħaddew fuq il-prezzijiet għall-konsumatur aktar bis-saħħa. Ara d-Dokument istituzzjonali 156 tal-Kummissjoni Ewropea, Lulju 2021 (tbassir tas-sajf).

Illustrazzjoni 2.1.7: Fl-2020, il-pagi reali naqsu bħala medja fl-UE iżda reġgħu żdiedu fl-ewwel nofs tal-2021
Il-kumpens reali għal kull impjegat, il-PDG tad-deflatur (bidla ta' % annwali; 2018, 2019, 2020 u t-tieni trimestru tal-2021)



Sors: AMECO

Il-pagi fis-siegħa żdiedu b'mod sinifikanti fl-2020 minħabba l-aġġustament drastiku 'l isfel fis-sigħat maħdumin b'rabta mal-miżuri ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u ma' miżuri simili għaż-żamma tal-impjiegi. Il-pagi fis-siegħa żdiedu b'madwar 4,6 % u 5,2 % għall-UE u għaż-żona tal-euro rispettivament (l-ogħla rati mill-2001), u żdiedu mit-2,7 % u mit-2,2 % fl-2019. Fuq bażi trimestrali, il-bidliet simetriċi osservati fil-kumpens fis-siegħa u l-kumpens għal kull impjegat jissuġġerixxu li t-tnaqqis fil-kumpens għal kull impjegat kien dovut l-aktar għat-tnaqqis fis-sigħat maħdumin, l-aktar b'rabta max-xogħol b'ħinijiet iqsar. F'xi Stati Membri (l-Awstrija, il-Greċja, Franza, Malta u s-Slovenja), iż-żidiet fil-kumpens fis-siegħa kienu aktar minn erba' darbiet ogħla minn dawk osservati fil-kumpens nominali għal kull impjegat. Fl-ewwel trimestru tal-2021, il-kumpens għal kull siegħa fl-UE kiber b'rata kemxejn ogħla milli fl-aħħar trimestru tal-2020 (0,3 %).

Impjieg mhux dejjem jipprovdi introjtu għal għajxien deċenti. Il-faqar fost dawk li jaħdmu żdied minn 8,5 % fl-2010 għal 9,0 % fl-2019 fl-EU-27[58] (kif rifless fl-Illustrazzjoni 2.1.8). B'mod ġenerali, il-ħaddiema b'kuntratti temporanji jaffaċċjaw riskju ogħla ta' faqar

[58] Id-*data* tal-EU-27 ma kinitx disponibbli fid-data limitu tat-28 ta' Ottubru 2021. Il-faqar fost dawk li jaħdmu huwa s-sehem ta' persuni li jaħdmu u li għandhom introjtu disponibbli ekwivalizzat taħt il-limitu tar-riskju ta' faqar, li huwa stabbilit għal 60 % tal-introjtu disponibbli ekwivalizzat medjan nazzjonali (wara t-trasferimenti soċjali). Għall-2007, id-*data* tirreferi għall-uniku aggregat komparabbli tal-UE disponibbli għal dik is-sena, jiġifieri l-EU-27, inkluż ir-Renju Unit iżda eskluża l-Kroazja. Fil-medja tas-27 Stat Membru kurrenti (jiġifieri inkluża l-Kroazja u eskluż ir-Renju Unit), il-faqar fost dawk li jaħdmu żdied minn 8,5 % fl-2010 (l-aktar *data* bikrija disponibbli) għal 9 % fl-2019.

fost dawk li jaħdmu milli għal dawk b'kuntratti permanenti (16,2 % vs 5,9 %), u hekk ukoll ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet meta mqabbla ma' dawk b'livell għoli ta' ħiliet (19 % vs 4,9 %). Barra minn hekk, il-ħaddiema li ma twildux fl-UE huma ferm aktar probabbli li jesperjenzaw il-faqar fost dawk li jaħdmu min-nattivi (20,1 % meta mqabblin ma' 8,1 %). L-Illustrazzjoni 2.1.8 turi li fl-2019, aktar minn 10 % tal-ħaddiema kienu fir-riskju tal-faqar fir-Rumanija, fi Spanja, fil-Lussemburgu, fl-Italja, fil-Portugall u fil-Greċja. Fi ħdan dan il-grupp, fl-2019 ir-rata ta' faqar fost dawk li jaħdmu żdiedet meta mqabbla mal-2010 fi Spanja, fl-Italja, fil-Lussemburgu u fil-Portugall.

Illustrazzjoni 2.1.8: Il-faqar fost dawk li jaħdmu żdied fl-UE matul l-aħħar deċennju.
Ir-rata tar-riskju tal-faqar fost dawk li jaħdmu, 2019 u 2010 (f'%)



Sors: Eurostat [ilc_iw01]

Minkejja ż-żidiet riċenti fil-paga minima f'ħafna Stati Membri, il-pagi minimi statutorji spiss jibqgħu baxxi meta mqabblin ma' pagi oħrajn fl-ekonomija. Fi kważi l-Istati Membri kollha, il-paga minima statutorja hija anqas minn 60 % mill-paga medjana u anqas minn 50 % tal-paga medja (ara l-Illustrazzjoni 2.1.9). Barra minn hekk, fl-istess sena, f'pajjiżi li jinkludu l-Litwanja, l-Irlanda, in-Netherlands, l-Ungerija, l-Estonja, il-Latvja u ċ-Ċekja, il-paga minima kienet anqas minn 50 % tal-paga medjana u anqas minn 40 % tal-paga medja[59].

Illustrazzjoni 2.1.9: Fi kważi l-Istati Membri kollha, il-paga minima statutorja hija anqas minn 60 % tal-paga medjana u minn 50 % tal-paga medja.
Il-pagi minimi statutorji bħala perċentwal tal-paga gross medjana u medja ta' ħaddiema full-time (f'%, 2019)



Nota: Il-graff ma tinkludix lil AT, CY, DK, FI, IT u SE, li ma għandhomx paga minima statutorja. F'dawn il-pajjiżi, il-protezzjoni tal-paga minima hija pprovduta minn ftehimiet kollettivi.

Sors: Eurostat [earn_mw_cur], OECD

In-negozjar kollettiv għandu rwol importanti fil-kisba ta' protezzjoni adegwata tal-paga minima fl-Unjoni. Il-kopertura tan-negozjar kollettiv kompliet tonqos f'ħafna Stati Membri matul l-aħħar żewġ deċennji. Ix-xejra 'l isfel kienet l-aktar evidenti fil-Greċja, fir-Rumanija, fil-Bulgarija, fis-Slovakkja, f'Ċipru u fis-Slovenja (ara l-Illustrazzjoni 2.1.10). F'diversi Stati Membri, it-tnaqqis fil-kopertura tan-negozjar kollettiv jista' jiġi spjegat minn tnaqqis fin-negozjar ma' diversi impjegaturi fil-livell settorjali jew nazzjonali bħala riżultat ta' bidliet regolatorji, ta' aġġustamenti fil-modalitajiet tal-estensjoni tan-negozjar kollettiv jew ta' bidliet f'fatturi oħrajn bħad-densità tal-organizzazzjoni tal-impjegaturi[60] u s-sħubija fit-trade unions[61]. Barra minn hekk, ix-xejra kienet xprunata mill-bidliet strutturali fl-ekonomija lejn setturi anqas organizzati f'unions, b'mod partikolari s-servizzi, u mit-tnaqqis fis-sħubija fit-trade unions relatat maż-żieda f'forom ta' xogħol mhux standard, bħax-xogħol fuq il-pjattaformi. F'pajjiżi fejn il-pagi minimi huma stabbiliti esklussivament permezz tan-negozjar kollettiv, il-livell ta' kopertura huwa ogħla minn 80 %. L-unika eċċezzjoni hija Ċipru, bi tnaqqis sinifikanti fl-aħħar żewġ deċennji (minn 65 % għal 43 %), u bidla mħabbra lejn paga minima leġiżlattiva sal-2022. Fl-Italja, fi Spanja, fil-Finlandja u fid-Danimarka, il-kopertura żdiedet mill-2000, filwaqt li fl-Awstrija l-kopertura tan-negozjar kollettiv baqgħet fl-istess livell għoli (b'98 % tal-impjegati koperti). Il-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar

[60] Id-densità tal-organizzazzjoni tal-impjegaturi hija ddefinita bħala s-sħubija f'termini tal-impjegati kollha mħaddmin mid-ditti membri bħala sehem mit-total tal-impjegati fil-qasam organizzazzjonali tal-organizzazzjonijiet
[61] Il-Kummissjoni Ewropea (2021), *Employment and Social Developments in Europe*, Annual Review.

pagi minimi adegwati[62] għandha l-għan li ttejjeb l-adegwatezza tagħhom ukoll permezz tal-promozzjoni ta' negozjar kollettiv dwar il-pagi. Il-Kummissjoni qed tipprovdi appoġġ sabiex issaħħaħ il-kapaċità tas-sħab soċjali taħt is-sejħiet prerogattivi għal djalogu soċjali, il-Programm tal-UE għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) u l-FSE+.

Illustrazzjoni 2.1.10: Ir-rata ta' kopertura tan-negozjar kollettiv fost l-impjegati naqset fi kważi l-Istati Membri kollha matul il-perjodu 2000-2019

In-numru ta' impjegati koperti mill-ftehim kollettiv, diviż bin-numru totali ta' impjegati li jaqilgħu paga u salarju (f'%, 2000 u 2019).



Nota: (1) L-aħħar *data* disponibbli hija: mill-2019 (AT, BE, CZ, HU, IT, LT, NL, PL, PT), mill-2018 (BG, DE, DK, ES, FR, LU, LV, SE), mill-2017 (EL, FI, IE, SI, RO), mill-2016 (CY, MT), mill-2015 (SK) u mill-2014 (HR). (2) Għall-IT, il-kopertura ġiet riveduta għal 100 %, li tirrifletti l-fatt li l-pagi bażi stabbiliti fi ftehimiet kollettivi (minimi tabellari) jintużaw mit-Tribunali Industrijali bħala referenza għall-applikazzjoni tal-prinċipju kostituzzjonali ta' remunerazzjoni proporzjonata u suffiċjenti

Sors: Bażi tad-*data* tal-OECD/AIAS (2021)

It-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali huma mistennijin li jinfluwenzaw b'mod sinifikanti l-iżviluppi futuri fis-suq tax-xogħol. Il-pandemija aċċellerat ix-xejriet li għaddejjin fid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomiji u tas-soċjetajiet tal-UE. It-teknoloġiji diġitali jġibu modi ġodda kif wieħed jitgħallem, jaħdem, jilħaq l-ambizzjonijiet, u jtejjeb l-aċċess għall-opportunitajiet ta' edukazzjoni u ta' xogħol. Fis-suq tax-xogħol, joħolqu opportunitajiet ġodda ta' impjieg u jikkontribwixxu għal tqabbil aħjar bejn l-impjegaturi u l-impjegati.

[62] Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea, COM (2020) 682

Madankollu, jinvolvu wkoll riskji għall-impjiegi eżistenti, b'mod partikolari għal dawk f'attivitajiet li huma intensivi fir-rutina u għal dawk b'livell anqas ta' edukazzjoni. Dan jista' jwassal għal polarizzazzjoni akbar, bi tnaqqis fl-impjiegi f'okkupazzjonijiet b'paga medja u b'żieda simultanja ta' okkupazzjonijiet b'paga baxxa u għolja[63]. Fl-istess ħin, bil-politiki ta' akkumpanjament it-tajbin fis-seħħ, it-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika tista' toħloq sa miljun impjieg ekoloġiku addizzjonali sal-2030 fl-UE, għalkemm l-impatti huma mistennijin li jerġgħu jvarjaw bejn l-okkupazzjonijiet, is-setturi u r-reġjuni[64]. Huwa interessanti li l-analiżi turi li l-impjiegi se jinħolqu f'setturi relatati mal-enerġija rinnovabbli, mal-kostruzzjoni, mal-agrikoltura u mal-forestrija u l-aktar fil-grupp ta' ħiliet medji u, b'hekk, jistgħu jgħinu sabiex tiġi mmitigata x-xejra msemmija hawn fuq fil-polarizzazzjoni tax-xogħol. Madankollu, anke f'dan il-każ, hemm ħaddiema li se jitilfu l-impjiegi (b'mod partikolari s-setturi tal-estrazzjoni tar-riżorsi u s-setturi b'użu intensiv għoli tal-enerġija) u, aktar minn hekk, se jkunu soġġetti għal kompiti u għal ħtiġijiet ta' ħiliet li jinbidlu. Riallokazzjoni rapida tal-ħaddiema tista' tikkontribwixxi għal titjib fl-effiċjenza, tagħti spinta lill-produttività u lill-pagi, b'mod partikolari f'setturi orjentati lejn il-futur, bi rwol importanti għat-titjib tal-ħiliet u għat-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol (ara l-kaxxa 1 tal-Pilastru u l-kapitolu 2.2.1).

Porzjon għoli ta' taxxa fuq ix-xogħol jista' jaffettwa b'mod negattiv kemm id-domanda għall-ħaddiema kif ukoll il-provvista tagħhom. Il-porzjon ta' taxxa fuq ix-xogħol ikejjel id-differenza bejn il-kostijiet lavorattivi tal-impjegaturi u l-paga netta tal-impjegati, espressa bħala proporzjon għall-kost totali tal-pagi. Il-porzjon medju ta' taxxa fl-EU27 għal persuna mhux miżżewġa b'paga medja naqas gradwalment mill-2010, għal 39,7 % fl-2020. Mill-2010, seba' Stati Membri tal-UE rreġistraw tnaqqis notevoli (aktar minn 2 pp) fil-porzjon ta' taxxa tagħhom fil-paga medja, bl-akbar tnaqqis fir-Rumanija (-6,3 pp), fl-Ungerija (-5,8 pp), fil-Belġju (-4,4 pp) u fil-Litwanja (-3,7 pp). Min-naħa l-oħra, mill-2010, seħħew żidiet sinifikanti f'Malta (4,6 pp), fil-Portugall (4,2 pp) u fiċ-Ċekja (1,7 pp) (ara l-Illustrazzjoni 2.1.11).

Illustrazzjoni 2.1.11. Il-porzjon ta' taxxa fuq il-paga medja naqas fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE matul l-aħħar deċennju

Porzjon ta' taxxa għal persuna mhux miżżewġa li taqla' paga medja, bidliet fl-2010 u fl-2020 (f'%)

---

[63] Il-Kummissjoni Ewropea (2019): Labour Market and Wage Developments in Europe: Annual Review 2019 Report, Id-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni.

[64] Il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-14 ta' Lulju 2021 dwar "Lesti għall-Mira ta' 55 %: nilħqu l-Mira Klimatika tal-UE għall-2030 fi Triqitna lejn in-Newtralità Klimatika", COM/2021/550 final.



Noti: Id-*data* tal-2010 ma hijiex disponibbli għall-Kroazja u għal Ċipru.
Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, il-Bażi tad-*data* dwar it-taxxa u l-benefiċċji, ibbażata fuq il-mudell tat-taxxa/benefiċċji tal-OECD (aġġornata f'Marzu 2021).

Il-porzjon ta' taxxa għal dawk b'introjtu baxx normalment ikun aktar baxx minn dak għal dawk b'introjti ogħla. It-tassazzjoni ta' dawk b'introjtu baxx għandha implikazzjonijiet importanti għas-suq tax-xogħol (tranżizzjonijiet għax-xogħol, ekonomija sewda; ara t-taqsima 2.3), u għall-inklużjoni soċjali (ara t-taqsima 2.4). Hemm diversità għolja fost l-Istati Membri tal-UE f'dan ir-rigward. Fl-2020, il-porzjon ta' taxxa għall-persuni li jaqilgħu 50 % tal-paga medja kien ogħla minn 40 % fl-Ungerija u fil-Ġermanja, filwaqt li taħt l-20 % f'Ċipru u fi Franza. F'ħafna pajjiżi tal-UE, il-porzjon ta' taxxa naqas għall-ħaddiema fil-qiegħ tad-distribuzzjoni tal-introjtu matul l-aħħar deċennju. Għall-medja tal-UE, ġie osservat tnaqqis fil-porzjon ta' taxxa ta' 2,6 pp bejn l-2010 u l-2020 għal dawk li jaqilgħu 50 % tal-paga medja. F'sitt pajjiżi (Franza, il-Belġju, il-Latvja, il-Litwanja, l-Estonja, l-Italja), it-tnaqqis kien ogħla minn 5 pp (ara l-Illustrazzjoni 2.1.12).

Illustrazzjoni 2.1.12. Fil-maġġoranza tal-Istati Membri tal-UE, it-taxxi qed jonqsu għall-ħaddiema fil-qiegħ tad-distribuzzjoni tal-introjtu

L-evoluzzjoni tal-porzjon ta' taxxa għal dawk b'introjtu baxx (50 % u 67 % tal-paga medja), persuna mhux miżżewġa (pp, 2010-2020)



Noti: (*) id-*data* għall-Kroazja mill-2013 u (**) d-*data* għal Ċipru mill-2014.
Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, il-Bażi tad-*data* dwar it-taxxa u l-benefiċċji, ibbażata fuq il-mudell tat-taxxa/benefiċċji tal-OECD (aġġornata f'Marzu 2021).

Il-kompożizzjoni tal-porzjon ta' taxxa fuq ix-xogħol tvarja b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri. Il-komponenti tagħha (jiġifieri t-taxxa fuq l-introjtu personali, il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegati u tal-impjegaturi), u b'mod partikolari d-daqs tagħhom, jistgħu jinfluwenzaw b'mod differenti l-provvista tal-ħaddiema jew id-domanda għalihom, tal-anqas fuq perjodu ta' żmien qasir. L-Illustrazzjoni 2.1.13 tippreżenta d-diżaggregazzjonijiet tal-porzjon ta' taxxa għal ħaddiem mhux miżżewweġ bil-paga medja fl-2020. Franza, iċ-Ċekja u l-Estonja għandhom l-ogħla kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegaturi, li jammontaw għal aktar minn 25 % tal-kostijiet tal-impjiegi. Il-kontribuzzjonijiet kumplessivi tas-sigurtà soċjali kkombinati (tal-impjegaturi u tal-impjegati) huma l-akbar, bħala proporzjon tal-kostijiet tal-impjiegi, fl-Awstrija (36 %) segwita minn Franza, mis-Slovakkja u miċ-Ċekja. Minbarra d-Danimarka, li ma għandhiex elementi ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fil-porzjon tat-taxxa, l-Irlanda (13,6 %) u Malta (17,8 %) għandhom l-anqas kontribuzzjonijiet kumplessivi tas-sigurtà soċjali bħala proporzjon tal-kostijiet lavorattivi. Ir-Rumanija (29 %) u l-Litwanja (19,1 %) għandhom l-ogħla proporzjon tal-porzjon ta' taxxa mħallas mill-impjegati. Il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegaturi huma anqas minn 5 % fil-Litwanja u fir-Rumanija.

Illustrazzjoni 2.1.13. Id-differenzi fil-kompożizzjoni tal-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol huma kbar bejn il-pajjiżi
Kompożizzjoni tal-porzjon ta' taxxa għal ħaddiem mhux miżżewweġ bil-paga medja (f'%, 2020)



Nota: L-Istati Membri huma kklassifikati f'ordni dekrexxenti skont il-livell tal-porzjon totali ta' taxxa; L-allowances tal-familja ma jaffettwawx id-*data* peress li d-*data* hija għal ħaddiem mhux miżżewweġ mingħajr konjuġi jew tfal.
Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, il-Bażi tad-*data* dwar it-taxxa u l-benefiċċji, ibbażata fuq il-mudell tat-taxxa/benefiċċji tal-OECD (aġġornata f'Marzu 2021).

F'xi każijiet hemm lok għat-trasferiment tat-tassazzjoni mix-xogħol, b'mod partikolari billi jitnaqqas il-porzjon ta' taxxa għal gruppi b'introjtu baxx u medju, għal bażijiet taxxabbli aktar favorevoli għat-tkabbir, filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-impatti distributtivi potenzjali u tiġi żgurata protezzjoni soċjali adegwata. Il-proposti leġiżlattivi ppreżentati fil-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %"[65] tal-14 ta' Lulju 2021, inkluża r-reviżjoni proposta tas-Sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet u tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija, huma mfasslin sabiex jippermettu tranżizzjoni kosteffiċjenti u ġusta lejn l-enerġija nadifa billi jallinjaw l-inċentivi ekonomiċi mal-miri klimatiċi msaħħin u legalment vinkolanti tal-UE. L-evidenza turi li t-taxxi fuq il-fjuwils u fuq prodotti oħrajn tal-enerġija jpoġġu l-ogħla piż, bħala proporzjon tal-introjtu disponibbli, fuq l-unitajiet domestiċi bl-anqas introjtu[66]. Għalhekk, hemm bżonn ta' tfassil ta' politika bir-reqqa sabiex jiġu indirizzati l-impatti distributtivi, speċjalment għall-gruppi bl-anqas introjtu[67]. Fl-2019,

[65] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-14 ta' Lulju 2021 dwar "Lesti għall-Mira ta' 55 %: Nilħqu l-Mira Klimatika tal-UE għall-2030 fi Triqitna lejn in-Newtralità Klimatika", COM/2021/550 final.

[66] Il-Kummissjoni Ewropea (2020). Employment and Social Developments in Europe. Annual Review 2020. Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Disponibbli online.

[67] Studju riċenti sab li portafoll issimulat ta' EUR 30 biljun f'taxxi ekoloġiċi li jissostitwixxu t-taxxa fuq l-introjtu jista' jgħolli l-PDG tal-UE b'EUR 35 biljun (0,2 %) sal-2030, u jżid l-impjiegi b'140 000 FTE (0,1 %). Is-simulazzjoni fl-istudju wriet impatti pożittivi jew żero fuq l-introjtu fil-partijiet kollha tad-distribuzzjoni fl-Istati Membri kollha.

madwar 7 % tal-popolazzjoni tal-EU27, jiġifieri 31 miljun persuna, ma setgħux iżommu djarhom sħan b'mod adegwat, b'differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri u l-gruppi ta' introjtu, b'mod partikolari li jaffettwaw ukoll il-gruppi b'introjtu medju aktar baxx[68 69].

2.1.2 Rispons tal-politika

L-istrument Ewropew għal Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE) għen tassew sabiex tiġi evitata żieda fil-qgħad fl-2020 u fl-2021. SURE pprovda self back-to-back b'pakkett ta' EUR 100 biljun sabiex jappoġġa lill-Istati Membri fil-protezzjoni tal-impjiegi u tal-introjti tal-ħaddiema fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19. Sal-lum, il-Kummissjoni diġà ħarġet kważi 95 % tal-assistenza finanzjarja totali ta' SURE mogħtija mill-Kunsill. Matul l-ewwel mewġa tal-pandemija fl-2020, huwa stmat li SURE ta appoġġ lil madwar 31 miljun persuna u lil madwar 2,5 miljun ditta fi 19-il Stat Membru. Il-feedback mill-benefiċjarji juri li l-appoġġ ta' SURE kellu rwol importanti fil-ħolqien tal-iskemi tagħhom ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, u fiż-żieda tal-kopertura u tal-volum tagħhom[70].

Bejn Marzu u Settembru 2020 biss huwa stmat li ntefqu kważi EUR 100 biljun fuq skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u fuq skemi simili għaż-żamma tal-impjiegi fl-UE. In-natura speċifika, il-kriterji ta' eliġibbiltà, il-livell u d-durata tal-appoġġ kif ukoll is-sors tal-finanzjament u l-inklużjoni tar-rekwiżiti tat-taħriġ u tal-protezzjoni kontra s-sensji varjaw minn pajjiż għal ieħor. Id-dispożizzjonijiet varjaw ukoll fir-rekwiżiti dwar it-tnaqqis minimu fil-fatturat. 14-il Stat Membru stipulaw tnaqqis minimu li jvarja minn 10 % għal 50 % tal-fatturat, li potenzjalment jista' jillimita b'mod sinifikanti s-sehem tan-negozji u tal-ħaddiema eliġibbli. Il-livell ta' introjtu riċevut matul is-sigħat mhux maħdumin varja sostanzjalment bejn l-Istati Membri. Ir-rati ta' sostituzzjoni tal-introjtu varjaw minn 60 % għal 100 % b'limiti massimi applikati fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi[71]. L-Istati Membri kollha minbarra sitta offrew xi forma ta' protezzjoni kontra s-sensji għall-ħaddiema fuq xogħol b'ħinijiet iqsar. **L-Awstrija**, **il-Greċja**, **l-Italja**, **in-Netherlands** u **l-Portugall** eskludew is-sensji fil-forza tax-xogħol kollha ta' negozju li talab appoġġ mill-gvern għal perjodu ta' żmien. Erba' pajjiżi inkludew rekwiżit li jiġi offrut taħriġ matul perjodi ta' assenza sfurzata fid-dispożizzjonijiet tagħhom dwar ix-xogħol b'ħinijiet iqsar (**l-Awstrija**, **l-Ungerija**, **il-Ġermanja** u **Franza**), bil-**Ġermanja** u bi **Franza** li offrew ukoll inċentivi finanzjarji sabiex isir dan.[72]

---

[68] Fl-2019, is-sehem ta' unitajiet domestiċi b'introjtu medju baxx (bejn 60 % tal-introjtu medjan u l-introjtu medjan) li jirrapportaw nuqqas ta' kapaċità li jżommu lil djarhom sħan b'mod adegwat laħaq aktar minn 20 % ta' dak il-grupp ta' introjtu f'5 Stati Membri (BG, CY, LT, PT, EL).

[69] Madankollu, gruppi ta' status soċjoekonomiku aktar baxx għandhom it-tendenza li jkunu affettwati b'mod aktar negattiv mill-perikli għas-saħħa ambjentali, bħala riżultat kemm tal-esponiment akbar kif ukoll tal-vulnerabbiltà ogħla tagħhom: https://www.eea.europa.eu/publications/unequal-exposure-and-unequal-impacts/.

[70] It-tieni rapport dwar l-implimentazzjoni ta' SURE (COM 2021/596)

[71] Dawn il-limiti kienu jfissru li x-xogħol b'ħinijiet iqsar u skemi simili kellhom it-tendenza li jkunu aktar ta' benefiċċju fil-preservazzjoni tal-introjtu ta' dawk li jaqilgħu paga aktar baxxa.

[72] Eurofound (2021), COVID-19: Implications for employment and working life, COVID-19 series, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

Aktar minn tliet kwarti tal-Istati Membri introduċew miżuri speċifiċi ta' appoġġ għall-introjtu għal dawk li kienu jaħdmu għal rashom matul il-pandemija. Fil-pajjiżi kollha minbarra tlieta, dawn il-miżuri kienu kompletament ġodda u limitati fiż-żmien. F'termini ta' gruppi eliġibbli, xi pajjiżi fil-biċċa l-kbira ffukaw l-appoġġ fuq il-ħaddiema għal rashom fl-aktar setturi affettwati (eż. **il-Belġju**[73] u **Franza**), mentri oħrajn prinċipalment jew immiraw biss lejn il-ħaddiema għal rashom waħedhom (**in-Netherlands** u **l-Polonja**) jew lejn strutturi legali speċifiċi[74]. **Iċ-Ċekja**, **il-Greċja**, **il-Polonja** u **l-Portugall** ma ppermettewx li l-appoġġ għall-introjtu tal-ħaddiema għal rashom jiġi kkombinat ma' appoġġ ieħor mill-gvern. F'xi pajjiżi kienu stabbiliti wkoll limiti ta' qligħ aktar baxxi jew ogħla mill-introjtu tal-ħaddiema għal rashom sabiex jiġu delimitati l-gruppi eliġibbli. F'termini ta' telf minimu tal-fatturat, **il-Latvja** u **r-Rumanija** llimitaw l-aċċess għall-iskemi tagħhom għall-ħaddiema għal rashom li kienu affettwati mill-għeluq sħiħ ta' ċerti setturi, filwaqt li l-limiti f'xi pajjiżi oħra varjaw bejn 10 % u 5 % tat-telf tal-fatturat. B'mod kumplessiv, il-livell ta' appoġġ għall-introjtu pprovdut lill-ħaddiema għal rashom niżel għal livell anqas minn dak offrut lill-impjegati taħt skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u ta' qgħad temporanju[75].

Matul l-2021, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri bdew jirtiraw jew irażżnu l-iskemi ta' appoġġ ta' emerġenza tagħhom. Fiċ-**Ċekja**, fl-**Estonja**, fl-**Ungerija**, fil-**Latvja**, fil-**Litwanja** u fil-**Polonja**, l-iskemi temporanji speċjali introdotti bħala rispons għall-kriżi tneħħew gradwalment bejn Mejju u Awwissu 2021; **fin-Netherlands** u fl-**Iżvezja** f'Settembru 2021; f'**Ċipru** f'Ottubru 2021. Fil-**Bulgarija,** fid-**Danimarka**, fil-**Greċja**, fil-**Kroazja**, f'**Malta**, fl-**Irlanda**, fis-**Slovakkja** u fir-**Rumanija**, l-iskemi ta' emerġenza rispettivi huma mistennijin li jibqgħu fis-seħħ (tal-anqas) sa tmiem l-2021. L-Istati Membri bi skemi permanenti li diġà kienu fis-seħħ qabel il-kriżi tal-COVID-19 bdew ineħħu l-proċeduri ta' emerġenza li kienu ffaċilitaw l-aċċess għall-appoġġ għax-xogħol b'ħinijiet iqsar.

Numru ta' Stati Membri adattaw u kkomplementaw l-iskemi tagħhom ta' xogħol b'ħinijiet iqsar sabiex iwieġbu aħjar għall-isfidi tas-suq tax-xogħol fl-irkupru, f'konformità mal-prinċipju 4 tal-Pilastru (appoġġ attiv għall-impjiegi). **L-Awstrija**, **il-Ġermanja**, **Franza**, **l-Italja**, **il-Portugall**, **Spanja** u **l-Iżvezja** jipprovdu inċentivi għat-taħriġ tal-ħaddiema b'xogħol b'ħinijiet iqsar. Fil-**Portugall**, l-appoġġ għax-xogħol b'ħinijiet iqsar ġie kkomplementat minn skema li tinċentiva lill-impjegaturi sabiex jerġgħu jibdew l-attivitajiet. F'xi pajjiżi, pereżempju **fl-Italja** u **fi Franza**, l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jintużaw mhux biss sabiex jindirizzaw it-tfixkil temporanju tal-attività, iżda wkoll sabiex jindirizzaw it-tnaqqis permanenti fl-attivitajiet fil-kuntest tal-proċessi ta' ristrutturar tan-negozju. Fl-**Italja**, din il-miżura tinkludi appoġġ sabiex wieħed imur għal impjieg ġdid, filwaqt li fi **Franza** teżisti skema separata għal dan l-għan (Transco). Xi Stati Membri (bħas-**Slovakkja, iċ-Ċekja** u **Spanja**) qed jirriformaw l-iskemi tagħhom ta' xogħol b'ħinijiet iqsar fuq bażi permanenti.

---

[73] Fil-Belġju, appoġġ diġà eżistenti ġie estiż matul il-kriżi tal-COVID-19.

[74] Dan jirreferi għal modi differenti ta' kif wieħed jistabbilixxi ruħu bħala ħaddiem għal rasu (għal skopijiet legali u ta' taxxa), eż. kummerċjant waħdieni, kumpanija limitata, sħubija, eċċ. B'mod partikolari f'pajjiżi bħall-Italja, li għandhom numru kbir ta' strutturi differenti għall-istabbiliment ta' impriża għal rasha, mhux kulħadd kien intitolat jitlob il-benefiċċji skont l-iskema.

[75] Eurofound (2021), COVID-19: Implications for employment and working life, COVID-19 series, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

L-Istati Membri implimentaw numru ta' miżuri sabiex jippromwovu l-impjiegi wara x-xokk tal-COVID-19 (ara l-Illustrazzjoni 2.1.14). Inċentivi għar-reklutaġġ, bħal sussidji temporanji jew ta' darba pprovduti mill-gvern lil ditti li jimpjegaw impjegati b'ċerti kundizzjonijiet (eż. għal ċertu ammont ta' żmien, b'kuntratt partikolari, b'enfasi fuq ċerti kategoriji) intużaw b'mod estensiv fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri sabiex jippromwovu rkupru li jwassal għall-ħolqien abbundanti ta' impjiegi. Nofs dawn l-iskemi ta' inċentivi għar-reklutaġġ diġà ġew stabbiliti fl-2020, filwaqt li oħrajn ġew introdotti fl-2021. Id-dati tat-tmiem ta' dawn il-miżuri jvarjaw fost l-Istati Membri, l-aktar fl-2021 u fl-2022.

Il-gruppi fil-mira tal-miżuri ta' appoġġ għall-impjiegi adottati jvarjaw, iżda l-biċċa l-kbira jiffokaw fuq il-persuni qiegħda, fuq iż-żgħażagħ, fuq il-persuni b'diżabbiltà u fuq il-persuni akbar fl-età. Kif turi l-Illustrazzjoni 2.1.14, il-persuni qiegħda kienu l-aktar kategorija indirizzata ta' persuni, u f'xi każijiet (**il-Belġju**, **id-Danimarka**, **l-Estonja**, **il-Greċja, Spanja**, **il-Kroazja, l-Ungerija, l-Awstrija u s-Slovakkja**) kienu inklużi dispożizzjonijiet immirati lejn il-persuni qiegħda fit-tul (LTU). Ħafna drabi, il-miżuri appoġġaw liż-żgħażagħ jew lin-NEETs (f'sa 16-il Stat Membru). Ħafna skemi ta' inċentivi relatati ma' programmi ta' apprendistat jew ta' internship, bħal pereżempju fl-**Awstrija**, fejn jitħallas bonus sa EUR 3 000 għal kull apprendista impjegat (u EUR 1 000 oħra jekk kumpanija taħtar apprendisti minn kumpanija insolventi). Kategoriji oħrajn indirizzati kienu n-nisa (**il-Bulgarija**, **il-Greċja**, **l-Italja**, **il-Lussemburgu** u **l-Awstrija**) u l-persuni b'diżabbiltà (**iċ-Ċekja**, **id-Danimarka, il-Greċja, Spanja**, **Franza**, **l-Italja, il-Lussemburgu**, **Malta**, **l-Awstrija**, **il-Portugall u s-Slovakkja**). **Il-Belġju** applika ribassi temporanji tas-sigurtà soċjali għall-kumpaniji fis-setturi tal-avvenimenti, tal-lukandi u tal-ivvjaġġar, kif ukoll għall-kumpaniji li jaħtru persuni ġodda jew li jdaħħlu lura impjegati mill-qgħad temporanju. **L-Estonja** pprovdiet inċentivi speċifiċi għas-settur agrikolu u **l-Italja** saħħet il-miżuri adottati għan-Nofsinhar (*Decontribuzione Sud*), fost l-oħrajn. Fl-aħħar nett, **il-Greċja**, **is-Slovenja** u **l-Iżvezja** introduċew sussidji għal ditti li ħolqu "impjiegi ekoloġiċi" jew li joperaw f'setturi b'emissjonijiet baxxi. B'kollox, 23 Stat Membru introduċew sussidji għat-tfittix tal-ħaddiema favur gruppi speċifiċi.

Illustrazzjoni 2.1.14: L-Istati Membri kollha minbarra tnejn introduċew xi forom ta' inċentivi għar-reklutaġġ bħala rispons għall-kriżi tal-COVID-19

Miżuri ta' inċentivi għar-reklutaġġ adottati mill-Istati Membri bħala rispons għax-xokk tal-COVID-19, skont il-popolazzjoni fil-mira (2020-2021)

	Qiegħed	LTU	Żgħażagħ/ NEET	Nisa	Persuni akbar fl-età	Persuni b'diżabbiltà	Apprendistati / internships	Setturi partikolari	Reġjuni partikolari
BE	X	X	X				X	X	
BG	X			X	X	X		X	
CZ						X			
DK		X			X	X	X		
DE							X		
EE	X	X	X					X	X
IE	X		X				X		
EL	X	X	X	X	X	X		X	X
ES	X	X			X	X			

FR			X			X	X		
HR		X	X						
IT	X		X	X		X	X	X	X
CY	X		X				X		
LV	X								
LT	X								
LU	X			X	X	X	X		
HU	X	X	X						
MT	X		X		X	X			
NL									
AT	X	X	X	X	X	X	X		
PL									
PT	X		X			X	X		X
RO	X		X		X			X	
SI	X							X	
SK	X	X	X		X	X			
FI								X	
SE			X					X	

Nota: Ma ġiet identifikata l-ebda miżura għan-Netherlands u għall-Polonja. Fi Spanja, it-tabella hija relatata mal-miżuri ta' xi reġjuni, minbarra l-inċentivi nazzjonali eżistenti minn qabel għar-reklutaġġ. Sors: Analiżi proprja tal-Kummissjoni Ewropea; Eurofound COVID-19 EU PolicyWatch; Ir-Rapporti Rapidi dwar il-Liġi tax-Xogħol tal-ECE u l-RRPs adottati tal-Istati Membri tal-UE.

Diversi Stati Membri ħabbru miżuri sabiex jistimolaw l-intraprenditorija u l-impjieg indipendenti. **Spanja** għandha l-għan li toħloq network ta' ċentri ta' orjentazzjoni, ta' intraprenditorija u ta' innovazzjoni bħala parti minn miżuri sabiex ittejjeb il-koordinazzjoni tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES) bejn ir-reġjuni, u tippjana taħriġ għall-persunal tal-PES. Taħt il-kappa tal-ħolqien tax-xogħol b'appoġġ għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, **il-Kroazja** se tiddeterieġi l-fondi u r-riżorsi tal-PES sabiex tipprijoritizza r-riattivazzjoni u l-impjieg (indipendenti) ta' persuni inattivi, qiegħda fit-tul u NEET. B'mod simili, **il-Litwanja** se tistabbilixxi proġett pilota sabiex tappoġġa l-intraprenditorija u l-ħolqien tax-xogħol għat-tranżizzjoni doppja u għall-ekonomija ċirkolari, flimkien mat-titjib tal-ħiliet tal-impjegati tal-PES għal dan l-għan. Il-miżuri ta' dawn il-pajjiżi jirċievu appoġġ taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u / jew il-Fond Soċjali Ewropew Plus.

Ftit Stati Membri qed jieħdu miżuri sabiex jappoġġaw l-ekonomija soċjali. B'mod partikolari, **Spanja** se tiżviluppa tal-anqas 30 proġett tal-ekonomija soċjali ffokati fuq l-intraprenditorija taż-żgħażagħ, u pjattaformi diġitali għall-popolazzjoni fiż-żoni rurali. **Il-Polonja** biħsiebha tadotta l-Att dwar l-Ekonomija Soċjali fl-2022, li se jintroduċi definizzjonijiet, fost l-oħrajn, ta' intrapriża soċjali fl-ordinament ġuridiku Pollakk, jistabbilixxi regoli għall-funzjonament tas-settur tal-ekonomija soċjali u jipprovdi qafas għall-kooperazzjoni tiegħu ta' atturi pubbliċi u privati oħrajn. L-Att se jappoġġa l-impjiegi u l-integrazzjoni soċjali ta' persuni fir-riskju tal-esklużjoni soċjali, joħloq impjiegi ġodda fl-intrapriżi soċjali u jiffaċilita l-forniment ta' servizzi soċjali lill-komunità lokali minn atturi tal-ekonomija soċjali.

Kaxxa 1 tal-Pilastru: **Appoġġ attiv għall-impjiegi (EASE)**

Kif deskritt fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar appoġġ attiv effettiv għall-impjiegi (EASE)[76]**, huma meħtieġa pakketti ta' politika koerenti biex jappoġġaw it-tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol sabiex jippromwovu rkupru li jwassal għall-ħolqien abbundanti ta' impjiegi wara x-xokk tal-COVID-19**, f'konformità mal-prinċipju 4 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (appoġġ attiv għall-impjiegi). L-enfasi tal-politiki dwar l-impjiegi għandha gradwalment taqleb lejn l-appoġġ għall-ħolqien tax-xogħol u għat-tħaffif tat-tranżizzjonijiet bejn impjiegi. F'dan is-sens, ir-Rakkomandazzjoni tal-EASE tistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw pakketti ta' politika koerenti sabiex jindirizzaw l-isfidi tas-suq tax-xogħol li rriżultaw mill-pandemija, inaqqsu n-nuqqas ta' ħiliet li qed jakkumulaw matul l-irkupru, u jgħinu lil kull individwu jinnaviga b'suċċess it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Dawn il-pakketti għandhom jinkludu (i) inċentivi għar-reklutaġġ u għat-tranżizzjoni sabiex jiġi promoss il-ħolqien tax-xogħol ta' kwalità u tiġi appoġġata l-impjegabbiltà tal-ħaddiema, (ii) it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid u (iii) appoġġ imtejjeb mis-servizzi tal-impjiegi. Dawn il-miżuri huma partikolarment importanti wkoll sabiex jappoġġaw il-mira ewlenija ta' mill-inqas 78 % tal-popolazzjoni ta' bejn 20 u 64 sena f'impjieg fl-UE sal-2030.

L-inċentivi għar-reklutaġġ jistgħu jgħinu sabiex tissaħħaħ id-domanda għall-ħaddiema fil-fażi inizjali tal-irkupru. Matul il-pandemija tal-COVID-19, in-negozji akkumulaw il-ħaddiema, ukoll bl-għajnuna tal-appoġġ pubbliku. Il-kumpaniji huma wkoll anqas probabbli li jinvestu u jespandu l-forza tax-xogħol tagħhom f'sitwazzjoni li għadha inċerta. F'dan il-kuntest, l-inċentivi għar-reklutaġġ jistgħu joħolqu opportunitajiet ta' impjieg għal persuni "żvantaġġati" li qed ifittxu impjieg (bħal żgħażagħ qiegħda bi ftit li xejn jew mingħajr esperjenza ta' xogħol). Barra minn hekk, jistgħu jappoġġaw ukoll ir-riallokazzjoni tal-ħaddiema li jingħataw is-sensja, u jiffaċilitaw it-tranżizzjoni tagħhom lejn setturi jew okkupazzjonijiet ġodda. Kif diskuss fit-taqsima 2.1.2, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri introduċew sussidji għat-tfittix tal-ħaddiema favur gruppi speċifiċi, bħaż-żgħażagħ u n-NEETs (19-il pajjiż, inklużi apprendistati u internships), u l-persuni qiegħda (20 pajjiż, inklużi l-persuni qiegħda fit-tul).

Il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment (fl-erba' ġimgħat preċedenti), popolazzjoni qiegħda ta' bejn 25-64 sena



[76] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Marzu 2021 dwar appoġġ attiv effettiv għall-impjiegi wara l-kriżi tal-COVID-19 (EASE), C(2021)1372 final.

Noti: *Data* mhux disponibbli għal BG, RO u SK, li għalihom ir-rati ta' parteċipazzjoni huma anqas minn 3 %. Interruzzjoni fis-serje kronoloġika u *data* provviżorja għal DE fl-2020. Id-*data* ma hijiex affidabbli għal HU, HR, CY, MT, PL, SI fl-2020 u għal CY, HR, HU, LT, SI fl-2019.
Sors: Eurostat [trng_lfse_02]

L-iżgurar ta' mudell ta' tkabbir sostenibbli u inklużiv jeħtieġ investiment fit-titjib tal-ħiliet u fit-taħriġ mill-ġdid tal-popolazzjoni adulta. It-taħriġ u l-kisba tal-ħiliet huma kruċjali sabiex jiġu ffaċilitati t-tranżizzjonijiet bejn impjiegi li huma mistennijin li se jkunu meħtieġa wara x-xokk tal-COVID-19. It-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid saru saħansitra aktar essenzjali fid-dawl tal-bidliet li ġejjin mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. L-għoti ta' opportunitajiet ta' taħriġ li jappoġġaw b'mod effettiv it-tranżizzjonijiet bejn impjiegi u l-integrazzjoni (mill-ġdid) fis-suq tax-xogħol jeħtieġ sistema adegwata ta' taħriġ vokazzjonali għall-adulti u kontinwu, li tipprovdi ħiliet rilevanti għas-suq tax-xogħol. Madankollu, fl-Istati Membri kollha ġew osservati differenzi sinifikanti fil-parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti (ara t-taqsima 2.2), b'mod partikolari għall-persuni qiegħda (ara ċ-ċart). Fl-2020, kien hemm distakk ta' 38,5 pp bejn l-aqwa u l-anqas eżekutur f'termini ta' parteċipazzjoni fl-apprendiment fost l-adulti qiegħda (l-Iżvezja u l-Ungerija, rispettivament), u r-rata ta' parteċipazzjoni kumplessiva għal din il-kategorija kienet biss ta' 1,3 pp ogħla milli għall-popolazzjoni totali ta' 25-64 sena (10,5 % meta mqabbla ma' 9,2 %).

Parteċipazzjoni f'miżuri ta' attivazzjoni bikrija[77] tal-persuni qiegħda rreġistrati ma' PES (2019)



Nota: Persuni qiegħda għal terminu qasir huma individwi qiegħda għal anqas minn 12-il xahar. Ma hemmx *data* disponibbli għal EL, IT u CY. Id-*data* hija tal-2018 għal BE, BG, IE, FR, NL u RO. Ma hemmx informazzjoni dwar persuni qiegħda għal terminu qasir disponibbli għal BE, DK, ES, FR, LT u LU.
Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, il-Bażi tad-*Data* dwar il-Politika tas-Suq tax-Xogħol.

Servizzi pubbliċi tal-impjiegi li jiffunzjonaw tajjeb huma kritiċi għall-integrazzjoni effettiva (mill-ġdid) fis-suq tax-xogħol u għall-appoġġ għat-tranżizzjonijiet minn impjieg għal ieħor. Flimkien ma' politiki attivi tas-suq tax-xogħol, l-appoġġ bikri u mmirat mis-servizzi tal-impjiegi u l-konsulenza individwali jistgħu jżidu l-probabbiltà ta' impjieg mill-ġdid ta' dawk li qed ifittxu impjieg u jipprevjeni l-qgħad fit-tul, jikkontribwixxi għal swieq tax-xogħol aktar dinamiċi u għal rati ta'

[77] Attivazzjoni bikrija tirreferi għal miżuri indirizzati lil dawk li jinsabu f'qgħad għal anqas minn sena u tinkludi pereżempju taħriġ, impjieg appoġġat u riabilitazzjoni jew ħolqien dirett ta' impjiegi kif ukoll konsulenza mis-servizzi pubbliċi nazzjonali tal-impjiegi (PES).

impjieg ogħla. Madankollu, hemm varjazzjoni għolja bejn il-pajjiżi fil-parteċipazzjoni f'miżuri ta' attivazzjoni bikrija (ara ċ-ċart). Fl-Ungerija, kważi 50 % tal-persuni qiegħda għal terminu qasir li huma rreġistrati ma' PES ħadu sehem f'tali miżuri[78], filwaqt li fiċ-Ċekja, anqas minn 6 % għamlu dan.

Id-diġitalizzazzjoni rapida u t-tranżizzjoni ekoloġika jagħmluha kritika li l-provvista tal-ħiliet ta' pajjiż tiġi taqbel aħjar mal-ħtiġijiet tas-swieq tax-xogħol tal-futur. Il-mitigazzjoni tal-ispariġġi fil-ħiliet u tan-nuqqas ta' ħiliet teħtieġ approċċ integrat għall-governanza tal-ħiliet, inkluż l-informazzjoni dwar il-ħiliet u t-tbassir tal-ħiliet permezz ta' sħubijiet tal-partijiet ikkonċernati rilevanti[79]. L-Istati Membri kollha tal-UE jużaw tal-anqas metodu wieħed ta' antiċipazzjoni tal-ħiliet sabiex jiżviluppaw informazzjoni dwar il-ħiliet, u erbgħa minn kull ħamsa jużaw previżjonijiet tal-ħiliet, għalkemm f'livelli differenti ta' żvilupp[80]. Hemm ukoll sforzi kontinwi usa' sabiex jiġu ddiġitalizzati s-servizzi pubbliċi tal-impjiegi u tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom li jipprovdu assistenza mill-bogħod u online[81]. Sabiex tifhem aħjar il-ħtiġijiet b'rabta mal-ħiliet, u tiżviluppa informazzjoni aħjar dwar il-ħiliet fis-suq tax-xogħol, is-Cedefop nieda l-portal Skills-OVATE dwar l-impjiegi u l-ħiliet li l-impjegaturi jitolbu fuq il-bażi ta' reklami online għall-impjiegi fi 28 pajjiż Ewropew[82].

Il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs) jinkludu miżuri tat-tip EASE dwar inċentivi għar-reklutaġġ u għat-tranżizzjoni u appoġġ għall-intraprenditorija, għat-titjib tal-ħiliet u għat-taħriġ mill-ġdid, u appoġġ mis-servizzi tal-impjiegi. Dwar l-inċentivi għar-reklutaġġ, pereżempju, **il-Portugall** inkluda strateġija sabiex tittejjeb il-kwalità tal-impjiegi fil-komponent Kwalifiki u Ħiliet tal-pjan nazzjonali tiegħu. Permezz ta' inċentivi differenti għar-reklutaġġ, għandu l-għan li jippromwovi l-ħolqien ta' impjiegi permanenti u kwalifikati, iżid l-impjiegi taż-żgħażagħ u jnaqqas id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi fis-setturi differenti. B'mod simili, il-Pjan **Irlandiż** jinkludi l-Programm ta' Esperjenza ta' Internship, li beda uffiċjalment f'Lulju 2021. Permezz ta' dan tal-aħħar, kwalunkwe persuna qiegħda għal tal-anqas sitt xhur tkun eliġibbli għal taħriġ speċifiku għas-settur (fuq massimu ta' sitt xhur) filwaqt li taħdem għal kumpanija ospitanti, li tkun eżentata minn kostijiet speċifiċi tal-pagi matul dak il-perjodu. **Il-Greċja** inkludiet sussidji għat-tfittix tal-ħaddiema għal aktar minn 70 000 impjieg ġdid immirati lejn iż-żgħażagħ, lejn il-persuni qiegħda fit-tul u lejn gruppi b'ostakli speċifiċi għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol. **Franza** stabbiliet sett ta' sussidji għat-tfittix tal-ħaddiema, iffokati b'mod partikolari fuq ditti li jimpjegaw apprendisti u żgħażagħ. **Ċipru** għandu l-ħsieb li jirriforma u jiddiġitalizza l-iskemi ta' reklutaġġ tad-Dipartiment tax-Xogħol tiegħu, minbarra li jipprovdi sussidji għall-impjiegi lil ditti li jimpjegaw NEETs.

Il-pagi minimi statutorji żdiedu fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fl-2021 meta mqabblin mas-sena ta' qabel[83] f'konformità mal-prinċipju 6 tal-Pilastru (dwar is-salarji). L-akbar żieda perċentwali fil-paga minima seħħet fil-**Latvja** (16,3 %), għalkemm għadha l-aktar waħda baxxa fost l-Istati Baltiċi. Pajjiżi oħrajn tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, li normalment ikollhom pagi minimi relattivament baxxi, żiduhom ukoll b'mod pjuttost konsiderevoli (pereżempju, **is-Slovenja** bi 8,9 %, **il-Polonja** b'7,7 %, **is-Slovakkja** b'7,4 %, **il-Litwanja** b'5,8 %, **il-Kroazja** b'4,6 %). Fis-**Slovakkja**, il-paga minima ġiet stabbilita għal 57 % tal-

---

[78] Għalkemm ir-rata ta' attivazzjoni ta' persuni li qed ifittxu impjieg hija relattivament għolja fl-Ungerija, din hija prinċipalment xprunata minn xogħlijiet pubbliċi u minn inċentivi oħrajn ta' impjieg, filwaqt li t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet ta' persuni li qed ifittxu impjieg għadhom marġinali meta mqabblin.

[79] Is-sejbiet ewlenin mit-tbassir eżistenti u mill-istudji ta' previżjoni dwar l-impjiegi u l-ħiliet ekoloġiċi huma disponibbli fin-network tal-PES (2021). Greening of the labour market – impacts for the Public Employment Services.

[80] Portal tas-Cedefop ta' informazzjoni dwar il-ħiliet.

[81] In-network tal-PES (2020). The role of PES in modernising the labour market and managing structural change.

[82] Skills-OVATE: Skills Online Vacancy Analysis Tool for Europe | Cedefop (europa.eu).

[83] Ara Eurofound (2021): Minimum wages in 2021: Annual Report.

paga medja għall-2021[84]. Fl-Istati Membri fejn l-iffissar tal-paga minima huwa bbażat fuq formuli (inklużi **Franza**, **il-Lussemburgu**, **Malta** u **n-Netherlands**), kien hemm żieda pjuttost moderata (**il-Lussemburgu** bi 2,8 %, il-pajjiżi elenkati l-oħrajn taħt it-2 %) u ma seħħet l-ebda devjazzjoni kbira mill-formula minħabba l-kriżi. L-**Estonja** u l-**Greċja** biss iddeċidew li jiffriżaw ir-rati tal-paga minima tagħhom għall-2021. **Il-Belġju** se jżid il-paga minima statutorja tiegħu fl-2022, fl-2024 u fl-2026. F'Settembru 2021, **Spanja** żiedet il-paga minima tagħha b'1,6 %, bl-objettiv li din tiżdied għal 60 % tal-paga medja qabel tmiem it-terminu tal-gvern attwali.

Ġew stabbiliti diversi miżuri sabiex jitnaqqas il-porzjon ta' taxxa fuq ix-xogħol sabiex tingħata spinta lill-introjti netti ta' ħaddiema u ta' familji b'introjtu aktar baxx, u f'xi każijiet titħeġġeġ il-provvista ta' ħaddiema. Pereżempju, **il-Greċja** rrevediet il-bażi għall-kalkolu tal-obbligazzjonijiet tat-taxxa fuq l-introjtu personali u naqqset il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għall-impjegati full-time b'0,9 pp b'effett minn Ġunju 2020 u bi 3 pp oħrajn b'effett minn Jannar 2021. **L-Italja** naqqset il-porzjon ta' taxxa għall-ħaddiema dipendenti: għall-introjtu sa EUR 28 000 fis-sena, tingħata allowance ta' EUR 600 għall-aħħar sitt xhur tal-2020, li saret EUR 1 200 mill-2021. Huma previsti allowances imnaqqsin għal introjti ogħla, sa EUR 40 000. Fil-**Belġju** (ir-reġjun ta' Flanders), mill-2021 "bonus tal-impjieg" se jżid is-salarji netti ta' dawk li jaqilgħu paga baxxa b'massimu ta' EUR 50 fix-xahar għal dawk b'paga (gross) full-time ta' EUR 1 700 fix-xahar. Il-bonus huwa maħsub sabiex jindirizza n-nases tal-qgħad u tal-inattività u gradwalment se jonqos għal żero għal persuni b'salarju gross fix-xahar ta' mill-inqas EUR 2 500. **Franza** naqqset ir-rata tat-taxxa fuq l-introjtu personali fl-ewwel kategorija minn 14 % għal 11 % u aġġustat il-mekkaniżmu ta' ħelsien mit-taxxa ("*décote*") sabiex tiffaċilita l-applikazzjoni tat-taxxa fuq l-introjtu personali. **L-Awstrija** żiedet ir-rimborż massimu tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għal dawk b'introjtu baxx minn EUR 400 għal EUR 700 u, minn Jannar 2020, naqqset ir-rati tat-taxxa fuq l-introjtu fl-ewwel kategorija minn 25 % għal 20 %, u l-RRP tagħha jinkludi impenn li jittieħdu aktar miżuri sabiex jitnaqqsu r-rati tat-taxxa fuq l-introjtu. **Il-Kroazja** implimentat tnaqqis fl-obbligazzjoni tat-taxxa fuq l-introjtu personali b'100 % għal persuni taħt il-25 sena u b'50 % għal persuni minn 26 sa 30 sena għal salarji annwali anqas minn HRK 360 000 (madwar EUR 50 000). Mill-2022, **l-Ungerija** teżenta liż-żgħażagħ taħt l-età ta' 25 sena milli jħallsu taxxa fuq l-introjtu personali sal-ammont tal-introjtu gross medju tas-sena preċedenti, bl-għan li żżid l-attività u l-impjieg taż-żgħażagħ. **Il-Bulgarija** introduċiet ħelsien mit-taxxa għall-ġenituri li jrabbu t-tfal. Il-Kummissjoni ppubblikat Sett ta' għodod għall-partijiet ikkonċernati sabiex tappoġġa l-bidla mit-tassazzjoni tax-xogħol għat-taxxi ambjentali[85].

[84] Kull sena, jekk ma jintlaħaq l-ebda ftehim bejn is-sħab soċjali, l-ammont tal-paga minima ta' kull xahar għas-sena kalendarja ta' wara għandu jiġi stabbilit għal 57 % tal-paga nominali medja ta' impjegat fl-ekonomija Slovakka għas-sena kalendarja li tippreċedi s-sena kalendarja b'sentejn.

[85] https://ec.europa.eu/environment/news/environmental-pollution-new-study-finds-polluters-do-not-pay-damage-they-cause-2021-11-12_mt

2.2 Linja Gwida 6: Insaħħu l-provvista ta' ħaddiema u ntejbu l-aċċess għall-impjiegi, għall-ħiliet u għall-kompetenzi

Din it-taqsima tħares lejn l-implimentazzjoni tal-linja gwida nru 6 dwar l-impjiegi, li tirrakkomanda li l-Istati Membri joħolqu l-kundizzjonijiet sabiex itejbu l-provvista tax-xogħol, il-ħiliet u l-kompetenzi, f'konformità mal-prinċipji 1 tad-Drittijiet Soċjali (edukazzjoni, taħriġ u tagħlim tul il-ħajja), 2 (ugwaljanza bejn il-ġeneri), 3 (opportunitajiet indaqs), 4 (appoġġ attiv għall-impjiegi), 9 (bilanċ bejn il-ħajja privata u x-xogħol), 11 (kura tat-tfal u appoġġ għat-tfal) u 17 (inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà) tal-Pilastru Ewropew. It-Taqsima 2.2.1 tirrapporta l-iżviluppi ewlenin fil-qasam tal-edukazzjoni u tal-ħiliet, kif ukoll dwar is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol b'mod partikolari ta' gruppi vulnerabbli u sottorappreżentati. It-Taqsima 2.2.2 tirrapporta dwar il-miżuri ta' politika meħudin mill-Istati Membri f'dawn l-oqsma ta' politika.

2.2.1 Indikaturi ewlenin

Il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u fil-kura bikrija tat-tfal (ECEC) kompliet tiżdied f'dawn l-aħħar snin, għalkemm għad hemm differenzi sinifikanti fost l-Istati Membri f'termini ta' aċċessibbiltà u ta' kwalità. Ir-reġistrazzjoni fl-ECEC għandha implikazzjonijiet importanti għall-perkorsi edukattivi, għall-prospetti tax-xogħol u għall-parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà tat-tfal fil-ġejjieni kif ukoll għaż-żieda tal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-ġenituri tagħhom. Fl-2021, l-Istati Membri qablu fuq mira fil-livell tal-UE li, sal-2030, 96 % tat-tfal bejn l-età ta' tliet snin u l-bidu tal-edukazzjoni primarja obbligatorja għandhom jipparteċipaw fl-ECEC[86]. Fl-2019, is-sehem tal-parteċipazzjoni fl-ECEC f'dan il-grupp ta' età kien ta' 92,8 % madwar l-UE kollha, li jirrappreżenta żieda ta' 1,6 pp meta mqabbla mal-2014. Din il-mira tikkomplementa l-mira ta' Barċellona dwar il-kura tat-tfal, stabbilita sabiex tiġi appoġġata l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u użata fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta[87]. Kif muri fl-Illustrazzjoni 2.2.1, l-aktar rati baxxi ta' parteċipazzjoni ġew irreġistrati fil-Greċja (68,8 %), fis-Slovakkja (77,8 %), fir-Rumanija (78,6 %), fil-Kroazja (79,4 %) u fil-Bulgarija (79,9 %), filwaqt li l-parteċipazzjoni fl-Irlanda u fi Franza kienet universali. Bħala medja, it-tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali għandhom rati ta' parteċipazzjoni li huma ħafna aktar baxxi minn dawk tal-pari tagħhom minn familji aktar sinjuri[88]. Sabiex tiġi żgurata l-kwalità tal-ECEC, sas-sena skolastika 2019-20, il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi kienu stabbilew kriterji dwar il-kwalifika tal-persunal jew dwar l-iżvilupp professjonali kontinwu tagħhom[89].

---

[86] Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030) 2021/C 66/01. L-indikatur għaż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni jkejjel l-attendenza tal-programmi tal-ECEC li jaqgħu taħt il-kategorija ISCED 0 (il-kodiċi ta' *data* tal-Eurostat educ_uoe_enra21).

[87] Ara t-Taqsima 1.3. Il-miri ta' Barċellona ġew miftehmin fl-2002 mill-Kunsill Ewropew ta' Barċellona. Jistipulaw li 33 % tat-tfal taħt it-tliet snin, u 90 % tat-tfal bejn it-tliet snin u l-età obbligatorja tal-iskola għandhom ikunu rreġistrati għall-indukrar tat-tfal.

[88] Hemm distakk ta' 11,3 pp fil-parteċipazzjoni fl-ECEC għat-tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali fuq il-bażi tal-aħħar *data* disponibbli (2016). Għal aktar dettall, ara l-JER 2021.

[89] Il-Kummissjoni Ewropea/EACEA/Eurydice (2021) Structural Indicators for Monitoring Education and Training Systems in Europe (pubblikazzjoni pendenti).

Illustrazzjoni 2.2.1: Ftit aktar minn nofs l-Istati Membri tejbu l-aċċess għall-ECEC mill-età ta' 3 sena sal-bidu tal-edukazzjoni obbligatorja

Il-parteċipazzjoni fl-ECEC tat-tfal bejn it-3 snin u l-età tal-bidu tal-edukazzjoni primarja obbligatorja (2014 u 2019), u l-mira taż-ŻEE għall-2030 (f'%)



Nota: Id-*data* hija stmata għal IE, PL; id-*data* hija proviżorja għal FR, id-definizzjoni hija differenti għall-EU-27, BE, MT. Ma hemmx *data* disponibbli għal PT.
Sors: Eurostat (UOE) [educ_uoe_enra21].

Is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ naqas b'mod sinifikanti, għalkemm ix-xejra pożittiva naqset u għad hemm differenzi bejn il-pajjiżi. Ir-rati ta' tluq bikri mill-iskola fl-UE naqsu minn 13,8 % fl-2010 għal 9,9 % fl-2020, iżda rreġistraw biss titjib żgħir ta' 1,1 pp bejn l-2015 u l-2020. Il-pandemija x'aktarx li jkollha impatt negattiv ulterjuri, b'mod partikolari fir-rigward tal-unitajiet domestiċi vulnerabbli[90]. L-indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali jindika sitt Stati Membri (Ċipru, il-Litwanja, l-Iżvezja, il-Lussemburgu, iċ-Ċekja u l-Finlandja) li rreġistraw żieda fit-tluq bikri mill-iskola ta' madwar 1 pp jew aktar bejn l-2019 u l-2020. B'mod kumplessiv, id-differenzi bejn il-pajjiżi għadhom evidenti (Illustrazzjoni 2.2.2). Il-mira taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni dwar it-tluq bikri mill-iskola hija mistennija li tnaqqas din ir-rata għal anqas minn 9 % sal-2030. Tmintax-il Stat Membru diġà laħqu din il-mira, filwaqt li sitta oħrajn għadhom jirrapportaw ċifri ogħla minn 12 % (Spanja, ir-Rumanija, l-Italja, il-Bulgarija, Malta u l-Ungerija). Xi reġjuni fin-Nofsinhar ta' Spanja u fl-Italja, u fil-Lvant tal-Bulgarija u tar-Rumanija, jirreġistraw rati ta' tluq bikri mill-iskola ogħla minn 15 % (ara l-Anness 3). Filwaqt li bħala medja fl-2020 kien hemm 8 % tan-nisa żgħażagħ li telqu kmieni mill-iskola fl-UE, ir-rata għall-irġiel żgħażagħ kienet ta' 11,8 %. Dan id-distakk huwa partikolarment evidenti (aktar minn 5 pp) fi Spanja, fil-Portugall, f'Ċipru u fl-Italja. Ir-Rumanija u ċ-Ċekja huma l-uniċi Stati Membri fejn ir-rata hija aktar baxxa għall-irġiel milli għan-nisa.

[90] Inklużi b'mod partikolari studenti u studenti mingħajr l-infrastruttura sabiex jaċċessaw l-apprendiment mill-bogħod, bħal f'żoni rurali u remoti. Ara l-JER 2021 u l-Monitor tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2020 għal kopertura aktar komprensiva.

Illustrazzjoni 2.2.2: Minkejja t-titjib, it-tluq bikri mill-iskola għadu sfida

Il-persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ, popolazzjoni ta' 18-24 sena (f'%, 2020 u l-bidla mill-2019, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)



Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Interruzzjoni fis-serje għal DE fl-2020 u għal NL fl-2019. *Data* mhux affidabbli għal HR fl-2019 u fl-2020. *Data* proviżorja għal DE fl-2020.

Sors: Eurostat (edat_lfse_14).

Ir-rati tat-tluq bikri mill-iskola huma ogħla b'mod sinifikanti fost studenti li ma twildux fl-UE. Fl-2020, ir-rata tat-tluq bikri mill-iskola tal-UE fost in-nattivi ta' bejn 18 u 24 sena kienet ta' 8,7 %, filwaqt li għaż-żgħażagħ li twieldu barra mill-UE kienet kważi tliet darbiet ogħla (23,2 %). It-tluq bikri mill-iskola kien saħansitra aktar prominenti fost il-ġuvintur li ma twildux fl-UE meta mqabblin mal-pari nattivi tagħhom (25,2 % vs 10,5 %). Fl-2020, aktar minn kwart taż-żgħażagħ li ma twildux fl-UE fl-Italja, fil-Ġermanja, fi Spanja, f'Malta, f'Ċipru u fil-Greċja kienu persuni li jitilqu kmieni mill-iskola[91]. Is-Slovenja (7,4 %) u ċ-Ċekja (8 %) irreġistraw eżiti tajbin għall-istudenti li twieldu barra mill-UE, anqas mill-valur fil-mira ta' 9 %, iżda xorta ogħla milli għan-nattivi.

Wara snin ta' progress kostanti, is-sehem ta' studenti ta' 15-il sena li juru progress insuffiċjenti fil-ħiliet bażiċi qed jerġa' jiżdied, u studenti bi sfond soċjoekonomiku aktar baxxqed jiffaċċjaw ċirkostanzi partikolarment diffiċli. Il-Programm tal-2018 tal-OECD għall-Valutazzjonijiet Internazzjonali tal-Istudenti (PISA) juri li l-mira fil-livell tal-UE taż-

[91] Sabiex jiġu evitati kalkoli bbażati fuq daqsijiet ta' kampjuni żgħar ħafna, dan ir-rapport juri riżultati biss għall-Istati Membri tal-UE fejn il-perċentwal ta' studenti bi sfond ta' migrazzjoni jkun tal-anqas ta' 5 %.

Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (jiġifieri rata ta' progress insuffiċjenti ta' anqas minn 15 %) għadha 'l bogħod milli tintlaħaq fi kwalunkwe wieħed mit-tliet oqsma ttestjati mill-PISA (ara l-Illustrazzjoni 2.2.3). Meta mqabbla mal-2015, is-sitwazzjoni marret għall-agħar fit-tliet oqsma kollha kemm huma: bi 2,5 pp fil-qari, b'0,5 pp fil-matematika, u b'1,1 pp fix-xjenza. Studenti bi status soċjoekonomiku aktar baxx u/jew bi sfond ta' migrazzjoni huma rrappreżentati żżejjed fost il-grupp ta' studenti b'kisbiet baxxi u jbatu sabiex jilħqu profiċjenza tal-linja bażi fit-tliet oqsma kollha kemm huma. It-tqabbil bejn l-ishma ta' studenti b'kisbiet baxxi fil-kwart ta' isfel u fil-kwart ta' fuq tal-indiċi tal-istatus ekonomiku, soċjali u kulturali (ESCS)[92] juri distakk ta' 23 pp fil-qari, fil-matematika u fix-xjenza. Fl-aħħar ċiklu tal-PISA tal-2018, ġew irreġistrati differenzi sostanzjali tal-ESCS fil-ħiliet tal-qari fil-Bulgarija, fir-Rumanija, fl-Ungerija, fis-Slovakkja u fil-Lussemburgu (ta' 37,5 pp jew aktar). Id-distakk fil-prestazzjoni kien anqas minn 15-il pp fl-Estonja u fil-Finlandja. L-inugwaljanzi fl-eżiti edukattivi b'rabta ma' sfondi soċjoekonomiċi jew ta' migrazzjoni jirrappreżentaw ostakli kbar sabiex jiġu pprovduti opportunitajiet indaqs għal kulħadd, b'effetti ulterjuri potenzjali fuq il-livelli ta' ħiliet individwali u fuq il-potenzjal ta' tkabbir tal-ekonomija.

Illustrazzjoni 2.2.3: Ir-rata ta' kisbiet baxxi fil-ħiliet bażiċi għadha għolja fil-maġġoranza tal-Istati Membri

Rata ta' studenti b'kisbiet baxxi fl-oqsma tal-qari, tal-matematika u tax-xjenza tal-PISA (f'%, 2018)



Nota: Iċ-ċart turi l-perċentwal ta' studenti bi progress insuffiċjenti fit-tliet oqsma kollha fl-istess ħin.
Sors: PISA 2018, OECD, estrazzjoni tad-*data* tal-UE disponibbli hawnhekk.

Huma meħtieġa sforzi sinifikanti sabiex tingħata spinta lill-ħiliet diġitali tal-istudenti madwar l-UE. Sabiex jagħmlu dan, l-Istati Membri jistabbilixxu mira fil-livell tal-UE taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sabiex inaqqsu s-sehem studenti tat-tmien grad b'kisbiet baxxi (14 jew 13-il sena) fil-kompetenza fl-użu tal-kompjuter u fil-litteriżmu fl-informazzjoni taħt it-15 % sal-2030. Iċ-ċikli tal-2013 u tal-2018 tal-International Computer and Information Literacy Study (ICILS)[93] juru li tnejn biss mill-Istati Membri parteċipanti qorbu lejn l-mira

[92] L-OECD tkejjel l-indiċi tal-ESCS filwaqt li tqis l-edukazzjoni tal-ġenituri, l-okkupazzjoni tal-ġenituri, il-pussessi tad-dar, in-numru ta' kotba u r-riżorsi edukattivi disponibbli d-dar.

[93] L-ICLS ikejjel il-kisba tal-istudenti permezz ta' valutazzjoni bbażata fuq il-kompjuter f'żewġ oqsma ta' kompetenzi diġitali: il-litteriżmu tal-kompjuter u tal-informazzjoni u l-ħsieb komputazzjonali. S'issa tlestew

fil-livell tal-UE: iċ-Ċekja fl-2013 (15 %) u d-Danimarka fl-2018 (16,2 %). L-istudju żvela wkoll li l-isfond soċjoekonomiku jew ta' migrazzjoni tal-istudenti għadu bassar importanti tal-livell ta' ħiliet diġitali tagħhom. It-tisħiħ tal-ħiliet diġitali tal-istudenti jeħtieġ l-iżvilupp ta' ekosistemi tal-edukazzjoni diġitali bi prestazzjoni għolja, sostnut minn abilitanti ewlenin bħall-konnettività, it-tagħmir, l-appoġġ tekniku għall-istituzzjonijiet, u t-teknoloġiji ta' assistenza għall-istudenti b'diżabbiltà. Jeħtieġ ukoll għalliema mħarrġin tajjeb, li jkunu mħejjin b'mod diġitali meta jidħlu fil-professjoni u li jkollhom l-opportunità li jkomplu jiżviluppaw u jsaħħu l-kompetenza diġitali speċifika tagħhom matul il-karriera tagħhom[94]. Bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali, il-ħidma għadha għaddejja, fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

L-indirizzar tal-inugwaljanzi fl-iskejjel huwa fundamentali sabiex kull student jingħata l-opportunità li jiżviluppa l-ħiliet u l-għarfien sabiex jipparteċipa b'mod attiv fl-ekonomija u fis-soċjetà. F'ħafna pajjiżi tal-UE, l-iskejjel jaffaċċjaw sfidi sabiex jiżguraw distribuzzjoni aktar ekwa tal-opportunitajiet u l-eżiti tal-apprendiment[95], li jistgħu jirriżultaw fir-riproduzzjoni tax-xejriet eżistenti ta' (ż)vantaġġ soċjoekonomiku. Pereżempju, dawk b'livell edukattiv milħuq aktar baxx (anqas minn dak ta' edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell) huma anqas probabbli li jsibu xogħol, jew li jiċċaqilqu minn terminu fiss għal kuntratt indefinit[96]. Barra minn hekk, id-diskriminazzjoni taffettwa b'mod negattiv ir-rati taż-żamma tal-iskola, b'mod partikolari għal tfal bi sfond ta' minoranza etnika jew għal tfal li jesperjenzaw limitazzjonijiet fl-attivitajiet tas-soltu minħabba diżabilitajiet jew problemi tas-saħħa fit-tul[97]. Xi pajjiżi ħadu miżuri sabiex jiżguraw bidla fl-approċċi pedagoġiċi bl-għan li jsaħħu l-inklużjoni fil-klassijiet, flimkien ma' miżuri attivi ta' desegregazzjoni u ta' tagħlim dwar id-diversità[98] (ara t-taqsima 2.2.2). Madankollu, huwa meħtieġ aktar sforz għall-iskejjel kollha fl-UE sabiex jipprovdu opportunitajiet indaqs għal kulħadd.

L-istudenti iżgħar u akbar Rom għadhom jaffaċċjaw ostakli sinifikanti, u impenji ġodda fil-livell tal-UE għandhom l-għan li jtejbu s-sitwazzjoni tagħhom. Minkejja xi progress limitat fl-aħħar deċennju, id-distakk edukattiv bejn ir-Rom u l-popolazzjoni ġenerali għadu sinifikanti. Fuq il-bażi tal-istħarriġ tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali[99], 42-55 % biss

żewġ ċikli, l-ewwel wieħed fl-2013 u t-tieni wieħed fl-2018. It-tielet ċiklu huwa skedat għall-2023. Disa' Stati Membri ħadu sehem fl-ewwel ċiklu u sebgħa fit-tieni wieħed. Id-Danimarka u l-Ġermanja kienu l-uniċi żewġ Stati Membri li ħadu sehem fiż-żewġ ċikli. Madankollu, fl-2013 id-Danimarka ma laħqitx ir-rata ta' parteċipazzjoni tal-kampjun, u, għalhekk, ir-riżultati tal-2013 ma humiex komparabbli mar-riżultati tal-2018.

[94] Għal analiżi dettaljata tal-ħiliet diġitali tal-istudenti, u r-rwol tal-għalliema fit-tisħiħ tal-eżiti edukattivi, ara l-JER 2021.

[95] Minbarra d-distakk wiesgħa fil-prestazzjoni bejn il-kwart ta' isfel u l-kwart ta' fuq tal-indiċi tal-istatus ekonomiku, soċjali u kulturali (ESCS), ir-rabta bejn l-istatus soċjoekonomiku u l-eżiti tal-apprendiment ġiet diskussa f'aktar dettall fil-JER 2021. Id-*data* hija disponibbli mill-PISA 2018, OECD.

[96] Ara "Employment and Social Developments in Europe Annual Review 2020", il-kapitlu 2.5 dwar il-mobbiltà soċjali).

Għal analiżi dettaljata tat-trażmissjoni tal-(iż)vantaġġ edukattiv minn ġenerazzjoni għall-oħra, ara "Employment and Social Developments in Europe Annual Review 2018", il-Kapitlu 3.

[97] Aktar informazzjoni hija disponibbli fil-pubblikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea (2019), Assessment of the implementation of the 2011 Council recommendation on policies to reduce early school leaving.

[98] FRA, Fundamental rights report 2021.

[99] Id-*data* ma tingħatax bħala valur uniku peress li ġejja minn żewġ mewġiet ta' stħarriġiet, li koprew lil BE, BG, CZ, EL, ES, FR, HR, HU, IE, NL, PT, RO, SE, SK. Ara f'SWD(2020) 530 final li jakkumpanja l-Komunikazzjoni dwar Unjoni tal-Ugwaljanza: Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-

tat-tfal Rom jattendu l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, u 26-28 % taż-żgħażagħ Rom ta' 20-24 sena jlestu tal-anqas l-edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell. Barra minn hekk, tifel jew tifla Rom minn kull tlieta jattendu klassijiet li fihom il-biċċa l-kbira tal-istudenti l-oħrajn huma Rom. Ir-rapporti tal-Kunsill tal-Ewropa ppubblikati fl-2020 dwar il-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Ungerija u s-Slovakkja jindikaw sfidi kontinwi bl-edukazzjoni separata tat-tfal Rom[100]. Il-pandemija tal-COVID-19 kompliet taggrava l-problema, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-internet, tat-tagħmir tal-IT u tal-appoġġ għall-apprendiment fl-unitajiet domestiċi[101]. Sabiex tindirizza dan it-tħassib, l-UE ressqet miri ġodda fil-qafas strateġiku tal-2030 tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni[102] u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill għall-ugwaljanza, għalll-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni tar-Rom[103].

Iż-żgħażagħ b'diżabbiltà għadhom jiffaċċjaw prospetti diffiċli fis-suq tax-xogħol bħala riżultat ta' rata ogħla ta' tluq bikri mill-iskola u ta' livelli edukattivi milħuqin aktar baxxi. Fl-2019, fil-livell tal-UE, madwar 21,8 % taż-żgħażagħ b'diżabbiltà (ta' 18-24 sena) kienu persuni li jitilqu kmieni mill-iskola meta mqabblin ma' 9,7 % għal dawk mingħajr[104]. [105] Ir-rati kienu aktar baxxi għat-tfajliet b'diżabbiltà (16,7 %) milli għall-ġuvintur (27 %). Xejra simili hija osservata għall-popolazzjoni tal-migranti, bi 34,6 % tal-migranti żgħażagħ b' (kemm dawk imwielda fl-UE kif ukoll dawk li ma twildux fl-UE) li jitilqu mill-iskola kmieni meta mqabblin ma' 19,8 % għall-migranti żgħażagħ mingħajr diżabbiltà[106]. Barra minn hekk, fl-UE, 32,5 % tal-persuni b'diżabbiltà lestew edukazzjoni terzjarja jew ekwivalenti fl-2019 kontra 43,6 % għall-persuni mingħajr. L-investiment fl-edukazzjoni għall-persuni b'diżabbiltà jnaqqas l-iżvantaġġi relattivi tagħhom peress li d-differenza fl-impjiegi minħabba d-diżabbiltà hija aktar baxxa għall-persuni b'edukazzjoni għolja (14-il pp) milli għal dawk b'edukazzjoni primarja biss (28 pp)[107] (ara t-taqsima 2.3.1).

Filwaqt li s-sistemi tal-Edukazzjoni u tat-Taħriġ Vokazzjonali (VET) imxew lejn offerti ta' apprendiment aktar flessibbli matul il-pandemija, inkluża d-dipendenza fuq l-għodod diġitali, huma jiffaċċjaw xi sfidi speċifiċi għas-settur. Flil-VET, il-pandemija

---

inklużjoni u għall-parteċipazzjoni, COM(2020) 620 final, ibbażata fuq FRA, EU-MIDIS II 2016; FRA, RTS 2019; Eurostat [edat_lfse_03] 2019 (Il-popolazzjoni ġenerali).

[100] Il-Kumitat Konsultattiv tal-FCNM għall-Bulgarija u għall-Ungerija, u r-rapport tal-ECRI għaċ-Ċekja u għas-Slovakkja, irrapportati fl-FRA, Fundamental rights report 2021.

[101] FRA, Coronavirus pandemic in the EU-impact on Roma and Travellers, 2020.

[102] Adottat f'Ottubru 2020.

[103] Adottata f'Marzu 2021, ĠU C 93, 19.3.2021, p. 1–14

[104] Għal spjegazzjonijiet dwar il-metodoloġija statistika użata fir-rigward tad-diżabbiltà, ara: Eurostat, Disability statistics introduced - Statistics Explained (europa.eu). Sakemm ma jkunx speċifikat, l-istatistiki dwar id-diżabbiltà jittieħdu mill-mikrodata tal-EU-SILC (EU-SILC 2019) jew mill-istatistiki ppubblikati fil-bażi tad-*data* tal-Eurostat dwar is-saħħa. Il-kampjun tal-EU-SILC jinkludi persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi privati u ma jinkludix persuni li jgħixu f'istituzzjonijiet. Il-kunċett użat sabiex jiġu identifikati l-persuni b'diżabbiltà (indebolimenti) huwa jekk "għal tal-anqas l-aħħar 6 xhur" ir-rispondent jirrapportax li kien "limitat minħabba problema tas-saħħa f'attivitajiet li normalment jagħmlu n-nies". Id-*data* ma tkoprix il-perjodu tal-kriżi tal-COVID-19.

[105] European Disability Expertise (EDE), 2021 (pubblikazzjoni pendenti fuq din il-paġna). Id-*data* hija bbażata fuq l-EU-SILC 2019, b'differenzi żgħar possibbli mid-*data* tal-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol dwar l-istess suġġett.

[106] Dawn ir-rati huma bbażati fuq numru żgħir ta' osservazzjonijiet.

[107] Id-*data* ġejja mill-EU-SILC 2019 analizzata mill-Esperti Ewropej dwar id-Diżabbiltà (EDE).

kkawżat sfidi simili relatati mad-distakk diġitali bħal fl-edukazzjoni ġenerali[108] , iżda l-iskejjel u l-fornituri tal-VET barra minn dawn iffaċċjaw sfidi speċifiċi[109]. Filwaqt li 37 % tar-rispondenti għal stħarriġ dwar l-appoġġ għall-apprendistati[110] jirrapportaw li xi wħud mill-attivitajiet tagħhom bdew isiru online matul il-pandemija, 86 % tar-rispondenti għall-istħarriġ Globali tal-ILO dwar l-impatt tal-COVID-19 fuq l-iżvilupp u fuq it-taħriġ tal-persunal[111] indikaw interruzzjoni sħiħa jew parzjali tat-taħriġ tal-apprendisti. L-aktar sfidi msemmijin ta' spiss kienu: (i) diffikultajiet fit-twettiq ta' taħriġ prattiku, (ii) problemi ta' infrastruttura jew ta' tagħmir u (iii) nuqqas ta' programmi u ta' riżorsi ta' taħriġ adattati. Sabiex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni diġitali tal-iskejjel tal-VET u tal-kumpaniji tat-taħriġ, l-għodda żviluppata mill-UE SELFIE għall-iskejjel ġiet estiża fil-ħarifa tal-2021 b'modulu ġdid għall-apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol. Dan jgħin lill-fornituri tal-VET u lill-kumpaniji tat-taħriġ jivvalutaw il-prontezza diġitali tagħhom u jidentifikaw oqsma prattiċi għat-titjib.

Il-livell edukattiv terzjarju milħuq qed ikompli jiżdied fl-UE; madankollu, għad hemm sottorappreżentazzjoni persistenti ta' ġuvintur u ta' studenti li ma twildux fl-UE. L-edukazzjoni terzjarja ta' kwalità għandha rwol importanti fil-prospetti tas-suq tax-xogħol u fil-mobbiltà soċjali tan-nies[112]. L-Istati Membri qablu dwar mira fil-livell tal-UE taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni ta' sehem ta' żgħażagħ ta' 25-34 sena b'livell edukattiv terzjarju milħuq ta' mill-inqas 45 % sal-2030. Fl-2020, dan is-sehem kien ta' 40,5 % fl-UE, 8,3 pp ogħla milli fl-2010 u b'titjib fl-Istati Membri kollha (Illustrazzjoni 2.2.4). Madankollu, hemm differenzi evidenti bejn il-pajjiżi. Ħdax-il Stat Membru diġà laħqu l-mira fil-livell tal-UE u, fost il-grupp ta' pajjiżi li għandhom rati ta' livell edukattiv terzjarju milħuq taħt il-45 %, ir-Rumanija u l-Italja biss ma laħqux it-30 % fl-2020. Madankollu, hemm differenza sinifikanti bejn il-ġeneri: is-sehem medju ta' nisa ta' 25-34 sena b'livell edukattiv terzjarju milħuq huwa ta' 46 % u, għalhekk, 10,8 pp ogħla minn dak tal-irġiel (35,2 %). Barra minn hekk, nies li twieldu barra mill-UE għandhom eżiti agħar. Fl-2020, ir-rata medja tal-UE ta' livell edukattiv terzjarju milħuq għal dawk ta' 25-34 sena kienet ta' 41,3 % għall-persuni nattivi u ta' 34,4 % għal dawk li twieldu barra mill-UE[113]. Fl-aħħar nett, studenti minn sfondi edukattivi aktar baxxi huma sottorappreżentati biżżejjed fi 19 minn 20 Stat Membru li qed jieħdu sehem fl-istħarriġ tal-Eurostudent dwar il-kundizzjonijiet soċjali u ekonomiċi tal-ħajja tal-istudenti fl-Ewropa (l-Irlanda hija l-unika eċċezzjoni)[114]. Flimkien, dawn il-fatturi jindikaw sfidi persistenti f'termini ta' ekwità u ta' aċċess.

---

[108] Ippreżentat f'aktar dettall fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2021 u fil-Monitor tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2020.
[109] Ara pereżempju: OECD (2021). Implications of the COVID-19 pandemic for Vocational Education and Training.
[110] Apprenticeship Support Services (2021). European Alliance for Apprenticeship Monitoring Survey 2019-2020.
[111] ILO (2021). Skilling, upskilling and reskilling of employees, apprentices and interns during the COVID-19 pandemic: Findings from a global survey of enterprises.
[112] Vandeplas, A. (2021) Education, Income, and Inequality in the European Union, in Fischer, G. and Strauss, R. (ed.) Europe's Income, Wealth, Consumption, and Inequality, Oxford University Press.
[113] Eċċezzjonijiet notevoli jinkludu l-Polonja, l-Estonja, l-Ungerija, l-Irlanda u l-Lussemburgu, fejn id-distakk jinsab fid-direzzjoni opposta.
[114] Hauschildt, Gwosć, Schirmer, Wartenbergh-Cras (2021) EUROSTUDENT VII Synopsis of Indicators 2018–2021, wbv Media.

Illustrazzjoni 2.2.4: Il-livell edukattiv terzjarju milħuq żdied madwar l-UE, iżda hemm differenzi kbar bejn l-Istati Membri u l-ġeneri

Il-livell edukattiv terzjarju milħuq skont il-pajjiż, il-ġeneru u ċ-ċittadinanza, 2010 u 2020, u l-mira taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni tal-2030 (f'%, età ta' 25-34 sena)



Nota: DE: interruzzjoni fis-serje kronoloġika u *data* provviżorja fl-2020. BE, RO, SK: ebda *data* fl-2020 għal dawk li ma twildux fl-UE. LT: *data* mhux affidabbli fl-2020 għal dawk li ma twildux fl-UE.
Eurostat, Stħarriġ tal-UE dwar il-Forza tax-Xogħol. Kodiċi tad-*data* [edat_lfs_9912].

Meta wieħed iħares lejn ir-rati ta' impjieg tal-gruppi tal-popolazzjoni b'livelli edukattivi differenti, jista' jiġi osservat tnaqqis simili fil-livell ġenerali fl-2020. Fl-UE fl-2020, ir-rata ta' impjieg ta' dawk li għandhom 20-64 sena naqset b'0,8 pp għall-persuni b'livell baxx ta' kwalifiki, b'1,2 pp għall-persuni b'livell medju ta' kwalifiki u b'0,9 pp għall-persuni b'livell għoli ta' kwalifiki (għal 54,9 %, għal 72,2 % u għal 83,9 % rispettivament, ara l-Illustrazzjoni 2.2.5). Tnaqqis akbar ġie rreġistrat fir-rati ta' impjieg ta' gradwati reċenti ta' 20-34 sena, li naqsu b'4,7 pp għal persuni b'livell aktar baxx ta' kwalifiki u b'4,5 pp għal dawk b'edukazzjoni sekondarja ġenerali. Ir-rata ta' impjieg tal-gradwati riċenti mill-VET ta' 20-34 sena naqset bi 3 pp, minn 79,1 % fl-2019 għal 76,1 % fl-2020, bi tliet pajjiżi li rreġistraw tnaqqis akbar minn 10 pp (Spanja, Ċipru u l-Litwanja). Dawk li dan l-aħħar iggradwaw mill-edukazzjoni terzjarja rreġistraw biss tnaqqis ta' 1,3 pp, li jsostni x-xejra fit-tul ta' eżiti aħjar ta' impjieg ta' persuni b'edukazzjoni terzjarja.

Illustrazzjoni 2.2.5: Il-pandemija affettwat ir-rati ta' impjieg fil-livelli kollha tal-edukazzjoni
Ir-rati ta' impjieg skont il-livell edukattiv (% tal-persuni ta' 20 – 64 sena fl-2020)



Nota: interruzzjoni fis-serje kronoloġika u *data* provviżorja għal DE
Sors: Eurostat [lfsa_ergaed]

In-nuqqas ta' ħiliet eżistenti fis-swieq tax-xogħol tal-UE[115] x'aktarx jippersisti u jikber aktar f'xi setturi u f'xi okkupazzjonijiet. Fl-istħarriġ dwar l-investiment tal-2020 mill-Bank Ewropew tal-Investiment, is-sehem tal-impjegaturi tal-UE li qed jikkunsidraw id-diffikultajiet sabiex isibu ħaddiema bil-ħiliet it-tajba bħala ostaklu għall-investiment żdied minn 66 % fl-2016 għal 76 % fl-2019, bi tnaqqis żgħir biss għal 73 % fl-2020[116]. Il-Eurofound irrapportat rati dejjem jiżdiedu ta' postijiet tax-xogħol vakanti fis-setturi tal-kostruzzjoni, tal-kura tas-saħħa u tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, fejn in-nuqqas ta' ħiliet kien problema strutturali diġà minn qabel il-pandemija[117]. Il-kriżi tal-COVID-19 setgħet aċċellerat il-bidla li għaddejja fil-profili tal-ħiliet tal-impjegati (ara l-Illustrazzjoni 2.2.6) u ċ-ċaqliq tal-impjiegi minn impjiegi b'livell aktar baxx ta' kwalifiki għal dawk b'livell ogħla ta' kwalifiki[118]. Ix-

[115] Ara t-Taqsima 2.1. In-nuqqas ta' ħiliet ġie diskuss f'aktar dettall fil-JER 2021.
[116] EIB Investment Report 2020/2021: Building a smart and green Europe in the COVID-19 era u l-portal tad-*data* tal-BEI.
[117] Eurofound (2021), Tackling labour shortages in EU Member States.
[118] Cedefop (2021). Digital, greener and more resilient. Insights from Cedefop's European skills forecast.

xejra usa' hija relatata mad-diġitalizzazzjoni, mat-tibdil fix-xejriet tad-domanda tal-konsumatur u mal-bidliet strutturali assoċjati fl-ekonomija[119].

Illustrazzjoni 2.2.6 – Is-sehem tal-impjegati li għandhom livell baxx u medju ta' kwalifiki ilu jonqos matul l-aħħar deċennju

Is-sehem fir-rata totali ta' impjieg skont il-livell ta' kwalifika fl-EU-27 (%, 2011 – 2020)



Sors: Eurostat [lfsi_educ_a]

L-iżvilupp tal-ħiliet għall-adulti għadu 'l bogħod mill-prattika standard madwar l-UE; il-mira ewlenija tal-UE sal-2030 se tappoġġa aktar sforzi fuq din id-dimensjoni. L-iżgurar li l-forza tax-xogħol ikollha l-ħiliet għas-swieq tax-xogħol tal-futur għadu sfida importanti b'differenzi kbar bejn il-pajjiżi u b'impatt qawwi mill-pandemija. Fl-2019, ir-rata ta' parteċipazzjoni tal-adulti (ta' 25-64 sena) f'attivitajiet ta' apprendiment (matul l-erba' ġimgħat preċedenti) laħqet l-10,8 %. Fil-kuntest tal-pandemija, fl-2020, din ir-rata naqset għal 9,2 %, u ma laħqitx il-mira ta' 15 % stabbilita mill-Qafas Strateġiku tal-2020 għall-Edukazzjoni u għat-Taħriġ[120]. Franza, id-Danimarka u l-Iżvezja rreġistraw tnaqqis ta' aktar minn 5 pp bejn l-2019 u l-2020. Hemm varjazzjoni kumplessiva kbira, u ftit konverġenza, bejn l-Istati Membri. Sitt pajjiżi biss kienu ogħla mill-mira fl-2020 (l-Iżvezja, il-Finlandja, id-Danimarka, in-Netherlands, l-Estonja u l-Lussemburgu). Min-naħa l-oħra, seba' pajjiżi baqgħu taħt il-5 % (Ċipru, il-Greċja, il-Polonja, il-Kroazja, is-Slovakkja, il-Bulgarija u r-Rumanija). Fl-2020, fl-UE aktar nisa milli rġiel ħadu sehem f'apprendiment: 10 % tan-nisa

[119] Ara l-Kummissjoni Ewropea (2021), Employment and social developments in Europe 2021, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu u Briefing note - Trends, transitions and transformation | Cedefop (europa.eu).

[120] Il-mira għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2020 tkejjel il-parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti fl-aħħar erba' ġimgħat (il-kodiċi tal-Eurostat [trng_lfs_01]). Sabiex jiġu segwiti aħjar il-forom kollha ta' apprendiment għall-adulti, f'Ġunju 2021, il-Kunsill iddeċieda li jbiddel l-indikatur sabiex ikejjel il-parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti fl-aħħar 12-il xahar (ara t-Taqsima 1.3).

kontra 8,2 % tal-irġiel (Illustrazzjoni 2.2.7), b'differenza sinifikanti ħafna fl-Iżvezja (35,5 % tan-nisa u 21,9 % tal-irġiel) u fil-Finlandja (31,7 % meta mqabbla ma' 23 %)[121]. Sabiex jissaħħu l-isforzi fl-apprendiment għall-adulti, il-Kunsill laqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal mira ewlenija ta' mill-inqas 60 % tal-adulti li jieħdu sehem fl-apprendiment matul it-12-il xahar preċedenti) sal-2030[122]. Il-mira hija appoġġata mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar aġenda Ewropea ġdida għat-tagħlim tal-adulti 2021-2030 (li jmiss) u l-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa, u appoġġata finanzjarjament mill-FSE+ u mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF).

Illustrazzjoni 2.2.7: Il-pandemija kkawżat tnaqqis fil-parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti fi kważi l-Istati Membri kollha

Il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment (l-aħħar erba' ġimgħat, 25-64 sena) fl-2019 u fl-2020, skont il-pajjiż u l-ġeneru



Sors: Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol tal-UE, Eurostat [trng_lfs_01]

Il-parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti fost dawk b'livell baxx ta' kwalifiki baqgħet ferm taħt il-medja. Fl-2020, il-parteċipazzjoni medja tal-UE ta' adulti b'livell baxx ta' kwalifiki fl-apprendiment (3,4 %) kienet madwar terz taċ-ċifra aggregata kumplessiv, u rreġistrat ukoll tnaqqis ta' 0,9 pp mill-2019[123]. Għaxar pajjiżi rrapportaw riżultati taħt il-medja tal-UE (filwaqt li għal sitta oħrajn ma kienx hemm *data* disponibbli[124]). Bħal fl-2019, l-Iżvezja, il-Finlandja u d-Danimarka rreġistraw l-ogħla sehem ta' adulti b'livell baxx ta' kwalifiki li ħadu sehem fl-apprendiment (14 % u ogħla). Id-differenza bejn il-ġeneri kienet minima, għalkemm iċ-ċifri nazzjonali jvarjaw b'mod sinifikanti. L-akbar differenza favur l-

[121] Il-pandemija ma kellhiex impatt sinifikanti fuq il-mudell tal-parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti skont il-ġeneru.
[122] Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2021.
[123] Eurostat, Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol, [trng_lfse_03]. Id-*data* ma hijiex disponibbli għall-Bulgarija, għall-Kroazja, għal Ċipru, għal-Latvja, għar-Rumanija, għas-Slovakkja. Ma hijiex disponibbli diżaggregazzjoni skont il-ġeneru għal-Litwanja u għall-Polonja.
[124] Il-Eurostat ma jippubblikax ir-rati ta' parteċipazzjoni għal grupp speċifiku jekk ikun hemm ftit wisq "studenti" fil-kampjun.

irġiel ġiet irreġistrata fil-Lussemburgu (6,3 % kontra 5,1 %), f'Malta (4,0 % kontra 2,9 %) u fl-Awstrija (4,4 % kontra 3,5 %), u favur in-nisa fl-Iżvezja (27,7 % tan-nisa u 17,2 % tal-irġiel), fil-Finlandja (20,8 % meta mqabbla ma' 11,3 %) u fid-Danimarka (16,2 % meta mqabbla ma' 12,6 %)[125]. Fl-UE, fl-2020, il-persuni li ma twildux fl-UE ta' 25-64 sena (li minnhom 38 % għandhom livell baxx ta' kwalifiki meta mqabblin ma' 18,8 % tal-persuni nattivi[126]), kienu ftit aktar probabbli li jipparteċipaw fl-apprendiment għall-adulti minn dawk nattivi (9,9 % kontra 9,1 % rispettivament). Madankollu, dawk li ma twildux fl-UE jieħdu sehem anqas spiss fl-apprendiment, fis-Slovenja (distakk ta' 4,6 pp), fl-Italja (4,3 pp), fl-Estonja (4 pp), fi Franza (3,8 pp) u fil-Latvja (3,8 pp).[127]

Il-pandemija żiedet b'mod sinifikanti s-sehem online tal-apprendiment għall-adulti, li żdied minn 8 % fl-2019 għal 13 % fl-2020, wara li żdied b'1 pp biss mill-2017[128]. Id-*data* tindika differenzi kbar bejn il-pajjiżi fl-ishma online tal-apprendiment għall-adulti, b'distakki kbar bejn in-nisa u l-irġiel b'mod partikolari f'Ċipru u fl-Estonja (fejn iż-żieda fir-rata ta' parteċipazzjoni tan-nisa kienet erba' darbiet minn dik tal-irġiel), fl-Awstrija, fil-Litwanja u f'Malta (tliet darbiet), fil-Lussemburgu u fil-Greċja (aktar mid-doppju). Dawn l-iżviluppi jkomplu jenfasizzaw l-importanza li jiġi żgurat l-aċċess għall-ħiliet diġitali għal kulħadd.

L-Istati Membri tal-UE rreġistraw progress limitat fil-provvista ta' ħiliet diġitali bażiċi għall-adulti, u huma meħtieġa aktar sforzi sinifikanti dwar il-ħiliet diġitali avvanzati. Il-pandemija żiedet sostanzjalment id-domanda għall-ħiliet diġitali fil-livelli kollha bħala rekwiżit trasversali f'ħafna okkupazzjonijiet u setturi[129]. Madankollu, l-indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali juri li 56 % biss tal-adulti (16-74 sena) kellhom tal-anqas ħiliet diġitali bażiċi fl-UE fl-2019 (l-aħħar *data* disponibbli). L-indikatur jissuġġerixxi wkoll nuqqas ta' konverġenza madwar l-Istati Membri (l-Illustrazzjoni 2.2.8) u progress bil-mod ħafna mill-2014. Sabiex jitħaffef il-progress, il-proposta tal-Kummissjoni għall-Programm ta' Politika tal-2030 "Perkors għad-Deċennju Diġitali" tinkludi mira ta' mill-anqas 80 % tal-persuni ta' bejn 16 u 74 sena b'ħiliet diġitali bażiċi sal-2030[130]. Fl-UE ġiet irreġistrata żieda aktar inkoraġġanti fil-perċentwal ta' individwi b'ħiliet diġitali aħjar minn bażiċi, minn 29 % fl-2017 għal 31 % fl-2019, iżda b'distakki sinifikanti f'ħafna pajjiżi. Il-ħiliet diġitali huma meħtieġa (fil-livell xieraq) f'aktar minn 90 % tal-impjiegi sal-lum u fi kważi s-setturi kollha tal-ekonomija. Il-progress f'dan il-qasam huwa, pereżempju, essenzjali jekk l-UE trid tissodisfa l-ħtieġa qawwija għall-ispeċjalisti fl-ICT[131]. Sabiex li jiġi żgurat suċċess fit-

[125] L-Estonja rreġistrat ukoll distakk sinifikanti, iżda d-*data* ma hijiex affidabbli għall-irġiel.

[126] Iċ-ċifri kollha jirreferu għall-Eurostat, [edat_lfs_9912]

[127] Eurostat, [trng_lfs_13]

[128] Id-*data* kollha dwar il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment online ġejja mill-kalkoli tal-Kummissjoni (JRC) ibbażati fuq il-Eurostat, Stħarriġ dwar l-użu tal-ICT fl-unitajiet domestiċi u mill-individwi [TIN00103], 2017, 2019, 2020. Peress li t-tabella tal-Eurostat TIN00103 ma tqassamx il-parteċipazzjoni skont l-età, id-*data* tippreżenta l-istimi tal-JRC għall-komponent adult. Id-*data* tal-2020 hija nieqsa għal Franza. Għal informazzjoni addizzjonali dwar il-bidliet fil-parteċipazzjoni fl-apprendiment online għall-adulti fl-2020, jekk jogħġbok ara: pubblikazzjoni pendenti: Di Pietro, G u Karpiński, Z. (2021), Covid-19 and online adult learning, Il-Kummissjoni Ewropea, JRC.

[129] Morandini, M. C., Thum-Thysen, A., u Vandeplas A. (2020). Facing the digital transformation: Are digital skills enough? European Economy. Economic Briefs, 054

[130] Il-mira tressqet fil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9. 3. 2021. dwar Il-Kumpass Diġitali tal-2030: l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali COM(2021) 118 final, u fil-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15. 9. 2021 li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 "Il-Perkors għad-Deċennju Diġitali", COM/2021/574 final.

[131] Diskussa fil-JER 2021 u f'aktar dettall fir-rapport tas-Cedefop Digital skills: challenges and opportunities during the pandemic | Cedefop (europa.eu).

tranżizzjoni diġitali tal-UE, il-"Perkors għad-Deċennju Diġitali" ppropona wkoll l-objettiv ta' 20 miljun speċjalista fl-ICT impjegati sal-2030 (b'enfasi fuq iż-żieda fin-numru ta' speċjalisti nisa fl-ICT, li bħalissa jirrappreżentaw biss 18 % tat-total fl-Ewropa).

Illustrazzjoni 2.2.8: Hemm differenzi kbar bejn il-pajjiżi u progress bil-mod fil-ħiliet diġitali tal-adulti

Is-sehem tal-popolazzjoni b'ħiliet diġitali kumplessivi bażiċi jew aħjar u t-tibdil annwali (f'%, 2019 u bidliet f'paragun mal-2017, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)



Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Interruzzjoni fis-serje għal CZ, IT, LV u LU fl-2019. Id-*data* għall-2017 ma hijiex disponibbli għall-Italja (2019: 42 %).
Sors: Eurostat, il-kodiċi tad-*data* online [tepsr_sp410].

It-tranżizzjoni ekoloġika hija mistennija li toħloq impjiegi ġodda u tbiddel il-kompiti f'ħafna okkupazzjonijiet, filwaqt li ssaħħaħ saħansitra aktar il-ħtieġa għat-titjib tal-ħiliet u għat-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol. Jekk ikun akkumpanjat minn appoġġ adegwat u f'waqtu għat-taħriġ mill-ġdid u għat-titjib tal-ħiliet, il-ħolqien tax-xogħol li jirriżulta mill-politiki dwar it-tibdil fil-klima jista' jżid impjiegi b'ħiliet medji u jgħin sabiex jittaffew ix-xejriet tal-polarizzazzjoni tax-xogħol. It-tbassir tal-ħiliet tal-2021 tas-Cedefop[132] juri li l-impatt mistenni tal-politiki tal-Patt Ekoloġiku Ewropew ivarja ħafna bejn is-setturi. Madankollu, il-biċċa l-kbira tas-setturi huma mistennijin jesperjenzaw bidla fil-kompiti fi

[132] Cedefop (2021). Digital, greener and more resilient. Insights from Cedefop's European skills forecast.

ħdan is-settur aktar milli żieda jew tnaqqis kumplessiv fl-impjiegi (eż. vetturi bil-mutur). Filwaqt li ma hemm l-ebda definizzjoni maqbula b'mod komuni tal-ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika, bejn wieħed u ieħor jistgħu jiġu identifikati tliet kategoriji ta' ħiliet bħala rilevanti għall-futur: ħiliet tekniċi speċifiċi għall-okkupazzjonijiet, ħiliet professjonali trażversali (bħall-ħiliet diġitali), u kompetenzi għaċ-ċittadini kollha (eż. sensibilizzazzjoni ambjentali)[133]. Bħala parti mill-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa u mill-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali, għaddejja ħidma, fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, dwar l-edukazzjoni u l-ħiliet għat-tranżizzjoni ekoloġika (kif ukoll dwar il-ħiliet diġitali).

Kaxxa 2 tal-Pilastru: **It-tisħiħ tal-apprendiment għall-adulti għal tkabbir inklużiv u sostenibbli**

Il-kisba tal-ħiliet tul il-ħajja hija integrali għas-sostenibbiltà kompetittiva tal-ekonomija tal-UE, f'konformità mal-prinċipji 1 u 4 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (dwar edukazzjoni, taħriġ u tagħlim tul il-ħajja, u dwar appoġġ attiv għall-impjiegi, rispettivament). Dan jeħtieġ livell għoli ta' ħiliet tal-forza tax-xogħol u tal-popolazzjoni ġenerali, li jippermetti lill-ekonomija tkun innovattiva u tibqa' kompetittiva ħafna, filwaqt li jippermetti lil kulħadd jifhem l-opportunitajiet tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali sabiex ikunu ġusti wkoll. Fid-dawl tat-trasformazzjonijiet rapidi, livell għoli ta' ħiliet jiddependi dejjem aktar fuq l-apprendiment kontinwu wara l-edukazzjoni inizjali. Dan huwa rikonoxxut ukoll mill-mira ewlenija l-ġdida tal-UE ta' mill-inqas 60 % tal-adulti li jipparteċipaw fl-apprendiment (matul it-12-il xahar preċedenti) sal-2030. Sabiex tappoġġa din l-ambizzjoni, fil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tressaq proposti dwar kontijiet individwali tal-apprendiment u dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali.

Il-parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti fl-UE għadha baxxa (ara t-taqsima 2.2.1). Fi stħarriġ riċenti tas-Cedefop, 84 % tar-rispondenti qablu li l-apprendiment għall-adulti huwa ta' benefiċċju għall-progressjoni tal-karriera u 96 % ħasbu li l-apprendiment tul il-ħajja huwa importanti għall-iżvilupp personali[134]. Madankollu, fl-2020 9,2 % biss tal-adulti ħadu sehem fl-apprendiment fl-UE, b'varjazzjoni wiesgħa bejn il-pajjiżi.

Korrelazzjoni tal-parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti u s-sehem tal-PDG



133 Għal diskussjoni dwar il-ħtieġa għal bażi ta' ħiliet wiesgħa, ara Morandini, M. C., Thum-Thysen, A., u Vandeplas A. (2020). Facing the digital transformation: Are digital skills enough? European Economy. Economic Briefs, 054.

134 Cedefop (2020). *Perceptions on adult learning and continuing vocational education and training in Europe. Second Opinion survey –Volume 1.*

Sors: Stħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti 2016 għaċ-ċifri tal-parteċipazzjoni, stimi finanzjarji bbażati fuq il-Kummissjoni Ewropea (2020), li jistmaw għall-individwi u għall-unitajiet domestiċi n-nefqiet fuq l-apprendiment formali u mhux formali (Stħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti 2016), in-nefqa fuq it-taħriġ għall-impjegati minn impjegaturi pubbliċi u privati (Stħarriġ dwar it-Taħriġ Vokazzjonali Kontinwu 2016), l-investimenti pubbliċi bbażati fuq in-nefqiet fit-taħriġ bħala parti mill-politiki attivi tas-suq tax-xogħol (bażi tad-*data* tal-Politiki tas-Suq tax-Xogħol).[135]

Huwa meħtieġ appoġġ finanzjarju u mhux finanzjarju integrat sabiex jinċentiva aktar adulti sabiex jipparteċipaw fl-apprendiment. Hemm korrelazzjoni b'saħħitha bejn is-sehem tal-PDG investit fl-apprendiment għall-adulti u r-rata ta' parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti (ara ċ-ċart). Stħarriġ rappreżentattiv tal-2020 tas-Cedefop sab li 89 % tal-adulti tal-UE qablu li inċentivi jew appoġġ finanzjarju aħjar jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni fit-taħriġ[136], u sejba simili ħarġet mill-konsultazzjoni tal-2021 dwar l-inizjattiva tal-Kontijiet Individwali tal-Apprendiment[137]. Madankollu, 41 % oħra semmew il-kunflitti tal-iskedi, bħad-diffikultajiet sabiex wieħed jirċievi ħin liberu mix-xogħol. Minbarra l-ostakli tal-kostijiet u tal-ħin, restrizzjonijiet oħrajn jinkludu għarfien limitat dwar il-ħtiġijiet tal-ħiliet u l-offerti ta' taħriġ proprji, inċertezzi dwar il-kwalità u r-rikonoxximent ta' programm ta' taħriġ, kif ukoll tfassil insuffiċjenti tal-offerti ta' taħriġ għall-ħtiġijiet individwali.[138] Għalhekk, iż-żieda fil-parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti tkun teħtieġ approċċ integrat li jindirizza d-diversi ostakli b'mod koerenti. Dan jimplika l-kombinazzjoni tal-appoġġ finanzjarju għall-kostijiet diretti u l-liv għat-taħriġ imħallas mas-servizzi ta' gwida għall-karriera, ħarsa ġenerali lejn l-opportunitajiet ta' taħriġ ta' kwalità ggarantita u informazzjoni dwar il-validazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-ħiliet.

L-Istati Membri daħħlu fis-seħħ skemi li għandhom l-għan li jindirizzaw ostakli differenti. Fil-**Finlandja**, l-allowance għall-edukazzjoni għall-adulti li ġie rriformat reċentement jipprovdi sostituzzjoni tal-introjtu matul perjodi ta' taħriġ u huwa miftuħ għall-ħaddiema għal rashom. Fl-**Irlanda**, kredenzjali żgħar li jiċċertifikaw aktar apprendiment huma aċċettati sew fis-suq tax-xogħol. Fi **Franza**, kontijiet individwali tat-taħriġ ("compte personnel de formation") huma disponibbli għall-adulti kollha li jaħdmu li għandhom 16-il sena u aktar. L-individwi jistgħu jonfqu l-intitolamenti ta' taħriġ akkumulati tagħhom fuq it-taħriġ jew fuq il-valutazzjoni tal-ħiliet minn lista ta' opportunitajiet iċċertifikati. Il-kontijiet tat-taħriġ huma marbutin ma' gwida għall-karriera u ma' offerti ta' liv edukattiv imħallas. **In-Netherlands** jinsabu fil-proċess li jissostitwixxu t-tnaqqis tat-taxxa fuq l-introjtu tagħhom għan-nefqiet fuq it-taħriġ b'baġit ta' apprendiment individwali sa EUR 1 000 ("*Stimulans ArbeidsmarktPositie*" jew il-baġit tal-STAP) li se jkun applikabbli mill-2022. Ir-riforma għandha l-għan li twessa' l-aċċess għall-appoġġ finanzjarju u żżid il-viżibbiltà tiegħu, filwaqt li fl-istess ħin iżżid it-trasparenza dwar l-offerti ta' taħriġ permezz ta' lista ta' opportunitajiet ta' taħriġ iċċertifikati li huma eliġibbli għal finanzjament mill-STAP.

Il-kriżi tal-COVID-19 kellha impatt aktar qawwi fuq iż-żgħażagħ, b'mod partikolari dawk li kellhom bżonn jidħlu fis-suq tax-xogħol għall-ewwel darba. Ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ (il-grupp ta' età ta' 15-24) żdiedet għal 17,4 % fit-tieni trimestru tal-2021 fl-UE, 0,6 pp ogħla mit-tieni trimestru tal-2020, u 2,5 pp ogħla meta mqabbla ma' qabel il-pandemija (it-tieni trimestru tal-2019). Din hija kważi t-tripplu tar-rata tal-qgħad tal-popolazzjoni ta' 25-

[135] Il-Kummissjoni Ewropea (2020), Workforce skills and innovation diffusion: trends and policy implications. Anness 8. Ara wkoll il-Kummissjoni Ewropea (2020), Adult Learning Statistical Synthesis Report:, pp. 22-34.
[136] Cedefop (2020) Perceptions on adult learning and continuing vocational education and training in Europe. Second opinion survey – Volume 1 (europa.eu), Illustrazzjoni 30.
[137] Ara l-rapport tal-bidu tal-valutazzjoni tal-impatt tal-Kontijiet Individwali tal-Apprendiment.
[138] Ara l-istħarriġ tas-Cedefop (2020), u OECD (2021), Skills Outlook- Learning for Life. Il-Kapitlu 4: Promoting interest and participation in adult learning għal diskussjoni ulterjuri.

74 sena, li kienet ta' 6,2 % fit-tieni trimestru tal-2021. Ħafna Stati Membri esperjenzaw żidiet qawwijin fil-qgħad fost iż-żgħażagħ bejn it-tieni trimestru tal-2019 u t-tieni trimestru tal-2021 (bi 13-il pp fil-Kroazja, b'9,2 pp fil-Litwanja, b'7,7 pp fis-Slovenja u b'6,5 pp fl-Iżvezja, Illustrazzjoni 2.2.9). Il-qgħad fost iż-żgħażagħ kien ta' 30 % jew ogħla f'xi Stati Membri (38,4 % fi Spanja, 38,2 % fil-Greċja, 30 % fl-Iżvezja). Is-sitwazzjoni kienet partikolarment diffiċli għaż-żgħażagħ fi tranżizzjoni mis-sistema edukattiva għas-suq tax-xogħol. In-numru totali ta' dawk li għadhom kif bdew impjieg u għandhom bejn 20 u 64 sena, naqas fl-2020 għal 6,5 miljuni bħala medja trimestrali, meta mqabbel ma' medja ta' madwar 7,5 miljuni persuna fis-snin preċedenti. Ir-rati ta' impjieg temporanju involontarju taż-żgħażagħ ta' bejn il-15 u l-24 sena fl-2020 kienu għoljin ukoll, bi 13,2 % minnhom li kellhom impjieg temporanju minħabba li ma setgħux isibu impjieg permanenti (kontra 6,3 % tal-ħaddiema ta' 25-64 sena). Il-proporzjon kien ta' aktar minn wieħed minn erbgħa fi Spanja, fil-Portugall, fl-Italja u fil-Kroazja[139]. Id-*data* dwar il-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-impjiegi taż-żgħażagħ tindika sfida strutturali, li titlob azzjoni politika deċiżiva sabiex jiġu evitati riskji ta' effetti dejjiema fuq il-ħiliet u fuq l-prospetti tas-suq tax-xogħol taż-żgħażagħ.

[139] Sors: Eurostat (il-kodiċi tad-*data* online: lfsa_etgar])

Illustrazzjoni 2.2.9: Ir-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ żdiedu matul il-kriżi tal-COVID-19

Ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ (15-24 sena), tqabbil bejn l-ewwel trimestru tal-2020 u t-tieni trimestru tal-2021



Nota: Affidabbiltà baxxa għal BG, EE, HR, LU, MT, SI fl-ewwel trimestru tal-2020. L-ebda *data* għal DE fl-ewwel trimestru tal-2020. Interruzzjoni fis-serje kronoloġika għall-Istati Membri kollha fl-ewwel trimestru tal-2021. Affidabbiltà baxxa għal HR, MT, SI fit-tieni trimestru tal-2021. Id-definizzjoni tvarja għal ES, FR għat-tieni trimestru tal-2021.

Sors: Eurostat, LFS [LFSQ_URGAED]

Ix-xokk tal-COVID-19 reġġa' lura x-xejra ta' sitt snin ta' tnaqqis fin-numri ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET). It-tnaqqis tas-sehem ta' NEETs ta' 15-29 sena minn 12,6 % fl-2019 għal 9 % fl-2030 huwa wieħed mill-miri komplementari tal-UE mressqin mill-Kummissjoni Ewropea fil-Pjan ta' Azzjoni tagħha għall-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Minħabba l-kriżi, is-sehem ta' NEETs f'dan il-grupp ta' età qabeż b'1,1 pp, għal 13,7 %, bejn l-2019 u l-2020. Qabel il-kriżi, l-Istati Membri kienu qed jagħmlu progress kostanti fit-tnaqqis tar-rati ta' NEETs (mill-ogħla rekord ta' 16,1 % għal rekord baxx ta' 12,6 % fl-UE bejn l-2013 u l-2019)[140]. L-indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali (Figure 2.2.10) juri li r-rati ta' NEETs żdiedu bejn l-2019 u l-2020 fl-Istati Membri kollha ħlief f'żewġ Stati Membri (ir-Rumanija bi tnaqqis ta' 0,2 pp; in-Netherlands mingħajr tibdil). Erba' pajjiżi jinsabu f'sitwazzjonijiet "kritiċi" tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, b'rati ta' NEETs diġà għoljin u b'żieda ta' 1 pp jew saħansitra akbar mill-2019 (Spanja, il-Bulgarija, l-Italja, il-Greċja). Erba' Stati Membri rreġistraw żieda ferm

[140] Wara r-reviżjoni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, l-indikatur ewlieni tan-NEETs issa jkejjel il-popolazzjoni ta' 15-29 sena, minflok ta' 15-24 sena. Il-grupp ta' età usa' jirreġistra rati ogħla ta' NEETs, iżda x-xejriet għadhom ġeneralment komparabbli.

ogħla mill-medja, b’1,8 pp jew aktar (l-Irlanda, Spanja, il-Litwanja u l-Portugall), għalkemm għall-Portugall (11 %) u għal-Litwanja (13 %) ir-rata ta’ NEETs baqgħet taħt il-medja ponderata tal-UE[141]. Il-maġġoranza tal-Istati Membri jirreġistraw differenzi reġjonali fir-rati ta’ NEETs, f’xi każijiet sinifikanti (ara l-Anness 3). Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa ssaħħaħ l-azzjonijiet sabiex jiġi indirizzat it-tluq bikri mill-iskola, jiġu pprovduti apprendistati u opportunitajiet ta’ traineeships, u jiġi żgurat appoġġ mis-servizzi tal-impjiegi, b’mod partikolari f’termini ta’ konsulenza, ta’ gwida u ta’ mentoraġġ[142].

[141] Ir-rata ta’ NEETs tal-Litwanja kienet ogħla mill-medja mhux ponderata tal-UE, li titkejjel għat-Tabella ta’ Valutazzjoni Soċjali.

[142] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta’ Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi – It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta’ April 2013 dwar l-istabbiliment ta’ Garanzija għaż-Żgħażagħ 2020/C 372/01

Illustrazzjoni 2.2.10: Ir-rati ta' NEETs żdiedu fl-Istati Membri kollha minbarra tnejn u joħolqu tħassib f'diversi pajjiżi

Ir-rata ta' NEETs (15-29 sena) (f'% u t-tibdil bejn l-2019 u l-2020, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)



Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness.
Sors: Eurostat [edat_lfse_35].

Il-bidliet fir-rata ta' NEETs matul ir-reċessjoni ekonomika kienu dovuti għal żidiet kemm fil-qgħad kif ukoll fl-inattività. Bejn l-2019 u l-2020, ir-rata ta' NEETs inattivi tal-UE żdiedet b'0,8 pp (minn 7,8 % għal 8,6 %) u r-rata ta' NEETs qiegħda b'0,4 pp (minn 4,8 % għal 5,2 %). Fl-2020, ir-rata ta' NEETs inattivi kienet partikolarment għolja fl-Italja (15,7 %), fil-Bulgarija (14,7 %), fir-Rumanija (11,5 %) u fl-Ungerija (10,5 %) (Illustrazzjoni 2.2.11). Ir-rata ta' NEETs inattivi kienet relattivament baxxa fil-Lussemburgu (3,7 %), fl-Iżvezja (3,9 %) u fin-Netherlands (4,1 %). Fost in-nisa, l-inattività tan-NEETs hija ħafna aktar frekwenti mill-qgħad (10,8 % kontra 4,6 %), filwaqt li ż-żewġ rati huma kważi ugwali għall-irġiel. Għan-nisa NEETs, ir-responsabbiltajiet ta' kura huma ħames darbiet aktar spiss raġuni għall-inattività milli għall-irġiel[143]. L-isfida tal-appoġġ għal NEETs inattivi hija kkumplikata

[143] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja l-Komunikazzjoni dwar il-Garanzija għaż-Żgħażagħ (COM SWD(2020) 124 final).

mis-sitwazzjonijiet personali diversi tagħhom[144]. Jistgħu, pereżempju, jingħataw sensja temporanja, ikunu qegħdin jistennew sejħa lura għax-xogħol, jaqtgħu qalbhom milli jfittxu impjieg, ikunu qed jieħdu ħsieb membru tal-familja, ibatu minn mard, jew ikollhom xi diżabbiltà. Dawn ilkoll huma sitwazzjonijiet li jitolbu interventi ta' politika individwalizzati differenti.

Illustrazzjoni 2.2.11: Il-maġġoranza tan-NEETs fil-pajjiżi tal-UE huma inattivi, iżda l-proporzjon ivarja b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri

Ir-rata ta' NEETs inattivi u qiegħda (15-29 sena) fl-Istati Membri tal-UE (f'%, 2020)



Nota: Il-pajjiżi huma kklassifikati skont is-sehem dekrexxenti ta' NEETs inattivi. DE: Interruzzjoni fis-serje kronoloġika, provviżorja.
Sors: Eurostat, LFS [edat_lfse_20].

B'mod kumplessiv, fl-2020 ir-rata ta' NEETs kienet ogħla fost iż-żgħażagħ li twieldu barra mill-UE, bin-nisa f'sitwazzjoni kritika partikolari. Bħala medja, fl-UE, ir-rata ta' NEETs fost iż-żgħażagħ li ma twildux fl-UE ta' 15-29 sena kienet ta' 24,6 % fl-2020 meta mqabbla ma' 12,7 % fost dawk nattivi[145]. Sitt pajjiżi (Spanja, l-Italja, l-Awstrija, il-Lussemburgu, l-Irlanda u l-Finlandja) raw żieda ta' aktar minn 3 pp sena wara sena fir-rati ta' NEETs li ma twildux fl-UE, filwaqt li s-Slovenja u Malta rreġistraw titjib imdaqqas (-6,6 pp u -3,9 pp rispettivament). Fil-livell tal-UE, fl-2020, ir-rata ta' NEETs kienet ogħla fost in-nisa milli fost l-irġiel (b'2,9 pp). Meta mqabblin mal-pari femminili nattivi tagħhom, in-nisa li twieldu barra mill-UE rreġistraw rata medja ta' NEETs tal-UE ta' 31,3 %, li tikkorrispondi għal distakk ta' 17,5 pp. Fil-livell tal-pajjiżi, in-nisa li twieldu barra mill-UE rreġistraw distakk kbir ta' aktar minn 20 pp fin-NEETs meta mqabblin mal-pari nattivi tagħhom fil-

[144] Għażla ta' analiżijiet hija disponibbli fuq https://www.eurofound.europa.eu/mt/topic/neets.
[145] Id-*data* kollha f'dan il-paragrafu ġejja mill-Eurostat [edat_lfse_28].

Greċja, fl-Italja, fil-Belġju, fl-Awstrija, fil-Ġermanja u fi Franza. Fil-Belġju, fil-Ġermanja, fil-Lussemburgu, fis-Slovenja u fl-Awstrija, ir-rata ta' NEETs għan-nisa li ma twildux fl-UE kienet tal-anqas tliet darbiet ogħla.

It-tibdil demografiku qed iwassal għal aġġustamenti fil-kompożizzjoni tal-forza tax-xogħol, b'rati ta' impjieg ta' ħaddiema akbar fl-età li qed jiżdiedu. Fl-2010, 24,3 miljun ħaddiem fl-UE kellhom 55-64 sena meta mqabblin ma' 143,4 miljun ta' 25-54 sena. Deċennju wara, fl-2020, in-numru ta' ħaddiema ta' 25-54 sena naqas b'1,7 miljun, filwaqt li n-numru ta' ħaddiema akbar fl-età żdied bi 11,5-il miljun. Ir-rata ta' impjieg tal-ħaddiema akbar fl-età żdiedet matul il-pandemija, minn 59,1 % fl-2019 għal 59,6 % fl-2020. Din iż-żieda ġiet fi tmiem deċennju ta' titjib (minn 44,7 % fl-2010). Din iż-żieda kienet aktar qawwija fost in-nisa, minn 37 % fl-2010 għal 53,4 % fl-2020, u naqqset id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi għal dan il-grupp ta' età b'madwar 3 pp. Id-differenzi fost l-Istati Membri ppersistew, għalkemm xi pajjiżi b'rati baxxi ta' impjieg fl-2010, bħal Malta, l-Italja, il-Polonja u speċjalment l-Ungerija, raw titjib sostanzjali. Fl-istess ħin, is-sigħat tax-xogħol tal-ħaddiema akbar fl-età naqsu aktar matul il-pandemija[146].

It-tnaqqis fir-rati ta' impjieg kien aktar evidenti għall-irġiel milli għan-nisa, u dan jispjega t-tnaqqis żgħir fid-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi li xorta waħda għadha kbira. Bejn l-2019 u l-2020, ir-rata ta' impjieg tan-nisa (20-64 sena) naqset b'medja ta' 0,5 pp fl-UE[147] u laħqet is-66,7 % fl-2020. Minħabba tnaqqis kemxejn akbar fir-rati ta' impjieg tal-irġiel (0,9 pp), l-indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali tad-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi rreġistra titjib żgħir (minn 11,5 % għal 11,1 %). Madankollu, id-distakk għadu kbir b'varjazzjoni wiesgħa bejn il-pajjiżi. L-aktar differenzi baxxi bejn il-ġeneri fl-impjiegi fl-2020 ġew irreġistrati fil-Litwanja (1,7 pp), fil-Finlandja (2,9 pp), fil-Latvja (3,8 pp) u fl-Iżvezja (4,9 pp), li lkoll jikklassifikaw bħala "bl-aħjar prestazzjoni" (l-Illustrazzjoni 2.2.12). Fuq in-naħa l-oħra tal-ispettru, ivvalutati bħala "sitwazzjonijiet kritiċi" fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, hemm l-Italja (19,9 pp), ir-Rumanija (19,3 pp), il-Greċja (18,9 pp), l-Ungerija (16,1 pp) u l-Polonja (15,7 pp). Diversi pajjiżi għandhom varjazzjonijiet reġjonali wisgħin fid-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi (ara l-Anness 3). Minkejja titjib żgħir fid-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi, l-EU-27 ma rat l-ebda konverġenza għat-tieni sena konsekuttiva, peress li ħafna Stati Membri b'differenzi għoljin bejn il-ġeneri fl-impjiegi rreġistraw deterjorament fl-2020.

[146] *Data* raggruppata tal-ewwel żewġ sensiliet tal-LWC meta saret il-mistoqsija: ir-rebbiegħa u s-sajf tal-2020.

[147] Malta, il-Greċja, il-Polonja, il-Lussemburgu u l-Ġermanja rreġistraw żieda, u fin-Netherlands l-impjiegi baqgħu stabbli.

Illustrazzjoni 2.2.12: Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi għadha kbira, b'differenzi sinifikanti fost l-Istati Membri

Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi (20-64 sena) (f'% u bidla annwali 2019-2020, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)



Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness.
Sors: Eurostat, [tesem060].

Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi hija usa' meta wieħed iqis l-impjiegi ekwivalenti għall-full time (FTE). Fl-2020, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi FTE għall-persuni ta' 20-64 sena[148] naqset bi ftit meta mqabbla mal-2019 (b'0,3 pp) u kienet ta' 17,1 %. Din tirrifletti fil-biċċa l-kbira l-fatt li n-nisa ħadmu part-time aktar ta' spiss (29,1 % tan-nisa impjegati meta mqabblin ma' 7,8 % tal-irġiel fl-2020). Dan it-tnaqqis fid-differenza fl-impjiegi FTE kien kemxejn iżgħar milli għall-impjiegi b'mod ġenerali, parzjalment ukoll bħala riżultat tat-tnaqqis aktar qawwi fis-sigħat maħdumin fost in-nisa impjegati matul il-kriżi. Fl-2020, id-differenzi bejn il-ġeneri fl-FTE kienu l-aktar baxxi fil-Litwanja, fil-Finlandja u fil-Latvja, u l-ogħla f'Malta (21,8 pp), fin-Netherlands (23 pp) u fl-Italja (24,5 pp). Wara dawn l-iżviluppi hemm differenzi fir-rappreżentanza tan-nisa u tal-irġiel f'setturi u

148 Ir-rata ta' impjieg FTE tqabbel id-differenzi bejn il-gruppi fis-sigħat medji maħdumin. Ir-rata ta' impjieg FTE hija kkalkolata billi jiġu diviżi s-sigħat totali maħdumin fl-ekonomija (l-ewwel impjieg, it-tieni impjieg, eċċ.) bin-numru medju ta' sigħat fi skeda full-time (madwar 40) u bin-numru ta' persuni ta' 20-64 sena. Sors: Qafas għall-Evalwazzjoni Konġunta (JAF), komputazzjoni fuq id-*data* tal-Eurostat.

f'okkupazzjonijiet affettwati mill-kriżi[149], differenzi bejn il-ġeneri fl-użu tat-telexogħol, u l-implikazzjonijiet ta' żidiet f'daqqa fix-xogħol tal-kura mhux imħallas (li spiss għamluha partikolarment diffiċli għan-nisa sabiex jibbilanċjaw ix-xogħol mar-responsabbiltajiet ta' kura).

Filwaqt li t-tnaqqis fl-impjiegi matul il-kriżi kien kemxejn aktar prominenti għall-irġiel, it-tnaqqis fis-sigħat totali maħdumin[150] kien aktar evidenti għan-nisa. Il-proporzjon ta' nisa u ta' rġiel li jaħdmu f'okkupazzjonijiet fejn kien possibbli li jiġi evitat telf ta' impjiegi spiss kien ivarja, u dan jgħin sabiex jispjega d-differenzi bejn il-ġeneri osservati fit-telf ta' impjiegi u fit-tnaqqis tas-sigħat tax-xogħol[151]. Bejn r-raba' trimestru tal-2019 u r-raba' trimestru tal-2020, is-sigħat totali maħdumin fl-impjieg ewlieni naqsu b'medja ta' 6,1 punti għan-nisa fl-UE, meta mqabblin ma' tnaqqis ta' 4,3 punti għall-irġiel. In-nisa esperjenzaw tnaqqis fis-sigħat maħdumin fl-Istati Membri kollha ħlief f'żewġ Stati Membri (Malta u l-Lussemburgu), għalkemm id-daqs varja b'mod konsiderevoli skont il-pajjiż (Illustrazzjoni 2.2.13). Fl-Awstrija, fil-Greċja, fl-Irlanda u fl-Italja, in-nisa raw tnaqqis ta' aktar minn 8 punti fl-indiċi tas-sigħat totali maħdumin. Sa mill-aħħar tal-2020, is-sigħat totali maħdumin raw irkupru żgħir kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel fl-UE, għalkemm il-livelli ta' qabel il-kriżi għadhom ma ntlaħqux fit-tieni trimestru tal-2021.

Illustrazzjoni 2.2.13: Hemm varjazzjoni wiesgħa bejn il-pajjiżi fit-tnaqqis fis-sigħat maħdumin skont il-ġeneru

Bidla fl-indiċi tas-sigħat attwali totali maħdumin skont il-ġeneru (f'%, bidla bejn r-raba' trimestru tal-2019 u l-2020).



Nota: L-indiċi tas-sigħat attwali totali maħdumin fl-impjieg ewlieni fejn ir-referenza (100) hija s-sena 2006 (medja annwali). L-indiċi jindika l-bidla fis-sigħat attwali totali tax-xogħol fit-trimestru kkunsidrat ta' sena meta mqabbel mas-sigħat tax-xogħol attwali fl-2006. Il-valur tal-indiċi huwa influwenzat min-numru ta' persuni

---

[149] Studju mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri (EIGE) jesplora dan kollu ("Gender equality and the socio-economic impact of the COVID-19 pandemic"). L-istudju sar fuq talba tal-Presidenza Portugiża u jiffoka fuq l-impatti soċjoekonomiċi tal-pandemija minn perspettiva tal-ġeneru.

[150] Dan jirreferi għas-sigħat attwali totali maħdumin mill-impjegati u mill-ħaddiema għal rashom kollha fl-okkupazzjoni ewlenija tagħhom matul it-trimestri rilevanti.

[151] Il-Kummissjoni Ewropea (2021) Employment and social developments in Europe 2021.

impjegati fit-trimestru kkunsidrat ta' sena, kif ukoll mill-għadd ta' sigħat maħdumin minn kull wieħed minn dawn il-persuni impjegati; jiddependi fuq *data* aġġustata skont l-istaġun. Ma hemmx *data* disponibbli għal DE. Sors: Eurostat (lfsi_ahw_q).

L-impatt tal-filjazzjoni fuq l-impjiegi huwa akbar għan-nisa milli għall-irġiel. Fl-Istati Membri kollha fl-2020, ir-rata ta' impjieg għall-irġiel ta' 25-49 sena b'tal-anqas wild wieħed ta' anqas minn sitt snin kienet ogħla minn dik għall-pari tagħhom mingħajr tfal żgħar (b'10,4 pp). L-istess effett kien negattiv għan-nisa (bi 11,8 pp fil-livell tal-UE) fl-Istati Membri kollha ħlief tnejn (il-Portugall u l-Kroazja), sabiex id-differenza medja tal-UE bejn il-ġeneri fl-impjiegi għal persuni b'tal-anqas wild żgħir wieħed, jammonta għal 32,2 pp (Illustrazzjoni 2.2.14). Fiċ-Ċekja, fl-Ungerija u fis-Slovakkja, l-impatt negattiv tal-filjazzjoni għan-nisa f'dan il-grupp huwa partikolarment għoli (aktar minn 40 pp)[152]. Dan l-eżitu jista' jkun parzjalment marbut mad-distribuzzjoni tar-responsabbiltajiet ta' kura tat-tfal: aktar minn 85 % tal-ommijiet kienu jieħdu ħsieb tfal ta' kuljum meta mqabblin ma' anqas minn 65 % tal-irġiel fl-2016 (l-aħħar *data* disponibbli)[153]. Il-livelli tal-edukazzjoni huma marbutin mill-qrib mal-impatt tal-maternità fuq ix-xogħol: fl-2020, ir-rata ta' impjieg ta' nisa b'livell baxx ta' ħiliet b'tal-anqas wild wieħed taħt is-sitt snin kienet ta' 35,3 %, b'kuntrast ma' 61,9 % għan-nisa bi kwalifika sekondarja tat-tieni livell, u ma' 79,5 % għan-nisa bi kwalifika terzjarja.

Illustrazzjoni 2.2.14: F'żewġ pajjiżi biss tal-UE, in-nisa bi tfal żgħar għandhom rati ta' impjieg ogħla min-nisa mingħajr tfal

L-impatt tal-paternità fuq l-impjiegi għall-irġiel u għan-nisa (25-49 sena) fl-2020



Nota: l-impatt fuq l-impjieg tal-filjazzjoni huwa d-differenza f'pp fir-rata ta' impjieg għall-ommijiet (għall-missirijiet) li jkollhom tal-anqas wild wieħed taħt is-sitt snin u għan-nisa (għall-irġiel) mingħajr tfal.
Sors: Eurostat [lfst_hheredch].

L-ibbilanċjar tal-obbligi tax-xogħol u tat-trobbija tat-tfal sar relattivament aktar diffiċli għan-nisa matul il-pandemija tal-COVID-19. *Data* bikrija miġbura dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata tal-missirijiet u tal-ommijiet matul il-pandemija tindika li n-nisa x'aktarx jaffaċċjaw aktar diffikultajiet sabiex jgħaqqdu x-xogħol mal-ħajja privata. Pereżempju, fir-rebbiegħa tal-2020, 20 % tal-ommijiet li jaħdmu, kontra 13 % tal-missirijiet li jaħdmu, irrapportaw li kien diffiċli li jikkonċentraw fuq ix-xogħol tagħhom minħabba r-

[152] Il-kwistjoni ġiet diskussa f'dettall fil-Kummissjoni Ewropea, Employment and Social Developments in Europe, Annual Review 2019, p. 130.
[153] Fuq il-bażi tad-*data* mill-Bażi tad-*Data* tal-Istatistika dwar il-Ġeneru tal-EIGE.

responsabbiltajiet tal-familja l-ħin kollu jew il-biċċa l-kbira tal-ħin. B'kuntrast ma' dan, din iċ-ċifra kienet biss ta' 4 % għall-ommijiet li jaħdmu, u ta' 3 % tal-missirijiet li jaħdmu, fl-2015[154]. F'xi Stati Membri (il-Belġju, il-Ġermanja, in-Netherlands, il-Lussemburgu, Franza, l-Estonja), aktar minn wieħed minn kull ħames ġenituri li jaħdmu rrapportaw problemi f'dan. Is-sitwazzjoni tjiebet matul il-pandemija, iżda n-nisa għadhom jiffaċċjaw diffikultajiet akbar.

[154] Id-*data* tal-2020 hija mis-sensiliet 1, 2 u 3 tal-istħarriġ elettroniku tal-Eurofound Living, working and COVID-19 (EU-27), u mid-*data* tal-2015 mill-Istħarriġ Ewropew tal-Eurofound dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol (EU-27).

L-impjieg tan-nisa huwa affettwat ħafna mill-aċċess għal edukazzjoni u għal kura bikrija tat-tfal ta' kwalità u affordabbli. L-indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali dwar l-indukrar tat-tfal jistma li l-parteċipazzjoni tat-tfal taħt it-3 snin fl-ECEC formali hija ta' 35,3 % fil-livell tal-EU-27 fl-2019[155], u b'hekk taqbeż il-mira ta' Barċellona ta' 33 %. Madankollu, id-differenzi jippersistu fost l-Istati Membri b'16 minnhom li għadhom ma laħqux il-mira. Għal ħames Stati Membri – iċ-Ċekja, l-Ungerija, is-Slovakkja, il-Polonja u r-Rumanija – l-analiżi tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali tirreġistra sitwazzjoni "kritika"[156] (Illustrazzjoni 2.2.15). Fuq in-naħa l-oħra tal-ispettru, fid-Danimarka, fin-Netherlands u fil-Lussemburgu, aktar minn 60 % tat-tfal taħt it-3 snin huma rreġistrati fl-ECEC. Madankollu, fin-Netherlands, il-maġġoranza tagħhom jattendu għal anqas minn 30 siegħa fil-ġimgħa. Sabiex titnaqqas id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi, huwa kruċjali li l-forniment ta' indukrar formali tat-tfal ikun kompatibbli ma' xogħol full-time. Dan jipprevjeni li ġenitur wieħed, normalment l-omm, ikun imġiegħel jaħdem part-time, b'konsegwenzi negattivi fuq l-eżiti fis-suq tax-xogħol, u fuq l-adegwatezza tal-qligħ u tal-pensjonijiet. Anki politiki adegwati dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, bħal arranġamenti tax-xogħol flessibbli jew liv tal-familja, għandhom rwol importanti fit-tnaqqis tal-ostakli għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni b'responsabbiltajiet ta' kura. Jekk jintużaw b'mod ibbilanċjat min-nisa u mill-irġiel, dawn jistgħu jikkontribwixxu wkoll għat-tnaqqis tad-differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi.

Illustrazzjoni 2.2.15: Għad hemm differenzi kbar f'termini ta' parteċipazzjoni fis-servizzi ta' indukrar tat-tfal fost l-Istati Membri

Tfal ta' anqas minn 3 snin f'indukrar formali tat-tfal u t-tibdil annwali (f'%, 2020 u t-tibdil annwali fir-rigward tal-2019, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)

[155] Din hija l-aħħar *data* disponibbli għall-medja tal-EU-27.

[156] Is-Slovakkja tippreżenta wkoll rata ta' parteċipazzjoni baxxa ħafna (1,4 %) ibbażata fuq *data* tal-2018 (id-*data* għall-2019 ma kinitx disponibbli fiż-żmien tal-abbozzar).

Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness.
Sors: Eurostat [tepsr_sp210].

Hekk kif il-popolazzjoni tal-UE qed tixjieħ, inugwaljanzi qawwijin bejn il-ġeneri fir-responsabbiltajiet ta' kura x'aktarx li jġorru implikazzjonijiet soċjali u fuq l-impjiegi aktar b'saħħithom. Fl-2020 kien hemm madwar 5,7 miljun mara fl-UE, bejn il-15 u l-64 sena, li kienu inattivi minħabba responsabbiltajiet ta' kura (madwar 16 % tan-nisa inattivi kollha), meta mqabblin ma' 0,3 miljun raġel biss (jew madwar 1 % tal-irġiel inattivi). Is-sehem tan-nisa huwa għoli wkoll, fil-livell ta' 59 %, fost dawk li jindukraw b'mod informali li għandhom 18-il sena jew aktar, li jipprovdu kura lill-adulti fl-ambjent tal-familja jew soċjali (bħal adulti b'diżabbiltà jew b'mard)[157]. Id-differenza bejn l-irġiel u n-nisa hija l-akbar fil-grupp ta' età ta' 45-64 sena, bħala medja ta' 8 pp. Barra minn hekk, in-nisa jqattgħu aktar ħin jipprovdu kura informali (17-il siegħa fil-ġimgħa meta mqabblin ma' 14-il siegħa għall-irġiel)[158]. Fid-dawl ta' dan, il-provvista ta' servizzi ta' kura adegwati u affordabbli, kemm ECEC kif ukoll kura fit-tul (LTC), għandu rwol importanti fit-tisħiħ tal-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol (ara l-kaxxa 6 dwar l-LTC).

It-tassazzjoni tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għan-nases tal-inattività tal-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, b'implikazzjonijiet

[157] Van der Ende, M., van Seben, R., van Exel, J., Bom, J. u Geijsen T., Prevalence and Cost of Informal Care, ECORYS u University of Rotterdam, 2021 (pubblikazzjoni pendenti).
[158] Fuq il-bażi tal-mewġa 7 tal-EHIS (2013-2015) u tal-EQLS (2016).

importanti għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri. In-nassa tal-inattività[159] għall-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul[160] (f'familja b'żewġt itfal) hija l-ogħla fil-Litwanja, fid-Danimarka, fis-Slovenja, fil-Belġju, fil-Ġermanja u fir-Rumanija (ara l-Illustrazzjoni 2.2.16). Pereżempju, jekk konjuġi mhux attiv b'żewġt itfal jibda impjieg b'67 % tal-paga medja fil-Litwanja, aktar minn 70 % tal-qligħ tiegħu jittieħed minn taxxi addizzjonali u minn benefiċċji rtirati. B'kuntrast ma' dan, din in-nassa hija anqas minn 20 % fl-Estonja u fin-Netherlands, u anqas minn 10 % f'Ċipru. Il-kontribuzzjoni tat-tassazzjoni hija l-aktar evidenti fil-Belġju, fil-Ġermanja u fir-Rumanija, b'aktar minn 40 % f'telf potenzjali tad-dħul għal ħaddiem li huwa t-tieni sors ta' dħul b'67 % tal-paga medja meta jidħol f'impjieg bi ħlas. Aktar minn tliet kwarti tal-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul (78 %) fl-UE huma nisa. Għalhekk, il-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol hija affettwata mill-grad ta' tassazzjoni konġunta tal-introjtu kkombinat ta' koppja (inklużi krediti ta' taxxa trasferibbli) u mit-tfassil tas-sistema tal-benefiċċji (eż. l-irtirar ta' benefiċċji soġġetti għal test tal-mezzi). Is-sistemi konġunti ta' tassazzjoni progressiva jistgħu jżidu r-rati tat-taxxa marġinali għal dawk mingħajr qligħ jew għal dawk bi qligħ baxx, peress li l-introjtu tagħhom jiġi effettivament intaxxat b'rata marġinali ogħla b'mod allinjat mas-sieħeb tagħhom bi qligħ ogħla. Għalhekk, sistemi bħal dawn jistgħu jikkontribwixxu għad-differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi u għad-differenzi mhux aġġustati bejn il-ġeneri fil-pagi.

[159] In-nases tal-inattività jindikaw l-effetti tat-tassazzjoni ta' kull euro addizzjonali ta' introjtu gross.
[160] Il-ħaddiem li huwa t-tieni sors ta' dħul huwa persuna li ma tkunx il-persuna bl-ogħla qligħ fl-unità domestika (jew ma tkunx jekk tkun qed taħseb li tidħol fid-dinja tax-xogħol). Fil-biċċa l-kbira, iżda mhux fil-każijiet kollha, il-ħaddiema li hija t-tieni sors ta' dħul tkun mara.

Illustrazzjoni 2.2.16. Ir-rata tat-taxxa effettiva meta ħaddiem li huwa t-tieni sors ta' dħul jibda jaħdem tammonta għal aktar minn 30 % tal-qligħ fl-UE

Nassa tal-inattività għal ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul (f'%, 2020)



Nota: (1) Id-*data* hija għal ħaddiem li huwa t-tieni sors ta' dħul fuq 67 % tal-paga medja f'familja b'żewġ persuni b'paga b'żewġt itfal; il-ħaddiem bid-dħul prinċipali jkun bil-paga medja. (2) "Kontribuzzjoni tat-tassazzjoni (inklużi l-SSCs)" tirreferi għall-perċentwal ta' introjtu gross addizzjonali mitluf f'taxxa minħabba t-tassazzjoni u l-SSCs (elementi oħrajn li jikkontribwixxu għan-nassa tal-pagi baxxi huma benefiċċji tal-qgħad, assistenza soċjali u benefiċċji tal-akkomodazzjoni rtirati).

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ ECFIN, il-Bażi tad-*data* dwar it-taxxa u l-benefiċċji, ibbażata fuq il-mudell tat-taxxa/benefiċċji tal-OECD (aġġornata f'Marzu 2021).

Il-parteċipazzjoni tan-nisa full-time fis-suq tax-xogħol tista' tiġi affettwata b'mod negattiv ukoll meta t-taxxi jiżdiedu u l-benefiċċji jiġu rtirati malajr wisq biż-żieda tal-ħinijiet tax-xogħol. Din (magħrufa bħala n-"nassa tal-pagi baxxi") tista' taffettwa lin-nies li jkunu attivi u jaħdmu part-time. Għall-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul, it-tassazzjoni għandha rwol ewlieni fid-determinazzjoni tas-severità ta' din in-nassa tal-pagi baxxi fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. L-Illustrazzjoni 2.2.17 turi l-perċentwal tal-qligħ addizzjonali "mitluf f'taxxa" meta l-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul iżidu s-sigħat tax-xogħol tagħhom u, b'hekk, iżidu l-qligħ tagħhom minn terz għal żewġ terzi tal-paga medja. Il-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul jistgħu jitilfu bħala medja madwar terz tal-qligħ inkrementali tagħhom, li tiżdied għal aktar minn 100 % fil-Litwanja (minħabba l-valur għoli tal-benefiċċji tal-akkomodazzjoni mitlufin) u sa 60 % fil-Belġju. Il-kontribuzzjoni tat-tassazzjoni għal dan hija l-ogħla fil-Belġju, segwit mill-Ġermanja.

Illustrazzjoni 2.2.17. F'ħafna Stati Membri, porzjon imdaqqas ta' qligħ tal-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul jintilef f'taxxa meta l-pagi tagħhom jiżdiedu

Il-perċentwal tal-qligħ addizzjonali "mitluf f'taxxa" meta l-paga tal-ħaddiem li huwa t-tieni sors ta' dħul tiżdied minn 33 % għal 66 % u l-ħaddiem bil-paga prinċipali ikollu 100 % tal-paga medja, b'żewġt itfal (f'%, 2020)



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ ECFIN, il-Bażi tad-*data* dwar it-taxxa u l-benefiċċji, ibbażata fuq il-mudell tal-benefiċċji tat-taxxa tal-OECD (aġġornata f'Mar 2021).

Id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi għadha għolja minkejja titjib żgħir. Minkejja li aktar nisa għandhom lawrji terzjarji mill-irġiel[161], id-differenza mhux aġġustata fil-pagi madwar l-UE[162] nbidlet biss ftit sena wara sena (14,1 % fl-2019 bi tnaqqis ta' 0,3 pp mill-2018). Din tkompli xejra ta' titjib żgħir li ra tnaqqis ta' 1,9 pp bejn l-2013 u l-2019. Id-differenza mhux aġġustata bejn il-ġeneri fil-pagi għadha ogħla minn 20 % fl-Estonja, fil-Latvja, bl-iżgħar valuri (bejn 1 % u 5 %) irreġistrati fl-Italja, fil-Lussemburgu u fir-Rumanija[163]. Mill-2013, is-sitwazzjoni tjiebet b'mod konsiderevoli fl-Estonja, fi Spanja, fil-Lussemburgu u f'Ċipru (bi 8,1 pp, b'5,9 pp, b'4,9 pp u b'4,8 pp rispettivament), filwaqt li d-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi żdiedet b'aktar minn 2 pp fil-Kroazja u fil-Latvja (Illustrazzjoni 2.2.18). Id-differenzi fil-pagi huma influwenzati b'mod sinifikanti mis-segregazzjoni settorjali u okkupazzjonali tal-ġeneru, u d-differenzi fil-livell edukattiv milħuq[164]. Numru ta' fatturi oħrajn x'aktarx li jaqdu

[161] 46,1 % tan-nisa ta' 30-34 sena kellhom edukazzjoni terzjarja fl-EU-27 fl-2020, meta mqabblin ma' 36 % tal-irġiel.

[162] Id-Differenza bejn il-Ġeneri fil-Pagi (GPG) titkejjel bħala d-differenza bejn il-qligħ gross medju fis-siegħa tal-impjegati nisa u rġiel b'paga bħala perċentwal tal-qligħ gross medju fis-siegħa tal-impjegati rġiel b'paga. Il-kodiċi tad-*data* tal-Eurostat [TESEM180].

[163] Differenzi baxxi bejn il-ġeneri fil-pagi xi drabi jkunu assoċjati ma' differenzi għoljin bejn il-ġeneri fl-impjiegi (eż. għall-Italja u għar-Rumanija) – f'każijiet bħal dawn, differenzi baxxi fil-pagi jistgħu fil-biċċa l-kbira jirriżultaw minn effetti tal-għażla, fejn l-aktar li jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol huma nisa bl-ogħla potenzjal ta' qligħ.

[164] Leythienne, D., Ronkowski, P., (2018) A decomposition of the unadjusted gender pay gap using Structure of Earnings Survey data, Statistical Working Papers, Eurostat.

rwol huma wkoll, inklużi l-isterjotipi tal-ġeneru, id-diffikultajiet fir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mar-responsabbiltajiet ta' kura (li jirriżultaw ukoll f'waqfiet fil-karriera), id-diskriminazzjoni u l-istrutturi tal-pagi mhux trasparenti[165]. Id-differenzi fil-pagi jakkumulaw matul il-ħajja u spiss iwasslu għal differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet, li kienu ta' 29,5 % għall-persuni ta' 65-74 sena fl-EU-27 fl-2019, b'diversità għolja fost l-Istati Membri (l-Estonja b'anqas minn 1 % fl-2019, meta mqabbla mal-Lussemburgu b'46 %). Bħala parti mill-isforzi sabiex tiġi indirizzata l-isfida, f'Marzu 2021 il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva sabiex issaħħaħ l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali permezz ta' mekkaniżmi ta' trasparenza fil-pagi u ta' infurzar[166].

Illustrazzjoni 2.2.18: Minkejja titjib modest mill-2013, f'diversi Stati Membri d-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi għadha għolja
Bidla fid-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi f'għamla mhux aġġustata; l-industrija, il-kostruzzjoni u s-servizzi (2013-2019).



Nota: Il-valuri għal IE jirreferu għall-2018; għal EL jirreferu għall-2014 u għall-2018.
Sors: Eurostat [tesem180].

Hemm potenzjal konsiderevoli għal parteċipazzjoni aktar b'saħħitha fis-suq tax-xogħol fost il-persuni b'diżabbiltà. Il-prinċipju 17 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jitlob l-inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà, b'mod partikolari permezz ta' parteċipazzjoni aktar b'saħħitha fis-suq tax-xogħol. It-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta tinkludi indikatur ewlieni għall-monitoraġġ tal-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol bħala mezz sabiex jitnaqqsu l-inugwaljanzi u bħala kontribut għall-ilħuq tal-ambizzjonijiet dwar l-impjiegi stipulati fl-Istrateġija għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà[167]. Fl-2020, id-differenza fl-impjiegi minħabba d-diżabbiltà bejn persuni b'diżabbiltà[168] u oħrajn kienet ta' 24,5 pp fl-UE.

[165] Hemm *data* limitata tal-EU-27, iżda s-suġġett ġie analizzat fl-EIGE (2020) Beijing + 25: the fifth review of the implementation of the Beijing Platform for Action in the EU Member States.
[166] Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għat-tisħiħ tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar.
[167] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-3.3.2021 dwar "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà 2021-2030", COM/2021/101 final.
[168] Ara l-Kapitolu 1.3 għad-definizzjoni tal-indikatur.

L-indikatur tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali juri varjetà wiesgħa fil-prestazzjoni tal-Istati Membri (ara l-Illustrazzjoni 2.2.19). Id-distakk kien l-ogħla fil-Belġju (aktar minn 35 pp), fil-Bulgarija, fil-Kroazja, fil-Ġermanja, fil-Polonja, fl-Ungerija, u fir-Rumanija (aktar minn 30 pp) u l-aktar wieħed baxx fid-Danimarka, fil-Portugall u fil-Finlandja (anqas minn 20 pp). Il-pandemija tal-COVID-19 aggravat il-limitazzjonijiet preeżistenti fl-aċċess għall-impjiegi[169]. Dehru differenzi bejn il-pajjiżi f'termini ta' evoluzzjoni tad-differenza fl-impjiegi minħabba d-diżabbiltà bejn l-2019 u l-2020. Il-Ġermanja rreġistrat sitwazzjoni "kritika" b'żieda ta' 5,9 pp, filwaqt li tliet pajjiżi jinsabu fil-kategorija ta' "sitwazzjonijiet li jridu jiġu ssorveljati" (l-Iżvezja, Malta u r-Rumanija). Id-distakk tal-UE fl-impjiegi minħabba d-diżabbiltà saħansitra żdied (b'1,8 pp) minn meta l-kejl beda għall-ewwel darba fl-2014. Fl-2019, ir-rata tal-qgħad fl-EU-27 kienet ukoll konsiderevolment ogħla għall-persuni b'diżabbiltà (17,3 % meta mqabbla ma' 8,3 %)[170], u dan kollu jindika ħtieġa urġenti għal azzjoni politika f'dan il-qasam.

Illustrazzjoni 2.2.19: Id-differenza fl-impjiegi minħabba d-diżabbiltà għadha għolja, u hemm diverġenza wiesgħa fost l-Istati Membri

Id-differenza fl-impjiegi bejn il-persuni b'diżabbiltà u dawk mingħajr fl-2020, meta mqabbla mal-2019 (20-64 sena) (indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)



Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Interruzzjoni fis-serje tad-*data* għal BE, DE u LU fl-2020. *Data* provviżorja għal FR, NL, PL, SK fl-2020. Il-valur tal-EU-27 huwa stmat.
Sors: EU-SILC 2020, Eurostat, [htlh_dlm200]

[169] Il-Kummissjoni Ewropea (2021),„ *Employment and social developments in Europe 2021*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.
[170] Sors: Eurostat, EU-SILC 2020, aġġornament tal-21 ta' Ottubru 2021; ma kinitx disponibbli *data* għall-Irlanda.

L-eżiti tas-suq tax-xogħol ta' persuni li ma twildux fl-UE huma anqas sodisfaċenti meta mqabblin ma' ċittadini nattivi u mobbli tal-UE. Ir-rati ta' impjieg għall-persuni li ma twildux fl-UE ta' 20-64 sena fl-2020 waqgħu lura meta mqabblin ma' dawk tan-nattivi (62 % kontra 73,5 %), u marru għall-agħar meta mqabblin ma' qabel il-kriżi. Mill-2019 sal-2020, ir-rata tal-qgħad għal dawk li ma twildux fl-UE (grupp ta' età ta' 15-74) żdiedet b'2,1 pp għal 16,9 %, kontra żieda fir-rata tal-qgħad b'0,3 pp għal 6,5 % għan-nattivi, li tindika l-impatt sproporzjonat tal-COVID-19[171] fuq il-grupp imsemmi l-ewwel. Non-EU migrants tend to be over-represented in low-skilled jobs (they hold over one in four low-skilled jobs in the EU) while at the same time they are more likely to be overqualified than natives[172]. Din iċ-ċifra hija ogħla minn 40 % fl-Awstrija, fil-Ġermanja u fl-Iżvezja u aktar minn 60 % fil-Lussemburgu. Is-sitwazzjoni tan-nisa bi sfond ta' migrazzjoni hija partikolarment kritika, peress li d-distakk fl-attività tagħhom żdied għal 10,8 pp fl-2020, b'rati ta' attività partikolarment baxxi (anqas minn 60 %) fi Franza, fil-Belġju u fl-Italja. Filwaqt li jifformaw proporzjon sinifikanti mill-hekk imsejħa "ħaddiema essenzjali", migranti mhux ċittadini tal-UE flimkien ma' ħaddiema mobbli tal-UE kkontribwew għall-funzjonament tal-ekonomija sa mill-bidu tal-pandemija[173]. However, even within the 'essential worker' category, migrants faced higher risks of losing their jobs than the native-born[174].

2.2.2 Rispons tal-politika

L-Istati Membri qed jieħdu miżuri sabiex itejbu l-parteċipazzjoni u l-kwalità tal-edukazzjoni u tal-kura bikrija tat-tfal (ECEC). Fil-**Litwanja**, minn Settembru 2021, il-familji f'riskju ta' faqar huma ggarantiti aċċess għall-edukazzjoni preprimarja għal tfal taħt is-6 snin. L-intitolament legali għall-edukazzjoni preprimarja se jiġi estiż gradwalment: il-muniċipalitajiet għandhom jipprovdu l-ECEC lit-tfal kollha ta' 4 snin li l-ġenituri tagħhom jeħtieġu post fl-2023, għat-tfal kollha ta' 3 snin fl-2024, u għat-tfal kollha ta' sentejn fl-2025. Il-possibbiltà ta' dħul għall-edukazzjoni preprimarja se tonqos minn 6 snin għal 5 snin f'Settembru 2023. Fl-**Estonja**, l-emendi għall-Att dwar l-Edukazzjoni Preprimarja huma ppjanati sabiex jiddefinixxu eżiti ta' apprendiment formali li jiffokaw fuq il-valutazzjoni tal-iżvilupp tat-tfal aktar milli fuq l-attendenza tagħhom. Dan għandu jgħin sabiex tiżdied il-kwalità tal-edukazzjoni u tal-kura bikrija tat-tfal. Bħala parti mill-pjan ta' rkupru u ta' reżiljenza tiegħu (RRP), **Ċipru** qed jippjana li jipprovdi edukazzjoni preprimarja obbligatorja bla ħlas mill-età ta' 4 snin mir-raba' trimestru tal-2022, inklużi l-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni ta' ċentri tat-tfal fil-muniċipalitajiet, kif ukoll jagħti appoġġ għall-ECEC bla ħlas fil-kindergartens komunitarji u privati, flimkien ma' azzjonijiet li għandhom jiġu appoġġati mill-FSE+. Fl-2020, **il-Bulgarija** nediet programm ta' tliet snin, appoġġat mill-baġit nazzjonali, sabiex tibni 67 kindergarten ġodda. Fi **Spanja**, 60 000 post ġdid għall-edukazzjoni u għall-kura bikrija tat-tfal se jiġu ffinanzjati mill-RRP.

[171] Iċ-ċittadini tal-UE li jaħdmu fi Stat Membru ieħor irreġistraw ukoll tnaqqis akbar fir-rata ta' impjieg miċ-ċittadini tal-pajjiż ospitanti, iżda r-rati tagħhom għall-2020 huma ġeneralment komparabbli ma' dawk tan-nattivi (73,4 % vs 73,5 %, rispettivament).
[172] Eurostat, Estrazzjoni Ad Hoc mil-LFS, Migrants more likely over-qualified than nationals - Products Eurostat News - Eurostat (europa.eu) 2020
[173] Reid A. *et al* (2021), "Migrant Workers, Essential Work, and COVID-19", American Journal of Industrial Medicine, vol. 64, n. 2, pp. 73-77
[174] Fasani u Mazza (2020), A Vulnerable Workforce: Migrant Workers in the COVID-19 Pandemic

Huma meħtieġa strateġiji komprensivi li jiffokaw fuq il-kawżi prinċipali li jwasslu għat-tluq bikri mill-iskola sabiex jitnaqqsu r-rati u tiġi megħjuna t-tranżizzjoni għas-suq tax-xogħol. It-tnaqqis tal-proporzjon ta' żgħażagħ li jitilqu mill-edukazzjoni u mit-taħriġ qabel ma jkunu lestew il-livell sekondarju tat-tieni livell għadu prijorità tal-UE, f'konformità mal-prinċipju tal-Pilastru 1 dwar edukazzjoni, taħriġ u tagħlim tul il-ħajja. Approċċi ta' politika li jirnexxu jikkombinaw azzjonijiet dwar il-prevenzjoni, l-intervent u l-kumpens fil-livelli kollha. Fil-**Bulgarija**, REACT-EU tappoġġa proġett biex tiġi evitata l-interruzzjoni tal-proċess edukattiv u sabiex tiġi appoġġata l-inklużjoni billi jiġi mmitigat ir-riskju ta' studenti li ma jibqgħux jistudjaw assoċjat mal-apprendiment mill-bogħod. L-indirizzar tat-tluq bikri mill-iskola huwa appoġġat fir-**Rumanija** minn riforma u minn investimenti ddedikati fl-RRP nazzjonali, bl-għan li jiġu identifikati aħjar it-tfal f'riskju li ma jibqgħux jistudjaw u li jiġu stabbiliti miżuri mmirati, inklużi għotjiet għall-iskejjel. Riforma riċenti tas-sistema tal-edukazzjoni fil-**Finlandja** testendi l-età tal-edukazzjoni obbligatorja minn 16 għal 18-il sena, sabiex iż-żgħażagħ ilestu jew is-sillabu tal-iskola sekondarja u l-eżami tal-matrikola, jew il-kwalifika sekondarja vokazzjonali tat-tieni livell. F'**Ċipru** qed jitħejja Pjan ta' Azzjoni b'appoġġ mill-Istrument ta' Appoġġ Tekniku sabiex jiġu identifikati soluzzjonijiet għaż-żamma u għall-involviment ta' studenti f'riskju li ma jibqgħux jistudjaw. L-RRP tal-**Belġju** għandu l-għan li jnaqqas it-tluq bikri mill-iskola fil-komunità tal-Belġju li titkellem bil-Franċiż, inkluż billi jsaħħaħ il-gwida personalizzata għaż-żgħażagħ vulnerabbli, jindirizza l-effetti negattivi tal-kriżi tal-COVID-19, u jirriforma l-istrutturi organizzazzjonali. L-RRP ta' **Malta**għandu l-għan li jindirizza t-tluq bikri mill-iskola u jipprovdi intervent f'waqtu u effettiv billi jsegwi d-*data* ta' kull student fl-iskejjel pubbliċi mill-indukrar tat-tfal sal-aħħar stadju tat-trajettorja edukazzjonali.

Wara l-kriżi tal-COVID-19, il-politiki ta' rimedju ambizzjużi u effettivi huma ta' prijorità sabiex jikkumpensaw għat-telf ta' apprendiment, jippromwovu l-edukazzjoni diġitali u jagħtu spinta lill-inklużività u lill-ekwità fl-edukazzjoni u fit-taħriġ. Ir-Rumanija se tappoġġa miżuri ta' edukazzjoni ta' rimedju sabiex tikkumpensa għat-telf ta' apprendiment ikkawżat mill-għeluq tal-iskejjel, taħt REACT-EU. Se jiġu allokati EUR 30 miljun sabiex jiġu ffinanzjati attivitajiet ta' wara l-iskola u lezzjonijiet ta' rimedju għal 168 000 student żvantaġġat, inklużi Rom u studenti li jgħixu f'żoni rurali. Fil-**Bulgarija**, BGN 109,5 miljun (EUR 57 miljun) ġew allokati minn REACT-EU sabiex jappoġġaw l-edukazzjoni skolastika wara l-pandemija billi jiġu pprovduti l-mezzi tekniċi u taħriġ speċjalizzat għall-apprendiment mill-bogħod f'ambjent elettroniku. Il-miżuri huma mmirati lejn l-istudenti, l-għalliema, il-medjaturi tal-iskejjel kif ukoll lejn il-ġenituri. Fi Frar 2021, **in-Netherlands** ħabbru investiment straordinarju fl-edukazzjoni sabiex jikkumpensaw għat-telf ta' apprendiment marbut mal-pandemija. Il-Programm Nazzjonali tal-Edukazzjoni jinkludi l-livelli kollha tal-edukazzjoni u għandu baġit ta' EUR 8,5 biljun. L-iskejjel b'sehem ogħla ta' studenti żvantaġġati se jirċievu finanzjament proporzjonalment akbar. Bil-Programm ta' Diġitalizzazzjoni tal-Iskejjel, **il-Portugall** jippromwovi t-tranżizzjoni diġitali fl-edukazzjoni u fit-taħriġ. Appoġġat mill-Inizjattivi ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus (CRII u CRII+), **il-Portugall** ipprovda tagħmir tal-IT lil studenti żvantaġġati u taħriġ fil-kompetenzi diġitali lill-għalliema. **Iċ-Ċekja, il-Greċja, l-Irlanda u s-Slovakkja** għandhom l-intenzjoni li jużaw il-finanzjament tal-RRF sabiex jipprovdu lit-tfal fl-iskejjel u lill-istudenti minn familji bi dħul baxx b'tagħmir tal-ICT u b'għodod diġitali, filwaqt li l-RRPs **tal-Belġju u tas-Slovenja** jinkludu investimenti sinifikanti fl-infrastruttura diġitali fl-iskejjel. L-RRP ta' **Malta** jinkludi investimenti f'unitajiet tal-awtiżmu u fi kmamar multisensorjali fl-iskejjel. **Is-Slovakkja** għandha l-għan li tuża l-RRF sabiex tappoġġa l-inklużjoni fl-edukazzjoni ta' tfal bi

bżonnijiet edukattivi speċjali u ta' tfal minn sfondi soċjoekonomiċi żvantaġġati, inklużi r-Rom.

L-aċċellerazzjoni tat-trasformazzjoni diġitali xprunata mill-pandemija wasslet għal sforzi msaħħin tal-Istati Membri fil-ħiliet diġitali għas-suq tax-xogħol, f'konformità mal-prinċipju tal-Pilastru 1 (edukazzjoni, taħriġ u tagħlim tul il-ħajja). L-UE qed tikkoordina u tappoġġa l-isforzi fil-ħiliet diġitali permezz tal-Koalizzjoni għall-Ħiliet u l-Impjiegi Diġitali, il-Pjattaforma għall-Ħiliet u għall-Impjiegi Diġitali[175] u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali. Bħala parti mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), ħafna Stati Membri ppjanaw miżuri relatati mal-ħiliet diġitali. Fl-**Irlanda**, "Technology Skills 2022: Ireland's Third ICT Skills Action Plan" jiddefinixxi prijoritajiet għall-ħiliet diġitali fl-edukazzjoni u għall-ispeċjalisti tal-ICT. Bħala parti mill-RRP, il-"Pjan ta' Azzjoni dwar il-ħiliet elettroniċi" pendenti ta' **Ċipru** jinkludi azzjonijiet għall-integrazzjoni tal-ħiliet diġitali fis-sistema edukattiva u l-allinjament tal-kurrikuli edukattivi mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. **Ir-Rumanija** tippjana investimenti fl-RRF fil-ħiliet diġitali għall-istudenti fl-edukazzjoni ta' qabel l-università, fl-edukazzjoni għolja, għall-adulti, u fl-amministrazzjoni pubblika. F'Lulju 2020, **l-Italja** ddefiniet l-Istrateġija Nazzjonali għall-Ħiliet Diġitali, b'erba' linji ta' intervent għall-istudenti, għall-forza tax-xogħol attiva, għall-ispeċjalisti tal-ICT u għaċ-ċittadini. F'ħafna Stati Membri, il-miri għall-iżvilupp tal-ħiliet diġitali huma integrati fl-istrateġiji ġenerali nazzjonali dwar l-edukazzjoni u fl-istrateġiji u fil-politiki dwar id-diġitalizzazzjoni tal-industrija jew l-impjiegi, bħall-programm tal-Forza tax-Xogħol Diġitali għall-**Ungerija**, il-Pjan Direzzjonali dwar id-Diġitalizzazzjoni tal-**Litwanja** għall-2019-2030, u l-Istrateġija Nazzjonali għad-Diġitalizzazzjoni għas-sistema skolastika fl-**Iżvezja**. Fil-**Finlandja**, l-istrateġiji u l-proġetti għall-IA huma implimentati fil-livell nazzjonali u, fil-**Latvja**, l-Istrateġija dwar iċ-Ċibersigurtà 2019-2022 għandha għanijiet speċifiċi li teduka lill-persunal tal-amministrazzjoni pubblika u lokali dwar is-sikurezza tal-ICT, kif ukoll tipprovdi ħiliet taċ-ċibersigurtà lill-SMEs u liċ-ċittadini. **Spanja** ppreżentat il-Pjan Nazzjonali dwar il-Kompetenzi Diġitali, li jipprevedi taħriġ fil-ħiliet diġitali għall-popolazzjoni ġenerali u għall-ħaddiema, li għandu jiġi appoġġat permezz tal-RRF. Aktar minn terz tal-Istati Membri approvaw ukoll strateġija ġenerali ta' diġitalizzazzjoni tal-pajjiżi. Minbarra dawk li diġà qed jiġu implimentati, **il-Latvja** u **Spanja** adottaw strateġija Diġitali ġdida fl-2021.

L-Istati Membri rreaġixxew malajr sabiex itaffu l-impatt negattiv tal-COVID-19 fuq l-edukazzjoni u fuq it-taħriġ vokazzjonali (VET). Xi pajjiżi, bħall-**Ġermanja, l-Awstrija, id-Danimarka, il-Lussemburgu u Franza,** ipprovdew inċentivi finanzjarji lill-kumpaniji sabiex jimpjegaw apprendisti. Fl-**Awstrija**, pereżempju, il-kumpaniji rċivew bonus ta' apprendistat ta' EUR 2 000 għal kull kuntratt ta' taħriġ konkluż bejn Marzu 2020 u Marzu 2021 (l-SMEs jirċievu EUR 1 000 oħrajn). Jingħata appoġġ addizzjonali jekk kumpanija ddaħħal apprendisti minn kumpanija li ssir insolventi. **Franza** saħħet l-appoġġ pubbliku għar-reklutaġġ ta' apprendisti ta' anqas minn 18-il sena (li żdied għal minn EUR 4 125 għal EUR 5 000), u għal apprendisti ta' 18-il sena jew aktar (minn EUR 5 125 għal EUR 8 000), għal kuntratti ta' apprendistat konklużi bejn l-1 ta' Lulju 2020 u l-31 ta' Diċembru 2021. Fil-**Finlandja**, il-liġi dwar il-VET ġiet emendata temporanjament fir-rigward tal-valutazzjoni tal-ħiliet u tal-kompetenzi tal-istudenti f'sitwazzjonijiet awtentiċi ta' xogħol għall-perjodu mill-1

[175] Il-pjattaforma tlaqqa' flimkien il-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati sabiex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet diġitali u ttejjeb l-impjegabbiltà fl-Ewropa.

ta' Lulju 2020 sal-31 ta' Lulju 2021. Jekk l-istudenti ma rnexxilhomx l-ħiliet tagħhom f'sitwazzjonijiet awtentiċi ta' xogħol, ikunu saru arranġamenti għalihom sabiex iwettqu kompiti prattiċi oħrajn li kienu simili għal sitwazzjonijiet u għal proċessi awtentiċi ta' xogħol. Fir-**Rumanija**, iċ-Ċentru Nazzjonali għall-Iżvilupp Tekniku tal-VET ippubblika parametri referenzjarji metodoloġiċi għat-tisħiħ tat-tagħlim u tal-apprendiment fil-VET inizjali bħala gwida ta' appoġġ għall-għalliema tal-VET[176].

Xi Stati Membri komplew jimplimentaw ir-riformi strutturali tas-sistema tal-VET. F'Settembru 2020, il-ministri inkarigati mill-edukazzjoni u mit-taħriġ vokazzjonali tal-Istati Membri, tal-Pajjiżi Kandidati tal-UE u tal-pajjiżi taż-ŻEE, is-sħab soċjali Ewropej u l-Kummissjoni Ewropea adottaw b'mod konġunt id-"Dikjarazzjoni ta' Osnabrück dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali bħala faċilitatur tal-irkupru u tat-tranżizzjonijiet ġusti lejn ekonomiji diġitali u ekoloġiċi"[177]. Bil-liġi ta' Diċembru 2020, **il-Greċja** introduċiet qafas legali ġdid għall-VET u għall-apprendiment tul il-ħajja. Il-liġi l-ġdida kienet tinkludi wkoll riforma sostanzjali tal-governanza tal-VET billi twaqqaf korp konsultattiv nazzjonali (il-Kunsill Ċentrali tal-VET), li jinkludi rappreżentanti mill-ministeru tal-edukazzjoni u minn ministeri rilevanti oħrajn, u mill-assoċjazzjonijiet u mill-kmamar tal-impjegaturi u tal-impjegati. Ittieħdu passi sinifikanti sabiex jiġu evitati duplikazzjonijiet, jiġu indirizzati aħjar il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u tiġi appoġġata l-awtonomija fil-livell tal-fornituri tal-VET. Fl-2020, **il-Litwanja** approvat proċedura ġdida għall-valutazzjoni tal-kompetenzi miksubin permezz ta' apprendistati, esperjenza ta' xogħol, studju indipendenti jew tipi oħrajn ta' apprendiment. Il-proċedura l-ġdida ta' valutazzjoni hija effettiva minn Settembru 2021 u tkopri l-ħiliet prattiċi kif ukoll test standardizzat li jivvaluta l-għarfien (teoretiku) bażiku. Hija ssorveljata minn kummissjonijiet ta' valutazzjoni tal-kompetenzi inklużi prattikanti professjonali delegati minn kumpaniji. Fi **Spanja**, il-Pjan għall-Modernizzazzjoni tal-VET ġie adottat f'Lulju 2020. Barra minn hekk, liġi li toħloq sistema ta' taħriġ vokazzjonali integrata doppja, kemm għall-kwalifiki inizjali u dawk kontinwi tal-VET kif ukoll għaċ-ċertifikati professjonali, bħalissa għaddejja mill-proċess leġiżlattiv fil-Parlament. Il-proposta tkopri 11-il qasam strateġiku bl-għan li tiġi mmodernizzata l-offerta tal-VET, jiġu appoġġati l-apprendistati u l-SMEs. Fl-2021, **il-Polonja** adottat l-att leġiżlattiv dwar sistema ta' traċċar tal-gradwati tal-VET. Jistabbilixxi responsabbiltajiet ministerjali ġodda sabiex jiġi mmonitorjat l-iżvilupp tal-karriera tal-gradwati mill-iskejjel sekondarji. Il-monitoraġġ għandu l-għan li jipprovdi feedback dwar il-perkorsi tal-karriera tal-gradwati ta' firxa ta' skejjel sekondarji industrijali, tekniċi u ġenerali, kif ukoll ta' skejjel postsekondarji. L-RRP tar-**Rumanija** jinkludi riforma tas-sistema ta' edukazzjoni doppja sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-istudenti u tas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari permezz taż-żieda fin-numru ta' kwalifiki u ta' gradwati, u bl-iżgurar tal-aċċess għall-edukazzjoni teknika għolja għal studenti ta' edukazzjoni doppja.

L-Istati Membri jagħtu aktar prominenza lill-ħiliet meħtieġa sabiex jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika. Xi Stati Membri adottaw u implimentaw miżuri nazzjonali sabiex jappoġġaw il-kisba ta' ħiliet għat-tranżizzjoni ekoloġika. Pereżempju, fl-2020, l-awtoritajiet **Ġermaniżi**, flimkien mar-riċerkaturi u mas-sħab soċjali, aġġornaw il-"pożizzjoni ta' impjieg standard" dwar il-ħarsien tal-ambjent u s-sostenibbiltà fil-VET, li għandha tiġi applikata fil-

[176] Repere metodologice pentru consolidarea achizitiilor din anul scolar 2019-2020-EDP (edu.ro).
[177] Id-Dikjarazzjoni ta' Osnabrück

kurrikuli l-ġodda kollha ta' apprendistati u rrakkomandata għall-kurrikuli eżistenti kollha. Il-pożizzjoni l-ġdida tinkludi sett ta' sitt ħiliet u ta' kompetenzi ewlenin għat-tranżizzjoni ekoloġika, li l-apprendisti kollha fis-setturi kollha għandhom jiksbu matul l-apprendistat tagħhom. Fl-2020, l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika ta' **Malta** wettaq it-tieni Stħarriġ dwar l-Impjiegi Ekoloġiċi. L-għan ewlieni tiegħu kien li jaġġorna d-*data* miġbura fl-ewwel Stħarriġ dwar l-Impjiegi Ekoloġiċi tal-2016 u jikkontribwixxi għal analiżi aktar bir-reqqa tal-ħtiġijiet b'rabta mal-ħiliet għat-tranżizzjoni ekoloġika mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ħiliet. F'Ottubru 2021, **Malta** ppubblikat ukoll il-Politika Nazzjonali tagħha dwar l-Impjiegi 2021-2030 li għandha l-għan li tipprovdi lill-ħaddiema b'ħiliet imfittxijin (inklużi dawk ekoloġiċi), tappoġġa t-tkabbir tan-negozju u l-ħolqien tax-xogħol, u ssaħħaħ l-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol tagħha. Fl-**Iżvezja**, l-inizjattiva tal-2020 dwar l-Impjiegi ekoloġiċi kienet immirata lejn in-nies qiegħda sabiex jirċievu taħriġ f'okkupazzjonijiet fis-settur ekoloġiku li qed jesperjenzaw nuqqas ta' ħaddiema. Taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), xi Stati Membri tal-UE ppjanaw miżuri relatati mal-ħiliet għat-tranżizzjoni ekoloġika. Pereżempju, l-RRP tal-**Kroazja** jappoġġa l-finanzjament ta' vawċers għall-edukazzjoni akkreditata għall-adulti, li 70 % minnhom huma mistennijin li jkunu marbutin mal-ħiliet meħtieġa fit-tranżizzjoni ekoloġika. Ir-**Rumanija** qed tippjana investimenti fl-RRF fit-tisħiħ tal-kapaċità professjonali tal-professjonisti u tal-ħaddiema fis-settur tar-rinnovazzjoni billi tiżviluppa taħriġ dwar il-kostruzzjoni tal-effiċjenza enerġetika. Fl-**Estonja**, l-RRF jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika tal-intrapriżi, pereżempju bl-investiment fl-iżvilupp ta' moduli ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid, inklużi kontenut ta' taħriġ dettaljat, struttura u materjali ta' taħriġ, sabiex jiġi pprovdut taħriġ relatat mal-ħiliet għat-tranżizzjoni ekoloġika.

Fl-2020, l-Istati Membri ħadu miżuri sabiex jirrispondu għall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-apprendiment għall-adulti. Minbarra l-iżvilupp aċċellerat tal-forniment online tal-apprendiment għall-adulti, diversi pajjiżi ħadu miżuri speċifiċi sabiex iwieġbu għall-effetti tal-pandemija. Fis-**Slovenja**, l-appoġġ lill-fornituri tal-apprendiment għall-adulti kien parti minn liġi (it-"5es pakkett tal-coronavirus") bħala rispons għall-pandemija. Fl-2020, l-Istat **Żvediż** iffinanzja l-edukazzjoni għall-adulti kollha (responsabbiltà muniċipali), u wessa' l-eliġibbiltà u żied il-finanzjament sabiex jiġu ospitati aktar minn 25 000 student addizzjonali. Fid-**Danimarka**, l-aċċess ta' persuni qiegħda għall-iskema eżistenti ta' apprendistat għall-adulti sar aktar faċli u ngħataw benefiċċji akbar lill-persuni qiegħda f'taħriġ vokazzjonali, b'enfasi fuq il-ħiliet għal impjiegi ekoloġiċi u għas-settur tal-kura. L-awtoritajiet Federali fil-**Ġermanja** żiedu l-appoġġ għaċ-ċentri ta' apprendiment għall-adulti, b'enfasi fuq il-ħiliet diġitali wkoll bl-użu tal-finanzjament tal-RRF. Bħala parti mill-RRP tiegħu, il-**Lussemburgu** offra vawċers għall-iżvilupp tal-ħiliet diġitali lill-ħaddiema kollha li bbenefikaw mill-iskema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar. Bħala parti mill-pakkett soċjali usa' ta' EUR 1,4 biljun, **in-Netherlands** jappoġġaw it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid ta' dawk li ntlaqtu l-aktar mill-pandemija (bħaż-żgħażagħ, dawk b'anqas ħiliet, persuni bi sfond ta' migrazzjoni u/jew b'diżabbiltà, kif ukoll il-ħaddiema għal rashom mingħajr impjegati).

Numru sinifikanti ta' Stati Membri nedew inizjattivi leġiżlattivi u pjanijiet strateġiċi sabiex jappoġġaw il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment, spiss b'appoġġ għall-RRF, f'konformità mal-prinċipji 1 u 4 (edukazzjoni, taħriġ u tagħlim tul il-ħajja u appoġġ attiv għall-impjiegi, rispettivament) tal-Pilastru. Liġi **Finlandiża** riċenti stabbiliet iċ-Ċentru tas-Servizzi għall-Apprendiment Kontinwu, li se jikkoordina u jiżviluppa servizzi ta' taħriġ għall-persuni fl-età lavorattiva, janalizza l-ħtiġijiet ta' żvilupp tal-ħiliet, jappoġġa n-networks reġjonali, u jiffinanzja l-attivitajiet ta' taħriġ. Fil-**Greċja**, l-aġġornar taċ-ċentri ta'

apprendiment tul il-ħajja kien inkluż f'liġi ġdida dwar is-sistema nazzjonali tal-edukazzjoni vokazzjonali, it-taħriġ u l-apprendiment tul il-ħajja. **L-Italja** stabbiliet "Fond Ġdid għall-Ħiliet", filwaqt li ħabbret Pjan Strateġiku Nazzjonali għall-ħiliet tal-adulti sabiex tindirizza r-rata għolja tal-pajjiż ta' persuni b'livell baxx ta' ħiliet. **L-Irlanda** nediet strateġija dwar Perkorsi ġodda għax-Xogħol għall-ħames snin li ġejjin. Diversi pajjiżi pprevedew appoġġ finanzjarju lil studenti individwali fi ħdan l-RPs tagħhom. **Il-Kroazja** ppjanat skema ta' vawċers għall-adulti li jipparteċipaw fi programmi ta' apprendiment għall-adulti b'garanzija ta' kwalità, b'mod allinjat mal-Qafas tal-Kwalifiki Kroat. **Il-Greċja** stabbiliet Kontijiet għall-Kisba ta' Ħiliet tul il-Ħajja sabiex tappoġġa l-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment. **Il-Litwanja** ħabbret, fl-RRP tagħha, il-ħolqien ta' pjattaforma ta' apprendiment tul il-ħajja b'punt uniku ta' servizz ibbażat fuq il-prinċipju ta' kontijiet individwali tal-apprendiment, li kienu wkoll parti mill-RRP tal-**Latvja**, flimkien ma' apprendiment imsaħħaħ u msejjes fuq ix-xogħol u ma' validazzjoni tal-ħiliet. **Malta** ħabbret, fl-RRP tagħha, l-implimentazzjoni ta' miżuri ewlenin tal-Istrateġija aġġornata għall-Ħiliet Bażiċi, u se tappoġġa wkoll it-tnedija ta' pjattaforma ta' apprendiment diġitali għall-istudenti adulti. Malta adottat ukoll l-Iskema tagħha għall-Iżvilupp tal-Ħiliet, li tappoġġa lill-SMEs li jipprovdu taħriġ lill-forza tax-xogħol tagħhom. **Franza** se tissupplimenta l-iskema eżistenti tagħha ta' kontijiet individwali tal-apprendiment sabiex tippromwovi l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali. Bħala parti mill-pjan taċ-**Ċekja** li tirrevedi s-sistema ta' taħriġ u ta' rikwalifikazzjoni, se tingħata attenzjoni partikolari lill-ħiliet diġitali. Il-pjan, li huwa appoġġat mill-RRF u mill-FSE+, għandu l-għan li jistabbilixxi 14-il ċentru ta' taħriġ reġjonali operati mis-servizzi pubbliċi tal-impjiegi. **L-Iżvezja** qed tippjana li tintroduċi, f'Diċembru 2021, korsijiet vokazzjonali għal studenti adulti b'diżabbiltà intellettwali. Fil-**Belġju** ġew adottati diversi miżuri – uħud minnhom fil-kuntest tal-RRP – sabiex jappoġġaw il-ħiliet tal-adulti: kreditu ta' żmien itwal għall-ħaddiema f'apprendiment u l-istabbiliment ta' skema ta' kontijiet individwali tal-apprendiment fi Flanders, u fil-Wallonia l-proġetti "Start digital" u "Upskills Wallonia". **In-Netherlands** stabbilew fond pubbliku individwali għall-apprendiment u għall-iżvilupp[178]. **Il-Lussemburgu** inkluda fl-RRP strateġija ġdida għall-ħiliet sabiex jiġu analizzati l-ħtiġijiet u t-tfassil tal-ħiliet kurrenti u jiġi implimentat pjan ta' azzjoni għal taħriġ futur.

Fattur ewlieni huwa t-tisħiħ tal-kwalità tal-edukazzjoni għolja, speċjalment fil-kuntest tar-rati tal-livell edukattiv terzjarju milħuq li qegħdin jogħlew. Diversi Stati Membri ħabbru jew introduċew riformi fuq din in-nota. **Il-Latvja** qed timplimenta riforma komprensiva tal-edukazzjoni għolja li tipprevedi tibdil strutturali fuq tliet pilastri: il-governanza, il-finanzjament u r-riżorsi umani. Il-liġi l-ġdida taqsam l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fix-xjenza, fl-arti u fl-universitajiet kulturali, fl-universitajiet tax-xjenzi applikati, u fil-kulleġġi tal-universitajiet tax-xjenzi applikati, bi kriterji speċifiċi ta' kwalità għal kull tip. F'Ottubru 2020, **il-Lussemburgu** nieda programm ġdid ta' ċiklu qasir sabiex jipproteġi liż-żgħażagħ mill-qgħad. It-taħriġ postsekondarju l-ġdid "Diplom+" huwa programm flessibbli ta' żewġ semestri, immirat lejn iż-żgħażagħ li, wara li jkunu temmew l-edukazzjoni sekondarja, la jkunu rreġistrati fl-edukazzjoni għolja u lanqas f'impjieg. Il-programm jista' jiġi interrott fi kwalunkwe ħin filwaqt li l-moduli kompluti jiġu ċċertifikati, u jagħti d-dritt lill-parteċipanti sabiex jibbenefikaw mill-allowances għall-istudju. Fl-aħħar nett, il-Fond għall-Avvanzar għall-Edukazzjoni Għolja approvat reċentement mill-**Belġju** (Flanders) jikkonsisti f'pakkett ta' riforma u ta' investiment bi tliet objettivi ewlenin: ir-

[178] Fiż-żmien tal-abbozzar, din il-miżura ma kinitx marbuta mal-RRP tal-pajjiż.

razzjonalizzazzjoni tal-offerta ta' taħriġ fl-edukazzjoni għolja, inkluż billi ssir aktar rilevanti għas-suq tax-xogħol u flessibbli; l-appoġġ għall-apprendiment tul il-ħajja fl-edukazzjoni għolja; u l-isfruttar bl-aħjar mod tal-perkorsi ta' apprendiment diġitali.

Ir-reċessjoni ekonomika kkawżata mill-pandemija laqtet liż-żgħażagħ bis-saħħa u għamlithom grupp ta' prijorità għall-appoġġ, b'mod partikolari permezz ta' apprendistati msaħħin. Pereżempju, fil-**Belġju** (Flanders), il-gvern żied il-primjum offrut lill-fornituri tal-apprendistati b'EUR 1 000 b'fondi disponibbli minn REACT-EU. Fil-**Belġju** (Wallonia), il-primjum għall-impjegaturi li joffru postijiet ta' apprendistat f'setturi speċifiċi jammonta għal EUR 390 fix-xahar matul l-ewwel 4 xhur tal-apprendistat. **L-Irlanda** adottat skema ta' inċentivazzjoni tal-apprendistat li tipprovdi pagament ta' EUR 2 000 lill-impjegaturi li joffru apprendistati ġodda. **L-Awstrija** offriet bonus tal-apprendisti għall-kumpaniji (*Lehrlingsbonus*), u se jiġi pprovdut finanzjament għat-teħid ta' apprendisti fl-ewwel sena ta' taħriġ minn skema ta' apprendistat bejn il-kumpaniji sal-31 ta' Marzu 2021.

L-Istati Membri saħħew is-sussidji għat-tfittix tal-ħaddiema mmirati lejn iż-żgħażagħ, f'konformità mal-prinċipji 1 u 3 tal-Pilastru (dwar edukazzjoni, taħriġ u tagħlim tul il-ħajja, u opportunitajiet indaqs, rispettivament). **L-Irlanda** offriet sussidji addizzjonali għar-reklutaġġ taħt l-iskema ta' JobsPlus, li jipprovdu sa EUR 7 500 fuq sentejn għall-impjegar ta' persuna qiegħda taħt it-30 sena. **Ċipru** offra inċentivi ta' tfittix tal-ħaddiema għar-reklutaġġ ta' żgħażagħ bejn il-15 u d-29 sena. L-iskema tikkonsisti f'sussidji tal-pagi sa EUR 8 600 għal kull reklutaġġ ġdid għal perjodu ta' 10 xhur. Bl-għajnuna tal-finanzjament tal-FSE, għandha l-għan li tirrekluta 1 200 żagħżugħ u żagħżugħa qiegħda fuq sena. Bejn tmiem l-2020 u Settembru 2021, **ir-Rumanija** tat sussidju għat-tfittix tal-ħaddiema ta' bejn 16 u 29 sena, irreġistrati mas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi. Fil-**Belġju**, il-gvern ta' Brussell introduċa sussidju għat-tfittix tal-ħaddiema żgħażagħ qiegħda taħt it-30 sena, li jammonta għal EUR 500 fix-xahar għal 6 xhur. **Il-Greċja** ħabbret programm ġdid għaż-żgħażagħ ta' bejn 18 u 29 sena mingħajr esperjenza ta' xogħol preċedenti, li se jibda f'Jannar 2022. Is-sussidju se jiġi pprovdut għal 6 xhur u se jikkonsisti f'EUR 600 għall-persuna żagħżugħa u EUR 600 għall-kumpanija tar-reklutaġġ. Kif deskritt fir-Rakkomandazzjoni tal-EASE (ara l-kaxxa 1), it-tgħaqqid tal-inċentivi għar-reklutaġġ ma' miżuri ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid u ta' appoġġ imtejjeb mis-servizzi tal-impjiegi jista' jkollu rwol importanti fl-appoġġ tal-ħolqien tax-xogħol u fl-iffaċilitar tat-tranżizzjonijiet minn impjieg għal ieħor.

L-Istati Membri adottaw miżuri ġodda ta' appoġġ għall-impjiegi u għat-taħriġ għaż-żgħażagħ b'Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES) imtejbin, f'konformità mal-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa u mal-prinċipju 4 tal-Pilastru (appoġġ attiv għall-impjiegi). Il-PES għadhom attur ċentrali fl-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, u ħafna jinsabu fil-proċess li jiżviluppaw servizzi ġodda jew imtejbin orjentati lejn iż-żgħażagħ. Xi Stati Membri introduċew miżuri ġodda ta' taħriġ għaż-żgħażagħ. **Il-Portugall** stabbilixxa programm ta' taħriġ fl-amministrazzjoni pubblika (*EstágiAP XXI*) għaż-żgħażagħ b'edukazzjoni għolja. L-Istati Membri wkoll ippromulgaw jew qed jippjanaw li jippromulgaw numru ta' riformi strutturali fil-PES u fis-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ tagħhom li se jappoġġaw l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ. Pereżempju, l-RRP ta' **Ċipru** jinkludi pjanijiet sabiex jissaħħaħ l-appoġġ offrut liż-żgħażagħ b'pakkett ta' miżuri sabiex tiżdied il-ħidma sabiex jintlaħqu n-NEETs u sabiex jiġu mmodernizzati l-PES. Fiċ-**Ċekja**, iż-żgħażagħ se jkunu fost il-benefiċjarji ewlenin ta' ambizzjoni ta' terminu medju (sal-2025), appoġġata mill-RRF u mill-FSE+, għar-riforma tas-sistema tat-taħriġ u tar-rikwalifikazzjoni. Ir-riforma se

tinvolvi l-istabbiliment ta' kumitat tripartitiku li jikkoordina l-iżvilupp tal-apprendiment tul il-ħajja, u l-ħolqien ta' 14-il ċentru ta' taħriġ reġjonali taħt ir-responsabbiltà tal-PES. **L-Estonja** inkludiet fl-RRP tagħha l-adozzjoni ta' skema msaħħa ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ li tinkludi skema mtejba ta' "L-Ewwel Impjieg Tiegħi", li tħeġġeġ ir-reklutaġġ ta' żgħażagħ bi ftit esperjenza ta' xogħol billi tgħaqqad it-taħriġ u sussidju tal-pagi. **Spanja** adottat Pjan ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ għall-2021-2027 sabiex tapprofondixxi l-koordinazzjoni interistituzzjonali, issaħħaħ il-kooperazzjoni mas-settur privat u mal-awtoritajiet lokali, u ttejjeb l-edukazzjoni, it-taħriġ u s-servizzi tas-suq tax-xogħol. Il-pajjiż qed jippjana aktar investimenti, b'appoġġ mill-RRF, sabiex iħeġġeġ l-impjieg taż-żgħażagħ. Sabiex tgħin lill-migranti żgħażagħ, **il-Ġermanja** introduċiet aktar minn 470 "servizzi ta' migrazzjoni għaż-żgħażagħ" (*Jugendmigrationsdienste*) li jiffokaw fuq l-integrazzjoni fit-taħriġ u fis-suq tax-xogħol. Jappoġġaw liż-żgħażagħ b'ġenituri migranti, li jinkludi refuġjati, b'firxa ta' servizzi, li jinkludu t-taħriġ fl-applikazzjoni għal xogħol, taħriġ fl-użu ta' media ġodda u servizz ta' konsulenza online (*jmd4you*), mingħajr ħlas u disponibbli f'lingwi differenti.

L-Istati Membri nedew ukoll inizjattivi li jappoġġaw is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol ta' ħaddiema akbar fl-età. Il-programm tal-**Italja** *Garanzia Occupabilità Lavoratori* jimplimenta politiki attivi bbażati fuq ħtiġijiet speċifiċi sabiex iħeġġeġ l-inklużjoni fix-xogħol tal-benefiċjarji tal-introjtu miċ-ċittadinanza, kif ukoll l-integrazzjoni ta' ħaddiema fi skema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u tal-persuni akbar fl-età. **Is-Slovakkja** qed tippjana li tuża l-appoġġ tal-RRF sabiex tipprovdi taħriġ fil-ħiliet diġitali u tagħmir bażiku lil 172 800 anzjan u persuna żvantaġġata. Il-ħaddiema akbar fl-età huma wkoll wieħed minn diversi gruppi fil-mira fil-miżura tal-RRP tas-**Slovenja** dwar it-titjib fil-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid fil-ħiliet diġitali għall-impjegati u għall-ħaddiema għal rashom. It-taħriġ fil-ħiliet diġitali għal persuni ta' aktar minn 55 sena ġie inkluż ukoll fl-RRP ta' **Ċipru**. Il-persuni akbar fl-età huma wkoll wieħed mill-gruppi fil-mira fl-Istrateġija aġġornata dwar l-Impjiegi ta' **Malta**, appoġġata mill-RRF.

L-Istati Membri introduċew miżuri temporanji sabiex jappoġġaw lill-ġenituri bit-tfal fil-pandemija tal-COVID-19, f'konformità mal-prinċipji 9 (dwar bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata) u 11 (dwar kura tat-tfal u appoġġ għat-tfal) tal-Pilastru. Fl-**Italja**, jingħata bonus ta' EUR 1 000 minn Ottubru 2020 sa tmiem l-2021 għax-xiri ta' servizzi ta' babysitting jew, inkella, għar-reġistrazzjoni f'summer camps li għandu jintuża matul il-perjodu ta' sospensjoni tal-attivitajiet ta' tagħlim fl-iskola. **Il-Lussemburgu** estenda sas-17 ta' Lulju 2021 id-dritt għal liv għal raġunijiet familjari fuq il-bażi ta' għeluq totali jew parzjali tal-iskejjel jew tal-faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal. Estenda wkoll sa Novembru 2021 il-liv ta' appoġġ għall-familja għal persuni mġiegħla jieqfu jaħdmu sabiex jieħdu ħsieb adult b'diżabbiltà jew persuna akbar fl-età b'telf serju ta' awtonomija. Fir-**Rumanija**, l-impjegati li huma ġenituri jingħataw liv għas-superviżjoni tat-tfal tagħhom, f'każ li ma jkunux jistgħu jattendu aktar għall-klassijiet, wara r-riżultati ta' investigazzjoni epidemjoloġika tal-COVID-19 li tirriżulta f'limitazzjoni/f'sospensjoni tal-attività edukattiva. Fi **Spanja**, il-"Pjan ta' Min Jieħu Ħsiebi" (*Plan Mecuida*) saħħaħ il-flessibbiltà tal-impjegati sabiex jieħdu f'idejhom ir-responsabbiltajiet tal-familja b'minorenni jew b'persuni akbar fl-età bħala riżultat tal-pandemija. L-impjegatur u l-ħaddiem kellhom jaqblu dwar miżuri speċifiċi li jinkludu, jekk meħtieġ, tnaqqis tas-sigħat tax-xogħol tal-impjegat sa 100 % (kontra l-50 % ta' qabel), bi tnaqqis proporzjonali fil-paga. Fid-**Danimarka**, il-ġenituri ta' tfal li jew jintbagħtu d-dar mill-iskola minħabba l-COVID-19 jew li jiġu infettati bil-COVID-19 jistgħu jibqgħu d-dar mat-tfal u jirċievu benefiċċji tal-liv tal-ġenituri. L-inizjattiva ddekorriet bejn l-1 ta' Ottubru 2020 u t-30 ta' Ġunju 2021. Fil-**Belġju**, il-gvern introduċa l-liv tal-ġenituri għall-COVID-19, li huwa

supplimentari għad-dritt eżistenti għal-liv tal-ġenituri b'benefiċċji ogħla milli għall-iskema eżistenti.

Il-miżuri permanenti tal-liv relatat mal-familja qed jiġu adottati jew qed jissaħħu dejjem aktar fl-Istati Membri. F'Ġunju 2021, **il-Greċja** adottat liġi li tinkorpora d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2019/1158[179] dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata billi tipprovdi liv tal-ġenituri, testendi l-liv tal-paternità u tal-maternità u tintroduċi arranġamenti tax-xogħol flessibbli. Lil hinn mir-rekwiżiti minimi tad-Direttiva, il-liġi tipprevedi li l-liv miftiehem mas-sħab soċjali fi Ftehimiet Kollettivi Ġenerali Nazzjonali preċedenti dwar ix-Xogħol (eż. liv għall-indukrar tat-tfal, liv għas-segwitu dwar il-prestazzjoni fl-iskola, liv għall-ġenituri ta' tfal morda jew ta' tfal b'diżabbiltà, jew familji b'ġenitur wieħed). Fl-**Italja**, in-numru ta' jiem ta' liv obbligatorju tal-paternità ġie estiż minn sebat ijiem għal għaxart ijiem. Minn Jannar 2021, **Spanja** ssostitwiet il-liv tal-paternità u tal-maternità b'liv tat-twelid mhux trasferibbli ta' 16-il ġimgħa, imħallas b'paga sħiħa. Minn Mejju 2021, **Franza** żiedetit-tul tal-liv tal-paternità minn 11 għal 25 jum. Erbgħa minn 25 jum tal-liv huma obbligatorji u addizzjonali għat-tlett ijiem ta' liv mat-twelid tal-wild. Fin-**Netherlands**, is-sħab tan-nisa li jkunu welldu jirċievu ħames ġimgħat addizzjonali ta' liv mill-1 ta' Lulju 2020. Dan il-liv addizzjonali tat-twelid jista' jittieħed fl-ewwel sitt xhur tal-ħajja tal-wild b'70 % tal-paga, imħallsin mill-PES. Ir-reġjun ta' Flanders fil-**Belġju** introduċa appoġġ addizzjonali għall-introjtu ("primjum ta' inkoraġġiment") għall-ħaddiema li jieħdu kreditu ta' żmien sabiex jieħdu ħsieb qarib. Il-primjum huwa addizzjonali għall-allokazzjoni federali u l-ammont jiddependi fuq is-settur. Mill-1 ta' Ottubru 2021, **il-Bulgarija** żiedet sostanzjalment il-kumpens għat-tieni sena tal-maternità minn BGN 380 għal BGN 650 (minn EUR 195 għal EUR 330).

Huma stabbiliti miżuri mmirati sabiex jippromwovu l-attivazzjoni, isaħħu l-ħiliet u jappoġġaw l-impjieg tan-nisa, f'konformità mal-prinċipji 2 (dwar ugwaljanza bejn il-ġeneri) u 4 (Appoġġ attiv għall-impjiegi) tal-Pilastru. Sabiex tappoġġa r-ritorn għax-xogħol tal-ommijiet li jaħdmu u sabiex tiffavorixxi r-rikonċiljazzjoni tal-ħin tax-xogħol mal-ħin tal-kura tal-familja, **l-Italja** żiedet il-Fond għall-Politiki tal-Familja b'EUR 50 miljun (għal EUR 732 miljun), li għandhom jiġu allokati sabiex jappoġġaw u jtejbu l-miżuri organizzazzjonali adottati min-negozji sabiex jiffavorixxu r-ritorn għax-xogħol tal-ommijiet li jaħdmu wara l-ħlas. L-RPP tal-Italja huwa mmirat ukoll lejn in-nisa għall-ALMP u għall-miżuri ta' appoġġ għall-intraprenditorija. Minn Ottubru 2020, programm fl-**Ungerija** jappoġġa t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ġenituri żgħażagħ, speċjalment tan-nisa, sabiex jiġi ffaċilitat id-dħul/ir-ritorn tagħhom fis-suq tax-xogħol. Borża ta' studju ta' EUR 110-550 (skont l-intensità tat-taħriġ) hija disponibbli għal ġenituri b'livell baxx ta' ħiliet li għandhom aktar minn 18-il sena li qed jirċievu benefiċċju ta' appoġġ għall-familja u li jixtiequ jieħdu sehem f'taħriġ immirat lejn it-tlestija tal-klassijiet 5 sa 8 tal-iskola primarja, tal-edukazzjoni sekondarja, jew tat-taħriġ għall-adulti. Il-baġit ta' HUF 3 biljun (madwar EUR 8,3 miljun) jista' jappoġġa t-taħriġ ta' 2 500 persuna. L-RRP ta' **Spanja** jinkludi miżura li tappoġġa l-impjieg tan-nisa fi tliet oqsma ewlenin: a) taħriġ dwar l-aspetti diġitali, ekoloġiċi, tal-kura fit-tul, l-intraprenditorija u l-ekonomija soċjali; b) perkorsi ta' integrazzjoni għan-nisa vittmi ta' vjolenza jew ta' traffikar; c) l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-elementi kollha tal-pjanijiet tal-impjiegi annwali

[179] Id-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE.

tal-PES. Fil-**Finlandja**, l-emenda tal-Liġi dwar it-Tariffi għall-Edukazzjoni u għall-Kura Bikrija tat-Tfal iżżid l-inċentivi sabiex wieħed jibda jaħdem, speċjalment għall-ġenituri tad-dar (li huma l-aktar nisa) f'familji bi dħul baxx u medju. L-emenda leġiżlattiva (fis-seħħ mill-1 ta' Awwissu 2021) tnaqqas it-tariffi tal-edukazzjoni u tal-kura bikrija tat-tfal fil-kategoriji kollha tal-introjtu billi żżid il-limitu tal-introjtu b'31 %. Din se tipprovdi ECEC b'xejn lil madwar 20 000 familja. Il-familji b'diversi tfal se jibbenefikaw mit-tnaqqis fit-tariffi għall-aħwa, peress li t-tariffa għat-tieni wild se tkun ta' 40 % (meta mqabbla mal-50 % attwali). L-RRP tas-**Slovenja** tappoġġa pjattaforma online b'għodod għall-impjegaturi u għall-ħaddiema sabiex jiġu promossi modi flessibbli ta' xogħol, u 135 proġett sabiex jiġu stabbiliti jew aġġornati l-kundizzjonijiet tax-xogħol fid-dar, inkluża assistenza esperta fil-valutazzjoni u fl-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet speċifiċi ta' kumpanija.

L-Istati Membri nedew diversi miżuri sabiex jippromwovu l-impjieg ta' persuni b'diżabbiltà, li jinkludu miżuri temporanji sabiex jittaffa l-impatt negattiv tal-kriżi tal-COVID-19. Fl-2020, **ir-Rumanija** biddlet il-qafas legali dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, kif ukoll dwar il-protezzjoni mid-diskriminazzjoni, sabiex tiggarantixxi l-ugwaljanza tal-opportunitajiet, l-aċċessibbiltà tal-post tax-xogħol u l-adattament tad-dmirijiet f'konformità mal-potenzjal funzjonali. Il-Pjan tal-**Latvja** għall-Persuni b'Diżabbiltà għall-2021-2023 jinkludi miżura sabiex jiġu aġġustati r-regoli għall-kisba ta' status ta' diżabbiltà, għall-introduzzjoni ta' miżuri għall-inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà fis-suq tax-xogħol, u għat-titjib tal-aċċessibbiltà għall-infrastruttura. Fil-**Belġju** (Wallonia), l-aktar persuni vulnerabbli li qed ifittxu impjieg se jirċievu gwida personalizzata u aktar komprensiva. Se jiġu żviluppati wkoll ċentri ta' għarfien li jipprovdu appoġġ dwar suġġetti speċifiċi (eż. is-saħħa mentali, il-persuni b'diżabbiltà). **Franza** qed tippjana miżuri li ssaħħaħ l-aċċess għat-taħriġ u l-gwida dwar l-impjiegi għall-aġenti pubbliċi b'diżabbiltà u għal aġenti pubbliċi anqas kwalifikati, inkluż b'pagamenti u b'jiem ta' liv speċjali. Din il-miżura se tippermetti aċċess għat-taħriġ u possibbiltajiet għal tranżizzjonijiet fil-karriera għal uffiċjali pubbliċi aktar vulnerabbli.

Diversi Stati Membri adottaw miżuri sabiex jippromwovu l-ħolqien tax-xogħol fost il-persuni b'diżabbiltà permezz ta' inċentivi mmirati għar-reklutaġġ , f'konformità mal-prinċipji 3 u 17 (dwar opportunitajiet indaqs u l-inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà) tal-Pilastru**.** Fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19, **l-Awstrija** żiedet is-sussidji tal-pagi preeżistenti għall-persuni b'diżabbiltà b'50 % għal perjodu ta' 3 xhur. Hija żiedet ukoll temporanjament (sa Settembru 2021) b'50 % l-allowance tas-sigurtà tal-impjieg tagħhom. Il-kumpaniji huma obbligati jimpjegaw persuna b'diżabbiltà rreġistrata waħda għal kull 25 impjegat reklutat; fin-nuqqas ta' dan, iġarrbu obbligu li jħallsu taxxa ta' kumpens ta' kull xahar għal kull impjegat mhux reklutat. It-taxxa ta' kumpens hija maħsuba sabiex tappoġġa l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni b'diżabbiltà. **Il-Belġju** (ir-Reġjun ta' Brussell) juża l-RRP sabiex jipprovdi sistema ta' bonus sabiex jappoġġa lill-impjegaturi fl-integrazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà. Fiċ-**Ċekja**, l-ammont massimu ta' kontribuzzjoni sabiex jiġi appoġġat l-impjieg ta' persuni b'diżabbiltà żdied bi CZK 800 (madwar EUR 30), għal CZK 13 600 (madwar EUR 525). **In-Netherlands** żiedu l-livell massimu ta' benefiċċju għaż-żgħażagħ b'diżabbiltà minn 25 % għal 70 % u għal 75 % tal-paga minima għal dawk b'kapaċità tax-xogħol u għal dawk mingħajr, rispettivament. Iż-żgħażagħ li jkunu intitolati għall-benefiċċji tad-diżabbiltà li jibdew jaħdmu jirċievu introjtu ogħla. Jistgħu jżommu l-benefiċċji tagħhom jekk jirreġistraw fl-edukazzjoni, u jistgħu jmorru lura għall-benefiċċji soċjali jekk l-impjieg tagħhom jintemm.

Xi Stati Membri introduċew miżuri sabiex jappoġġaw lill-persuni li jindukraw lil persuni b'diżabbiltà. Il-persuni b'diżabbiltà għandhom dritt ugwali li jgħixu b'mod indipendenti u jiġu inklużi fil-komunità, u dan jeħtieġ pajsaġġ differenzjat ta' servizzi bbażati fil-komunità u fil-familja[180]. Fid-dawl tal-kwalità li tvarja tas-servizzi, tan-nuqqas ta' ħaddiema u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol impenjattivi, xi Stati Membri saħħew l-isforzi f'dan il-qasam. Fil-kuntest tad-deistituzzjonalizzazzjoni, **il-Latvja** qed timplimenta diversi proġetti billi tiżviluppa servizzi bbażati fil-komunità u infrastruttura għall-forniment tas-servizzi, billi ttejjeb il-kwalifiki u l-ħiliet tal-assistenti soċjali, kif ukoll billi tiffinanzja servizzi bbażati fil-komunità. **Malta** adottat Strateġija Nazzjonali għall-2021-2030 dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà b'impenji sabiex issaħħaħ l-iskemi ta' assistenza personali li se jippermettu lill-persuni b'diżabbiltà jkomplu jgħixu fi djarhom u fil-komunitajiet tagħhom stess. Fil-kuntest tal-RRP, **il-Belġju** (Wallonia) se jiżviluppa strateġija ta' deistituzzjonalizzazzjoni u se jinvesti f'akkomodazzjoni aġġustata għall-persuni akbar fl-età u għall-persuni b'diżabbiltà. **Is-Slovakkja** żiedet l-allowance għall-indukrar ta' persuna b'diżabbiltà sabiex tilħaq il-paga minima netta (bi EUR 31,70, u laħqet il-EUR 508,44). Din is-sena, madwar 40 890 persuna li tindukra fl-età lavorattiva u madwar 23 700 pensjonant se jibbenefikaw miż-żieda fl-allowance għall-indukrar. 11 820 benefiċjarju se jibbenefikaw minn allowance ogħla għall-assistenza personali (minn EUR 4,18 għal EUR 4,82). Fil-**Bulgarija**, il-kura fid-djar se tiġi pprovduta għal 53 000 persuna akbar fl-età u persuna b'diżabbiltà, u tikkonċerna 16 000 persuna li tindukra, permezz ta' investiment ta' EUR 43,5 miljun (b'appoġġ ta' REACT-EU). Ġie żviluppat ukoll programm ta' taħriġ għal speċjalisti mediċi u għal speċjalisti fil-qasam tas-servizzi soċjali li jipprovdu kura tal-patroċinju. **L-Estonja** espandiet l-eliġibbiltà għall-allowance għall-ġenituri ta' tfal b'diżabbiltà sabiex ikopri lil ġenitur surrogat jew lil tutur li jrabbi tifel jew tifla waħdu.

Numru ta' Stati Membri nedew azzjonijiet sabiex jappoġġaw l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Fil-**Finlandja**, l-Att dwar Persuni Barranin ġie emendat, mill-1 ta' Ottubru 2021, sabiex jipprevjeni l-isfruttament ta' ħaddiema barranin, itejjeb l-istatus legali tal-vittmi tal-isfruttament ta' ħaddiema u jippromwovi d-denunzja tiegħu. **L-Iżvezja** adottat inizjattiva Sena Intensiva, immirata lejn il-parteċipanti l-ġodda li jieħdu sehem fil-Programm ta' Stabbiliment. Għal perjodu ta' sena, li jibda fl-2021, il-parteċipanti jistgħu jagħżlu bejn l-istudju tal-Iżvediż b'pass intensiv jew permezz ta' internship full-time fuq il-post tax-xogħol, flimkien ma' attivitajiet addizzjonali, sabiex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol lokali. Il-pajjiż saħħaħ ukoll il-programmi ta' apprendiment tul il-ħajja fil-livell muniċipali u fi ħdan l-istabbilimenti edukattivi għall-adulti li jeħtieġ li jtejbu s-sitwazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol. Appoġġ imsaħħaħ huwa pprovdut fil-gwida, fil-validazzjoni tal-ħiliet, fil-VET, u fil-lingwa Żvediża. Se jiġi pprovdut taħriġ dedikat lil persuni ġodda u lil applikanti għal ażil b'esperjenza professjonali preċedenti fil-kura tas-saħħa jew fl-edukazzjoni dwar il-kura tas-saħħa, kif ukoll għall-persunal fil-kura ta' persuni akbar fl-età, bħall-assistenti tal-kura u l-assistenti infermiera, għal skopijiet professjonali.

Numru ta' Stati Membri ħadu miżuri sabiex jiffaċilitaw l-ammissjoni ta' ħaddiema migranti minn pajjiżi terzi, b'mod partikolari ħaddiema b'livell għoli ta' ħiliet u dawk li jimlew okkupazzjonijiet li għandhom nuqqas ta' ħaddiema. Fl-2021, **il-Kroazja** adottat

[180] L-Istrateġija għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà tenfasizza l-importanza ta' assistenza ta' kwalità, aċċessibbli, iċċentrata fuq il-persuna u affordabbli, li tinkludi assistenza personali, kura medika u interventi mill-assistenti soċjali sabiex jgħinu kemm lill-persuni b'diżabbiltà kif ukoll lill-familji tagħhom.

Att ġdid dwar Persuni Barranin, li neħħa l-kwoti annwali tal-permessi tax-xogħol għal ċittadini ta' pajjiżi terzi u stipula li l-applikazzjonijiet għall-permessi ta' residenza u tax-xogħol jeħtieġ li jkunu akkumpanjati minn opinjoni pożittiva tas-Servizz tal-Impjiegi Kroat (b'xi eċċezzjonijiet, b'mod partikolari għad-detenturi tal-Karta Blu tal-UE). Il-bidliet jipprevedu kooperazzjoni msaħħa bejn il-korpi amministrattivi u l-ispezzjoni tax-xogħol sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet tal-impjegati.

Fl-2020, l-Istati Membri introduċew jew komplew diversi miżuri sabiex itejbu l-parteċipazzjoni u l-aċċess għall-edukazzjoni tat-tfal Rom. Il-Bulgarija introduċiet edukazzjoni obbligatorja fl-età ta' erba' snin għat-tfal kollha, sabiex ittejjeb l-attendenza preprimarja fost it-tfal vulnerabbli. Fl-**Ungerija**, il-kindergarten obbligatorju huwa mill-età ta' 3 snin, iżda numru ta' fatturi *de facto* jillimitaw l-impatt pożittiv potenzjali ta' din il-miżura u jxekklu d-desegregazzjoni effettiva (bħar-regoli differenzjali, l-awtonomija, id-daqs tad-distretti tal-iskejjel, il-mudell ta' sanzjonijiet ta' diskriminazzjoni). Fl-**Italja**, ordni ministerjali introduċiet miżuri mmirati ġodda li jrawmu l-edukazzjoni inklużiva tat-tfal Rom. **In-Netherlands** komplew il-programm ta' skema ta' appoġġ tagħhom għall-iskejjel li jedukaw lil studenti minn gruppi vulnerabbli, bħar-Rom u s-Sinti. **Il-Portugall** introduċa programmi ta' boroż ta' studju għall-istudenti Rom li jattendu l-edukazzjoni sekondarja u għolja. Fl-2020, **il-Greċja** bdiet timplimenta l-proġett "*Skejjel inklużivi għar-Rom*" u introduċiet programm ta' boroż ta' studju għall-istudenti tal-edukazzjoni għolja. Fi **Franza**, ordni ministerjali ġdida tispeċifika l-lista ta' dokumenti ta' sostenn għar-reġistrazzjoni fl-iskejjel, sabiex il-muniċipalitajiet ma jimponux rekwiżiti mhux raġonevoli (eż. kontijiet tad-dawl), li dawk li jgħixu f'insedjamenti informali ma jistgħux jissodisfaw. Fl-aħħar nett, diversi Stati Membri, inklużi **l-Kroazja**, **l-Irlanda** u **Spanja**, introduċew miżuri sabiex jinkorporaw l-istorja, il-kultura jew il-lingwa tar-Rom u tat-Travellers fis-sistemi edukattivi tagħhom[181]. Kif irrapportat fil-JER 2021, l-istrateġiji nazzjonali tar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni ġew adottati mill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Aktar reċentement, **iċ-Ċekja** adottat l-Istrateġija l-ġdida għall-Inklużjoni tar-Rom għall-2021-2030 li għandha l-għan li ttejjeb il-livell edukattiv milħuq tar-Rom billi tħarreġ lill-għalliema dwar kif jaħdmu bi klassijiet diversi, tipprovdi appoġġ għall-edukazzjoni preprimarja u tistabbilixxi servizzi ta' konsulenza għall-iskejjel. Il-ministeru tal-Edukazzjoni tas-**Slovakkja** waqqaf Dipartiment għall-Edukazzjoni Inklużiva, u ħatar segretarju tal-Istat responsabbli għall-edukazzjoni inklużiva, parzjalment sabiex jindirizza r-rappreżentazzjoni eċċessiva persistenti tat-tfal Rom fl-edukazzjoni speċjali.

[181] FRA, Fundamental rights report (2021). https://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/fra-2021-fundamental-rights-report-2021_en.pdf.

2.3 Linja Gwida 7: Insaħħu l-funzjonament tas-swieq tax-xogħol u l-effettività tad-djalogu soċjali

Din it-taqsima tagħti ħarsa lejn l-implimentazzjoni tal-linja gwida nru 7 dwar l-impjiegi, li tirrakkomanda li l-Istati Membri jtejbu l-funzjonament tas-suq tax-xogħol u l-effettività tad-djalogu soċjali. Tkopri, fost l-oħrajn, l-ibbilanċjar tal-flessibbiltà u tas-sigurtà fil-politiki tas-suq tax-xogħol, il-prevenzjoni tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u t-trawwim tat-tranżizzjoni lejn kuntratti indefiniti, u l-iżgurar tal-effettività tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol. Dawn l-għanijiet huma allinjati mal-prinċipji 4 (appoġġ attiv għall-impjiegi), 5 (impjieg sigur u adattabbli), 7 (informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-impjieg u l-protezzjoni f'każ ta' sensja), 8 (djalogu soċjali u involviment tal-ħaddiema), 10 (ambjent tax-xogħol tajjeb għas-saħħa, sigur u adattat sew) u 13 (benefiċċji tal-qgħad) tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Fuq il-bażi tal-prattiki nazzjonali eżistenti, jiġu diskussi wkoll il-promozzjoni tad-djalogu soċjali u l-involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. It-Taqsima 2.3.2 tirrapporta dwar il-miżuri ta' politika tal-Istati Membri f'dawn l-oqsma.

2.3.1 Indikaturi ewlenin

F'dawn l-aħħar snin, is-swieq tax-xogħol fl-UE esperjenzaw espansjoni rapida fil-varjetà ta' forom ta' impjieg. Filwaqt li l-impjieg standard għadu dominanti, il-"menù" tal-forom ta' impjieg disponibbli espanda fl-Istati Membri tal-UE f'dawn l-aħħar snin u din ix-xejra x'aktarx li se tkompli. Fuq il-bażi tal-analiżi tar-relazzjonijiet emerġenti tal-impjieg madwar l-Istati Membri, il-Eurofound ġabret il-forom ġodda ta' impjieg f'disa' kategoriji u spjegat il-karatteristiċi ewlenin tagħhom[182]. L-Illustrazzjoni 2.3.1 turi kif tali forom ġodda ta' impjieg żviluppaw madwar l-Istati Membri sa mill-2014, li jista' jkollhom implikazzjonijiet għall-kwalità tal-impjiegi u għall-kundizzjonijiet tax-xogħol f'dawn il-pajjiżi (ara l-kaxxa 3). Filwaqt li fl-2015 ix-xogħol mobbli bbażat fuq it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), pereżempju, kien preżenti f'16-il Stat Membru, issa huwa rrapportat f'kollha kemm huma. Fl-2015, ix-xogħol okkażjonali kien ġdid f'għaxar Stati Membri, u sal-2021 huwa prevalenti fi 23 pajjiż tal-UE. L-akbar espansjoni ġiet irreġistrata mix-xogħol fuq il-pjattaformi, li ġie rrapportat f'madwar għaxar Stati Membri fl-2013-14 u llum huwa preżenti fl-Istati Membri kollha (aktar dettalji dwar ix-xogħol fuq il-pjattaformi aktar 'il quddiem)[183].

[182] Għal aktar dettalji ara Eurofound (2020), *New forms of employment: 2020 update*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

[183] Nota: Ix-xogħol mobbli bbażat fuq l-ICT jirreferi għall-arranġamenti tax-xogħol imwettqin tal-anqas parzjalment barra mill-"uffiċċju prinċipali" ta' persuna, bl-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni. Ix-xogħol okkażjonali jista' jinftiehem bħala "xogħol irregolari jew intermittenti, mingħajr xi aspettattiva ta' impjieg kontinwu", bil-potenzjal għal ħinijiet jew għal skedi tax-xogħol irregolari u imprevedibbli. Għal aktar dettalji dwar il-forom ta' impjieg li jifdal, jekk jogħġbok ara Eurofound (2015), *New forms of employment*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

Illustrazzjoni 2.3.1: Il-forom ġodda ta' impjieg qed isiru aktar prevalenti fl-UE
Forom ta' impjieg identifikati bħala ġodda fl-2013/2014 meta mqabblin mal-2020 (nru ta' Stati Membri)



Nota: EE u MT mhux inklużi fid-data tal-2015. Id-data għal LU ġiet aġġornata fl-2021.

Sors: Eurofound (2020), New forms of employment: 2020 update, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

Il-forom ta' impjieg ivarjaw fost l-Istati Membri, inkluż ix-xogħol kemm regolat kif ukoll mhux regolat. L-eżerċizzju ta' mmappjar tal-Eurofound jinkludi l-forom kollha ta' impjieg ibbażati fuq it-tipi kollha ta' kuntratti, irrispettivament minn jekk jaqgħux taħt il-liġi tax-xogħol ġenerali jew taħt regolamenti speċifiċi, inkluż fuq il-bażi ta' ftehimiet kollettivi. Il-forom il-ġodda ta' impjieg jistgħu japplikaw kemm għall-impjegati kif ukoll għall-ħaddiema għal rashom, jew għal wieħed minn dawn iż-żewġ gruppi esklussivament. Kif turi l-Illustrazzjoni 2.3.2, il-Kroazja marret minn forma waħda biss mid-disa' forom ġodda ta' impjieg analizzati hawn fuq li ġew identifikati bħala "eżistenti" fis-sena 2013-14 sabiex ikollha dawn kollha fl-2020. Tlettax-il Stat Membru identifikaw seba' forom jew aktar ta' impjieg. Għall-kuntrarju, f'Ċipru, fil-Lussemburgu u fi Spanja erba' minn dawn il-forom ġodda ta' impjieg jew anqas huma rrapportati sal-2020. Iż-żieda fin-numru ta' forom ta' xogħol taffettwa l-grad ta' flessibbiltà tas-suq tax-xogħol kif ukoll il-kundizzjonijiet tal-impjieg fil-pajjiżi kkonċernati[184].[185] Il-Gvernijiet u s-sħab soċjali, permezz ta' ftehimiet kollettivi, għandhom diversi strumenti għad-dispożizzjoni tagħhom sabiex jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin u protezzjoni soċjali għall-persuni involuti f'dawn il-forom ġodda ta' impjieg (ara t-taqsima 2.3.2). Il-varjetà wiesgħa ta' forom ġodda ta' impjieg kif

---

[184] Eurofound (2021), *Policy brief: First initiatives to improve the employment and working conditions of platform workers: What works*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu (pubblikazzjoni pendenti).

[185] In-Nazzjonijiet Uniti (2021), *Digitally enabled new forms of work and policy implications for labour regulation frameworks and social protection systems,* Department of economic and Social Affairs, Policy brief nru 113.

ukoll l-effetti differenti tagħhom fuq l-impjiegi u fuq il-kundizzjonijiet soċjali jitolbu monitoraġġ kontinwu.

Illustrazzjoni 2.3.2: L-immappjar tal-iskala u tal-ambitu tal-inċidenza ta' forom ġodda ta' impjieg madwar l-Istati Membri

In-numru ta' forom ġodda ta' impjieg fl-EU-27. Tqabbil bejn in-numru ta' dawk identifikati bħala ġodda fis-sena 2013/2014 u dawk prevalenti fl-2020.



Nota: EE u MT mhux inklużi fid-data tal-2015. Id-*data* għal LU ġiet aġġornata fl-2021.
Sors: Eurofound (2015; 2020) *għal aktar dettalji dwar in-natura tal-forom ġodda differenti ta' impjieg u l-implikazzjonijiet tagħhom*.

Ix-xogħol fuq il-pjattaformi qed jikber bil-qawwa, bid-dħul li żdied b'ħames darbiet fl-aħħar ħames snin, u dan jixħet dawl fuq kwistjonijiet relatati mal-istatus legali, mal-kundizzjonijiet tax-xogħol u mal-aċċess għall-protezzjoni soċjali. Bl-użu ta' evidenza mit-tieni stħarriġ tal-COLLEEM, il-JER 2021 diġà pprovda ħarsa ġenerali lejn l-inċidenza tax-xogħol fuq il-pjattaformi fl-Istati Membri. Filwaqt li xorta waħda kien relattivament limitat fid-daqs,[186] l-użu tax-xogħol fuq il-pjattaformi qed jiżdied malajr, bid-dħul għall-partijiet involuti li żdied minn madwar EUR 3 biljun fl-2016 għal madwar EUR 14-il biljun fl-2020. Fl-istess perjodu, il-qligħ aggregat ta' persuni li jaħdmu permezz ta' pjattaformi attivi fl-UE kiber darbtejn u nofs minn madwar EUR 2,6 biljun fl-2016 għal EUR 6,3 biljun fl-2020. Persuni li jaħdmu permezz ta' pjattaformi spiss ħafna jinstabu li huma żgħażagħ, irġiel u bi kwalifiki ogħla, għalkemm il-profil tagħhom huwa influwenzat ħafna mit-tip ta' xogħol fuq

[186] 1,4 % tal-persuni fl-età lavorattiva fis-16-il pajjiż mistħarrġin jiddikjaraw li jaħdmu aktar minn 20 siegħa fil-ġimgħa jipprovdu servizzi permezz ta' pjattaformi diġitali tax-xogħol jew li jaqilgħu tal-anqas 50 % tal-introjtu tagħhom permezz ta' dawn (tnaqqis ta' 0,9 pp meta mqabblin mal-2017). 4,1 % tal-ħaddiema jitqiesu bħala ħaddiema tal-pjattaformi sekondarji (jiġifieri jaħdmu aktar minn għaxar sigħat fil-ġimgħa u jaqilgħu bejn 25 % u 50 % tal-introjtu tagħhom mix-xogħol fuq il-pjattaformi), żieda ta' 0,5 pp meta mqabblin mal-2017. Sors: Urzì Brancati, C., *et al.* (2020), *New evidence on platform workers in Europe. Results from the second COLLEEM survey*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

il-pjattaformi kkunsidrat[187]. In-nisa, pereżempju, huma rrappreżentati b'mod aktar wiesa' fis-servizzi personali u domestiċi, kif ukoll fis-settur tal-kura. Sejba importanti oħra ġejja mill-analiżi tax-xogħol fuq il-pjattaformi skont l-okkupazzjoni, u b'mod partikolari għall-impjegati li jaħdmu f'okkupazzjonijiet tal-ewwel linja matul l-emerġenza tas-saħħa[188]. Filwaqt li xi wħud ġew irrikonoxxuti bħala ħaddiema essenzjali f'ċerti Stati Membri, u għalhekk kisbu aċċess għall-protezzjoni soċjali, oħrajn raw l-opportunitajiet ta' impjieg u ta' introjtu tagħhom imorru għall-agħar. Kwistjoni ċentrali kienet l-eliġibbiltà għall-appoġġ, li spiss kienet tiddependi mill-istatus fl-impjieg ta' persuni li jaħdmu permezz ta' pjattaformi, mit-tip ta' kompiti mwettqin u mill-mekkaniżmi ta' governanza applikati mill-pjattaforma. L-impjieg indipendenti kien il-klassifikazzjoni predominanti tal-istatus fl-impjieg fix-xogħol fuq il-pjattaformi fl-2021. Disgħa minn kull għaxar pjattaformi attivi fl-UE jikklassifikaw lill-persuni li jaħdmu permezz tagħhom bħala ħaddiema għal rashom[189].

It-tixrid tat-telexogħol fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19 ġab bidla sinifikanti fl-arranġamenti tax-xogħol għal xi ħaddiema, għalkemm b'differenzi skont l-età u l-ġeneru. Il-perċentwal ta' impjegati (15-64 sena) li rrapportaw li jaħdmu mid-dar fuq bażi regolari fl-UE żdied minn 3,2 % fl-2019 għal 10,8 % fl-2020 (Illustrazzjoni 2.3.3). Is-sehem tal-impjegati li rrapportaw li jaħdmu mid-dar anqas regolarment (jiġifieri "xi kultant" biss) baqa' l-istess sena wara sena (7,9 %). Filwaqt li l-inċidenza ta' xogħol mid-dar żdiedet għall-gruppi ta' età kollha fl-2020, kienet l-ogħla fost il-popolazzjoni tal-età lavorattiva ewlenija (25-49; 11,6 %), segwita minn ħaddiema akbar fl-età (50-64; 10,4 %) u mbagħad minn ħaddiema iżgħar (15-24; 5.8 %). Kienet ukoll ogħla fost l-impjegati nisa (11,7 %) meta mqabbla mal-irġiel (9,9 %).**Illustrazzjoni 2.3.3: Il-pandemija għamlet it-telexogħol 'il quddiem fl-Istati Membri kollha**

[187] Ċentru Ewropew ta' Kompetenza (2021), *Thematic Review 2021 on Platform work,* Rapport ta' Sinteżi kkummissjonat mid-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni (KE-02-21-914-EN-N).

[188] Terminu użat skont il-lista ta' "okkupazzjonijiet kritiċi" ppreżentata fil-linji gwida tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-eżerċizzju tal-moviment liberu tal-ħaddiema matul it-tifqigħa tal-COVID-19 (2020).

[189] W. de Groen, Z. Kilhoffer, L. Westhoff, D. Postica u F. Shamsfakhr (2021). *Digital Labour Platforms in the EU: Mapping and Business Models*. Iċ-Ċentru għall-Istudji Politiċi Ewropej (CEPS).

L-impjegati li normalment jaħdmu mid-dar qabel u matul il-pandemija (f'%, 2019 u 2020, assi tax-xellug), meta mqabblin mas-sehem potenzjali ta' xogħol mill-bogħod (fuq il-bażi ta' analiżi tal-kompiti okkupazzjonali, assi tal-lemin).



Nota: Il-perċentwal ta' impjegati skont l-Istati Membri li normalment jaħdmu mid-dar fl-2019 u fl-2020; kif ukoll is-sehem ta' possibbiltà ta' telexogħol ta' impjieg fuq il-bażi ta' analiżi tal-kompiti okkupazzjonali.
Sors: Eurostat, Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol [lfsa_ehomp] u Eurofound u ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea (2021), *What just happened? COVID-19 lockdowns and change in the labour market*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

Kaxxa 3 tal-Pilastru: **Il-kwalità tal-impjiegi u l-"kwalità tal-ħajja fuq il-post tax-xogħol"**

Il-progress fid-dimensjonijiet multipli tal-kwalità tal-impjiegi huwa kruċjali għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Sitt dimensjonijiet wisgħin, jiġifieri l-ambjent tax-xogħol, il-qligħ, l-intensità tax-xogħol u l-kwalità tal-ħin tax-xogħol, il-ġeneru, il-ħiliet u l-prospetti tal-karriera, huma kkunsidrati u vvalutati f'din il-kaxxa. Il-Pilastru jiddedika 6 mill-20 prinċipju tiegħu għall-kisba ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, bi prinċipji oħrajn li jikkontribwixxu indirettament ukoll għall-kwalità tal-fatturi tax-xogħol (ara l-Illustrazzjoni 2.3.4). Ġew proposti inizjattivi konkreti mill-Kummissjoni fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali sabiex isir aktar progress f'dan ir-rigward.

Illustrazzjoni 2.3.4: Rabta bejn il-prinċipji tal-Pilastru 20 u l-kwalità tal-impjiegi

Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali				
Prinċipju 1: Edukazzjoni, taħriġ u tagħlim tul il-ħajja	Prinċipju 2: Ugwaljanza bejn il-ġeneri	Prinċipju 3: Opportunitajiet indaqs	Prinċipju 4: Appoġġ attiv għall-impjiegi	Prinċipju 5: Impjiegi siguri u adattabbli
Prinċipju 6: Salarji	Prinċipju 7: Informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-impjieg u l-protezzjoni f'każ ta' sensja	Prinċipju 8: Djalogu soċjali u Involviment tal-ħaddiema	Prinċipju 9: Bilanċ bejn il-ħajja privata u x-xogħol	Prinċipju 10: Ambjent tax-xogħol u protezzjoni tad-data tajbin għas-saħħa, siguri u adattati
Prinċipju 11: Kura tat-tfal u appoġġ għat-tfal	Prinċipju 12: Protezzjoni Soċjali	Prinċipju 13: Benefiċċji tal-qgħad	Prinċipju 14: Id-dħul minimu	Prinċipju 15: Introjtu u pensjoni tax-xjuħija
Prinċipju 16: Kura tas-saħħa	Prinċipju 17: Inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà	Prinċipju 18: Kura fit-tul	Prinċipju 19: Akkomodazzjoni u għajnuna għall-persuni mingħajr dar	Prinċipju 20: Aċċess għal servizzi essenzjali

Nota: Sfond blu aktar skur jindika rabta aktar b'saħħitha mal-aspetti tal-kwalità tal-impjiegi.
Sors: L-elaborazzjoni tal-Kummissjoni bbażata fuq l-indikaturi ta' Laekin tal-2001[190] u fuq sorsi oħrajn.

Il-kriżi tal-COVID-19 kellha impatt fuq diversi dimensjonijiet tal-kwalità tal-impjiegi, u b'mod partikolari fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol, fuq is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol kif ukoll fuq is-sigurtà tal-impjiegi.[191] Il-ħaddiema li jipprovdu servizzi personali, li jaħdmu f'okkupazzjonijiet intensivi fil-kuntatt jew fl-hekk imsejħin impjiegi "tal-ewwel linja"[192] spiss raw żieda fir-riskji għas-saħħa u għas-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u żieda fil-ħinijiet tax-xogħol kumplessivi tagħhom. Iż-żgħażagħ, il-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet jew dawk impjegati b'kuntratti għal terminu fiss jew f'okkupazzjonijiet bi dħul aktar baxx intlaqtu l-aktar bis-saħħa mis-sensji jew min-nuqqas ta' tiġdid tal-kuntratti tax-xogħol u minn prevedibbiltà aktar baxxa tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom. Bl-istess mod, il-pandemija kellha impatt ukoll fuq il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata tan-nisa aktar milli tal-irġiel (ara t-taqsimiet 2.2.1 u 2.3.1). Enfasizzat ukoll l-importanza ta' aspetti relatati ma' prattiki u ma' postijiet tax-xogħol sikuri u siguri. 17-il Stat Membru rreġistraw tnaqqis fl-aċċidenti fuq ix-xogħol mill-2014, iżda r-rata ta' titjib kienet bil-mod u r-rati għadhom għoljin (Illustrazzjoni 2.3.5). L-aċċidenti fuq ix-xogħol għandhom implikazzjonijiet qawwijin għall-benesseri tal-ħaddiema u tal-familji tagħhom, peress li spiss jinvolvu ħsara fiżika jew mentali konsiderevoli (ara l-Illustrazzjoni X).

[190] Il-kwalità tal-impjiegi saret dimensjoni rilevanti wara l-Kunsill Ewropew ta' Laeken fl-2001. COM (2001) 313.
[191] Il-Kummissjoni Ewropea (2020), *Labour Market and Wage Developments in Europe*; u Eurofound (2021), *Living, working and COVID-19*, stħarriġ elettroniku.
[192] Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard jiddefinixxi ħaddiem tal-ewwel linja bħala xi ħadd li għandu impjieg li jpoġġih f'riskju ogħla ta' infezzjoni tal-COVID-19 minħabba l-inkapaċità tagħhom li jaħdmu mid-dar jew li jipprattika t-tbegħid soċjali. Dan spiss jinkludi l-ħaddiema fis-settur tal-kura tas-saħħa, tal-kura fit-tul, tal-kummerċ fil-livell tal-konsumatur u dak soċjali.

Illustrazzjoni 2.3.5: Aċċidenti fuq ix-xogħol - rata ta' inċidenza (severità ta' 4 ijiem jew aktar)



Nota: Ir-rata ta' inċidenza hija n-numru ta' aċċidenti li seħħew matul is-sena għal kull 100 000 persuna f'impjieg. Għal kwalunkwe pajjiż partikolari, din l-istatistika tindika l-importanza relattiva tal-aċċidenti fuq ix-xogħol fil-popolazzjoni impjegata. Ma humiex disponibbli valuri għall-2019 għal BE u FI.
Sors: Aċċidenti fuq ix-xogħol skont is-severità [hsw_mi08].

Il-pandemija amplifikat l-effetti tal-megatendenzi, b'mod partikolari d-diġitalizzazzjoni, li tista' tipproduċi bidliet sinifikanti fl-organizzazzjoni u fil-kundizzjonijiet tax-xogħol. Id-diġitalizzazzjoni, il-globalizzazzjoni u t-tibdil demografiku kienu fost l-ixprunaturi ewlenin tal-bidla fis-swieq tax-xogħol tal-UE, li affettwaw kemm il-kwantità kif ukoll il-kwalità tal-impjiegi disponibbli, kif ukoll minn min jitwettqu. Filwaqt li l-opportunitajiet dejjem akbar għat-telexogħol u għall-arranġamenti tax-xogħol flessibbli jistgħu jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol,[193] għad hemm sfidi eżistenti f'termini ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri, u tfaċċaw oħrajn ġodda fir-rigward ta' kura mhux ibbilanċjata u tar-responsabbiltajiet tal-familja. Filwaqt li l-pjattaformi diġitali jiftħu opportunitajiet ġodda ta' impjieg, jistgħu jwasslu wkoll għal kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji. Fl-aħħar nett, l-awtomatizzazzjoni diġitali tista' ġġib titjib fl-effiċjenza għad-ditti u flessibbiltà għall-ħaddiema, iżda twassal ukoll għal bidliet fil-kompiti u fil-ħiliet meħtieġa, li joħolqu inċertezza akbar fl-impjieg u fl-introjtu għall-ħaddiema f'ċerti okkupazzjonijiet.[194]

It-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika tista' teħtieġ li jiġu żviluppati aktar diversi dimensjonijiet ewlenin tal-kwalità tal-impjiegi. It-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju hija mistennija toħloq opportunitajiet ġodda ta' impjieg f'setturi differenti (bħall-industrija nadifa, l-agrikoltura organika, il-kostruzzjoni sostenibbli, il-forestrija u t-trasport, ir-riċiklaġġ u l-enerġija rinnovabbli, fost l-oħrajn). Madankollu, jista' jkollha wkoll impatt fuq ħafna impjiegi fl-UE, b'mod partikolari f'attivitajiet b'intensità ta' karbonju. Il-miżuri sabiex jittejbu ż-żamma tal-impjiegi u l-iżvilupp tal-karriera huma xprunaturi ewlenin għal appoġġ effettiv għat-tranżizzjonijiet meħtieġa minn impjieg għal ieħor u sabiex jiġi limitat in-nuqqas ta' ħaddiema jew ta' ħiliet. Fl-istess ħin, immaniġġjar effettiv tal-impatt distribuzzjonali tal-bidla għal ekonomija ekoloġika huwa kruċjali sabiex jiġi żgurat l-adattament tax-xogħol u soċjali. Il-proposti "Lesti għall-mira ta' *55*

[193] Ara Eurofound (2020), *Telework and ICT-based mobile work: Flexible working in the digital age*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.
[194] OECD (2020), *What happened to jobs at high risk of automation?* Dokument ta' politika dwar il-futur tax-xogħol.

%”[195] joffru opportunitajiet kbar sabiex jiġu żviluppati u implimentati teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u impjiegi ekoloġiċi. Bħala parti mill-pakkett, il-Kummissjoni għandha l-għan li tressaq gwida lill-Istati Membri dwar kif għandhom jiġu indirizzati bl-aħjar mod l-aspetti soċjali u tax-xogħol tat-tranżizzjoni klimatika.

Paga adegwata hija fattur ewlieni ta' motivazzjoni għall-ħaddiema u bħala tali għandha rwol kruċjali fir-rabta max-xogħol, fil-produttività u fil-koeżjoni soċjali. Il-qligħ għandu rwol sinifikanti fl-appoġġ tal-parteċipazzjoni tal-forza tax-xogħol, tal-produttività u tal-prestazzjoni ekonomika (ara t-taqsima 2.1.1.) u huwa element ewlieni tal-kwalità tal-impjiegi. Stħarriġ riċenti tal-Eurofound[196] juri li l-proporzjon ta' ħaddiema fl-UE li qiesu li l-paga tagħhom hija xierqa żdied minn 43 % għal 51 % bejn l-2005 u l-2015; filwaqt li s-sehem ta' dawk li ma qablux ma' din l-asserzjoni baqa' stabbli (madwar 30 %). Madankollu, hemm differenzi importanti bejn l-Istati Membri. F'diversi pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant, is-sodisfazzjon tal-ħaddiema bil-paga tagħhom żdied bejn l-2005 u l-2015 (kif seta' kien mistenni bl-ekonomiji li jirkupraw), filwaqt li x-xejra inversa (jiġifieri aktar nuqqas ta' sodisfazzjon) ġiet osservata fi Spanja (+14 pp), fl-Irlanda (+7 pp) u fi Franza u fil-Lussemburgu (it-tnejn +6 pp). Il-Finlandja kellha l-ogħla livell ta' sodisfazzjon (62 %) u l-aħjar titjib (b'26 pp) bejn l-2005 u l-2015.

Illustrazzjoni 2.3.6: Durata fl-impjieg fl-UE, persuni impjegati, 25 sena jew aktar (perċentwal)



Sors: Eurostat, Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol [lfsa_qoe_4a2].

L-istabbiltà fl-impjiegi hija aspett ewlieni tal-kwalità tal-impjiegi, filwaqt li instabbiltà (għolja) fl-impjiegi normalment tkun assoċjata ma' opportunitajiet aktar limitati għall-iżvilupp tal-kapital uman u aċċess imnaqqas għall-protezzjoni soċjali. Id-durata medja tal-impjiegi (jiġifieri l-ammont ta' żmien imqatta' minn persuna fl-impjieg kurrent) qabdet xejra ta' tnaqqis fl-UE bejn l-2014 u l-2019, bid-durata fl-impjieg ta' “anqas minn sena” li żdiedet b'1 pp, u bid-durata “minn 5 sa 9 snin” u “minn 10 snin jew aktar” li naqset b'2,8 pp u b'1 pp, rispettivament.[197] Dan jista' jkun dovut, fost l-oħrajn, għal bidliet fid-distribuzzjoni tal-forza tax-xogħol fis-setturi ekonomiċi kollha (ara t-taqsima 1) u għal żieda f'forom ġodda ta' impjieg (ara t-taqsima 2.3.1). Madankollu, hemm differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri u l-istatus professjonali tal-ħaddiema.

---

[195] Ara b'mod partikolari l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni “Lesti għall-Mira ta' 55 %”: Nilħqu l-Mira Klimatika tal-UE għall-2030 fi Triqitna lejn in-Newtralità Klimatika [COM/2021/550 final] u l-proposta tal-Kummissjoni għal Fond Soċjali għall-Klima [COM/2021/568 final].

[196] Eurofound (2021), *Working conditions and sustainable work: An analysis using the job quality framework*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu. Nota: Paga mifhuma bħala qligħ tal-ħaddiema – jiġifieri, il-pagi tal-impjegati dipendenti u d-dħul tal-ħaddiema għal rashom.

[197] Sors: Eurostat, Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol [lfsa_qoe_4a2]

Il-kwalità tal-ambjent u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol hija marbuta max-xogħol imwettaq, mal-arranġamenti tal-ħin tax-xogħol u mar-relazzjonijiet fuq il-post tax-xogħol. F'diversi professjonijiet tal-manifattura tradizzjonali (bħal, pereżempju, l-operaturi fl-industriji tal-assemblaġġ tal-karozzi u tal-prodotti kimiċi), in-numru ta' kompiti fiżiċi tnaqqas b'mod sinifikanti minħabba l-awtomatizzazzjoni; filwaqt li fl-istess ħin aktar kompiti intellettwali (eż. garanzija u kontroll tal-kwalità) qed qegħdin isiru dejjem aktar rilevanti. Dan jista' jissuġġerixxi titjib fil-kwalità tal-impjiegi maż-żmien, sakemm il-forza tax-xogħol tiġi pprovduta bil-ħiliet it-tajbin sabiex tirnexxi fil-bidla. Min-naħa l-oħra, l-impjiegi li huma kkaratterizzati minn livell għoli ta' talbiet għall-impjieg, bħall-pressjoni fuq il-ħin jew il-fatturi ta' riskju għas-saħħa fiżika (jiġifieri ċerti tipi ta' xogħol fuq talba jew xogħol fuq il-pjattaformi), flimkien ma' appoġġ soċjali limitat fuq il-post tax-xogħol sabiex jitwettqu d-dmirijiet meħtieġa, jistgħu jħallu impatt negattiv fuq il-benesseri tal-ħaddiema (ara t-taqsima 2.3).[198]

Numru ta' Stati Membri dan l-aħħar ħadu azzjonijiet f'xi wħud mill-oqsma msemmijin hawn fuq. Pereżempju, **fi Spanja**, ġiet promulgata liġi li tintroduċi l-preżunzjoni legali li s-sewwieqa u x-xufiera tal-pjattaformi tal-konsenji fis-settur tal-konsenja tal-ikel u tal-pakketti jipprovdu servizzi skont relazzjoni ta' impjieg ordinarja. Hija estendiet ukoll id-drittijiet eżistenti ta' informazzjoni għar-rappreżentanti tal-ħaddiema għall-użu ta' algoritmi fil-kuntest tax-xogħol. Dawn l-azzjonijiet jistgħu jkunu bażi tajba għat-tnaqqis tal-inċertezza dwar il-prospetti tal-impjiegi u tal-qligħ li huma kkunsidrati bħala dimensjonijiet importanti għall-kwalità tal-impjiegi. Fi **Franza** ġiet adottata leġiżlazzjoni bl-għan li tippromwovi d-djalogu soċjali fl-ekonomija tal-pjattaformi (għal aktar dettalji, ara t-Taqsima 2.3.2.). **Il-Belġju** introduċa dritt individwali għat-taħriġ permezz ta' ftehimiet u pjanijiet kollettivi għall-istabbiliment ta' kont individwali tal-apprendiment. Fl-istess ħin, il-pajjiż iffaċilita wkoll ir-rekwiżiti għal skema speċjali ta' kreditu tal-ħin li tippermetti lill-impjegati akbar fl-età b'karrieri twal, u li jaħdmu fi professjonijiet diffiċli jew f'kumpaniji b'diffikultajiet finanzjarji jew f'ristrutturar sabiex jaħdmu sa nofs il-ħin, bl-għan li jiġi żgurat ambjent tax-xogħol adattat għall-ħtiġijiet tagħhom.

Il-bidla sinifikanti għat-telexogħol uriet kemm il-potenzjal kif ukoll l-iżvantaġġi tiegħu, u ħolqot sfidi ġodda fil-ħin u fil-kundizzjonijiet tax-xogħol. Matul l-emerġenza tas-saħħa, it-telexogħol wera li huwa importanti għal ħafna ditti sabiex jiżguraw il-kontinwità tal-operat u jissalvagwardjaw is-saħħa tal-impjegati tagħhom. F'ċirkustanzi normali, jippermetti wkoll li jitnaqqas il-ħin tal-ivvjaġġar, jippreżenta flessibbiltà akbar u opportunitajiet aħjar ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-impjegati, u produttività u effiċjenza akbar għad-ditti. Madankollu, it-telexogħol ċajpar ukoll il-linji eżistenti bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, filwaqt li enfasizza sfidi importanti għall-impjegati li ħadmu b'telexogħol matul il-pandemija f'termini ta' sigħat tax-xogħol jew ta' iżolament fuq ix-xogħol[199]. Meta mqabblin ma' dawk li jaħdmu parzjalment mid-dar jew mill-bini tal-impjegaturi biss, perċentwal ogħla ta' impjegati li jaħdmu biss mid-dar irrapportaw bejn 41 u 60 siegħa xogħol fil-ġimgħa (ara l-Illustrazzjoni 2.3.7, iċ-ċart tax-xellug). Id-differenzi bejn il-ġeneri kienu evidenti wkoll hekk kif aktar nisa sabu rwieħhom relattivament aktar spiss imġegħlin jirriorganizzaw l-iskeda tax-xogħol tagħhom (inkluż xogħol matul il-ħin liberu) sabiex jirrikonċiljawha mar-responsabbiltajiet tal-familja. Fost dawk li jaħdmu mid-dar biss, b'impjieg part-time jew inkella full-time, proporzjon ogħla ta' nisa (25 %) meta mqabblin mal-irġiel (19 %) kienu qed jaħdmu aktar

[198] Eurofound (2018*), New tasks in old jobs: Drivers of change and implications for job quality,* L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

[199] Sors: Eurofound (2021), *Living, working and COVID-19 e-survey*, ċiklu 2. Nota: L-istħarriġ elettroniku sar fi tliet sessjonijiet, f'April 2020, f'Lulju 2020 u f'Marzu 2021. Il-kunċett ta' "sehem potenzjali ta' impjieg li jista' jsir mid-dar" skont il-pajjiż huwa bbażat fuq riċerka reċenti minn Sostero M., *et al.*, (2020), *Teleworkability and the COVID-19 crisis: a new digital divide?*, Il-Kummissjoni Ewropea, JRC121193.

mill-ħinijiet regolari tax-xogħol. Id-differenza bejn il-ġeneri hija akbar meta wieħed iħares lejn l-impjegati bit-tfal (0-11-il sena) li jaħdmu biss mid-dar (35 % tan-nisa meta mqabblin ma' 23 % tal-irġiel). L-evidenza turi wkoll li l-frekwenza tal-esperjenza tal-iżolament fuq ix-xogħol żdiedet man-numru sigħat maħdumin mid-dar (ara l-Illustrazzjoni 2.3.7, iċ-ċart tal-lemin). Madwar 20 % tal-impjegati li ħadmu 41–60 siegħa mid-dar ħassewhom iżolati, meta mqabblin ma' 14 % ta' dawk li ħadmu l-istess numru ta' sigħat fil-bini tal-impjegaturi. Madankollu, hemm differenzi sostanzjali bejn is-setturi u l-professjonijiet. L-isforzi tal-Kummissjoni sabiex tikkomplementa u tappoġġa l-politiki tal-Istati Membri fil-qasam tas-saħħa mentali jistgħu jgħinu sabiex itaffu xi wħud mill-isfidi li ġġib magħha l-pandemija.

Illustrazzjoni 2.3.7: It-tranżizzjoni għat-telexogħol ħolqot sfidi għal xi impjegati
Il-perċentwal ta' impjegati li jaħdmu bejn 41 u 60 siegħa fil-ġimgħa, skont il-post tax-xogħol (ċart tax-xellug). Il-perċentwal ta' impjegati full-time li jħossuhom iżolati fuq ix-xogħol, skont is-sigħat maħdumin mid-dar (EU-27, f'%, ċart it-tajba)



Sors: Eurofound (2021) *"Living, working and COVID-19"* stħarriġ elettroniku, ċiklu II.

L-indirizzar tal-kawżi tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol[200] jikkontribwixxi għat-titjib tal-kwalità tal-impjieġi. Il-JER 2021 ippreżenta analiżi estensiva dwar is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, inklużi arranġamenti kuntrattwali (jiġifieri kuntratti indefiniti kontra kuntratti għal terminu fiss), in-natura u l-varjetà tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-impjiegi fl-Istati Membri (jiġifieri regoli li jirregolaw ir-reklutaġġ u s-sensji individwali u kollettivi tal-impjegati b'kuntratti għal terminu fiss), kif ukoll it-tipi ta' ħaddiema kkonċernati (eż. ħaddiema temporanji u part-time involontarji, fost l-oħrajn). It-titjib tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-prinċipji 5 (dwar Impjieg sigur u adattabbli) u 7 (dwar Informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-impjieg u l-protezzjoni f'każ ta' sensja) tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. L-analiżi ppreżentata hawnhekk taġġorna u tikkomplementa dik preċedenti.

[200] Skont l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), din hija ddefinita bħala d-diviżjoni tas-suq tax-xogħol f'subswieq jew f'segmenti separati, distinti skont il-karatteristiċi u r-regoli ta' mġiba differenti bħall-arranġamenti kuntrattwali, il-livell ta' infurzar jew it-tipi ta' ħaddiema kkonċernati.

L-impjiegi għa terminu fiss[201] naqsu sa mill-bidu tal-pandemija, iżda għadhom sinifikanti f'diversi Stati Membri. Is-sehem ta' kuntratti temporanji mit-total fil-koorti ta' età ta' 20-64 sena naqas fl-UE minn medja ta' 13,7 % fl-2019 għal 12,4 % fl-2020, u dan jirrifletti qerda akbar tal-impjiegi milli fost l-impjegati permanenti (li kienu komparattivament aktar protetti mid-dispożizzjonijiet legali dwar ir-reklutaġġ u t-tkeċċija kif ukoll minn skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u minn miżuri oħrajn għaż-żamma tal-impjiegi). Id-distakk bejn l-ogħla u l-anqas ishma ta' impjieg temporanju fost l-Istati Membri għadu sostanzjali, b'22,7 pp, għalkemm iżgħar milli fl-2019 (24,6 pp). Meta wieħed iħares lejn id-*data* trimestrali, is-sehem tal-impjegati temporanji (20-64; aġġustat skont l-istaġun) kien ta' 13,2 % fit-tieni trimestru tal-2021, u żdied b'1,1 pp mill-anqas livell fit-tieni trimestru tal-2020. Dan jista' jindika li parti importanti mill-impjiegi temporanji li ntilfet matul il-pandemija diġà ġiet irkuprata. Madankollu, iċ-ċifri jvarjaw b'mod sinifikanti bejn il-pajjiżi[202]. Stati Membri bħal Spanja, il-Polonja, il-Portugall, l-Italja, il-Kroazja u n-Netherlands irreġistraw tnaqqis fis-sehem ta' impjegati temporanji qrib jew ogħla minn 2 pp bejn l-2019 u l-2020. Madankollu, is-sehem kumplessiv għadu għall-biċċa l-kbira tagħhom ferm ogħla mill-medja tal-UE, u b'mod partikolari aktar minn 15 % għal Spanja, għall-Polonja u għall-Portugall. Min-naħa l-oħra, l-iżgħar ishma, anqas minn 3 %, ġew irreġistrati fil-Litwanja, fir-Rumanija, fl-Estonja u fil-Latvja (ara l-Illustrazzjoni 2.3.8).

Illustrazzjoni 2.3.8: L-impjieg temporanju naqas fl-2020, iżda għadu mdaqqas f'diversi Stati Membri
Is-sehem tal-impjegati temporanji fost l-impjegati kollha (20-64), *data* annwali



Sors: Eurostat, stħarriġ dwar il-forza tax-xogħol [lfsi_pt_a].

[201] Dan it-terminu jirreferi kemm għal arranġamenti tax-xogħol mhux standard (bħal kuntratti flessibbli, għal terminu fiss, fuq talba u b'sigħat żero) kif ukoll għal kuntratti ta' xogħol temporanju, filwaqt li jeskludi xogħol part-time u lill-ħaddiema għal rashom mingħajr impjegati.
[202] Il-Kummissjoni Ewropea (2021), *Labour Market and Wage Developments in Europe,* Annual review 2021. Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (pubblikazzjoni pendenti).

Filwaqt li s-sehem medju tal-kuntratti temporanji naqas fl-2020, dawn għadhom partikolarment mifruxin fost l-impjegati nisa, żgħażagħ u li ma twildux fl-UE. Fl-2020, is-sehem ta' impjegati nisa (20-64 sena) f'kuntratti temporanji fl-UE kien ta' 13,4 %, meta mqabbel ma' 11,8 % għall-irġiel, bi tnaqqis ta' 1,3 pp (kontra 1,5 pp għall-irġiel) bejn l-2019 u l-2020. Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi temporanji żdiedet bi ftit, minn medja ta' 1,3 pp fl-2019 għal 1,6 pp fl-2020, għalkemm bħalissa turi differenzi sinifikanti bejn il-pajjiżi (ara l-Illustrazzjoni 2.3.9). Fl-2020, l-akbar ishma ta' impjieg temporanju tan-nisa fuq it-total ta' impjegati ġew osservati fi Spanja (25,5 %), fil-Polonja (19,2 %), f'Ċipru (18 %) u fil-Portugall (17,8 %). Fl-istess sena, is-sehem tal-impjiegi temporanji fost iż-żgħażagħ impjegati ta' bejn 15 u 24 sena kien ħafna ogħla, b'46,3 %, meta mqabbel ma' dawk ta' bejn 25 u 54 sena (11,5 %), u dawk ta' bejn 55 u 64 sena (6,1 %). Barra minn hekk, l-impjegati li ma twildux fl-UE rreġistraw sehem ferm akbar ta' impjiegi temporanji fl-2020 (20,9 %) meta mqabblin man-nattivi (15,5 %), bid-distakk li jkun partikolarment evidenti (aktar minn 10 pp) f'Ċipru, fl-Iżvezja u fil-Portugall, segwiti minn Franza u minn Spanja b'ċifri ta' bejn 7 pp u 10 pp.

Illustrazzjoni 2.3.9: L-inċidenza ta' kuntratti temporanji hija ħafna akbar għaż-żgħażagħ (grupp ta' età 15-24) fl-Istati Membri kollha, u d-differenzi bejn il-ġeneri għandhom it-tendenza li jkunu sinifikanti

Impjegati temporanji bħala sehem min-numru totali ta' impjegati skont l-età (f'%, assi tax-xellug) u d-differenza bejn il-ġeneri (f'%, assi tal-lemin) f'impjieg temporanju (2020).



Sors: Eurostat, Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol [lfsa_etpgan]

Il-kuntratti temporanji li jservu bħala "tranżizzjoni" lejn impjiegi aktar permanenti huma kruċjali għat-titjib tal-kwalità kumplessiva tal-impjiegi. Id-duwalità tas-suq tax-xogħol spiss tkun ikkaratterizzata mill-eżistenza ta' ishma għoljin ta' kuntratti għal terminu

fiss u ta' rati baxxi ta' tranżizzjoni bejn dawn il-kuntratti u relazzjonijiet ta' impjieg indefiniti[203]. Xi Stati Membri jiffaċċjaw sfidi sinifikanti f'dan ir-rigward. L-Illustrazzjoni 2.3.10 turi r-rati ta' tranżizzjoni minn kuntratti temporanji għal kuntratti indefiniti (medja għal perjodu ta' tliet snin bejn l-2018 u l-2020, għall-kontroll tal-preġudizzji possibbli assoċjati maċ-ċiklu ekonomiku), ipplottjati kontra n-numru ta' impjegati temporanji bħala perċentwal tat-total (grupp ta' età ta' 20-64). It-tliet Stati Membri (Spanja, l-Italja u Franza) b'rati għoljin ta' impjiegi temporanji għandhom ukoll rati baxxi ta' tranżizzjoni minn kuntratti għal terminu fiss għal kuntratti indefiniti (anqas minn 20 %). Pajjiżi oħrajn bħall-Kroazja, in-Netherlands u l-Portugall għadhom juru rati mdaqqsin ta' impjiegi temporanji (madwar 15 % jew aktar), iżda b'rati ta' tranżizzjoni ogħla (aktar minn 35 % għall-Portugall u aktar minn 40 % għan-Netherlands u għall-Kroazja). Min-naħa l-oħra, iċ-Ċekja, l-Estonja, l-Awstrija u r-Rumanija juru rati baxxi ta' kuntratti temporanji (anqas minn 7 %) u rati ta' tranżizzjoni relattivament għoljin għal kuntratti permanenti (aktar minn 40 %).

Illustrazzjoni 2.3.10: Is-sehem ta' kuntratti temporanji u l-konverżjoni tagħhom f'impjiegi permanenti jvarjaw ħafna bejn l-Istati Membri

Impjegati temporanji bħala perċentwal tan-numru totali ta' impjegati (20-64) fl-2020 u r-rata ta' tranżizzjoni għal impjiegi permanenti (valur medju għall-2018, għall-2019 u għall-2020).



Nota: Ir-rati ta' tranżizzjoni tal-ħaddiema fl-2020 għadhom ma humiex disponibbli għal DE, IE, IT, LV u SK. Il-valur għal LV jirreferi għall-2017; il-valur għal SK jirreferi għal 2016.
Sors: Eurostat, Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol [lfsq_etpga] u EU-SILC [ilc_lvhl32].

Xi Stati Membri għadhom jirreġistraw ishma sinifikanti ta' impjiegi temporanji involontarji. Il-perċentwal ta' impjiegi temporanji involontarji (15-64 sena) naqas bil-mod iżda b'mod kostanti fl-EU-27 f'dawn l-aħħar snin, minn 8,8 % fl-2016 għal 7,9 % fl-2019 u għal 6,8 % fl-2020. F'xi Stati Membri, ir-raġuni ewlenija għaliex il-ħaddiema jidħlu għal

[203] Eurofound (2019), *Labour market segmentation: Piloting new empirical and policy analyses*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

kuntratt għal terminu fiss għadha d-diffikultà li jsibu impjieg permanenti. Il-ħaddiema f'kuntratti temporanji involontarji spiss jirrapportaw livelli aktar baxxi ta' sodisfazzjon fix-xogħol, li jistgħu jaffettwaw il-prestazzjoni, il-kisba tal-ħiliet u l-avvanzar tal-karriera tagħhom. Għad hemm differenzi sinifikanti (sa 19-il pp) bejn il-pajjiżi. Fi Stati Membri bħal Spanja, il-Portugall, Ċipru, il-Kroazja u l-Italja, aktar minn 12 % tal-impjegati b'kuntratti temporanji jirrapportaw li huma f'sitwazzjoni bħal din peress li ma setgħux isibu impjieg permanenti. Fl-Italja u fi Spanja, din iċ-ċifra tikkoinċidi wkoll ma' rati baxxi ta' tranżizzjoni minn impjieg temporanju għal permanenti (ara l-Illustrazzjoni 2.3.10). Għall-kuntrarju, l-aktar rati baxxi ta' impjiegi temporanji involontarji huma rreġistrati fl-Estonja, fl-Awstrija, fil-Litwanja u fil-Ġermanja, b'ċifri taħt il-1 %[204].

Għalkemm is-sehem tal-impjiegi part-time fl-UE naqas fl-2020 meta mqabbel mas-sena ta' qabel, ix-xogħol part-time involontarju għadu jaffettwa perċentwal imdaqqas ta' impjegati. Il-perċentwal ta' ħaddiema part-time (15-64 sena) kien ta' 17,2 % fl-UE fl-2020, 1,2 pp anqas milli fl-2019. Filwaqt li sitt pajjiżi (jiġifieri n-Netherlands, l-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja u l-Iżvezja) jirreġistraw ċifri ogħla minn 20 % fl-2020, erba' pajjiżi (il-Bulgarija, is-Slovakkja, il-Kroazja, l-Ungerija) huma anqas minn 5 % (ara l-Illustrazzjoni 2.3.11). Il-Ġermanja rreġistrat l-akbar tnaqqis fil-perċentwal tax-xogħol part-time bejn l-2019 u l-2020 (4,7 pp), filwaqt li l-perċentwal żdied fl-Estonja u fil-Lussemburgu (madwar 1 pp) matul l-istess perjodu. Is-sehem ta' xogħol part-time involontarju fl-impjieg part-time totali (grupp ta' età 15-64) fl-UE kien qed jonqos matul l-aħħar snin u naqas għal 24,4 % fl-2020 (1,4 pp anqas mill-2019 u madwar 8 pp anqas mill-2014). Filwaqt li sitt Stati Membri (jiġifieri l-Italja, il-Greċja, Ċipru, ir-Rumanija, il-Bulgarija u Spanja) jirrapportaw ċifri ogħla minn 50 %, pajjiżi oħrajn (jiġifieri ċ-Ċekja, il-Belġju, is-Slovenja u n-Netherlands) jirrapportaw ċifri ta' 6 % jew anqas. Is-sehem ta' ħaddiema part-time involontarji naqas b'mod sinifikanti (b'7,1 pp) fis-Slovakkja bejn l-2019 u l-2020. Min-naħa l-oħra, żdied fil-Litwanja (b'5,9 pp) u fil-Bulgarija (bi 3,4 pp) matul l-istess perjodu. Il-varjazzjonijiet kienu anqas evidenti (jiġifieri anqas minn 2,5 pp) fl-Istati Membri l-oħrajn.

[204] Sors: Il-bażi tad-*data* tal-Eurostat [tesem190].

Illustrazzjoni 2.3.11: Hemm differenzi sinifikanti fis-sehem tax-xogħol part-time u fil-komponent involontarju tiegħu madwar l-Istati Membri

Is-sehem tal-impjiegi part-time mill-impjiegi totali (15-64) u tal-impjiegi part-time involontarji bħala perċentwal mill-impjiegi part-time totali (15-64), *data* annwali, perċentwali.



Nota: Interruzzjoni fis-serje għal DE.

Sors: Eurostat, stħarriġ dwar il-forza tax-xogħol [lfsi_pt_a] u [lfsa_eppgai].

Is-sehem ta' ħaddiema għal rashom mingħajr impjegati (l-hekk imsejħin "ħaddiema awtonomi") għadu għoli. F'xi kuntesti, il-ħaddiema awtonomi jistgħu jaħbu relazzjoni ta' impjieg dipendenti jew impjieg indipendenti "fittizju". Fl-2020, kien hemm madwar 15,8-il miljun persuna li jaħdmu għal rashom (15-64 sena) mingħajr impjegati. Filwaqt li din iċ-ċifra tirrappreżenta żieda ta' 0,8 miljun meta mqabbla mal-2019, hija madwar 1,2 miljun anqas mill-ogħla livell fl-2014. F'termini relattivi, is-sehem ta' ħaddiema għal rashom (15-64 sena) mingħajr impjegati żdied bi ftit (b'0,5 pp) meta mqabbel mas-sena preċedenti, u laħaq it-8,2 % tal-impjiegi totali. Madankollu, hemm differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri u s-setturi. Erba' Stati Membri (Malta, in-Netherlands, il-Belġju u Spanja) jirreġistraw l-ogħla rati ta' ħaddiema awtonomi (aktar minn 13 %), filwaqt li fl-Awstrija, fl-Iżvezja, fil-Ġermanja u fid-Danimarka r-rati kienu anqas minn 5 % jew qrib tagħhom[205]. L-iżgurar tal-aċċess għall-protezzjoni soċjali għal kulħadd, inkluż għall-ħaddiema għal rashom, għadu essenzjali, anke sabiex titnaqqas l-inċertezza f'kuntest ikkaratterizzat mill-pandemija u mill-konsegwenzi soċjoekonomiċi tagħha.

Il-kriżi tal-COVID-19 kellha impatt fuq numru ta' attivitajiet tipikament aktar esposti għal xogħol mhux iddikjarat, b'xi setturi u kategoriji ta' ħaddiema li jeħtieġu monitoraġġ mill-qrib. Ħafna attivitajiet fejn ix-xogħol mhux iddikjarat għandu rwol ewlieni jinvolvu kuntatt soċjali dirett u intensiv (jiġifieri l-akkomodazzjoni u s-servizz tal-ikel; l-arti,

[205] Sors: Il-bażi tad-*data* tal-Eurostat [tqoe4a3] u l-istħarriġ dwar il-forza tax-xogħol [lfsa_egaps].

id-divertiment u r-rikreazzjoni; u s-servizzi domestiċi). Fl-istess ħin, l-użu estensiv tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) u r-rwol akbar tal-ekonomija tal-pjattaformi appoġġaw it-tlaqqigħ tal-provvista tal-ħaddiema u tad-domanda għalihom f'dawn is-setturi. Iċ-ċifri preliminari dwar l-ispezzjonijiet tax-xogħol fl-2020 juru tnaqqis sostanzjali f'ħafna Stati Membri meta mqabblin mal-2019. Fi 19-il pajjiż, anqas minn 10 % tal-impjegaturi jiġu spezzjonati matul sena[206]. It-tisħiħ tal-kapaċità tal-ispettorati tax-xogħol u l-għoti ta' inċentivi sabiex tiġi promossa t-trasformazzjoni tax-xogħol mhux iddikjarat f'xogħol formali huma meqjusin bħala fatturi ewlenin sabiex jiġi indirizzat dan il-fenomenu u sabiex jiġu żgurati saħħa u sikurezza adegwati fuq il-post tax-xogħol u protezzjoni soċjali għal kulħadd. Minn Mejju 2021, il-pjattaforma Ewropea li tindirizza x-xogħol mhux iddikjarat saret parti mill-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA), li se tippermetti li jiġu indirizzati aspetti relatati mal-ispezzjoni u mal-infurzar b'mod aktar integrat[207].

Fl-2021, ġiet irrapportata żieda żgħira fil-qgħad fit-tul, u b'hekk ġie interrott il-progress miksub fis-snin preċedenti. Il-livell u l-evoluzzjoni tar-rata tal-qgħad fit-tul[208] għandhom it-tendenza li jkunu indikatur tajjeb għall-effettività tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol (ALMPs) fl-ilħuq tan-nies fil-bżonn u fit-tqabbil b'mod effettiv tagħhom mal-impjiegi[209]. Qabel il-pandemija, ir-rata medja tal-qgħad fit-tul fl-UE naqset b'mod kostanti minn 5,3 % fl-2014 għal 2,4 % fl-2020 (0,2 pp taħt iċ-ċifra tal-2019). Madankollu, ir-rata żdiedet fit-tieni trimestru tal-2021 meta mqabbel mat-tieni trimestru tal-2020 għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, b'deterjoramenti sostanzjali (b'aktar minn 1 pp) fi Spanja, fl-Italja, fil-Portugall, fil-Kroazja u f'Ċipru. Id-differenzi bejn l-Istati Membri għadhom sostanzjali, b'rati fl-2020 li jvarjaw minn 0,6 % fiċ-Ċekja u fil-Polonja, għal madwar il-medja tal-UE (ta' 2,4 %) fil-Bulgarija, fil-Portugall u fil-Litwanja, u sa 4,7 % fl-Italja, 5 % fi Spanja u 10,9 % fil-Greċja. L-indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali dwar ir-rata tal-qgħad fit-tul jindika "sitwazzjoni kritika" għal Spanja, li tgħaqqad livell ogħla mill-medja (5 % fl-2020) ma' tnaqqis żgħir biss (b'0,3 pp) matul l-aħħar sena (Illustrazzjoni 2.3.12). L-Estonja, il-Litwanja, il-Lussemburgu u s-Slovakkja huma indikati bħala "sitwazzjonijiet li jridu jiġu ssorveljati", minħabba d-deterjorament jew it-titjib limitat tagħhom matul is-sena ta' qabel. Il-Greċja u l-Italja huma mmarkati bħala "sitwazzjonijiet dgħajfin iżda li qed jitjiebu" minħabba l-prestazzjoni pożittiva tagħhom (-1,3 pp u -0,9 pp, rispettivament, fl-2020 meta mqabblin mal-2019). Fiċ-Ċekja, fil-Ġermanja, fid-Danimarka, fl-Ungerija, f'Malta, fin-Netherlands, fil-Polonja, fil-Portugall u fl-Iżvezja, ir-rata tal-qgħad fit-tul baqgħet baxxa u ġeneralment stabbli fl-2020. Ir-rata tal-qgħad fit-tul tippreżenta wkoll disparitajiet reġjonali kbar (l-Anness 3). Il-qgħad fit-tul għoli u persistenti għandu konsegwenzi negattivi fuq il-kapital uman u fuq it-tkabbir potenzjali u jitlob azzjonijiet sabiex tittejjeb l-effettività tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (inkluż permezz ta' ħidma aktar immirata sabiex

[206] COM(2021) 592 final. Il-Komunikazzjoni dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2009/52/KE tat-18 ta' Ġunju 2009 li tipprevedi standards minimi għal sanzjonijiet u miżuri kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali.
[207] Għad-dettalji, ara s-sit web tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol.
[208] Iddefinita bħala n-numru ta' persuni qiegħda għal aktar minn sena bħala s-sehem mill-popolazzjoni attiva.
[209] Ir-rata tal-qgħad fit-tul ġiet miftiehma mill-Kumitat tal-Impjiegi bħala indikatur ewlieni tat-tabella ta' valutazzjoni soċjali għall-monitoraġġ tal-appoġġ attiv għall-impjiegi.

jintlaħqu n-nies, appoġġ individwalizzat u kooperazzjoni msaħħa mal-impjegaturi u mas-servizzi soċjali)[210].

Illustrazzjoni 2.3.12: Fl-2020, ir-rata tal-qgħad fit-tul naqset f'diversi Stati Membri, għalkemm l-impatt sħiħ tal-kriżi tal-COVID-19 jaf għad irid jiġi osservat

Ir-rata tal-qgħad fit-tul, il-livelli tal-2020 u l-bidliet annwali fir-rigward tal-2019 (indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)



Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness.
Sors: Eurostat, stħarriġ dwar il-forza tax-xogħol [tesem130].

Il-parteċipazzjoni f'miżuri tal-politika attiva tas-suq tax-xogħol tvarja b'mod sinifikanti madwar l-Istati Membri b'differenzi li mhux dejjem jirriflettu l-firxa tal-isfidi affaċċjati. Il-livell ta' parteċipazzjoni f'miżuri regolari tal-politika tas-suq tax-xogħol[211] għal kull 100 persuna qiegħda li jixtiequ jaħdmu jipprovdi informazzjoni rilevanti dwar l-isforzi tal-Istati Membri sabiex jerġgħu jintegraw lill-persuni inattivi fis-suq tax-xogħol (ara l-Illustrazzjoni 2.3.13)[212]. Dawn iċ-ċifri żdiedu bejn l-2014 u l-2018, b'livelli differenti ta' intensità, fi 17-il Stat Membru (l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, id-Danimarka, l-

[210] Il-valutazzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2016 dwar l-integrazzjoni tal-persuni qiegħda fit-tul ippubblikata fl-2019 tipprovdi sejbiet importanti u li għadhom rilevanti f'dan ir-rigward. Ara COM(2019) 169 final u SWD(2019) 154 final.

[211] Skont il-klassifikazzjoni tal-LMP, il-miżuri tal-politika tas-suq tax-xogħol jinkludu miżuri ta' attivazzjoni għall-persuni qiegħda u għal gruppi fil-mira oħrajn inklużi l-kategoriji ta' taħriġ, ir-rotazzjoni tax-xogħol u l-kondiviżjoni tal-impjiegi, l-inċentivi għall-impjiegi, l-impjiegi appoġġati u r-riabilitazzjoni, il-ħolqien dirett tax-xogħol, u l-inċentivi għal negozji ġodda.

[212] Madankollu, dan l-indikatur għandu jiġi interpretat bil-galbu, peress li jkejjel biss il-parteċipazzjoni fil-politiki tas-suq tax-xogħol (u mhux l-effettività tagħhom) u, għal numru ta' pajjiżi, jippreżenta problemi ta' affidabbiltà statistika, b'rabta mal-proċess tal-ġbir tad-*data*.

Estonja, l-Ungerija, l-Italja, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, Spanja u l-Finlandja). B'mod partikolari, fl-Estonja, fi Spanja u fil-Belġju, u sa ċertu punt anqas fil-Polonja u fis-Slovakkja, ġew osservati żidiet sinifikanti fil-parteċipazzjoni fil-miżuri ta' attivazzjoni bejn l-2014 u l-2019. F'ħames pajjiżi oħrajn (jiġifieri l-Greċja, il-Ġermanja, Franza u l-Lussemburgu), in-numri naqsu matul l-istess perjodu. Min-naħa l-oħra, Stati Membri oħrajn (jiġifieri, il-Bulgarija, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Kroazja, Malta, ir-Rumanija u s-Slovenja) raw bidliet limitati maż-żmien. Filwaqt li pajjiżi bħal Spanja u l-Belġju jgħaqqdu livelli relattivament għoljin ta' nfiq f'miżuri ta' appoġġ għas-suq tax-xogħol ma' sfidi importanti relatati mal-qgħad fit-tul, f'pajjiżi bħall-Greċja, l-Italja, is-Slovakkja, il-Bulgarija u, sa ċertu punt, is-Slovenja, l-appoġġ ipprovdut lil dawk li qed ifittxu impjieg huwa relattivament baxx (jiġifieri anqas minn 0,2 % tal-PDG) meta mqabbel mal-firxa tal-isfida speċifika għall-pajjiż (ara l-Illustrazzjoni 2.3.14). Fl-Istati Membri b'rati baxxi ta' parteċipazzjoni f'miżuri attivi tas-suq tax-xogħol, it-tisħiħ tal-provvista tagħhom huwa essenzjali sabiex jiġu evitati "effetti ta' ħsara" fit-tul possibbli u sabiex jingħata kontribut għal irkupru inklużiv. Minbarra l-finanzjament ipprovdut tradizzjonalment mill-Fond Soċjali Ewropew u minn finanzjament ieħor tal-politika ta' koeżjoni (inklużi REACT-EU u CRII u CRII+) u f'komplementarjetà miegħu, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[213] toffri finanzjament importanti tal-UE sabiex tappoġġa dan it-tip ta' miżuri, b'mod allinjat mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-EASE.

Illustrazzjoni 2.3.13: Hemm differenzi bejn l-Istati Membri f'termini ta' parteċipazzjoni fil-miżuri tal-politika attiva tas-suq tax-xogħol

Il-parteċipanti f'interventi regolari tal-politika tas-suq tax-xogħol (LMP) (kategorija 2-7) għal kull 100 persuna qiegħda li jixtiequ jaħdmu



Nota: Ma hemmx *data* disponibbli għal CZ u sal-2018 biss għal EL. *Data* b'affidabbiltà baxxa għal LT fl-2019.
Sors: Eurostat, il-Bażi tad-*data* dwar il-politika tas-suq tax-xogħol (LMP) [lmp_ind_actsup].

[213] Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Illustrazzjoni 2.3.14: L-infiq fuq miżuri attivi tas-suq tax-xogħol ivarja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri u mhux dejjem ikun marbut mal-isfidi affaċċjati

L-infiq fuq il-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol (kategoriji 2-7, f'perċentwal tal-PDG, 2019) u l-qgħad fit-tul bħala perċentwal tal-popolazzjoni fil-forza tax-xogħol (2020)



Sors: Il-bażi tad-*data* dwar il-politika tas-suq tax-xogħol (LMP) [mp_expsumm] u l-istħarriġ dwar il-forza tax-xogħol [une_ltu_a].

It-tfassil u l-implimentazzjoni ta' skemi personalizzati ta' integrazzjoni fix-xogħol huma kruċjali sabiex jiġu indirizzati sfidi importanti għall-impjegabbiltà għall-persuni qiegħda fit-tul. Il-ftehimiet ta' integrazzjoni f'impjiegi (JIA) jipprovdu assistenza mfassla apposta sabiex il-persuni qiegħda fit-tul jerġgħu lura fis-suq tax-xogħol. Filwaqt li l-JIAs ivarjaw bejn l-Istati Membri, ġeneralment jinkludu mentoraġġ, appoġġ individwalizzat għat-tfittix ta' impjieg, edukazzjoni u taħriġ ulterjuri u tipi oħrajn ta' appoġġ soċjali (eż. akkomodazzjoni, trasport jew servizzi tal-kura tat-tfal) fejn meħtieġ għal dawk li jkunu qed ifittxu impjieg li jiffaċċjaw diffikultajiet addizzjonali. Il-JIAs jitfasslu mill-konsulent tax-xogħol u mill-persuna li qed tfittex impjieg u fihom pjan ta' azzjoni u miżuri li jgħinu lil persuni qiegħda fit-tul isibu impjiegi xierqa. Spiss ikunu appoġġati minn valutazzjonijiet fil-fond individwali sabiex jiġu identifikati l-ħtiġijiet speċifiċi u potenzjali ta' kull persuna qiegħda fit-tul irreġistrata sa mhux aktar tard minn 18-il xahar mill-qgħad. Il-valutazzjonijiet fil-fond iservu sabiex jitħejjew pjanijiet ta' azzjoni individwalizzati (IAP) b'kalendarju u b'sett ta' azzjonijiet sabiex jintlaħqu l-objettivi proposti. Fl-2019, 46,5 % tal-persuni qiegħda fit-tul kollha fl-UE li ġew offruti JIA ddedikat reġgħu daħlu fis-suq tax-xogħol. Din iċ-ċifra tiżdied għal 48,3 % għall-qiegħda fit-tul li jipparteċipaw fl-IAPs (ara l-Illustrazzjoni 2.3.15). Parti kbira mill-persuni qiegħda fit-tul li kellhom kemm JIA ddedikat kif ukoll IAP regolari ħadu sehem f'diversi forom ta' miżuri ta' titjib tal-ħiliet[214].

[214] Il-Kummissjoni Ewropea (2019), *Data collection for monitoring of the LTU Recommendation: 2017*.

Illustrazzjoni 2.3.15: Il-forniment ta' pjanijiet ta' attivazzjoni mfasslin apposta jgħin sabiex tiżdied l-impjegabbiltà tal-persuni qiegħda fit-tul
Il-proporzjon ta' perjodi ta' qgħad fit-tul li jintemmu f'impjieg għal ftehimiet differenti ta' integrazzjoni f'impjiegi (JIA) f'perċentwal (koorti ta' età 25-64; 2019)



Nota: Ebda *data* disponibbli għal CZ, EL u RO.
Sors: Il-bażi tad-*data* dwar il-politika tas-suq tax-xogħol u l-istħarriġ dwar il-forza tax-xogħol.

Is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi għandhom rwol importanti fl-appoġġ tal-persuni li qed ifittxu impjieg u fil-gwida ta' azzjonijiet sabiex jiġu żgurati tranżizzjonijiet bla xkiel bejn impjiegi, inkluż lejn ekonomija aktar ekoloġika. Is-sitwazzjoni u l-prospetti tas-suq tax-xogħol ta' ħafna individwi nbidlu b'mod sinifikanti f'kuntest ikkaratterizzat mill-kriżi tal-COVID-19, b'impatt aktar b'saħħtu għal dawk li diġà kienu f'sitwazzjonijiet vulnerabbli qabel. Servizzi pubbliċi tal-impjiegi effettivi u effiċjenti (PES) huma kruċjali sabiex joffru perspettiva ta' karriera lil dawk kollha li qed ifittxu impjieg, u sabiex jiġu evitati l-effetti ("ta' ħsara") negattivi tal-qgħad jew tal-inattività preċedenti. Lil hinn minn dan, il-PES jista' jkollhom rwol kritiku fl-identifikazzjoni u fl-appoġġ ta' bidliet strutturali fis-suq tax-xogħol permezz ta' miżuri bħal antiċipazzjoni akbar, għarfien espert u sħubijiet[215]. Il-kapaċità pprovata tal-PES sabiex jadattaw b'mod effettiv it-twassil tas-servizz tagħhom, u jassumu rwol importanti fir-rispons għas-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol, għandha tiġi appoġġata ulterjorment permezz tal-isforzi ta' diġitalizzazzjoni, ta' bini tal-kapaċitajiet u ta' modernizzazzjoni, kif ukoll permezz ta' kollaborazzjoni msaħħa mal-partijiet ikkonċernati rilevanti tas-suq tax-xogħol, inklużi fornituri oħrajn ta' impjiegi, is-servizzi soċjali u s-sħab soċjali.

Jeżistu differenzi sinifikanti fl-użu tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, b'imġiba ta' tfittix ta' impjieg differenti bejn l-Istati Membri. L-analiżi għall-2020 tal-perċentwal ta' persuni li qed ifittxu impjieg li għamlu użu mill-uffiċċji pubbliċi tal-impjiegi għat-tfittix ta' impjieg turi ċifri li jvarjaw minn 20 % fl-Italja u fir-Rumanija, għal madwar 60 % fil-Belġju, fl-Iżvezja, fl-Ungerija, fil-Lussemburgu u fil-Ġermanja, għal aktar minn 75 % fiċ-Ċekja u fil-Litwanja (ara l-Illustrazzjoni 2.3.16). Differenzi żgħar skont il-ġeneru huma osservati wkoll fi

[215] Sorsi: Il-Kummissjoni Ewropea (2021). *European Network of Public Employment Services, Work programme 2021*. Ippubblikat f'Ġunju 2021. Il-Kummissjoni Ewropea (2020). *Annual Report*, Jannar-Diċembru 2020.

ftit Stati Membri, bl-aktar evidenti fil-Latvja, fil-Bulgarija, fis-Slovenja, fl-Irlanda u fil-Kroazja. B'mod kumplessiv, l-użu tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES) mill-persuni li qed ifittxu impjieg kien qed jonqos matul l-aħħar snin fl-UE, u naqas minn 49,1 % fl-2014 għal 46,1 % fl-2017 u għal 42,5 % fl-2020 (dan jista' jirrifletti wkoll sa ċertu punt użu komparattivament ogħla ta' metodi oħrajn, b'mod partikolari diġitali, għat-tfittix ta' impjieg). Din iċ-ċifra hija ogħla mill-użu ta' servizzi privati tal-impjiegi (21,3 %) jew mill-pubblikazzjoni jew mit-tweġib għar-reklamar (40,6 %), li t-tnejn baqgħu ġeneralment stabbli mill-2017. Filwaqt li l-użu ta' alternattivi differenti ma huwiex esklużiv u ma huwiex osservat mudell ċar ta' komplementarjetà jew ta' sostituzzjoni bejn il-metodi ta' tfittix ta' impjieg, fi 12-il Stat Membru l-perċentwal ta' dawk li jiddikjaraw li jużaw il-PES huwa anqas minn 50 %. Bejn l-2017 u l-2020, xi Stati Membri bħall-Estonja, il-Litwanja u l-Bulgarija rreġistraw żidiet sinifikanti (b'aktar minn 6 pp) fl-użu tal-PES. Għall-kuntrarju, l-użu tal-PES mill-persuni li qed ifittxu impjieg naqas sostanzjalment (b'madwar 10 pp) fil-Ġermanja, f'Ċipru u fir-Rumanija matul l-istess perjodu. Fl-istess ħin, is-sehem ta' rispondenti li jiddikjaraw li jużaw konnessjonijiet soċjali (eż. ħbieb, qraba u trade unions) fit-tfittix tagħhom ta' impjieg naqas b'mod sinifikanti fl-UE f'dawn l-aħħar snin (minn 71 % fl-2017 għal 66 % fl-2020), u l-istess ġara fost dawk li jiddeċiedu li japplikaw direttament mal-impjegaturi (minn madwar 60 % għal 53 % matul l-istess perjodu). Il-kapaċità teknika u umana tal-PES, l-integrazzjoni diġitali tiegħu u l-grad ta' sħubija żviluppat mal-impjegaturi għadhom fattur importanti sabiex jiġu ddeterminati l-kwalità u l-attraenza tas-servizzi tal-PES.

Illustrazzjoni 2.3.16: Hemm differenzi sinifikanti fl-użu tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi skont l-Istati Membri, b'xi distinzjoni skont il-ġeneru

Il-perċentwal ta' persuni qiegħda li jużaw l-uffiċċju pubbliku tal-impjiegi għat-tfittix ta' impjieg fl-2020, valuri skont il-ġeneru



Sors: Eurostat, stħarriġ dwar il-forza tax-xogħol [lfsa_ugmsw].

Illustrazzjoni 2.3.17: Il-persuni li qed ifittxu impjieg jużaw varjetà wiesgħa ta' metodi ta' tfittix b'modi differenti u spiss mhux esklużivi

Il-perċentwal ta' persuni qiegħda li jiddikjaraw li użaw metodu partikolari għat-tfittix ta' impjieg (2020)



Nota: il-pajjiżi huma mqassmin fl-ordni mill-iżgħar sal-ogħla rati ta' kuntatt mal-uffiċċju pubbliku tal-impjiegi.
Sors: Eurostat, stħarriġ dwar il-forza tax-xogħol [lfsa_ugmsw].

Fl-2020, is-sehem ta' persuni qiegħda għal terminu qasir koperti mill-benefiċċji żdied fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. L-impatt kumplessiv fuq l-impjiegi tal-kriżi tal-COVID-19 trażżan bis-saħħa tal-użu estensiv ta' miżuri ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u ta' miżuri simili għaż-żamma tal-impjiegi (ara t-taqsima 2.1). Madankollu, individwi li tilfu l-impjieg tagħhom jew li kienu diġà qiegħda meta faqqgħet il-kriżi sabu rwieħhom f'sitwazzjoni partikolarment diffiċli.[216] Il-JER 2021 ippreżenta analiżi dettaljata tal-karatteristiċi ewlenin tas-sistemi tal-benefiċċji għall-qgħad fl-UE, fuq il-bażi tar-riżultati tal-eżerċizzju ta' parametraġġ referenzjarju tal-benefiċċji tal-qgħad u tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol (ALMPs) miftiehma mal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO). Filwaqt li l-analiżi għadha valida b'mod kumplessiv, ta' min jinnota li l-kopertura tal-iskemi tal-benefiċċji għall-qgħad żdiedet fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, u b'mod aktar sostanzjali fil-Bulgarija, fl-Estonja, fil-Greċja, fi Spanja, f'Malta, fir-Rumanija u fis-Slovakkja bejn l-2019 u l-2020 (ara l-Illustrazzjoni 2.3.18). Għall-Istati Membri b'*data* aktar aġġornata disponibbli,[217] iż-żieda relattiva fin-numru ta' benefiċjarji tal-benefiċċji għall-qgħad hija partikolarment sinifikanti (40 % jew aktar minn Frar 2020 sar-rebbiegħa jew sal-bidu tas-sajf 2021) fl-Estonja, fil-Portugall, fir-Rumanija, fis-Slovakkja u fl-Iżvezja. Madankollu, fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, in-numru ta' benefiċjarji tal-benefiċċji għall-qgħad naqas fl-aħħar xhur, b'mod allinjat mat-titjib fil-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol. Fl-2020, 32,8 % tal-persuni qiegħda

[216] Għal aktar dettalji, ara l-Kummissjoni Ewropea (2020). Employment and Social developments in Europe. Quarterly review, Ġunju 2020. Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.
[217] Ara r-Rapport Annwali 2021 tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS).

rreġistrati għal anqas minn sena fl-UE ma rċivewx benefiċċji u dan il-perċentwal huwa ogħla minn 50 % fil-Kroazja u fis-Slovakkja[218].

Illustrazzjoni 2.3.18: Is-sehem ta' persuni qiegħda għal terminu qasir koperti mill-benefiċċji tal-qgħad żdied f'ħafna mill-Istati Membri

Il-kopertura tal-benefiċċji tal-qgħad għall-persuni qiegħda għal terminu qasir (jiġifieri anqas minn 12-il xahar), koorti ta' età 15-64



Nota: ma hemmx *data* disponibbli għal IE u għal NL. Id-*data* għal DE tirreferi għall-2019 biss.
Sors: Eurostat, Stħarriġ dwar il-forza tax-xogħol [lfsa_ugadra].

Matul l-2021, it-tul tal-perjodu tal-impjieg sabiex wieħed jikkwalifika għall-benefiċċji għall-qgħad u d-durata li matulha jistgħu jintalbu l-benefiċċji baqgħu ġeneralment stabbli. Il-perjodu ta' kwalifika nbidel biss fis-Slovenja minn 9 xhur fl-2020 għal 10 xhur fl-2021 – ara l-Illustrazzjoni 2.3.19. Il-perjodu sabiex wieħed jikkwalifika għall-qgħad huwa l-iqsar fl-Italja, bi 13-il ġimgħa ta' kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni. Min-naħa l-oħra, il-pajjiż bl-itwal perjodu ta' kwalifika huwa s-Slovakkja, b'104 ġimgħat. Kif muri fl-Illustrazzjoni 2.3.20, il-ħaddiema li jingħataw is-sensja wara sena xogħol ikunu intitolati għal benefiċċji għal durati differenti ħafna, skont l-Istat Membru. F'16-il Stat Membru, il-benefiċċji jistgħu jintalbu għal mhux aktar minn 6 xhur (24 ġimgħa). Madankollu, fid-Danimarka u fil-Belġju, id-durata ta' dan l-intitolament tasal sa sentejn jew aktar. Fil-Lussemburgu u fil-Greċja, id-durata hija ta' sena bl-eżatt u fil-Litwanja, fil-Latvja u fl-Irlanda d-durata hija ta' madwar 8 xhur.

[218] Sors: Eurostat, Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol [lfsa_ugadra].

Illustrazzjoni 2.3.19: Il-perjodu ta' kontribuzzjoni sabiex wieħed jikkwalifika għall-benefiċċji tal-qgħad ivarja b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri

It-tulijiet tal-perjodu ta' kwalifika meħtieġ, f'ġimgħat, *data* għall-2015 u għall-2020



Nota: F'Malta (l-2016 u l-2021), iridu jkunu tħallsu tal-anqas 50 kontribuzzjoni ta' kull ġimgħa minn meta l-persuna tkun bdiet taħdem għall-ewwel darba; fl-Irlanda (l-2016 u l-2021), iridu jkunu tħallsu tal-anqas 104 kontribuzzjonijiet ta' kull ġimgħa minn meta l-persuna tkun bdiet taħdem għall-ewwel darba; fl-Awstrija (2021), iridu jkunu tħallsu tal-anqas 52 kontribuzzjoni ta' kull ġimgħa għal applikazzjonijiet għall-ewwel darba, u jridu jkunu tħallsu tal-anqas 28 kontribuzzjoni ta' kull ġimgħa għal applikazzjonijiet sussegwenti.
Sors: Il-bażi tad-*data* tal-MISSOC (Jannar 2015 u Jannar 2021).

Illustrazzjoni 2.3.20: Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, il-benefiċċji tal-qgħad jistgħu jintalbu għal massimu ta' 6 xhur, wara perjodu ta' sena (1) xogħol

Id-durata massima tal-benefiċċji f'numru ta' ġimgħat b'rekord ta' sena xogħol, 2020 u 2015



Nota: Fil-Belġju, ma hemm ebda limitu fuq id-durata tal-benefiċċji. F'Ċipru, il-ġimgħat jiġu kkalkolati fuq il-bażi ta' 6 ijiem ta' xogħol fil-ġimgħa. Fl-Irlanda, il-benefiċċju jitħallas għal 39 ġimgħa (234 jum) biss għal persuni b'260 kontribuzzjoni tal-PRSI mħallsa ta' kull ġimgħa jew aktar . Fis-Slovakkja, persuna b'rekord ta' sena ma tistax tikkwalifika għall-benefiċċji tal-qgħad (huma meħtieġa tal-anqas sentejn (2) kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni tal-qgħad matul l-aħħar 4 snin). Fil-Polonja, id-durata tvarja skont il-livell tar-rata tal-qgħad tar-reġjun meta mqabbla mal-medja nazzjonali.

Sors: Il-bażi tad-*data* tal-MISSOC (Jannar 2015 u Jannar 2021) u l-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Is-sostituzzjoni tal-introjtu għall-persuni qiegħda tvarja fost l-Istati Membri u tiddependi mit-tul tal-perjodu tal-qgħad. L-Illustrazzjoni 2.3.21 tqabbel ir-rati ta' sostituzzjoni għal dawk li jaqilgħu paga baxxa (67 % tal-introjtu medju nazzjonali) b'rekord qasir tax-xogħol (sa 12-il xahar ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali) madwar l-UE. Ir-rati netti ta' sostituzzjoni fit-tieni xahar tal-qgħad ivarjaw minn 12,3 % tal-qligħ (nett) preċedenti fl-Ungerija jew 19 % fir-Rumanija sa aktar minn 90 % fil-Lussemburgu jew fil-Belġju. Fi Franza u fl-Irlanda, ma hemm l-ebda bidla fir-rati ta' sostituzzjoni matul il-perjodu tal-qgħad. Madankollu, fil-maġġoranza tal-Istati Membri, ir-rati ta' sostituzzjoni jonqsu maż-żmien. Differenzi kbar bejn it-tieni u t-12-il xahar tal-qgħad huma ġeneralment dovuti għat-tranżizzjoni tal-persuni li qed ifittxu impjieg mill-assigurazzjoni tal-qgħad għall-assistenza għall-qgħad jew soċjali, li ġeneralment tipprovdi livelli aktar baxxi ta' benefiċċji.

Illustrazzjoni 2.3.21: Il-benefiċċji tal-qgħad ivarjaw sew madwar l-UE

Ir-rata netta ta' sostituzzjoni tal-benefiċċji tal-qgħad b'67 % tal-paga medja, fit-2ni u fit-12-il xahar tal-qgħad (2020)



Nota: L-indikatur jiġi kkalkolat għall-każ ta' persuna waħda mingħajr tfal b'rekord qasir ta' xogħol (sena) u li jkollha 20 sena. Il-komponenti tal-introjtu, il-benefiċċji tal-qgħad u benefiċċji oħrajn differenti (eż. l-assistenza soċjali u l-allowances għall-akkomodazzjoni) huma inklużi.
Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, fuq il-bażi tal-Mudell tal-OECD dwar il-Benefiċċji tat-Taxxa.

Djalogu soċjali ta' kwalità għolja u effettiv huwa prerekwiżit għall-funzjonament tajjeb tal-ekonomija soċjali tas-suq Ewropew, filwaqt li jiġu żgurati eżiti ta' politika aktar sostenibbli u inklużivi. Il-Linji Gwida nru 7 dwar l-Impjiegi u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jitolbu lill-Istati Membri sabiex jiżguraw l-involviment f'waqtu u sinifikanti tas-sħab soċjali fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' riformi u ta' politiki dwar l-impjiegi, soċjali u, fejn rilevanti, ekonomiċi, inkluż billi jappoġġaw il-kapaċità akbar tagħhom. F'konformità mal-prattiki nazzjonali u mal-oqfsa istituzzjonali, l-involviment tas-sħab soċjali fil-livelli kollha għandu l-għan li jtejjeb it-tfassil u jiżgura s-sjieda tar-riformi proposti. Inaqqas ukoll il-kunflitti u jgħin fil-ġestjoni tal-bidla strutturali u fit-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali. Dan huwa partikolarment importanti fi żmien meta huwa meħtieġ kunsens qawwi sabiex jiġu żgurati rkupru robust fil-ħruġ mill-kriżi u appoġġ għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Is-sħab soċjali diġà kellhom rwol importanti fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19, b'aktar minn nofs il-miżuri kollha fl-oqsma tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u tal-protezzjoni tal-introjtu ppromulgati minn meta faqqgħet il-pandemija jew miftiehma minn jew innegozjati ma' organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali. B'mod kumplessiv, l-involviment tas-sħab soċjali fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politiki nazzjonali dwar l-impjiegi u l-politiki soċjali baqa' stabbli jew tjieb kemxejn matul dawn l-aħħar ftit snin. Madankollu, għadu jvarja b'mod sinifikanti madwar l-Istati Membri[219]. Mill-2016 u fuq bażi annwali, il-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) wettaq rieżamijiet ta' sorveljanza multilaterali tal-involviment tas-sħab soċjali fl-Istati Membri tal-UE sabiex jivvaluta l-isfidi u l-prattiki tajbin f'dan ir-rigward.

[219] Eurofound (2021), *Involvement of social partners in policymaking during the COVID-19 outbreak*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu. Għal dettalji speċifiċi dwar in-negozjar kollettiv, ara t-taqsima 2.1 ta' dan ir-rapport u Employment and Social Developments in Europe, Annual Review 2021.

Fuq il-bażi tar-Regolament li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[220], l-Istati Membri ntalbu jinkludu fil-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza sommarju tal-proċess ta' konsultazzjoni tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi s-sħab soċjali, u jindikaw kif ġew riflessi l-inputs tagħhom. Skont il-Gwida tal-Kummissjoni dwar it-tħejjija tal-RPs[221], is-sommarju għandu jkopri l-ambitu, it-tip u t-twaqqit tal-konsultazzjonijiet. Ir-riżultati preliminari ta' studju mmexxi min-network tal-Eurofound tal-korrispondenti nazzjonali[222] jindikaw livelli differenti ta' involviment madwar l-Istati Membri. F'xi każijiet, kemm l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi kif ukoll it-trade unions jirrapportaw li kellhom biżżejjed żmien sabiex jipparteċipaw fl-elaborazzjoni jew fil-valutazzjoni tal-RRP qabel is-sottomissjoni uffiċjali tagħhom fl-2021. Madankollu, f'każijiet oħrajn, is-sħab soċjali indikaw li ġie allokat żmien limitat għall-konsultazzjoni. Fir-rigward tal-opportunità li jingħata kontribut għall-iżvilupp tal-RRP, il-biċċa l-kbira tas-sħab soċjali rrapportaw sodisfazzjon batut bil-feedback u bir-risponsi li waslu mingħand ir-rappreżentanti tal-gvern. Fil-biċċa l-kbira raw l-involviment tagħhom bħala informattiv u, sa ċertu punt anqas, bħala konsultazzjoni. 'Il quddiem, involviment adegwat tas-sħab soċjali fl-implimentazzjoni tal-RRPs se jkun importanti sabiex jiġi żgurat it-twettiq b'suċċess tal-miżuri ppjanati.

L-involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huwa wkoll strumentali sabiex jinbnew is-sjieda nazzjonali tar-riformi u l-investiment u sabiex jiġi żgurat l-impatt dejjiemi tagħhom. Filwaqt li jibnu fuq il-prattiki nazzjonali eżistenti u f'konformità ma' dak indikat fir-regolament li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, numru kbir ta' Stati Membri kkonsultaw lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn għat-tħejjija tal-RRPs tagħhom. Dan huwa konformi mal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi tal-2021[223] u mal-Gwida tal-Kummissjoni Ewropea għall-Istati Membri maħruġa f'Jannar 2021. Skont riżoluzzjoni mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (ibbażata fuq konsultazzjonijiet immexxijin fost il-membri u r-rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati tiegħu fl-Istati Membri), żmien limitat disponibbli għall-konsultazzjonijiet u għall-iskambji kien ta' ostaklu għall-involviment effettiv u sinifikanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili[224]. 'Il quddiem, l-esperjenza tal-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili dwar l-impjiegi u l-politiki soċjali, inkluż fir-rigward ta' proġetti fil-prattika, hija assi importanti sabiex jiġi żgurat progress effettiv u bla xkiel fl-implimentazzjoni tar-riformi u tal-investimenti rilevanti.

---

[220] Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

[221] Il-Kummissjoni Ewropea, SWD(2021), 12 final. *Gwida lill-Istati Membri dwar il-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza.*

[222] Sors: Eurofound (2022), *Tripartite social dialogue and policy formation: Measures to promote recovery in the aftermath of the COVID-19 crisis* (pendenti). Nota: Ir-riżultati preliminari mill-istudju tal-Eurofound li għaddej dwar l-involviment tas-sħab soċjali nazzjonali fit-tħejjija tal-RRPs sottomessi mill-Istati Membri fl-2021. In-network tal-Eurofound ta' korrispondenti nazzjonali pproduċa 24 rapport ibbażati fuq il-fehmiet tas-sħab soċjali u sa ċertu punt tar-rappreżentanti tal-gvern. L-RRPs minn DK u minn MT ma ġewx inklużi f'din l-analiżi preliminari. Għal BG, il-feedback li wasal jirreferi biss għall-abbozz tal-verżjoni li sar pubbliku qabel is-sottomissjoni uffiċjali.

[223] Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Ottubru 2021, ĠU L 379, 26.10.2021, p. 1–5.

[224] Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (2021), *Involvement of Organised Civil Society in the National Recovery and Resilience Plans – What works and what does not?*, Riżoluzzjoni, Frar 2021.

2.3.2 Rispons tal-politika

L-iżviluppi riċenti wasslu sabiex xi Stati Membri jemendaw ir-regolamenti nazzjonali ta' rilevanza għal forom ġodda ta' impjieg u għal arranġamenti tax-xogħol flessibbli, inkluż it-telexogħol. F'Lulju 2020, **il-Portugall** nieda programm ta' inċentivi sabiex iħeġġeġ lill-impjegati taċ-ċivil jibqgħu f'territorji b'densità baxxa li jinkludi t-telexogħol u l-kondiviżjoni tal-ispazji tax-xogħol. Sadanittant, fil-parlament qed jiġi diskuss regolament usa' ġdid għall-promozzjoni tat-telexogħol. F'Novembru 2020, **ir-Rumanija** emendat il-qafas legali eżistenti sabiex tirregola t-telexogħol, inklużi l-kundizzjonijiet għall-impjegaturi sabiex jistabbilixxu xogħol mill-bogħod bħala n-norma u l-ħtieġa għall-impjegati li jirċievu l-informazzjoni u t-tagħmir kollha neċessarji sabiex iwettqu x-xogħol mill-bogħod. **Is-Slovakkja** emendat il-kodiċi tax-xogħol tagħha sabiex tirregola l-istabbiliment ta' uffiċċju domestiku u l-kontribuzzjoni finanzjarja li għandha tiġi pprovduta mill-impjegatur, wara ftehim bilaterali jew kollettiv. Il-bidliet legali huma effettivi minn Marzu 2021. Bħala parti minn riforma usa', **Spanja** introduċiet qafas regolatorju ġdid għat-telexogħol fis-setturi privati u pubbliċi. Il-qafas legali l-ġdid jiffavorixxi forom imħalltin ta' impjieg billi jiżgura l-istess kundizzjonijiet tax-xogħol għal dawk li jaħdmu mill-bogħod u fuq il-post, emendat aktar tard, fost l-oħrajn, sabiex jimponi sanzjonijiet tal-ispezzjonijiet tax-xogħol fis-settur privat f'każ ta' nuqqas ta' konformità. F'Ottubru 2020, **is-Slovenja** emendat l-Att dwar is-Servizz tal-Prosekuzzjoni tal-Istat sabiex tiċċara l-arranġamenti dwar il-ħin tax-xogħol skont id-dmirijiet ta' "stand-by" u "fuq talba" tal-impjegati pubbliċi fl-uffiċċju tal-prosekutur tal-Istat. Fl-RRP tiegħu, **Ċipru** qed jippjana li jirregola arranġamenti tax-xogħol flessibbli u li jirriforma s-sistema tas-sigurtà soċjali sabiex jintegra sistema ġdida ta' operazzjonijiet diġitali, kif ukoll jirrevedi l-leġiżlazzjoni attwali sabiex jestendi l-kopertura tas-sigurtà soċjali għal kulħadd, inklużi ħaddiema għal rashom u ħaddiema b'kuntratti mhux standard (ara t-taqsima 2.1.2 għal dettalji addizzjonali). F'Ġunju 2021, **il-Greċja** introduċiet l-iskeda tal-ħinijiet flessibbli u t-telexogħol fil-qafas legali tagħha bħala parti minn riforma usa' tal-liġi tax-xogħol.

Xi Stati Membri ħadu miżuri sabiex jirregolaw l-ekonomija tal-pjattaformi fid-dawl tal-importanza tagħha li dejjem qiegħda tikber. Minbarra l-miżuri ppreżentati fil-kaxxa dwar il-Kwalità tal-Impjiegi , mill-1 ta' Lulju 2020, **in-Netherlands** aġġornaw il-qafas legali eżistenti sabiex jillimitaw l-attivitajiet ta' konsenja tal-ikel fuq bażi indipendenti u kummerċjali għal individwi li għandhom aktar minn 16-il sena. F'Ottubru 2020, **Franza** adottat miżura mmirata sabiex tirregola l-attività taż-żgħażagħ taħt l-età ta' 16-il sena fi pjattaformi online. F'April 2021, adottat riforma li tfittex li tirregola l-ekonomija tal-pjattaformi fil-qasam tat-trasport. Bħala parti minn din ir-riforma usa', **Franza** introduċiet ukoll miżura sabiex tiżgura rappreżentanza adegwata tal-ħaddiema għal rashom fil-pjattaformi tat-trasport u trawwem djalogu soċjali, inkluż permezz tal-Awtorità pubblika għar-Relazzjonijiet Soċjali tal-Pjattaformi tal-Impjiegi (ARPE) li għadha kif inħolqot.

Diversi Stati Membri rrieżaminaw ir-regolamenti tagħhom sabiex jiżguraw saħħa u sikurezza okkupazzjonali adegwati, f'konformità mal-prinċipju 10 (dwar ambjent tax-xogħol tajjeb għas-saħħa, sigur u adattat sew) tal-Pilastru. F'Lulju 2020, daħlet fis-seħħ l-emenda għal-liġi dwar il-protezzjoni tax-xogħol fil-**Latvja**. L-għan tagħha kien li tiddefinixxi x-xogħol mill-bogħod u li testendi l-kopertura tar-regoli eżistenti dwar is-saħħa u s-sikurezza għal dan it-tip ta' xogħol, u tgħaqqad l-approċċ kemm għall-impjegati standard kif ukoll għal dawk mhux standard. F'Diċembru 2020, **Franza** rrieżaminat il-kundizzjonijiet tax-xogħol tas-

servizz tal-kura tas-saħħa sabiex issaħħaħ il-prevenzjoni fuq il-post tax-xogħol u tippromwovi l-parteċipazzjoni fl-ittestjar u fit-tilqim fost il-persunal tagħha. **Franza** qed tippjana wkoll li toħloq "passaport ta' prevenzjoni" li jkun jinkludi t-taħriġ kollu mwettaq mill-impjegati relatat mal-prevenzjoni tar-riskju fuq il-post tax-xogħol. F'Diċembru 2020, **ir-Rumanija** aġġornat il-qafas eżistenti sabiex tipproteġi lill-ħaddiema kontra r-riskji relatati mal-esponiment għal aġenti bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol, inkluża l-COVID-19.

Xi Stati Membri emendaw il-leġiżlazzjoni tagħhom dwar is-sensji sabiex itaffu l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 fuq is-suq tax-xogħol. Oriġinarjament introdotta bħala rispons għall-pandemija, **Spanja** estendiet sa Frar 2022 il-projbizzjoni temporanja tat-terminazzjoni tal-kuntratti għal "force majeure" u tat-tkeċċija bbażata fuq raġunijiet oġġettivi (ekonomiċi, tekniċi, organizzazzjonali u ta' produzzjoni) b'rabta mal-COVID-19. **L-Italja** estendiet il-projbizzjoni tas-sensja temporanja adottata f'Marzu 2020 sal-aħħar ta' Ġunju 2021 għall-kumpaniji li jibbenefikaw minn skema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar.

Diversi Stati Membri qed jipproponu regolamenti ġodda jew emendati dwar ix-xogħol għal terminu fiss sabiex iwieġbu għall-isfidi eżistenti u emerġenti tas-suq tax-xogħol. Sa mill-adozzjoni tagħha f'Marzu 2020, **Spanja** estendiet is-sospensjoni tas-sensji għal kuntratti (kemm għal terminu fiss kif ukoll permanenti) sal-aħħar ta' Settembru 2021. Għal kuntratti għal terminu fiss, il-projbizzjoni ġiet estiża ulterjorment għal Frar 2022. Barra minn hekk, fl-RRP tagħha, **Spanja** pprevediet li tissimplifika u tfassal mill-ġdid il-firxa ta' kuntratti ta' impjieg, inkluż ir-rieżami tal-użu tal-kuntratt ta' taħriġ/apprendistat u tal-kuntratt staġunali, filwaqt li ssaħħaħ il-ħtieġa li jiġu pprovduti ġustifikazzjonijiet għar-reklutaġġ temporanju sabiex il-kuntratti indefiniti eventwalment isiru r-regola ġenerali. **L-Italja** aġġornat il-liġi li tippermetti estensjonijiet jew tiġdid ulterjuri ta' kuntratti għal terminu fiss għal perjodu massimu ta' tnax-il xahar u mingħajr preġudizzju għad-durata massima kumplessiva ta' erbgħa u għoxrin xahar. F'Ġunju 2020, **is-Slovakkja** adottat dispożizzjoni tranżizzjonali li tippermetti lill-impjegaturi jestendu u jinnegozjaw mill-ġdid kuntratti għal terminu fiss li kellhom jintemmu sa xahrejn wara l-waqfien tal-istat ta' emerġenza. Fin-nuqqas ta' dan, ir-relazzjoni ta' impjieg tinbidel għal waħda indefinita. F'Awwissu 2020, **il-Litwanja** introduċiet kriterji li jridu jiġu ssodisfati mill-aġenziji tax-xogħol temporanju, b'mod partikolari fir-rigward tal-istatus tagħhom u tal-kapaċità tagħhom li jwettqu l-attività ta' impjieg temporanju. F'Diċembru 2020, **Franza** emendat il-qafas eżistenti ta' liv imħallas u pproponiet regoli ġodda dwar it-tiġdid ta' ċerti kuntratti temporanji f'konformità ma' ftehimiet kollettivi.

F'xi Stati Membri ġew introdotti wkoll miżuri mmirati sabiex irawmu t-tranżizzjonijiet lejn impjiegi indefiniti, f'konformità mal-prinċipju 5 (dwar impjiegi siguri u adattabbli) tal-Pilastru. F'Lulju 2021, fil-qafas tal-RRP tagħha, **Spanja** emendat l-istatut bażiku tal-impjegat pubbliku sabiex tnaqqas is-sehem ta' kuntratti għal terminu fiss fis-settur pubbliku u tipprevjeni l-abbuż ta' dan it-tip ta' impjieg. Il-proċeduri ta' stabbilizzazzjoni addizzjonali tal-persunal temporanju huma previsti f'Diċembru 2022 u l-istatuti speċifiċi għas-setturi bħas-saħħa u l-edukazzjoni se jiġu mmodifikati kif xieraq. Bl-għan li tiġi promossa l-konverżjoni ta' kuntratti temporanji għal dawk indefiniti, f'Awwissu 2020 **il-Portugall** adotta bonus għal kuntratt li jiswa d-doppju tas-salarju bażiku ta' kull xahar previst fil-kuntratt (sa limitu ta' madwar EUR 2 200). F'Mejju 2021, **l-Italja** adottat kuntratt ġdid ta' impjieg mill-ġdid sabiex tappoġġa l-konverżjoni ta' kuntratti temporanji u trawwem tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol.

Il-miżura tfittex li tippromwovi l-impjieg indefinit permezz ta' eżenzjoni temporanja mill-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għall-impjegaturi.

L-isforzi sabiex jiġi indirizzat ix-xogħol mhux iddikjarat jissoktaw f'diversi Stati Membri b'miżuri addizzjonali meħudin, inkluż il-bini tal-kapaċitajiet għall-ispettorati tax-xogħol. **Il-Greċja** qed tippjana bidliet fir-reġim tat-taxxa u tas-sigurtà soċjali fis-settur kulturali u tal-arti sabiex tħeġġeġ ix-xogħol iddikjarat. Fi Frar 2021, **Spanja** adottat Pjan ta' Azzjoni sabiex tirregolarizza l-pagi u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għall-ħaddiema fis-settur tal-kura fl-unitajiet domestiċi permezz ta' spezzjonijiet tax-xogħol, kampanji ta' sensibilizzazzjoni u assistenza teknika. Sa Marzu 2021, l-ispettorat tax-xogħol fi **Spanja** kien bagħat aktar minn 45 000 ittra lil impjegaturi. Dan wassal għar-regolarizzazzjoni ta' madwar 30 000 ħaddiem domestiku. Bħala parti minn riforma usa', **il-Kroazja** adottat il-pjan nazzjonali tal-2021-24 għall-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat, li jinkludi diversi miżuri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi għall-prevenzjoni tal-abbuż ta' forom ta' xogħol mhux tipiċi, għas-sensibilizzazzjoni dwar il-benefiċċji tax-xogħol legali, u għall-promozzjoni ta' kompetizzjoni ġusta. **Il-Litwanja** adottat miżura mmirata ġdida sabiex tiġġieled ix-xogħol mhux iddikjarat fis-settur tal-kostruzzjoni. Il-miżura, li hija mistennija li tidħol fis-seħħ minn Jannar 2022, se tkun teħtieġ li l-persuni kollha li jaħdmu fil-kostruzzjoni jġorru "ID tal-bennej" u li l-impjegaturi jibagħtu d-*data* neċessarja kollha lil sistema ċentralizzata ta' identifikazzjoni. **Il-Litwanja** emendat ukoll il-liġi tax-xogħol tagħha sabiex tiżgura t-trasparenza fil-ħlas tal-pagi u ta' intitolamenti oħrajn tax-xogħol (jiġifieri l-allowances ta' kuljum u l-ispejjeż tal-missjonijiet, fost l-oħrajn) għall-impjegati kollha. L-emendi huma mistennijin jidħlu fis-seħħ minn Jannar 2022. Bħala parti minn riforma usa', **ir-Rumanija** qed tippjana li tifformalizza x-xogħol domestiku permezz tal-introduzzjoni ta' vouchers tax-xogħol; id-dħul fis-seħħ tagħha huwa mistenni sal-bidu tal-2022.

Diversi Stati Membri aġġustaw is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi tagħhom sabiex iwieġbu aħjar għall-iżviluppi riċenti fis-suq tax-xogħol. F'Novembru 2020, **l-Estonja** adottat Programm ta' Impjiegi 2021-23 ġdid bl-għan li tappoġġa aħjar lil dawk li qed jiffaċċjaw ostakli għall-impjiegi, b'mod partikolari dawk qiegħda fit-tul. F'Diċembru 2020, **il-Greċja** nediet il-pjattaforma "myOAEDlive" li permezz tagħha jiġu pprovduti servizzi ta' konsulenza online lill-persuni qiegħda u lin-negozji, inkluża l-interpretazzjoni minn/għal lingwi barranin, fejn meħtieġa. F'Diċembru 2020, **il-Finlandja** adottat proġett pilota sabiex issaħħaħ il-forniment ta' servizzi għall-impjiegi fil-livell lokali. Bil-parteċipazzjoni ta' 25 żona pilota magħmula minn 118-il muniċipalità, il-proġetti pilota tal-gvern lokali għandhom l-għan li jżidu l-impjieg ta' persuni li qed ifittxu impjieg, b'mod partikolari l-persuni qiegħda fit-tul u dawk minn sfondi vulnerabbli, u li jipprovduhom b'taħriġ sabiex jiżguraw id-disponibbiltà ta' ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati. Il-proġett beda f'Marzu 2021 u huwa mistenni jiġi konkluż f'Ġunju 2023. F'Diċembru 2020, **l-Ungerija** introduċiet portal ġdid ta' tqabbil tal-impjiegi "KarrierM" ("KarrieraTiegħi") li jipprovdi informazzjoni kemm għal dawk li qed ifittxu impjieg kif ukoll għall-impjegaturi. B'baġit totali ta' HUF 2,8 biljun (EUR 7,6 miljun), il-portal joffri wkoll gwida u appoġġ individwalizzati għal dawk li qed ifittxu impjieg. Madankollu, bħala parti minn riforma usa', fi Frar 2021, **l-Ungerija** adottat qafas legali ġdid li neħħa l-appoġġ finanzjarju għat-tariffi tat-taħriġ u l-kostijiet tal-ivvjaġġar relatati mis-sett ta' għodod tal-PES. Din il-bidla tista' tnaqqas l-inċentivi ta' dawk li qed ifittxu impjieg sabiex jirreġistraw għat-taħriġ.

L-Istati Membri ħadu miżuri sabiex itejbu l-appoġġ ipprovdut mis-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, u wkoll sabiex jilħqu lil gruppi tal-popolazzjoni aktar vulnerabbli. Il-Lussemburgu nieda proġett imsejjaħ "eADEM" sabiex jiddiġitalizza s-servizzi pubbliċi tal-impjiegi tiegħu u jtejjeb l-effiċjenza billi jaġġorna t-tagħmir tal-IT tiegħu. Skont l-RRP tal-Lussemburgu, il-proġett kien skedat li jibda fi Frar 2021 u għandu jitlesta sa tmiem l-2024 jew sal-bidu tal-2025. Miżura li tfittex li tespandi n-numru ta' servizzi diġitali pprovduti mill-PES ġiet introdotta f'April 2021, u l-offerti ta' impjieg issa se jkunu miftuħin għall-persuni kollha li qed ifittxu impjieg u mhux biss għal dawk irreġistrati. Dan isegwi s-sħubijiet imġedda bejn il-federazzjoni tan-negozju u l-PES (Diċembru 2020) u r-riforma tas-sistema ta' riklassifikazzjoni professjonali daħlet fis-seħħ f'Novembru 2020. F'Diċembru 2020, **ir-Rumanija** nediet proġett, iffinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew, sabiex timodernizza l-istrutturi tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi permezz tal-iżvilupp ta' servizzi ta' mmaniġġjar tal-każijiet għall-persuni li qed ifittxu impjieg, li jinkludu gruppi vulnerabbli. **Ir-Rumanija** qed tippjana wkoll li tniedi pjattaforma ġdida sabiex ittejjeb is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi għall-impjegaturi, inkluż it-taħriġ ta' 900 membru tal-persunal u azzjonijiet sabiex trawwem il-kooperazzjoni mal-aġenziji tal-impjiegi territorjali. F'Lulju 2020, **l-Irlanda** adottat miżura temporanja sabiex iżżid il-kapaċità tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi sabiex jappoġġaw lill-persuni li qed ifittxu impjieg permezz ta' assistenza għat-tfittix ta' impjieg, inkluż permezz ta' servizzi kuntrattati oħrajn u aġenziji lokali tal-impjiegi. Fl-2019, **il-Bulgarija** introduċiet servizz ġdid imsejjaħ "Uffiċċju tax-xogħol mobbli" sabiex jipprovdi servizzi tal-impjiegi fiż-żoni remoti fejn ma hemm l-ebda uffiċċju tax-xogħol permanenti. Wara li ġew sospiżi minħabba l-pandemija tal-COVID-19, l-Uffiċċji tax-xogħol mobbli reġgħu bdew bl-attività tagħhom f'Lulju 2021 u pprovdew gwida u appoġġ għal aktar minn 1 400 persuna li qed tfittex impjieg. L-RRP tal-**Belġju** jinkludi miżuri sabiex jippromwovi l-iskambju ta' *data* dwar il-persuni qiegħda għal terminu qasir bejn livelli differenti tal-gvern. L-għan huwa li l-PES jiġu appoġġati aħjar fl-ilħuq ta' dan il-grupp speċifiku, b'azzjonijiet komplementari żviluppati mis-servizzi pubbliċi reġjonali tal-impjiegi (eż. fir-reġjun ta' Flanders). F'Jannar 2022, ir-reġjun **Belġjan** ta' Wallonia se jimplimenta sett ta' miżuri sabiex jipprovdi gwida aktar personalizzata għall-persuni li qed ifittxu impjieg. Dan jinkludi t-tnedija ta' għodod diġitali u azzjonijiet aħjar ta' tqabbil tal-impjiegi mmirati lejn l-aktar persuni vulnerabbli li qed ifittxu impjieg. F'Settembru 2021, **il-Greċja** lleġiżlat qafas ta' governanza ġdid għas-servizz pubbliku tal-impjiegi tagħha u qed tippjana investimenti fil-modernizzazzjoni tal-fergħat lokali tagħha, inklużi azzjonijiet sabiex ittejjeb il-markar, il-komunikazzjoni u l-konsulenza.

Numru ta' Stati Membri introduċew prinċipalment miżuri temporanji sabiex jagħmlu l-oqfsa eżistenti tal-ALMP tagħhom aktar effettivi, b'mod partikolari sabiex jindirizzaw il-qgħad fit-tul, f'konformità mal-prinċipju 4 (appoġġ attiv għall-impjiegi) tal-Pilastru. F'Lulju 2020, **l-Irlanda** approvat miżura temporanja sabiex tipprovdi 10 000 post tax-xogħol addizzjonali u skemi ta' esperjenza professjonali għal persuni li ilhom qiegħda sitt xhur jew aktar. F'Ottubru 2020, **il-Greċja** adottat programm ġdid ta' sussidju għall-impjiegi għal 100 000 impjieg ġdid fis-settur privat. L-Istat ikopri għal sitt xhur il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegati li jkunu għadhom kemm ġew impjegati u jipprovdi sussidju addizzjonali tal-pagi ta' EUR 200 fix-xahar għal persuni li qabel kienu qiegħda fit-tul. Minn Jannar 2022, il-programm se jiġi estiż b'50 000 post ġdid. F'Diċembru 2020, ir-reġjun **Belġjan** ta' Wallonia introduċa sussidju temporanju ġdid għar-reklutaġġ għall-persuni qiegħda fit-tul f'setturi affettwati ħafna mill-kriżi tal-COVID-19. L-iskema l-ġdida għandha valur ta' EUR 1 000 fix-xahar matul perjodu massimu ta' 24 xahar u hija pprovduta flimkien

ma' benefiċċju ieħor għar-reklutaġġ b'ammont li jonqos maż-żmien. F'Diċembru 2020, **Franza** estendiet il-proġett pilota *territoires zéro chômeurs* sabiex tkompli tintegra l-persuni qiegħda fit-tul. Bħala parti minn dan il-proġett, miżura "inklużjoni tas-CDI" timmira speċifikament lejn il-ħaddiema ta' aktar minn 57 sena permezz ta' kuntratti indefiniti adattati. Il-proġett ġie estiż għal 50 żona ġdida għal durata ta' 5 snin addizzjonali. **L-Awstrija** approvat allokazzjoni finanzjarja ġdida sabiex tappoġġa l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-persuni qiegħda fit-tul u gwida u appoġġ aħjar mis-servizz pubbliku tal-impjiegi, inklużi miżuri sabiex jittejbu l-ħiliet iffinanzjati permezz tal-RRP. F'Jannar 2021, fil-**Finlandja** daħlu fis-seħħ diversi emendi għal-liġi tax-xogħol. Ifittxu li jipprovdu servizzi aktar imfasslin apposta u integrati għall-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, b'mod partikolari l-persuni qiegħda fit-tul. F'Mejju 2021, **id-Danimarka** laħqet ftehim sabiex talloka DKK 159 miljun (madwar EUR 21 miljun) sabiex tindirizza l-qgħad fit-tul u tappoġġa l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' dawk affettwati, b'mod partikolari l-persuni li qed ifittxu impjieg li għandhom aktar minn 50 sena.

L-Istati Membri introduċew miżuri ġodda (primarjament temporanji) jew estendew dawk eżistenti sabiex isaħħu s-sistemi tal-benefiċċji tal-qgħad tagħhom, f'konformità mal-prinċipju 13 dwar il-benefiċċji tal-qgħad tal-Pilastru. Sa Awwissu 2020, **id-Danimarka** implimentat miżura temporanja sabiex tipprovdi benefiċċji ogħla tal-qgħad (sa 110 %) lil persuni b'ħiliet baxxi li qed ifittxu impjieg li jibdew kors ta' taħriġ vokazzjonali. Bħala parti minn sett ta' miżuri temporanji sabiex jittaffa l-impatt negattiv tal-pandemija, f'Novembru 2020, **il-Portugall** aġġusta l-formula tal-kalkolu għall-benefiċċji tal-qgħad f'sitwazzjonijiet li fihom jitnaqqas il-perjodu ta' garanzija għall-aċċess għall-benefiċċji, u ssospenda temporanjament d-dmir ta' esklużività (u għalhekk il-ħolqien ta' impjieg indipendenti huwa possibbli matul ir-riċevuta tal-benefiċċji tal-qgħad). F'Diċembru 2020, **il-Portugall** estenda d-drittijiet għall-benefiċċji tal-qgħad li jintemmu fl-2021 għal sitt xhur addizzjonali. **Il-Belġju** ssospenda d-digressività tal-benefiċċji tal-qgħad sal-aħħar ta' Settembru 2021 u ffriżaha fil-livell li l-benefiċjarju kien intitolat għalih f'April 2020. F'Mejju 2021, **Spanja** adottat skema temporanja ta' benefiċċji għall-qgħad sa Settembru 2021 (b'valur ta' EUR 776) għall-artisti li qabel ikkontribwew għall-iskema tal-qgħad (għal erbgħa sa sitt xhur fil-każ ta' kontribuzzjoni ta' mill-inqas 20 sa 55 jum fl-2019, rispettivament). **L-Estonja** approvat riforma li żżid b'mod sostanzjali l-livell tal-benefiċċju tal-allowance tal-qgħad mill-2021. Mill-1 ta' Awwissu 2020, ir-rata netta ta' sostituzzjoni tal-benefiċċju tal-assigurazzjoni tal-qgħad żdiedet minn 50 % għal 60 % tal-qligħ preċedenti matul l-ewwel 100 jum tal-perjodu tal-qgħad. Barra minn hekk, l-RRP jipprevedi mekkaniżmu sabiex tiżdied id-durata massima tal-benefiċċji tal-qgħad f'każ ta' qgħad għoli. Fil-**Litwanja**, il-ħaddiema li jieqfu jirċievu benefiċċji wara r-ritorn tagħhom f'impjieg jistgħu jerġgħu jitolbu l-benefiċċji tal-qgħad aktar faċilment jekk jerġgħu jsiru qiegħda.

Uħud mill-miżuri adottati dwar is-sistemi tal-benefiċċji għall-qgħad huma mfasslin sabiex itejbu s-sitwazzjoni ta' gruppi speċifiċi tal-popolazzjoni. Il-Lussemburgu għadda miżura temporanja sabiex jestendi sa Ġunju 2021 l-iskema speċifika ta' xogħol b'ħinijiet iqsar fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19. Il-livell ta' kumpens imħallas għall-qgħad parzjali skont il-Kodiċi tax-Xogħol ma jistax ikun anqas mill-ammont stabbilit għall-paga soċjali minima għall-impjegati mingħajr ħiliet speċjalizzati. Matul l-2020 u l-2021, **l-Italja** approvat dispożizzjonijiet temporanji sabiex tissospendi t-tnaqqis gradwali tal-benefiċċji tal-qgħad u tespandi l-kategoriji ta' benefiċjarji potenzjali. F'Diċembru 2020, approvat ukoll appoġġ temporanju għall-introjtu li jiswa EUR 500 netti fix-xahar għal nisa qiegħda jew b'introjtu

waħdieni bi tfal dipendenti. Il-miżura hija valida sal-2023 u se jkollha nefqa totali massima ta' EUR 5 miljun fis-sena. F'April 2021, **il-Latvja** estendiet l-appoġġ temporanju ta' EUR 180 għall-benefiċjarji li jkunu eżawrew il-benefiċċji tal-qgħad tagħhom minn 4 xhur għal 6 xhur, li ġie introdott f'Marzu 2020. Barra minn hekk, f'Diċembru 2020, **il-Latvja** adottat benefiċċju temporanju tal-qgħad (EUR 500 għall-ewwel xahrejn u EUR 375 għall-aħħar tnejn) għall-gradwati żgħażagħ irreġistrati bħala qiegħda. Dawn iż-żewġ miżuri ntemmu fit-30 ta' Ġunju 2021. Barra minn hekk, il-benefiċċju temporanju huwa kkomplementat minn miżura permanenti sabiex jiġġeddu sa darbtejn il-ħlas tal-benefiċċji tal-qgħad u l-kopertura sħiħa ta' benefiċċji oħrajn (jiġifieri tal-invalidità). Iż-żewġ gruppi ta' benefiċjarji potenzjali kellhom ikunu rreġistrati fil-PES u jipparteċipaw fl-ALMPs. **L-Awstrija** emendat l-att dwar l-assigurazzjoni kontra l-qgħad sabiex tipprovdi appoġġ temporanju lill-ġenituri li jaħdmu bi tfal sa 14-il sena jew b'diżabbiltà (mingħajr limitu ta' età). L-indokraturi ta' persuni akbar fl-età huma koperti wkoll mill-miżura, estiża sa Lulju 2021. **L-Awstrija** adottat ukoll miżuri temporanji sabiex tappoġġa lill-ħaddiema fis-settur kulturali u kreattiv li esperjenzaw telf ta' introjtu b'sussidji ta' darba li jvarjaw minn EUR 1 000 sa EUR 3 500 skont il-każ. F'Awwissu 2020, **l-Irlanda** emendat il-qafas regolatorju eżistenti sabiex tipprovdi benefiċċji temporanji tal-qgħad lil dawk li tilfu l-impjieg tagħhom minħabba l-pandemija, b'livelli ta' benefiċċji rrikalibrati f'mewġiet.

L-Istati Membri aġġustaw l-oqfsa regolatorji tagħhom sabiex jiżguraw l-adegwatezza u l-kopertura tal-benefiċċji tal-qgħad, filwaqt li jqisu wkoll ir-rekwiżiti ta' kundizzjonalità. F'Diċembru 2020, **il-Finlandja** introduċiet miżura sabiex tiffaċilita l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għal benefiċċji tal-qgħad, b'mod partikolari għal persuni li qed ifittxu impjieg irreġistrati f'edukazzjoni għal terminu qasir. Il-miżura hija mistennija wkoll li ttaffi l-volum ta' xogħol tal-PES u tiżgura li r-riżorsi jiġu allokati lil dawk li għandhom l-aktar bżonn. **L-Italja** ffinanzjat allowances temporanji tal-introjtu għal ħaddiema staġunali, għal ħaddiema intermittenti u għal ħaddiema għal rashom. **L-Estonja** emendat ir-regolament eżistenti sabiex minn Jannar 2021 iżżid il-livell tal-benefiċċji tal-qgħad minn 35 % għal 50 % tal-paga minima fix-xahar. **Il-Greċja,** wara li temmet l-estensjoni temporanja tal-benefiċċji tal-qgħad b'mod regolari f'Mejju 2021, qed tippjana riforma usa' tal-iskemi eżistenti tal-benefiċċji tal-qgħad. L-għan huwa li jittejbu l-adegwatezza u l-kopertura, jitħeġġeġ ritorn aktar mgħaġġel lejn is-suq tax-xogħol u jitneħħew id-diżinċentivi għall-iżvilupp tal-ħiliet. F'Ġunju 2021, **il-Finlandja** kompliet testendi l-qafas legali eżistenti sa Settembru 2021 sabiex il-persuni li qed ifittxu impjieg jirċievu l-benefiċċji tal-qgħad bħala ħlas bil-quddiem għal perjodu ta' sitt xhur, minflok il-perjodu normali ta' xahrejn. F'Ġunju 2021, **Malta** nediet valutazzjoni tal-iskemi eżistenti tal-benefiċċji għall-qgħad, li rriżultat f'rapport li se jipprovdi evidenza konkreta sabiex tinkiseb kopertura effettiva u adegwatezza aħjar tal-benefiċċji filwaqt li jittejbu l-inċentivi għax-xogħol. Bħala parti mill-implimentazzjoni tal-RRP, ir-rapport huwa mistenni li jiġi ppubblikat sa nofs l-2022.

Xi Stati Membri għaddew regolamenti ġodda jew emendaw dawk eżistenti sabiex iħeġġu l-moviment liberu tal-ħaddiema, filwaqt li jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema. F'April 2021, **ir-Rumanija** approvat dispożizzjonijiet ġodda sabiex tiżgura l-protezzjoni legali għaċ-ċittadini Rumeni li jaħdmu barra mill-pajjiż permezz ta' kuntratti kkoordinati minn aġenziji tal-impjiegi, irrispettivament mill-oriġini tagħhom (kemm jekk mir-Rumanija kif ukoll jekk minn Stat Membru ieħor). F'April 2021, **il-Finlandja** emendat il-qafas legali eżistenti dwar il-kundizzjonijiet tad-dħul u tar-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' xogħol staġunali. Il-miżura għandha l-għan li tnaqqas il-piż amministrattiv

għall-impjegaturi u għall-ħaddiema staġunali barranin u hija kkomplementata b'emendi addizzjonali li se jidħlu fis-seħħ f'Ottubru 2021 u tfittex li tipprevjeni u tidentifika prattiki tax-xogħol inġusti. F'Ġunju 2021, **il-Lussemburgu** estenda l-arranġamenti tat-taxxa mal-**Belġju** u ma' **Franza** għall-ħaddiema transfruntiera impjegati fil-pajjiż iżda bħalissa jaħdmu permezz tat-telexogħol, aktar tard estiżi sal-31 ta' Diċembru u sal-15 ta' Novembru, rispettivament. Il-ftehim bejn **il-Lussemburgu** u **l-Ġermanja** jista' jiġġedded fuq bażi ta' kull xahar.

Diversi Stati Membri adattaw l-oqfsa tagħhom għall-involviment tas-sħab soċjali u għan-negozjar kollettiv, f'konformità mal-prinċipju 8 tal-Pilastru dwar id-djalogu soċjali u l-involviment tal-ħaddiema. Fi Frar 2021, **Franza** adottat qafas legali ġdid għan-negozjar kollettiv fis-settur pubbliku, inkluża definizzjoni tal-klawżoli miftuħin għan-negozjar, bħall-apprendistati, u l-implimentazzjoni ta' politiki ta' kumpens. F'April 2021, **Franza** adottat riforma bl-għan li ssaħħaħ id-djalogu soċjali fl-ekonomija tal-pjattaformi permezz tal-istabbiliment ta' elezzjonijiet u n-nomina ta' rappreżentanti u ta' korp nazzjonali inkarigat mill-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet. F'Lulju 2021, **Ċipru** organizza l-konvenzjoni tal-Bord Konsultattiv dwar ix-Xogħol sabiex jiddiskuti mas-sħab soċjali numru ta' riformi importanti fil-pajjiż sabiex jiġi żgurat funzjonament effettiv tal-mekkaniżmi għan-negozjar kollettiv, il-ftehimiet reċiproċi, u l-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' tilwim industrijali. **Il-Greċja** aġġornat il-qafas tal-liġi tax-xogħol kollettiva, filwaqt li stabbiliet reġistru diġitali tat-trade unions, li jirregola d-dritt tal-istrajkjar u li jżid sa 33 % l-operazzjoni tas-servizzi minimi matul l-istrajks għall-intrapriżi tas-servizz pubbliku. Bħala parti mill-RRP tagħha, **Spanja** qed tippjana li ttejjeb il-funzjonament tan-negozjar kollettiv billi temenda r-regoli legali rilevanti u tinkorpora bidliet fl-istruttura tan-negozjar, bl-għan li ssaħħaħ ir-rappreżentattività tal-partijiet tan-negozjati, u b'hekk issaħħaħ il-kontenut tad-djalogu, u ttejjeb iċ-ċertezza legali fl-implimentazzjoni u fl-effetti tiegħu. Barra minn hekk, bħala parti mir-riformi proposti fl-RRP tagħha, **ir-Rumanija** qed tippjana li temenda l-qafas leġiżlattiv sabiex ittejjeb il-funzjonament tad-djalogu soċjali.

2.4 Linja Gwida 8: Nippromwovu l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, inrawmu l-inklużjoni soċjali u niġġieldu l-faqar

Din it-taqsima tħares lejn l-implimentazzjoni tal-linja gwida nru 8 dwar l-impjiegi, li tirrakkomanda li l-Istati Membri jippromwovu opportunitajiet indaqs għal kulħadd, irawmu l-inklużjoni soċjali u jiġġieldu l-faqar, f'konformità mal-prinċipji 2 (dwar ugwaljanza bejn il-ġeneri), 3 (dwar opportunitajiet indaqs), 11 (dwar kura tat-tfal u appoġġ għat-tfal), 12 (dwar protezzjoni soċjali), 14 (dwar introjtu minimu), 15 (dwar introjtu u pensjoni tax-xjuħija), 16 (dwar kura tas-saħħa), 17 (dwar inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà), 18 (dwar kura fit-tul), 19 (dwar akkomodazzjoni u għajnuna għall-persuni mingħajr dar) u 20 (dwar aċċess għal servizzi essenzjali) tal-Pilastru. It-Taqsima 2.4.1 tipprovdi analiżi tal-indikaturi ewlenin, filwaqt li t-Taqsima 2.4.2 tirrapporta dwar miżuri ta' politika mill-Istati Membri fil-qasam tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u tal-inklużjoni soċjali.

2.4.1 Indikaturi ewlenin

Minkejja l-kriżi tal-COVID-19, l-introjti gross disponibbli tal-unitajiet domestiċi (GDHI) per capita baqgħu ġeneralment stabbli b'mod kumplessiv bħala medja fl-Istati Membri kollha fl-2020. L-akbar żieda kienet osservata bil-bosta fil-Litwanja, segwita mill-Irlanda u mill-Polonja (10,2, 5,7 u 4,9 pp, rispettivament) – ara l-Illustrazzjoni 2.4.1. Spanja rat l-akbar tnaqqis, segwita minn Ċipru, minn Malta u mill-Italja (-5,4 pp, -3,2 pp, -2,3 pp u -2,1 pp, rispettivament). Minkejja dan, il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE urew varjazzjonijiet ħafna iżgħar. Kif diskuss fit-taqsima 2.1.1, id-differenzi bejn l-Istati Membri fuq din il-metrika jirriflettu, fost l-oħrajn, id-differenzi settorjali fl-impatt tal-kriżi tal-COVID-19, kif ukoll l-ambitu differenti tal-iskemi ta' appoġġ għall-introjtu u l-funzjonament tal-istabbilizzaturi awtomatiċi. F'xi Stati Membri, l-introjtu disponibbli gross reali per capita għadu taħt il-valuri osservati fl-2008, u jindika li dawn huma "sitwazzjonijiet li jridu jiġu ssorveljati" (l-Awstrija[225]) jew "sitwazzjonijiet kritiċi" (il-Greċja, l-Italja, Spanja u Ċipru).

[225] Il-Belġju huwa wkoll "sitwazzjonijiet li jridu jiġu ssorveljati", iżda bil-GDHI per capita ogħla mil-livell tal-2008.

Illustrazzjoni 2.4.1: Minkejja l-kriżi tal-COVID-19, l-introjti gross disponibbli tal-unitajiet domestiċi (GDHI) per capita baqgħu ġeneralment stabbli b'mod kumplessiv fl-Istati Membri kollha fl-2020

It-tkabbir reali gross disponibbli fl-introjtu tal-unitajiet domestiċi per capita (2008=100) fl-2020 u bidla mis-sena ta' qabel (indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)



Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Ma hemmx *data* disponibbli għal BG, EE, FR u RO.
Sors: Eurostat, [tepsr_wc310].

Is-sehem ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) baqa' ġeneralment stabbli jew naqas fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fl-2020, iżda għad hemm differenzi sinifikanti. Fil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-Kummissjoni stabbiliet it-tnaqqas tan-numru ta' persuni fl-AROPE bi 15-il miljun bħala mira ewlenija għall-2030. Fl-2020, ir-Rumanija, il-Bulgarija, il-Greċja u Spanja kellhom l-ogħla rati ta' AROPE (b'35,8 %, bi 33,6 %, b'27,5 % u b'27 %), filwaqt li ċ-Ċekja, is-Slovakkja, is-Slovenja u n-Netherlands kellhom l-anqas (bi 11,5 %, bi 13,8 %, b'14,3 % u bi 15,8 %). Fost il-pajjiżi b'livelli għoljin, ir-Rumanija rreġistrat tnaqqis żgħir (ta' 0,5 pp) għal 35,8 %, filwaqt li l-Bulgarija u Spanja rreġistraw żieda żgħira (0,4 pp u 0,8 pp, rispettivament), iżda s-sitwazzjoni għadha "kritika" fihom kollha, skont il-metodoloġija tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali. Il-Litwanja u l-Ġermanja huma pajjiżi b'"sitwazzjonijiet li jridu jiġu ssorveljati" (ara l-Illustrazzjoni 2.4.2), iżda wieħed għandu jinnota għal dawn tal-aħħar interruzzjoni serja fis-serje minħabba bidla kbira fil-ġbir tad-*data*[226]. L-akbar tnaqqis

[226] Mill-2020 'il quddiem, il-Ġermanja tibgħat *data* dwar l-indikatur tal-AROPE lill-EU-SILC minn sttħarriġ (il-"Mikrozensus") li huwa differenti minn dak preċedenti, sabiex ittejjeb il-kwalità tad-*data* sottostanti wara l-bidla fl-indikatur tal-AROPE fl-2021. Din il-bidla enfasizzat ukoll li l-AROPE kienet issottovalutata meta mkejla bil-

fir-rata tal-AROPE ġie rrapportat fil-Latvja (1,6 pp għal 25,1 %), li kompliet xejra ta' tnaqqis tal-passat minn livell li għadu għoli. Fost dawk bl-aktar rati baxxi ta' AROPE, is-Slovakkja kompliet titjieb, b'1,1 pp għal 13,8 %, filwaqt li ċ-Ċekja tjiebet b'0,6 pp għal 11,5 %. Id-differenzi fir-rati ta' AROPE huma kbar madwar ir-reġjuni Ewropej, b'firxa usa' minn dik bejn l-Istati Membri. Dawn id-disparitajiet jistgħu jidhru fi Stat Membru wieħed, bħal Spanja u l-Italja – ara l-Illustrazzjoni 8 fl-Anness 3.

Illustrazzjoni 2.4.2: Is-sehem ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali baqa'' stabbli jew naqas fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri iżda għad hemm differenzi kbar

Is-sehem tal-popolazzjoni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (%), il-livelli tal-2020 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)



Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Ma hemmx *data* disponibbli għal IE u IT u d-*data* hija proviżorja għal FR, LV, NL, PL u SK. Interruzzjoni fis-serje għal BE, DE u LU. Mill-2020 'il quddiem, il-Ġermanja tibgħat *data* dwar l-indikatur tal-AROPE lill-EU-SILC minn sħarriġ (il-"Mikrozensus") li huwa differenti minn dak ta' qabel. B'riżultat ta' dan, id-*data* minn snin differenti ma għadhiex komparabbli. L-indikatur ewlieni għandu definizzjoni li tvarja xi ftit minn dik tal-predeċessur tiegħu [ilc_peps01] wara r-reviżjonijiet tiegħu fl-2021.[227]

---

metodoloġija preċedenti u dan jikkostitwixxi interruzzjoni fis-serje kronoloġika tad-*data*. B'riżultat ta' dan, id-*data* minn snin differenti ma għadhiex komparabbli. Fl-2020, ir-rata Ġermaniża tal-AROPE tgħaddi minn 17,3 % irreġistrata fl-2019 għal 22,5 % tal-2020, hekk kif iggwadanjat 5,2 pp. Din iż-żieda għandha titqies bħala moviment statistiku minħabba t-titjib tas-sors tad-*data*.

[227] Dan huwa dovut għar-"rata ta' deprivazzjoni materjali u soċjali estrema" li ħadet post il-komponent tar-"rata ta' deprivazzjoni materjali estrema" preċedenti. Ara d-dettalji fuq is-sit web relatat tal-Eurostat. Barra minn

Sors: Eurostat, [tepsr_lm410].

L-interventi rapidi tal-gvernijiet għenu sabiex jittaffa l-impatt tal-pandemija fuq ir-riskji tal-faqar ta' introjtu, fuq id-deprivazzjoni materjali u soċjali estrema, u fuq is-sehem ta' persuni li jgħixu f'familji kważi mingħajr impjieg. L-indikatur tar-rata tar-riskju tal-faqar (AROP) għall-2020 (ibbażat fuq l-EU-SILC, u li jirreferi għal-livelli ta' introjtu fl-2019) baqa' pjuttost stabbli għall-Istati Membri kollha (ara l-panel ta' fuq tal-Illustrazzjoni 2.4.3). Skont l-istimi rapidi tal-Eurostat (li jirreferu għall-introjti tal-2020)[228], iż-żieda tiegħu kienet tal-anqas f'nofs l-Istati Membri meta mqabblin mal-2019 (u naqas bi ftit fl-Estonja, fil-Litwanja, fil-Finlandja, fir-Rumanija u fiċ-Ċekja). Madankollu, hija stmata żieda żgħira għall-Greċja, għal Spanja, għall-Kroazja, għas-Slovenja u sa ċertu punt anqas l-Italja. Ir-rata ta' deprivazzjoni materjali u soċjali estrema[229] baqgħet ġeneralment stabbli fl-2020, għalkemm bi ftit konverġenza. Filwaqt li ftit pajjiżi (il-Litwanja, is-Slovakkja, il-Polonja u l-Greċja) irreġistraw tnaqqis limitat, oħrajn raw stabbiltà jew żidiet żgħar (Spanja, il-Bulgarija u r-Rumanija). Is-sehem ta' persuni li jgħixu f'familji kważi mingħajr impjieg[230] baqa' stabbli wkoll, u li jirrifletti l-isforzi ta' politika li saru sabiex jitrażżan it-telf ta' impjiegi. Eċċezzjonijiet pożittivi notevoli huma s-Slovakkja u l-Portugall (bi tnaqqis ta' 2 u 1,2 pp, rispettivament), filwaqt li ġew osservati żidiet fi Franza (b'1,7).

hekk, l-indikatur "Nies li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna" nbidel mill-grupp ta' età ta' 0-59 għal ta' 0-64 mill-2019 għall-2020.

[228] Ippubblikati f'Lulju 2021, disponibbli fuq is-sit web tal-Eurostat. Aċċessat fis-16 ta' Settembru 2021. Huma diskussi biss bidliet statistikament sinifikanti. L-istimi ma humiex disponibbli għal Malta u hemm interruzzjonijiet niqsin għal Franza u għar-Rumanija.

[229] L-indikatur tar-"rata ta' deprivazzjoni materjali u soċjali estrema" jissostitwixxi l-indikatur tar-"rata ta' deprivazzjoni materjali estrema" bħala komponent tar-rata tal-AROPE, filwaqt li jiġi introdott sett estiż ta' oġġetti ta' deprivazzjoni – ara s-sett il-ġdid ta' oġġetti fuq il-Paġna tal-Glossarju relatata tal-Eurostat u aktar dettalji fin-nota lis-Sottogrupp ta' Indikaturi tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali.

[230] Unitajiet domestiċi li fihom l-adulti (dawk ta' 18-64 sena, iżda esklużi studenti ta' ta' 18-24 sena u persuni rtirati skont l-istatus ekonomiku kurrenti awtodefinit tagħhom jew li jirċievu kwalunkwe pensjoni (ħlief pensjoni tas-superstiti), kif ukoll persuni fil-grupp ta' età ta' 60-64 sena li huma inattivi u li jgħixu f'unità domestika fejn l-introjtu ewlieni ġej minn pensjonijiet) ħadmu anqas minn 20 % tal-potenzjal totali kkombinat tagħhom ta' ħin tax-xogħol matul it-12-il xahar preċedenti.

Illustrazzjoni 2.4.3: It-titjib mill-2015 fil-komponenti tal-AROPE ġie sostnut ukoll matul il-kriżi għal kważi l-Istati Membri kollha bis-saħħa tal-interventi ta' politika ppromulgati

Komponenti tal-indikatur ewlieni tar-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (%, 2015, 2019, 2020)



Nota: L-indikaturi huma kklassifikati skont ir-rati tal-AROPE fl-2020. Ma hemmx *data* disponibbli għal IE u IT. L-indikatur tar-"rata ta' deprivazzjoni materjali *u soċjali* estrema" ħa post il-komponent tar-"rata ta' deprivazzjoni materjali estrema" preċedenti. L-indikatur "Nies li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna" nbidel mill-grupp ta' età ta' 0-59 għal ta' 0-64 mill-2019 għall-2020. Mill-2020 'il quddiem, il-Ġermanja tibgħat *data* dwar l-indikatur tal-AROPE u l-komponenti tiegħu lill-EU-SILC minn stħarriġ (il-"Mikrozensus") li huwa differenti minn dak ta' qabel. B'riżultat ta' dan, id-*data* minn snin differenti ma għadhiex komparabbli.

Sors: Eurostat, [tessi010, tepsr_lm420, tepsr_lm430].

Ir-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali għat-tfal (0-17) baqgħet ġeneralment stabbli bħala medja fl-2020, b'varjazzjonijiet li għadhom kbar bejn il-pajjiżi. Kemm id-*data* tal-istħarriġ kif ukoll l-istimi rapidi tal-Eurostat jindikaw li r-rata tal-AROPE għat-tfal u l-komponenti tagħha kienu relattivament stabbli fl-2020. Bejn l-2019 u l-2020, l-AROPE għat-tfal naqset b'aktar minn 0,5 pp fi 11-il Stat Membru, bl-aktar tnaqqis notevoli rreġistrat fis-Slovakkja, fl-Iżvezja u fil-Litwanja (b'madwar 3 pp). Min-naħa l-oħra, żdiedet f'għaxar Stati Membri, bl-akbar żidiet fil-Ġermanja, fl-Awstrija u fir-Rumanija (9,7 pp, 1,8 pp u 1,5 pp, rispettivament; għall-Ġermanja, iż-żieda hija relatata mal-interruzzjoni diġà msemmija fis-serje). Ir-Rumanija, il-Greċja, Spanja u l-Bulgarija huma indikati bħala li jinsabu f'"sitwazzjonijiet kritiċi" fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali. Barra minn hekk, ir-Rumanija, l-Awstrija u Spanja jirreġistraw livelli ta' faqar li huma ogħla b'mod sinifikanti għat-tfal milli għall-popolazzjoni ġenerali (b'5,7, b'5,2 u b'4,8 pp rispettivament). It-tfal li jikbru fil-faqar jew fl-esklużjoni soċjali huma anqas probabbli li jmorru tajjeb fl-iskola, igawdu saħħa tajba u jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom aktar tard fil-ħajja. Kif enfasizzat mill-

qafas ta' valutazzjoni komparattiva dwar il-kura tat-tfal u l-appoġġ għat-tfal, ir-rata ta' faqar persistenti għadha ogħla fost it-tfal milli fil-bqija tal-popolazzjoni u l-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq il-faqar fost it-tfal huwa ferm aktar baxx mill-medja tal-UE f'xi Stati Membri (bħal Spanja, ir-Rumanija, Malta, l-Italja, il-Bulgarija u l-Portugall). F'xi Stati Membri, ir-rata ta' AROPE għat-tfal imrobbija minn ġenitur wieħed jew f'familji b'aktar minn 3 itfal jew bi sfond ta' migrazzjoni jew Rom huwa sa tliet darbiet ogħla minn dak ta' tfal oħrajn.

Illustrazzjoni 2.4.4: Is-sehem tat-tfal f'riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali baqa' ġeneralment kostanti iżda b'varjazzjoni kbira madwar il-pajjiżi tal-UE
Is-sehem tal-popolazzjoni (persuni ta' 17-il sena jew anqas) fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (%), il-livelli tal-2020 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)



Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Ma hemmx *data* disponibbli għal IE u IT u d-*data* hija proviżorja għal FR, NL, PL u SK. Interruzzjoni fis-serje għal BE, DE u LU. Mill-2020 'il quddiem, il-Ġermanja tibgħat *data* dwar l-indikatur tal-AROPE lill-EU-SILC minn sħarriġ (il-"Mikrozensus") li huwa differenti minn dak ta' qabel. B'riżultat ta' dan, id-*data* minn snin differenti ma għadhiex komparabbli.
Sors: Eurostat, [tepsr_lm412].

Kaxxa 4 tal-Pilastru: **Il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u l-għoti ta' appoġġ lit-tfal**

Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jistabbilixxi numru ta' prinċipji rilevanti għall-benesseri u għall-iżvilupp tat-tfal. Il-Prinċipju 11 (kura tat-tfal u appoġġ għat-tfal) jiddikjara li t-tfal għandhom id-dritt għal edukazzjoni bikrija affordabbli u għal kura ta' kwalità tajba, kif ukoll għall-protezzjoni mill-faqar. It-tfal li ġejjin minn sfondi żvantaġġati għandhom id-dritt għal miżuri speċifiċi sabiex jissaħħu l-opportunitajiet indaqs. Il-Prinċipju 1 (edukazzjoni, taħriġ u tagħlim tul il-ħajja)

jafferma d-dritt għal edukazzjoni ta' kwalità u inklużiva, u l-Prinċipju 3 (opportunitajiet indaqs) għal trattament u għal opportunitajiet indaqs fir-rigward tal-protezzjoni soċjali, tal-edukazzjoni, u tal-aċċess għall-oġġetti u għas-servizzi disponibbli għall-pubbliku.

Madankollu, in-numru ta' tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali fl-UE għadu għoli. Fl-2019, 19,6-il miljun tifel u tifla (24,2 %) fl-UE kienu f'din is-sitwazzjoni. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, it-tfal huma aktar esposti għall-faqar mill-popolazzjoni adulta (ara ċ-ċart). Il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ppropona li n-numru ta' tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali jitnaqqas b'tal-anqas 5 miljuni sal-2030.

Is-sehem tat-tfal (0-17) fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) meta mqabblin mal-adulti (18+), (%, 2020)



Nota: Ma hemmx *data* disponibbli għal IE u IT.
Sors: Indikatur tal-Eurostat [ilc_peps01n].

L-edukazzjoni u l-kura bikrija ta' kwalità tat-tfal huma ta' importanza partikolari sabiex jitnaqqas id-distakk fil-livell edukattiv milħuq tul il-ħajja tat-tfal minn sfondi żvantaġġati u sabiex il-ġenituri tagħhom ikunu jistgħu jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol, u b'hekk jiżdiedu l-introjti tal-unitajiet domestiċi. Bħala medja, fl-UE, 35,3 % tat-tfal taħt it-3 snin u 89,6 % tat-tfal ta' bejn it-3 snin u l-età minima obbligatorja għall-iskola ġew irreġistrati fl-indukrar istituzzjonali tat-tfal fl-2019. Madankollu, f'xi Stati Membri, iċ-ċifri rispettivi kienu anqas minn 10 % u minn 60 % għal dawn iż-żewġ gruppi, rispettivament (ara l-Kapitolu 2.2.1).

Ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 stabbiliet Garanzija Ewropea għat-tfal sabiex tipprevjeni u tiġġieled l-esklużjoni soċjali tat-tfal billi tiggarantixxi l-aċċess għal sett ta' servizzi ewlenin. Tappella lill-Istati Membri sabiex jipprovdu lit-tfal AROPE b'aċċess liberu u effettiv għall-kura tas-saħħa, għall-edukazzjoni għall-kura bikrija tat-tfal (ara t-taqsima 2.2.1), għall-edukazzjoni u għall-attivitajiet ibbażati fl-iskola, u tal-anqas ikla sustanzjuża waħda kull jum li jqattgħu l-iskola, kif ukoll aċċess effettiv għal nutrizzjoni tajba għas-saħħa u għal akkomodazzjoni adegwata. Il-Garanzija Ewropea għat-Tfal hija element ewlieni ta' Strateġija komprensiva tal-UE dwar

id-Drittijiet tat-Tfal.[231] Sal-15 ta' Marzu 2022, l-Istati Membri se jippreżentaw lill-Kummissjoni l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tagħhom dwar kif għandha tiġi implimentata r-rakkomandazzjoni, li jkopru l-perjodu sal-2030. Ir-rakkomandazzjoni tipprevedi proċessi b'saħħithom ta' governanza u ta' monitoraġġ, inklużi rapporti biennali mill-Istati Membri u rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill ħames snin wara l-adozzjoni tagħha. F'Ottubru 2021, ġie miftiehem qafas ta' parametraġġ referenzjarju mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali fil-qasam tal-indukrar tat-tfal u tal-appoġġ għat-tfal, li jidentifika l-eżitu u l-indikaturi tal-prestazzjoni kif ukoll firxa ta' informazzjoni kuntestwali – ara t-taqsima 1.4 għad-dettalji.

Il-Fażi III tal-azzjoni preparatorja għall-Garanzija għat-Tfal irriżultat f'interventi ta' politika pilota mill-UNICEF f'erba' Stati Membri. Fil-**Bulgarija**, bħala parti mill-programm ta' żjarat fid-djar, aktar minn 2 600 familja bi tfal żgħar irċivew appoġġ bejn Ottubru 2020 u Lulju 2021. L-għan kien li tiġi żgurata t-trawwim tal-kura għat-tfal taħt it-3 snin u għan-nisa tqal. Il-persunal li żar id-djar tħarreġ dwar l-iżvilupp bikri tat-tfal u l-involviment tal-missirijiet. Fil-**Greċja**, konsultazzjoni ma' diversi partijiet ikkonċernati, inklużi t-tfal, ikkontribwiet għall-iżvilupp tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar ir-riforma tal-indukrar tat-tfal. Fir-reġjun ta' Attika, proġett pilota se jappoġġa lit-tfal f'ħames istituzzjonijiet sabiex jiġu integrati mill-ġdid mal-familji tat-twelid tagħhom jew sabiex jitqiegħdu f'servizzi alternattivi ta' kura f'familja u bbażata fil-komunità. Fl-**Italja**, 13-il Kamp diġitalizzat tal-Innovazzjoni u tal-Kreattività ġew implimentati online fl-iskejjel sekondarji tat-tieni livell, li jinvolvu aktar minn 1 400 student. Fil-**Kroazja**, ċentru tal-assistenza soċjali rċieva appoġġ sabiex jestendi l-programm ta' appoġġ għall-ġenituri tiegħu, li laħaq lil aktar minn 100 benefiċjarju.

Il-gravità tal-faqar żdiedet bi ftit fl-2019 meta mqabbla mal-2018. L-ispariġġ tal-faqar[232] ma tjiebx u xi drabi saħansitra żdied bi ftit (SILC 2020). L-ispariġġ kien l-akbar (aktar minn 25 %) fl-Ungerija, fir-Rumanija, fil-Ġermanja, fi Spanja, fil-Latvja, fil-Bulgarija, fil-Kroazja u fil-Greċja. Fl-Ungerija, żdied għat-tieni sena konsekuttiva u b'mod sinifikanti (7,4 pp). Ġew irreġistrati żidiet ukoll f'pajjiżi b'livelli aktar baxxi mill-medja (fi Franza b'5 pp; fil-Portugall b'2 pp). Fi Stati Membri oħrajn, baqa' ġeneralment stabbli, minkejja t-titjib kumplessiv fis-sitwazzjoni soċjoekonomika qabel il-pandemija (ħlief għal-Lussemburgu u għal-Litwanja bi tnaqqis ta' 6,9 pp u ta' 2,8 pp rispettivament). Il-faqar huwa aktar gravi fost in-nies li jgħixu f'familji kważi mingħajr impjieg[233], b'madwar 40 % fl-UE fl-2019 għall-popolazzjoni ta' bejn 18 u 64 sena. Għal dan il-grupp, ir-Rumanija, l-Italja, il-Bulgarija, il-Latvja u s-Slovakkja jirreġistraw l-akbar spariġġi tal-faqar (kollha 'l fuq minn 50 %), b'xi deterjorament fil-biċċa l-kbira tagħhom. L-indikatur huwa anqas minn 20 % fin-Netherlands, fil-Finlandja u fl-Irlanda. L-akbar żieda hija osservata fl-Ungerija (+14,9-il pp). Rati għoljin jindikaw sfidi bl-adegwatezza u bil-kopertura tal-benefiċċji.

---

[231] Adottata fl-24 ta' Marzu 2021, disponibbli online. Minbarra l-aspett tal-inklużjoni soċjoekonomika, tas-saħħa u tal-edukazzjoni, li huwa kopert mill-Garanzija Ewropea għat-Tfal, l-Istrateġija għandha ħames oqsma tematiċi oħrajn: il-parteċipazzjoni tat-tfal fil-ħajja politika u demokratika; il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq it-tfal u l-iżgurar tal-protezzjoni tat-tfal, il-ġustizzja li taħdem għat-tfal, is-soċjetà diġitali u tal-informazzjoni, u d-dimensjoni globali.

[232] Dak jirrappreżenta d-distanza tal-introjtu medjan ta' persuni fir-riskju tal-faqar mis-soll tal-faqar. Eurostat, indikatur[ilc_li11]. Grupp ta' età: Total. L-indikatur juża informazzjoni dwar l-introjtu mis-sena preċedenti, u għalhekk il-valuri tal-2020 jiddeskrivu s-sitwazzjoni fl-2019.

[233] L-indikatur huwa kkalkolat mill-Eurostat (mhux ippubblikat) bħala d-distanza bejn l-introjtu nett totali ekwivalizzat medjan tal-persuni - li l-introjtu disponibbli ekwivalizzat huwa taħt il-limitu tar-riskju ta' faqar u li qed jgħixu f'unità domestika b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna - u l-limitu tar-riskju ta' faqar innifsu, espress bħala perċentwal tal-limitu tar-riskju ta' faqar. Dan il-limitu huwa stabbilit għal 60 % tal-introjtu disponibbli ekwivalizzat medjan nazzjonali tal-persuni kollha f'pajjiż u mhux għall-UE kollha kemm hi.

Il-persuni b'diżabbiltà, speċjalment in-nisa u dawk fl-età lavorattiva, kienu ferm aktar probabbli li jkunu AROPE fl-2020. Fl-UE, 28,9 % tal-persuni b'diżabbiltà ffaċċjaw riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali meta mqabblin ma' 19 % ta' dawk mingħajr fl-2020, hekk kif irreġistraw żieda minn 28,4 % fl-2019[234]. Ir-rata kienet l-ogħla fil-Bulgarija (52,3 %), fl-Estonja (40,4 %), fil-Latvja (39,3 %), fil-Litwanja (38,7 %), fil-Kroazja (38,2 %) u l-anqas fis-Slovakkja, fid-Danimarka, fil-Finlandja u fl-Awstrija (bejn 20,3 % u 22,3 %). Fost il-persuni b'diżabbiltà, in-nisa huma aktar f'riskju (29,9 %, meta mqabblin ma' 27,7 % tal-irġiel), kif inhuma l-persuni ta' 16-64 sena (34,3 %, meta mqabblin ma' 23,2 % għal dawk ta' aktar minn 65 sena). Il-kriżi tal-COVID-19 kellha impatt sproporzjonat fuq il-persuni b'diżabbiltà u aggravat ir-riskji tal-esklużjoni preeżistenti[235], b'mod partikolari f'termini ta' aċċess għall-kura tas-saħħa, għall-edukazzjoni, għall-impjiegi u għas-servizzi ta' appoġġ online, b'mod partikolari għal persuni li jgħixu fl-istituzzjonijiet[236].

Is-sehem ta' persuni bi sfond ta' migrazzjoni u tar-Rom li qed jiffaċċjaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali huwa sostanzjalment ogħla mill-medja. Ir-rati tal-AROPE għal persuni li ma twildux fl-UE kienu ħafna ogħla (madwar id-doppju) fl-2020 meta mqabblin ma' dawk tan-nattivi[237] fl-Istati Membri bl-ogħla livelli (53 % vs 26,9 % fil-Greċja, 52,6 % vs 21,3 % fi Spanja, 45,2 % vs 20,4 % fil-Ġermanja, u 44,6 % vs 15 % fil-Belġju). Bejn 72 % u 80 % tar-Rom madwar l-UE jgħixu b'introjtu taħt il-limitu nazzjonali rispettiv tar-riskju ta' faqar - sitwazzjoni li marret għall-agħar minħabba t-telf ta' impjiegi fil-pandemija. Is-sitwazzjoni hija saħansitra agħar għat-tfal Rom.[238]

Il-faqar enerġetiku kompla jonqos madwar l-UE kollha, iżda s-sitwazzjoni għadha kritika għal persuni taħt is-soll tal-faqar. Is-sehem ta' persuni li ma jistgħux iżommu djarhom sħan b'mod adegwat laħaq it-8,2 % fl-2020[239]. Għall-persuni b'introjtu taħt is-soll tal-faqar, dan is-sehem laħaq l-20,1 % fl-2020, b'kuntrast qawwi ma' 5,8 % biss tal-persuni 'l fuq mis-soll. L-affordabbiltà hija problema b'mod partikolari f'xi Stati Membri fl-Ewropa tan-Nofsinhar u tal-Lvant, b'mod partikolari fil-Bulgarija, fil-Litwanja, f'Ċipru, fil-Portugall u fil-Greċja. Prezzijiet ogħla tal-enerġija jinvolvu riskju ta' żieda fil-faqar enerġetiku. Fit-13 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar *L-indirizzar taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija*[240], li fiha ġie ppreżentat sett ta' għodod sabiex jiġi indirizzat l-impatt immedjat taż-żidiet (kurrenti) f'daqqa fil-prezzijiet, u sabiex tissaħħaħ aktar ir-reżiljenza kontra xokkijiet futuri. Kif imħabbar fil-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", u bil-ħsieb li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika, il-Kummissjoni beħsiebha tressaq proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill sa tmiem l-2021 sabiex tipprovdi aktar gwida lill-Istati Membri dwar kif għandhom jindirizzaw l-aspetti soċjali u tax-xogħol tat-tranżizzjoni

[234] Indikatur tal-Eurostat [hlth_dpe010], ibbażat fuq l-EU-SILC, li jkopri persuni li għandhom 16-il sena u aktar. Fuq il-bażi tal-kunċett tal-indikatur tal-limitazzjoni fl-attività globali (GALI), in-nies jitqiesu li għandhom diżabbiltà jekk ikollhom xi limitazzjoni fl-attività jew limitazzjonijiet fl-attività severi.
[235] Il-Kummissjoni Ewropea, *Employment and Social Developments in Europe 2021*, Ġunju 2021
[236] L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, *Policy Brief: A Disability-Inclusive Response to COVID-19*, Mejju 2020
[237] Kif muri mill-indikaturi tal-Eurostat [ilc_peps06], [ilc_li33] and [ilc_iw16], AROPE, AROP u AROP fost dawk li jaħdmu.
[238] Ara d-dettalji u r-referenzi f'SWD(2020) 530 final.
[239] Skont l-indikatur tal-Eurostat [ilc_mdes01]. Nota: interruzzjoni fis-serje hija indikata għall-medja tal-UE u wkoll għall-Belġju, għall-Ġermanja u għal-Lussemburgu fl-2020.
[240] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "L-indirizzar taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija: sett ta' għodod għall-azzjoni u l-appoġġ", COM/2021/660 final

ekoloġika[241]. It-tibdil fil-prezzijiet tal-enerġija u l-effetti distribuzzjonali tagħhom jeħtieġ li jiġu mmonitorjati bir-reqqa, bil-ħtieġa li eventwalment jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' kumpens.

L-inugwaljanza fl-introjtu kienet stabbli jew saħansitra naqset fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri qabel il-kriżi tal-COVID-19. Id-*data* tal-istħarriġ tindika li fl-UE s-sehem tal-introjtu tal-ogħla 20 % tad-distribuzzjoni tal-introjtu kien, bħala medja, kważi ħames darbiet is-sehem tal-anqas 20 % fl-2019 (is-sena referenzjarja tal-introjtu tal-indikatur) – ara l-Illustrazzjoni 2.4.5. L-aktar tnaqqis evidenti fl-inugwaljanza fl-introjtu ġie osservat qabel il-pandemija fir-Rumanija, fil-Lussemburgu, fis-Slovakkja, fil-Polonja, fil-Litwanja, Ċipru u l-Latvja. Ġew innutati żidiet partikolarment qawwijin fl-inugwaljanza kumplessiva f'Malta, fi Franza u fil-Ġermanja (din tal-aħħar madankollu hija relatata ma' interruzzjoni fis-serje). Il-Ġermanja, il-Bulgarija, il-Latvja u l-Litwanja jinsabu f'"sitwazzjonijiet kritiċi" minħabba li jirreġistraw kemm livelli għoljin kif ukoll żidiet jew tnaqqis komparattivament żgħir fl-inugwaljanza. Id-disparitajiet reġjonali huma kbar fir-reġjuni Ewropej u, bħal fil-każ tar-rati tal-AROPE, jistgħu jkunu wisgħin fi ħdan Stat Membru wieħed – ara l-Illustrazzjoni 4 fl-Anness 3. Kif diskuss fil-Kapitolu 1, l-istimi rapidi tal-Eurostat juru li, fl-2020, il-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu (S80/S20) għall-UE kollha kemm hi baqa' stabbli[242], għalkemm l-introjtu (tas-suq) mill-impjieg huwa stmat li naqas b'10 % għall-ewwel kwintil tal-introjtu u b'2 % għall-ħames kwintil. L-appoġġ pubbliku stabbilit, inkluż permezz ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u skemi oħrajn ta' żamma tal-impjiegi (ara l-Kapitolu 2.1.1), kif ukoll tal-funzjonament tal-istabbilizzaturi awtomatiċi permezz tas-sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji kellhom rwol importanti fil-kisba ta' dan ir-riżultat. F'ħafna każijiet dawn il-mekkaniżmi ssaħħew sabiex itaffu l-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19, b'mod partikolari għal gruppi vulnerabbli. B'riżultat ta' dan, l-impatt f'termini ta' introjtu disponibbli huwa stmat li huwa kważi l-istess fid-distribuzzjoni kollha tal-introjtu, b'żieda stmata ta' 2 % fl-introjti disponibbli għall-ewwel kwintil għal madwar l-ebda bidla għall-ħames kwintil.

[241] L-inizjattiva tħabbret fil-Komunikazzjoni Cheapeau "Lesti għall-mira ta' 55 %" (COM/2021/550 final) u fil-premessa 18 tal-proposta għall-istabbiliment ta' Fond Soċjali għall-Klima (COM/2021/568 final)
[242] Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, il-bidla stmata ma tidhirx li hija statistikament sinifikanti.

Illustrazzjoni 2.4.5: L-inugwaljanza fl-introjtu naqset jew baqgħet stabbli fil-maġġoranza tal-Istati Membri bis-saħħa ta' appoġġ pubbliku enormi u tal-funzjonament tal-istabbilizzaturi awtomatiċi

Il-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu (S80/S20), il-livelli tal-2020 u t-tibdil mis-sena preċedenti (indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)



Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Ma hemmx *data* disponibbli għal IE u IT u d-*data* hija proviżorja għal FR, LV, NL, PL, SK. Interruzzjoni fis-serje għal BE, DK, DE u LU. Mill-2020 'il quddiem, il-Ġermanja tibgħat *data* dwar l-indikatur lill-EU-SILC minn stharriġ (il-"Mikrozensus") li huwa differenti minn dak ta' qabel. B'riżultat ta' dan, id-*data* minn snin differenti ma għadhiex komparabbli.
Sors: Eurostat, [tessi180].

Il-forma tal-inugwaljanzi fl-introjtu fuq id-distribuzzjoni tal-introjtu tvarja ħafna madwar l-Istati Membri tal-UE. Matul l-aħħar deċennju, iż-żidiet fl-inugwaljanzi kienu essenzjalment xprunati bħala medja minn żidiet fit-tarf l-aktar baxx tad-distribuzzjoni tal-introjtu (ara l-JER 2021). L-Istati Membri li jesperjenzaw inugwaljanza kumplessiva ogħla fl-introjtu (S80/S20) mill-medja tal-UE ġeneralment juru wkoll inugwaljanzi ogħla fil-limiti inferjuri u superjuri tad-distribuzzjoni tal-introjtu, kif indikat mill-proporzjonijiet rispettivi tad-distribuzzjoni kwintili (S50/S20 u S80/S50) – ara l-Illustrazzjoni 2.4.6. Madankollu, dan huwa aktar evidenti fil-limitu inferjuri (S50/S20) bħal fil-każijiet tar-Rumanija, tal-Latvja, tal-Ġermanja, tal-Italja u ta' Spanja. Inugwaljanza ogħla fil-limitu inferjuri tixpruna wkoll l-inugwaljanza kumplessiva f'pajjiżi taħt il-medja tal-UE, bħall-Kroazja, l-Estonja, is-Slovakkja u l-Iżvezja. Fi Stati Membri oħrajn (il-Bulgarija, Ċipru, l-Irlanda, il-Litwanja, Malta, u l-Portugall), l-inugwaljanza ġenerali tirriżulta relattivament aktar minn inugwaljanza ogħla ta' S80/S50.

Illustrazzjoni 2.4.6. Il-forma tal-inugwaljanzi fl-introjtu fuq id-distribuzzjoni tal-introjtu tvarja b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri
Proporzjonijiet tad-distribuzzjoni kwintili S80/S20, S80/S50 u S50/S20 (2020)



Nota: Ma hemmx *data* disponibbli għal IE u IT għall-2020, jintużaw il-valuri tal-2019.
Sors: Eurostat [tessi180], [ilc_di11d], [ilc_di11e]

Stimi bikrija tan-nefqa fuq il-protezzjoni soċjali fl-2020 għal 19-il Stat Membru[243] jindikaw livelli mingħajr preċedent u żidiet kbar meta mqabblin mal-2019. B'mod kumplessiv, in-nefqa fuq il-protezzjoni soċjali żdiedet b'EUR 234 biljun (aktar minn 8 %) matul l-2019. Iż-żidiet fl-Istati Membri jvarjaw minn 3 % fil-Polonja u fil-Kroazja għal aktar minn 20 % fl-Irlanda u f'Malta. Matul l-2019-20, iż-żidiet kienu xprunati l-aktar minn infiq akbar fuq il-benefiċċji tal-qgħad, inklużi l-benefiċċji mħallsin taħt skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar (EUR +101 biljun, jew +75 %). Ġew osservati żidiet ukoll fl-ispejjeż relatati mal-esklużjoni soċjali (+14 %), mal-akkomodazzjoni (+7 %), mal-benefiċċji relatati mal-familja/mat-tfal (+6 %), mal-mard/mal-kura tas-saħħa (+ 5 %), u mal-benefiċċji tal-età (+3 %). F'termini relattivi, fost id-19-il Stat Membru li rrapportaw, ġew osservati żidiet ta' aktar minn 100 % fl-infiq fuq il-benefiċċji tal-qgħad fl-Awstrija, fiċ-Ċekja, fil-Portugall, fl-Irlanda, fl-Estonja u f'Malta. In-nefqiet fuq il-mard/il-kura tas-saħħa żdiedu b'aktar minn 10 % fil-Belġju, fil-Bulgarija, fiċ-Ċekja, fid-Danimarka, fl-Irlanda, fil-Latvja, fl-Ungerija, f'Malta u fil-Portugall. In-nefqiet fuq il-protezzjoni soċjali żdiedu bil-qawwa bħala sehem tal-PDG, minn 27,6 % fl-2019 għal 31,2 % fl-2020 (+3,6 pp), parzjalment ukoll bħala riżultat tat-tnaqqis fil-livell kumplessiv tal-PDG fl-2020.

[243] Sors: Eurostat, Stimi bikrija - Il-protezzjoni soċjali - Eurostat (europa.eu) li jkopru BE, BG, CZ, DE, DK, EE, IE, FR, HR, IT, LV, LT, HU, MT, AT, PL, PT, SI u SE. B'kollox, dawn id-19-il Stat Membru kienu jirrappreżentaw madwar 79 % tal-PDG tal-EU-27 fl-2019 (u 81 % tan-nefqiet fuq il-protezzjoni soċjali).

L-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar ilu stabbli fl-EU-27 mill-2015 iżda wera diverġenza bejn l-Istati Membri. Bħala medja, fl-UE, it-trasferimenti soċjali (esklużi l-pensjonijiet) naqqsu r-rata tar-riskju tal-faqar b'madwar terz (32,7 %) fl-2020. Madankollu, hemm differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri, li jvarjaw minn madwar 16 % fir-Rumanija sa aktar minn 50 % fid-Danimarka u fil-Finlandja. Fl-2020 (b'referenza għall-introjti tal-2019), ħames Stati Membri raw kemm valuri ogħla kif ukoll żidiet: Franza u d-Danimarka (bl-aħjar prestazzjoni), kif ukoll il-Belġju, l-Ungerija u l-Lussemburgu (għalkemm jirreġistraw interruzzjonijiet fis-serje). Matul l-istess perjodu, l-effett ta' tnaqqis tal-faqar kien taħt il-medja u baqa' relattivament stabbli fir-Rumanija, fi Spanja u fil-Greċja, iżda naqas sostanzjalment fil-Bulgarija, f'Malta u fil-Kroazja, is-sitta kollha kemm huma f'"sitwazzjoni kritika". L-indikatur juri tendenza ta' diverġenza fost l-Istati Membri. Id-differenzi huma kbar ukoll bejn ir-reġjuni fl-UE, b'valuri partikolarment baxxi rreġistrati fir-reġjuni tan-Nofsinhar tal-Italja, fil-biċċa l-kbira tar-reġjuni fir-Rumanija u f'ċerti reġjuni tal-Greċja u tal-Kroazja – ara l-Illustrazzjoni 9 fl-Anness 3.

Illustrazzjoni 2.4.7: L-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar huwa diverġenti f'xi Stati Membri

L-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar, il-livelli tal-2020 u t-tibdil mis-sena ta' qabel (indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)



Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Ma hemmx *data* disponibbli għal IE u IT u d-*data* hija proviżorja għal FR, LV, NL, PL u SK. Interruzzjoni fis-serje għal BE, DK, DE u LU. Mill-2020 'il quddiem, il-Ġermanja tibgħat *data* dwar l-indikatur lill-EU-SILC minn sħarriġ (il-"Mikrozensus") li huwa differenti minn dak ta' qabel. B'riżultat ta' dan, id-*data* minn snin differenti ma għadhiex komparabbli.

Sors: Eurostat, [tespm050].

Hemm varjazzjoni konsiderevoli f'termini ta' kopertura tal-protezzjoni soċjali, b'mod partikolari fost il-ħaddiema mhux standard. Bħala medja, is-sehem ta' persuni fl-età lavorattiva (16-64) f'riskju ta' faqar li jirċievu benefiċċji soċjali (fil-livell individwali[244]) huwa ogħla fost impjegati b'kuntratt temporanju (41 %) milli fost dawk b'wieħed permanenti (26 %). Madankollu, hemm varjazzjoni konsiderevoli fost l-Istati Membri: il-kopertura hija anqas minn 25 % fil-Kroazja, fil-Polonja, fil-Portugall, f'Malta, fl-Ungerija, fis-Slovakkja u fil-Greċja – xi wħud minn dawn il-pajjiżi (bħall-Polonja, il-Portugall u l-Kroazja) jirrapportaw ukoll prevalenza għolja ta' kuntratti temporanji. Hija baxxa wkoll fost il-ħaddiema għal rashom (12,9 %) meta mqabblin mal-impjegati (31 %), li tindika aċċess aktar baxx għall-protezzjoni soċjali għal dawk imsemmijin l-ewwel. Fl-aħħar nett, filwaqt li madwar nofs (52 %) il-persuni qiegħda rċivew benefiċċji soċjali fl-UE, dan is-sehem kien anqas minn 15 % fil-Kroazja, fil-Greċja, fir-Rumanija, fil-Polonja, fis-Slovakkja u fil-Bulgarija. B'kuntrast maż-żieda sinifikanti riċenti fin-numru ta' benefiċjarji tal-benefiċċji tal-qgħad[245], il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ma rreġistrawx żidiet fil-benefiċjarji tal-benefiċċji tal-assistenza soċjali. Madankollu, f'ħafna Stati Membri (il-Belġju, iċ-Ċekja, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Portugall u s-Slovenja), in-numru ta' benefiċjarji ta' dawn il-benefiċċji żdied notevolment f'xi punt matul l-2020[246].

Kaxxa 5 tal-Pilastru: **Aċċess għal protezzjoni soċjali adegwata**

Fl-2019, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-ħaddiema għal rashom[247] , sabiex jiġi implimentat il-prinċipju 12 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (dwar il-protezzjoni soċjali) u sabiex jadatta s-sistemi ta' protezzjoni soċjali għal swieq tax-xogħol li qed jevolvu malajr. L-Istati Membri impenjaw ruħhom li jiżguraw: 1) aċċess għall-protezzjoni soċjali; 2) kopertura effettiva għall-ħaddiema kollha u għall-ħaddiema għal rashom irrispettivament mit-tip ta' relazzjoni ta' impjieg[248]; 3) livell adegwat ta' protezzjoni (standard tal-għajxien diċenti, sostituzzjoni xierqa tal-introjtu); u 4) trasparenza tal-kundizzjonijiet u tar-regoli kif ukoll simplifikazzjoni amministrattiva. L-Istati Membri ntalbu jippreżentaw pjan li jistabbilixxi l-miżuri korrispondenti li għandhom jittieħdu fil-livell nazzjonali sal-15 ta' Mejju 2021. Sa nofs Ottubru 2021, 25 Stat Membru ppreżentaw il-pjanijiet nazzjonali tagħhom.[249]

Il-biċċa l-kbira tal-pjanijiet nazzjonali jinkludu miżuri li jindirizzaw tal-anqas wieħed mill-erba' oqsma tar-Rakkomandazzjoni, għalkemm b'differenzi konsiderevoli fil-medda, fil-kamp ta' applikazzjoni[250] u fit-twaqqit.[251] Filwaqt li 21 pjan (minn 25) jinkludu miżuri sabiex jitjieb l-aċċess

[244] Skont l-indikatur dwar l-aċċess effettiv approvat fil-kuntest tal-qafas ta' monitoraġġ dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali (rata ta' benefiċċju tar-riċevituri għall-popolazzjoni f'riskju ta' faqar qabel it-trasferimenti soċjali).
[245] Ara l-kapitolu 2.3.1 dwar ir-riċevuta ta' benefiċċji tal-qgħad.
[246] Ara t-Tabella 7, ikkumpilata mill-ġbir ta' *data* tal-SPC, fit-*2021 SPC Annual Review of the Social Protection Performance Monitor (SPPM) and developments in social protection policies*.
[247] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2019/C 387/01 tat-8 ta' Novembru 2019.
[248] Dan sabiex jiġi evitat li r-regoli jipprevjenu lill-individwi milli jakkumulaw jew jaċċessaw il-benefiċċji u jiġi żgurat li l-intitolamenti jiġu ppreservati, akkumulati u/jew ikunu trasferibbli.
[249] Il-Lussemburgu u s-Slovenja għad iridu jissottomettu l-pjanijiet tagħhom. Il-pjanijiet huma disponibbli online.
[250] Disa' pjanijiet jipprevedu miżura ewlenija waħda ta' politika (jew leġiżlattiva) (DK, ES, DE, EL, HR, IE, LT, FI, LV), u disgħa jinkludu wkoll 3 sa 6 miżuri (CY, CZ, EE, FR, IT, MT, NL, PT u RO). Il-Belġju ppreżenta aktar minn 30 miżura f'pakkett komprensiv, li jindirizzaw id-dimensjonijiet differenti tar-Rakkomandazzjoni.
[251] 14-il Stat Membru jirreferu għall-miżuri meħudin sa mill-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni (f'Novembru 2019), filwaqt li l-miżuri ppjanati għall-futur huma inklużi fi 17-il pjan nazzjonali.

għall-protezzjoni soċjali, b'mod ġenerali ma għandhomx l-għan li jkopru d-distakki kollha identifikati fil-qafas ta' monitoraġġ[252] jew fir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi maħruġin fiċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew tal-2020[253]. Il-biċċa l-kbira tal-miżuri (implimentati jew previsti) huma relatati mal-kopertura formali ta' ħaddiema mhux standard jew ta' ħaddiema għal rashom (fi 15-il Stat Membru) u mat-titjib tal-adegwatezza (fi 13-il Stat Membru), b'enfasi fuq il-pensjonijiet u fuq il-benefiċċji għall-qgħad u tal-mard. Huma previsti anqas miżuri fir-rigward tal-aċċess, tal-preservazzjoni u tat-trasferibbiltà effettivi tal-intitolamenti u tat-trasparenza u tas-simplifikazzjoni.

Kważi l-pjanijiet kollha rrapportaw dwar il-miżuri ta' politika meħudin b'reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19. Tali miżuri jinkludu l-illaxkar tar-regoli, l-estensjoni tad-durata u/jew iż-żieda fl-ammonti tal-benefiċċji (eż. tal-qgħad u tal-mard). Barra minn hekk, ingħata appoġġ speċifiku lil xi gruppi (ħaddiema b'kuntratti prekarji, ħaddiema għal rashom) jew setturi/okkupazzjonijiet (settur kulturali, ħaddiema tal-kura tas-saħħa, ħaddiema domestiċi, eċċ.).[254] B'mod ġenerali, il-miżuri eċċezzjonali għenu sabiex tiġi estiża l-protezzjoni soċjali għal gruppi li qabel ma kinux koperti jew kienu parzjalment koperti. Madankollu, il-maġġoranza tal-miżuri meħudin fl-2020 u fil-bidu tal-2021 jidhru li huma temporanji, u dan ifisser li x'aktarx ma jsirux karatteristika permanenti tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali.[255] Din hija r-raġuni għaliex il-Pjan ta' Azzjoni li jimplimenta l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ħeġġeġ lill-Istati Membri jestendu aktar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali, bl-użu tal-miżuri eċċezzjonali tal-COVID-19 bħala sors ta' ispirazzjoni għal riformi strutturali sabiex itejbu l-protezzjoni tal-persuni qiegħda, tal-ħaddiema mhux standard u tal-ħaddiema għal rashom.

Miżuri nazzjonali riċenti sabiex jiġu indirizzati lakuni fil-kopertura formali jikkonċernaw l-aktar lill-ħaddiema għal rashom u lil persuni f'xogħol mhux standard. Franza għamlet permanenti l-estensjoni tal-benefiċċji tal-mard għall-ħaddiema għal rashom kollha, inklużi l-*professions libérales* (fil-kuntest tal-liġi dwar is-sigurtà soċjali adottata fl-aħħar tal-2020). Il-gvern **Irlandiż** ippropona ħlas statutorju ġdid għall-mard sabiex jiżgura l-protezzjoni għall-impjegati li ma għandhomx dritt għal liv minħabba mard fil-kuntratti ta' impjieg tagħhom. **Il-Belġju** qed jippjana li jtejjeb il-kopertura formali għal kategoriji speċifiċi (artisti, ħaddiema tal-pjattaformi, persuni li jindukraw b'mod informali, ħaddiema tas-sess) u li jevalwa u jadatta l-hekk imsejħin "drittijiet pont" li jipprovdu appoġġ għall-introjtu għall-ħaddiema għal rashom. **Ir-Rumanija** qed tippjana li testendi l-liv tal-paternità għall-ħaddiema għal rashom u tiżgura aċċess formali għall-fergħat kollha tas-sigurtà soċjali għall-ħaddiema staġunali u ta' ġurnata kif ukoll għall-ħaddiema tal-pjattaformi. **Iċ-Ċekja** għandha l-ħsieb li ttejjeb l-aċċess għall-benefiċċji tal-mard u tar-riskji relatati (inkluża l-maternità) għall-ħaddiema mhux standard. **Ċipru** qed jippjana li jiżgura kopertura sħiħa mill-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema għal rashom, jiġifieri estensjoni tal-kopertura tal-benefiċċji tal-qgħad u skemi relatati ma' aċċidenti fuq ix-xogħol u ma' mard okkupazzjonali. **Il-Polonja** bdiet riforma li testendi l-assigurazzjoni obbligatorja b'mod partikolari permezz ta' skemi tal-pensjoni għal kuntratti tad-dritt ċivili. Fl-aħħar nett, **il-Greċja** tipprevedi li testendi l-aċċess għall-benefiċċji tal-mard għall-ħaddiema għal rashom.

[252] Qafas ta' monitoraġġ dwar l-Aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-ħaddiema għal rashom, disponibbli online.

[253] Fl-2020, 16-il Stat Membru (BG, CY, EE, ES, HU, HR, IT, LT, LV, MT, NL, PL, PT, RO, SI u SK) inħarġu rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż (CSR) dwar il-protezzjoni soċjali, spiss b'enfasi ċara ħafna fuq it-titjib tal-aċċess għal ħaddiema mhux standard u għal ħaddiema għal rashom (CY, EE, ES, IT, LT, NL, PL, PT u SI). L-RRPs adottati għal 17-il Stat Membru jinkludu miżuri relatati mal-protezzjoni soċjali, li 14 minnhom kellhom CSRs relatati fl-2019 jew fl-2020. Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-RRPs ikopru s-CSRs relatati, iżda ftit jindirizzawhom kompletament.

[254] Ara t-taqsima 2.4.2 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2021.

[255] Ara wkoll ESPN (2021).

Fir-rigward tal-adegwatezza, numru ta' miżuri nazzjonali inklużi fil-pjanijiet jindirizzaw is-sitwazzjoni tal-pensjonijiet, b'mod partikolari għall-ħaddiema għal rashom. Pereżempju, **Spanja** u **l-Latvja** ddeċidew li jadattaw il-kalkoli tal-kontribuzzjonijiet għall-ħaddiema għal rashom, b'mod partikolari sabiex jappoġġaw l-adegwatezza tal-pensjonijiet futuri, filwaqt li **l-Belġju** qed jippjana li jallinja s-sistemi tal-pensjonijiet tal-ħaddiema għal rashom u tal-impjegati u li jagħmel il-kontribuzzjonijiet mill-ħaddiema għal rashom eqreb għall-kapaċità ta' kontribuzzjoni tagħhom. **L-Awstrija**, **il-Ġermanja** u **l-Estonja** ħadu miżuri li jtejbu l-adegwatezza tal-pensjonijiet, b'mod partikolari għal dawk b'intitolamenti baxxi u **ċ-Ċekja** ressqet riforma tal-pensjonijiet sabiex ittejjeb il-ġustizzja tas-sistema tal-pensjonijiet (inkluż fir-rigward tad-differenza bejn il-ġeneri).

L-adegwatezza tal-iskemi ta' introjtu minimu kienet qed tonqos fi kważi l-Istati Membri kollha fl-2019. L-adegwatezza tal-benefiċċji ta' introjtu minimu tista' tiġi mmonitorjata[256] billi jitqabbel l-introjtu tal-benefiċjarji mas-soll nazzjonali tal-faqar kif ukoll mal-introjtu ta' ħaddiem b'paga baxxa. Dawn ir-referenzi jipprovdu indikazzjonijiet dwar l-impatt ta' tnaqqis tal-faqar fl-introjtu, kif ukoll id-dimensjoni tal-attivazzjoni u l-effetti potenzjali ta' diżinċentiv tal-iskemi. Għall-aħħar sena tal-introjtu disponibbli (2019), l-adegwatezza tal-iskemi tal-introjtu minimu naqset b'mod kumplessiv fl-UE, u dan jirrifletti kif l-introjtu tal-benefiċjarji tal-introjtu minimu baqa' lura meta mqabbel mal-iżviluppi ġenerali tal-introjtu qabel il-kriżi tal-COVID-19. Din l-erożjoni kienet aktar sostanzjali f'xi pajjiżi, meta mqabbla mal-introjtu ta' ħaddiem b'paga baxxa (Malta -5,8 pp, il-Kroazja -3,2 pp, ir-Rumanija -2,9 pp) jew mas-soll tal-faqar (Franza -6,3 pp, il-Greċja -6 pp). Min-naħa l-oħra, l-adegwatezza żdiedet b'mod sinifikanti fl-Italja wara r-riforma tal-2019 u sa ċertu punt anqas fil-Litwanja (13,6 pp) u fis-Slovenja (15,2 pp). Fi ftit pajjiżi, l-adegwatezza tal-introjtu minimu hija qrib is-soll tal-faqar (in-Netherlands, l-Irlanda u l-Italja), filwaqt li baqgħet taħt terz tas-soll tal-faqar fir-Rumanija, fil-Bulgarija, fl-Ungerija, fiċ-Ċekja u fis-Slovakkja – ara l-Illustrazzjoni 2.4.8.

Illustrazzjoni 2.4.8: L-adegwatezza tal-appoġġ għall-introjtu minimu tvarja ħafna bejn l-Istati Membri

L-introjtu nett tal-benefiċjarji tal-introjtu minimu bħala perċentwal tal-limitu tar-riskju ta' faqar (illivellat fuq tliet snin) u tal-introjtu ta' ħaddiem b'paga baxxa (sena tal-introjtu 2019)

[256] Skont il-metodoloġija maqbula fil-qafas ta' valutazzjoni komparattiva dwar l-introjtu minimu, ara r-Rapporti Konġunti dwar l-Impjiegi tal-2019, tal-2020 u tal-2021.



Nota: Iċ-ċarts jikkonċernaw persuni waħedhom mingħajr tfal. L-introjtu nett ta' benefiċjarju tal-introjtu minimu jista' jinkludi wkoll tipi oħrajn ta' benefiċċji (eż. allowances għall-akkomodazzjoni) minbarra l-introjtu minimu. Il-ħaddiem b'paga baxxa huwa kkunsidrat li jaqla' 50 % tal-paga medja u jaħdem full-time.
Sors: Komputazzjoni tad-DĠ EMPL mill-mikrodata tal-EU-SILC.

Ir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-abitazzjoni[257] kompliet tonqos ftit qabel il-kriżi. Fl-2019 (is-sena tal-introjtu li għaliha jirreferi l-indikatur tal-2020), madwar persuna minn kull għaxra tal-popolazzjoni tal-UE kienet tgħix f'unitajiet domestiċi li jonfqu 40 % jew aktar mill-introjtu disponibbli (ekwivalizzat) tagħhom fuq l-akkomodazzjoni. Din ir-rata kienet l-ogħla fil-Greċja (32,6 %), segwita mill-Ġermanja, mill-Bulgarija u mid-Danimarka (madwar 15 % jew aktar) u l-aktar baxxa fis-Slovakkja, f'Ċipru, fil-Litwanja u f'Malta (anqas minn 3 %) – ara l-Illustrazzjoni 2.4.9. Kemm in-numri assoluti kif ukoll l-ordni tal-pajjiżi huma relattivament simili għal persuni taħt it-30 sena meta mqabblin mal-bqija tal-popolazzjoni. Fi ħdan il-popolazzjoni fir-riskju ta' faqar, ir-rata ta' piż eċċessiv tal-kost tal-abitazzjoni kienet

[257] L-indikatur ikejjel is-sehem tal-popolazzjoni li tgħix f'unitajiet domestiċi fejn il-kostijiet totali tal-akkomodazzjoni jirrappreżentaw aktar minn 40 % tal-introjtu disponibbli (it-tnejn "netti" mill-allowances għall-akkomodazzjoni). Il-Methodological Guidelines and Description of EU-SILC variables (verżjoni ta' April 2020) jiddeskrivi l-allowances (inklużi dawk b'testi tal-mezzi biss) bħala li jinkludu l-benefiċċji tal-kera u l-benefiċċji għall-okkupanti sidien, iżda jeskludu l-benefiċċji tat-taxxa u t-trasferimenti kapitali. Id-dokument jiddefinixxi l-kostijiet tal-akkomodazzjoni bħala ta' kull xahar u dawk fil-fatt imħallsin, marbutin mad-dritt tal-unità domestika li tgħix fl-akkomodazzjoni. Jinkludu assigurazzjoni strutturali (għall-inkwilini: jekk imħallsa), is-servizzi u l-imposti (tneħħija tad-drenaġġ, ġbir tal-iskart, eċċ.; obbligatorji għas-sidien, għall-inkwilini: jekk imħallsin), manutenzjoni u tiswijiet regolari, taxxi (għall-inkwilin: fl-abitazzjoni, jekk applikabbli) u l-kost tal-utilitajiet (ilma, elettriku, gass u tisħin). Għas-sidien li jħallsu ipoteka, huma inklużi l-pagamenti tal-imgħax tal-ipoteki (kwalunkwe ħelsien mit-taxxa dedott, iżda l-benefiċċji tal-akkomodazzjoni ma jiġux dedotti). Għall-inkwilini bil-prezz tas-suq jew bi prezz imraħħas, huwa inkluż ukoll il-pagament tal-kera. Għall-inkwilini mingħajr kera, il-benefiċċji tal-akkomodazzjoni ma għandhomx jiġu dedotti mill-kost totali tal-akkomodazzjoni.

ogħla b'mod sinifikanti (37,8 % fl-2020), b'disparitajiet sinifikanti fost l-Istati Membri. Fil-Greċja, 82,5 % tal-popolazzjoni fir-riskju ta' faqar kienet mgħobbija żżejjed bil-kostijiet tal-akkomodazzjoni, filwaqt li madwar żewġ terzi kienu fid-Danimarka u fil-Ġermanja. Fil-Litwanja, f'Malta, f'Ċipru u fis-Slovakkja, is-sehem kien ta' madwar 10 % jew anqas. B'mod ġenerali, l-inkwilini, jew fis-suq tal-kiri privat jew fis-suq bi prezz imnaqqas, huma aktar affettwati minn kwistjonijiet tal-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni (25,2 %) mis-sidien b'ipoteka (6,2 %)[258].

Illustrazzjoni 2.4.9: Ir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-abitazzjoni naqset bħala medja qabel il-kriżi, iżda b'differenzi sostanzjali fost l-Istati Membri

Is-sehem tal-persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'piż eċċessiv tal-kost tal-abitazzjoni (%), il-livelli tal-2020 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)



Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Ma hemmx *data* disponibbli għal IE, FR u IT u d-*data* hija proviżorja għal LV, NL, PL u SK. Interruzzjoni fis-serje għal BE, DK, DE u LU. Mill-2020 'il quddiem, il-Ġermanja tibgħat *data* dwar l-indikatur lill-EU-SILC minn sħarriġ (il-"Mikrozensus") li huwa differenti minn dak ta' qabel. B'riżultat ta' dan, id-*data* minn snin differenti ma għadhiex komparabbli.
Sors: Eurostat, [tespm140].

Il-familji bit-tfal u l-unitajiet domestiċi b'ġenitur waħdu diġà kienu qed jesperjenzaw diffikultajiet akbar fl-akkomodazzjoni qabel il-kriżi. Fl-2019, 6,5 % tal-unitajiet domestiċi magħmulin minn ġenitur wieħed bi tfal dipendenti kienu jaffaċċjaw privazzjoni ta'

[258] Indikatur tal-Eurostat [ilc_lvho07c].

akkomodazzjoni severa, b'kuntrast ma' 4 % għall-popolazzjoni kollha[259]. Ġew irreġistrati rati ogħla fil-Greċja, fi Spanja, fir-Rumanija, fl-Iżvezja u fid-Danimarka. Id-*data* tal-istħarriġ miġbura mill-Eurofound[260] fl-2019 tindika li n-nuqqas ta' sigurtà fl-akkomodazzjoni kien ogħla għall-unitajiet domestiċi bit-tfal milli għal dawk mingħajr (6,6 % vs 4,1 %). Barra minn hekk, il-persuni li jesperjenzaw il-kondizzjoni ta' persuni mingħajr dar kienu aktar esposti għal problemi tas-saħħa u affettwati mill-interruzzjoni tal-forniment ta' servizzi matul il-perjodi ta' lockdown. B'mod kumplessiv, il-kriżi tal-COVID-19 amplifikat l-isfidi tal-akkomodazzjoni li ilhom jeżistu u l-inugwaljanzi li kienu jeżistu minn qabel fil-kundizzjonijiet tal-pussess tal-art u tal-akkomodazzjoni, inkluż għal dawk li diġà kienu esklużi mill-akkomodazzjoni qabel[261].

Bħala medja, anke bis-saħħa tal-effettività tas-sistemi tal-pensjonijiet, il-persuni ta' aktar minn 65 sena huma protetti aħjar kontra l-faqar mill-bqija tal-popolazzjoni. Fl-2020, fl-UE, ir-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali fost dawk li għandhom 65 sena u aktar kienet ftit ogħla minn 20 % (20,4 %), anqas minn dik għall-persuni li għandhom 18-64 sena (21,7 %). Dan kien ukoll il-każ fi 8 mis-27 Stat Membru – ara l-Illustrazzjoni 2.4.10. Madankollu, f'xi Stati Membri, ir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali fost il-persuni akbar fl-età kien ħafna ogħla, bid-differenza li tilħaq il-quċċata ta' 24,3 pp fl-Estonja u ta' 22,3 pp fil-Latvja u fil-Bulgarija. F'dawn tal-aħħar, sa 49,5 % tal-persuni ta' 65 sena u aktar jinsabu fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni. Ir-riskju fost il-persuni akbar fl-età ilu jiżdied mill-2015[262], l-aktar minħabba żidiet fir-rata tal-faqar matul l-irkupru. Fl-EU-27 hemm ukoll differenza kbira bejn il-ġeneri. Fl-2020, ir-riskju tal-faqar tal-irġiel akbar fl-età kien ta' 16,9 %, kontra 23,3 % għan-nisa akbar fl-età. Id-differenza hija dovuta għal pensjonijiet aktar baxxi dovuti lin-nisa, kif ukoll minħabba li n-nisa jgħixu aktar fit-tul bħala medja u aktar ta' spiss jgħixu waħedhom.

---

259 Indikatur tal-Eurostat [ilc_mdho06].

260 Ara Eurofound (2021), Education, healthcare and housing: How access changed for children and families in 2020, COVID-19 series, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

261 Ara pereżempju analiżi preliminari mill-OECD dwar kif il-pandemija tal-COVID-19 tista' taffettwa l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni fil-futur: "Building for a better tomorrow: Policies to make housing more affordable", Employment, Labour and Social Affairs Policy Briefs, OECD, Pariġi

262 Din hija l-ewwel sena li tista' tiġi kkalkolata skont id-definizzjoni l-ġdida.

Illustrazzjoni 2.4.10: Il-persuni li għandhom aktar minn 65 sena għandhom it-tendenza li jkunu protetti aħjar kontra l-faqar mill-bqija tal-popolazzjoni

Ir-rati tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali skont il-gruppi ta' età (%, 2020)



Sors: Eurostat [ilc_peps01n]. Ma hemmx *data* disponibbli għal IE u IT.

Il-pensjonijiet jammontaw bħala medja għal aktar minn nofs l-introjtu tal-fażi tardiva tal-karriera. Fl-EU-27, il-pensjoni medja ta' dawk li għandhom 65-74 sena ammontat għal 57 % tal-introjtu mix-xogħol ta' dawk li kellhom 50-59 sena fl-2019[263]. Dan il-proporzjon ilu jiżdied mill-2010, meta kien ta' 53 %. F'xi pajjiżi, dan il-"proporzjon ta' sostituzzjoni trażversali" huwa ferm ogħla minn 70 %, b'mod partikolari fil-Lussemburgu, fil-Greċja, fl-Italja, fil-Portugall u fi Spanja. Konsegwentement, dawn huma wkoll fost il-pajjiżi fejn il-faqar fost l-anzjani huwa anqas mill-faqar fost il-persuni ta' età lavorattiva[264]. Min-naħa l-oħra, f'14-il pajjiż il-proporzjon huwa anqas minn 50 % u fi tlieta minnhom anqas minn 40 % (l-Irlanda, il-Kroazja u l-Bulgarija). Fil-maġġoranza tal-pajjiżi, il-proporzjon huwa aktar baxx fost in-nisa, iżda, għall-kuntrarju, 11-il Stat Membru rreġistraw proporzjonijiet ta' sostituzzjoni sostanzjalment ogħla fost in-nisa, u b'mod partikolari ċ-Ċekja, l-Estonja, id-Danimarka u s-Slovakkja.

L-impatt tal-COVID-19 reġġa' lura x-xejra tat-titjib tal-istennija tal-għomor fl-UE. Wara t-tifqigħa tal-pandemija, l-indikatur tal-"istennija tal-għomor fit-twelid", indikatur tajjeb għall-impatti fuq is-saħħa, huwa stmat li naqas fil-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri tal-

[263] Ara l-Pension Adequacy Report 2021, paġna 40.

[264] Kif muri mill-indikatur tal-Eurostat [ilc_pnp3]. L-indikatur huwa ddefinit bħala l-proporzjon tal-medja tal-pensjonijiet gross individwali tal-grupp ta' età ta' 65-74 sena mqabbla mal-medjan tal-qligħ gross individwali tal-grupp ta' età ta' 50-59 sena, esklużi benefiċċji soċjali oħrajn.

UE – ara l-Illustrazzjoni 2.4.11.[265] Din l-erożjoni timmarka tbegħid minn xejra ta' deċennju ta' żieda fl-istennija tal-għomor. L-akbar tnaqqis mill-2019 ġie rreġistrat fi Spanja (-1,6 snin) u fil-Bulgarija (-1,5), segwiti mil-Litwanja, mill-Polonja u mir-Rumanija (kollha madwar -1,4). It-telf fl-istennija tal-għomor jaf affettwa lin-nies żvantaġġati b'mod aktar sever minn oħrajn. Pereżempju, diġà qabel il-kriżi, l-istennija tal-għomor tal-persuni Rom kienet, bħala medja, 10 snin anqas minn dik tal-popolazzjoni ġenerali.[266]

Illustrazzjoni 2.4.11: Il-pandemija tal-COVID-19 reġġgħet lura ż-żidiet riċenti fl-istennija tal-għomor

L-istennija tal-għomor fit-twelid (sena), l-Istati Membri mqassmin f'ordni skont it-tnaqqis fl-istennija tal-għomor meta mqabblin mal-2019



Nota: Id-*data* għall-2020 hija provviżorja għall-Istati Membri kollha u ma hijiex disponibbli għal IE. Il-medja tal-EU-27 hija kkalkolata mingħajr IE.
Sors: Eurostat, indikatur [demo_mlexpec]

Minkejja l-pandemija, il-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika kienu ġeneralment stabbli fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fl-2020, iżda l-varjazzjoni hija sostanzjali bejniethom (ara l-Illustrazzjoni 2.4.12[267]). Il-Polonja, Franza, il-Latvja u l-Finlandja rreġistraw l-akbar żidiet (bi 8,5 pp, b'1,4 pp, b'1 pp u b'0,7 pp rispettivament), bil-Polonja li turi rata ta' ħtiġijiet mhux issodisfati pjuttost għolja ta' 12,7 % u indikata bħala li

[265] L-istennija tal-għomor hija *indikatur tal-perjodu* tal-mortalità, li jirrifletti ċ-ċiklu tal-ħajja medja f'popolazzjoni soġġetta għar-rati ta' mortalità tal-perjodu ta' żmien magħżul, sensittiv għal bidliet negattivi daqs dawk pożittivi fi żmien sena. Valutazzjoni alternattiva tista' tkun ibbażata fuq l-indikatur tal-mortalità eċċessiva, bħal fil-paġna 4 tal-*Employment and social developments in Europe 2021*.
[266] Ara Vincze *et. al.* (2019) *Prevalence of Chronic Diseases and Activity-Limiting Disability among Roma and Non-Roma People: A Cross-Sectional, Census-Based Investigation.* *International Journal of Environmental Research and Public Health*, 16(19), p.3620.
[267] Id-*data* għal 10 pajjiżi hija provviżorja, għandha interruzzjoni fis-serje, jew inkella hija nieqsa. Ara n-nota mal-Illustrazzjoni.

tinsab f'"sitwazzjoni kritika"[268]. Għall-kuntrarju, l-Estonja u l-Greċja rreġistraw tnaqqis kbir (bi 2,5 pp u b'1,7 pp rispettivament), madankollu b'livelli pjuttost għoljin tal-2020 (13 % u 6,4 %). Fi grupp mhux negliġibbli ta' pajjiżi (Malta, l-Awstrija, il-Ġermanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, Ċipru, Spanja u l-Ungerija), is-sehem ta' persuni li jirrapportaw ħtiġijiet mhux issodisfati għall-kura medika baqa' baxx ħafna (anqas minn 1 %) minkejja l-pandemija, bi tnaqqis sinifikanti f'Ċipru u fl-Ungerija li ngħaqdu ma' dan il-grupp fl-2020. Fost l-oħrajn, [269] persuni li jgħixu b'introjtu baxx huma aktar probabbli li jkunu vulnerabbli minħabba ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati, għalkemm il-firxa tad-distakk mill-popolazzjoni kumplessiva tvarja fost l-Istati Membri[270]. Id-differenzi reġjonali fil-ħtiġijiet mhux issodisfati awtodikjarati għall-kura medika jidhru l-aktar bejn l-Istati Membri, iżda ġiet irreġistrata xi varjazzjoni notevoli fi ħdan il-Greċja, ir-Rumanija, l-Iżvezja u l-Ungerija – ara l-Illustrazzjoni 10 fl-Anness 3.

Illustrazzjoni 2.4.12: Ġiet irreġistrata varjazzjoni kbira fil-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika fl-Istati Membri kollha matul il-kriżi tal-COVID-19

Il-ħtiġijiet mhux issodisfati awtodikjarati għall-kura medika, il-livelli tal-2020 u tibdil mis-sena ta' qabel (indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)



[268] L-istħarriġ tal-Eurofound "Living, working and COVID-19" li jkopri bejn wieħed u ieħor l-istess perjodu indika li 18 % tar-rispondenti madwar l-UE rrapportaw ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati matul il-pandemija.

[269] B'mod partikolari, il-persuni li jgħixu f'istituzzjonijiet, il-persuni b'diżabbiltà, ir-Rom u t-Travellers, ir-refuġjati u l-immigranti, jew il-persuni mingħajr dar (FRA, Fundamental rights report 2021).

[270] Ara l-indikaturi tal-Eurostat [hlth_silc_29] u [hlth_silc_31] għal diżaggregazzjonijiet tal-"Ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati" awtodikjarati.

Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Ma hemmx *data* disponibbli għal IE u IT u d-*data* hija proviżorja għal FR, LV, NL, PL u SK. Interruzzjoni fis-serje għal BE, DE u LU. Mill-2020 'il quddiem, il-Ġermanja tibgħat *data* dwar l-indikatur lill-EU-SILC minn stħarriġ (il-"Mikrozensus") li huwa differenti minn dak ta' qabel. B'riżultat ta' dan, id-*data* minn snin differenti ma għadhiex komparabbli.
Sors: Eurostat, [tespm_110].

2.4.2 Rispons tal-politika

Fl-2020 u fl-2021, fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19, l-Istati Membri introduċew numru ta' miżuri temporanji u permanenti ta' appoġġ għall-introjtu. Dawn is-sentejn enfasizzaw id-distakki fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali li jaffettwaw b'mod partikolari lin-nies f'sitwazzjonijiet vulnerabbli (bħal familji bi dħul baxx mingħajr introjtu relatat max-xogħol jew persuni b'impjiegi prekarji). Għalhekk, il-gvernijiet adottaw kemm miżuri ta' emerġenza kif ukoll dawk permanenti, filwaqt li introduċew skemi ġodda jew adattaw dawk eżistenti, u żguraw adegwatezza u kopertura aħjar tal-benefiċċji għal kulħadd, inkluż mill-benefiċċji tal-aħħar rikors.

Ġew introdotti jew adattati miżuri ta' appoġġ għall-introjtu ta' emerġenza skont il-ħtiġijiet li rriżultaw mill-kriżi tal-COVID-19. Pereżempju, matul il-pandemija, **il-Greċja** kienet qed testendi bi tliet xhur l-intitolament għall-introjtu minimu garantit u l-benefiċċji tal-akkomodazzjoni sabiex tiġi evitata l-ħtieġa li n-nies ikunu fiżikament preżenti għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet ġodda. Fl-**Italja**, il-gvern ġedded sa Settembru 2021 ir-*Reddito di Emergenza*, introdott f'Mejju 2020 bħala miżura temporanja dwar introjtu ta' emerġenza għall-unitajiet domestiċi mingħajr aċċess għall-iskema ta' introjtu minimu. Fis-**Slovakkja**, persuni li baqgħu mingħajr introjtu jew allowances, wara li tilfu l-impjieg li kellhom qabel it-12 ta' Marzu 2020 minħabba l-pandemija, kienu eliġibbli għal "sussidju SOS" ta' kull xahar, li baqa' fis-seħħ sal-1 ta' Lulju 2021. Fin-**Netherlands**, il-gvern alloka fondi addizzjonali temporanji lill-muniċipalitajiet sabiex jipprovdu assistenza soċjali addizzjonali minn Jannar 2021 lil persuni li jkunu tilfu l-introjtu minħabba l-kriżi, sabiex iħallsu għall-kostijiet tal-akkomodazzjoni bħal pagamenti tal-kera jew tal-ipoteka, għat-tariffi tas-servizzi tal-utilitajiet (elettriku, ilma, gass) u għat-taxxi muniċipali (TONK). Fil-**Belġju**, il-gvern żied l-introjti minimi temporanji b'EUR 50 fix-xahar (sal-aħħar ta' Diċembru 2021).

Minbarra miżuri ta' emerġenza , ġew adottati bidliet permanenti għal skemi diġà eżistenti, bl-għan li tissaħħaħ ir-reżiljenza soċjali b'mod aktar permanenti , f'konformità mal-prinċipji 12 (dwar il-protezzjoni soċjali) u 14 (dwar id-dħul minimu) tal-Pilastru. L-RRF ipprovda finanzjament addizzjonali sostanzjali tal-UE għal dan l-għan. Fi **Spanja**, il-Faċilità se tappoġġa proġetti pilota dwar mogħdijiet ta' integrazzjoni effettivi għall-benefiċjarji tal-iskema nazzjonali ta' introjtu minimu introdotta reċentement. Wieħed mill-istadji importanti tal-RRP tal-**Latvja** huwa aġġornament tar-riforma tal-introjtu minimu għall-2022-24, li tinvolvi metodoloġija unifikata u bbażata fuq l-evidenza għall-kalkolu tal-introjtu minimu ġenerali (GMI) u indiċjar annwali allinjat mal-iżviluppi kumplessivi tal-introjtu. Sa tmiem l-2022, **ir-Rumanija** qed tippjana li tlesti r-riforma tal-introjtu minimu tal-inklużjoni, inkluż billi żżid l-adegwatezza, l-immirar u l-kopertura tal-benefiċċji u tal-inċentivi għall-impjiegi. Diversi Stati Membri aġġornaw l-iskemi ta' introjtu minimu tagħhom billi żiedu l-livell tal-benefiċċji, b'mod partikolari għal dawk fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli. Minn Lulju 2021, **il-Litwanja** tipprovdi benefiċċju addizzjonali għal persuni waħedhom ta' aktar minn 65 sena

u għal dawk b'diżabbiltà, li altrimenti ma jkunux intitolati għal pensjonijiet tas-superstiti. **Malta** żiedet ir-rati massimi ta' assistenza supplimentari għal koppji b'introjtu baxx u għal persuni mhux miżżewġin. Suppliment għal din l-assistenza, li diġà ġie introdott fl-2020 għal persuni ta' 65 sena u aktar u f'riskju ta' faqar, ġie estiż fl-2021 għall-persuni kollha f'dan il-grupp ta' età, irrispettivament minn jekk jesperjenzawx riskji ta' faqar jew le.

L-Istati Membri introduċew ukoll miżuri temporanji sabiex jappoġġaw lill-familji matul l-emerġenza tal-COVID-19. A fund of EUR 500 million was established in **Italy** to finance food solidarity interventions and support vulnerable families in their payments of rent and utility bills. Fiċ-**Ċekja**, il-ġenituri tat-tfal li ntbagħtu d-dar mill-iskola minħabba l-pandemija setgħu jitolbu liv għall-indukrar bi ħlas bejn Ottubru 2020 u Ġunju 2021. Fil-**Latvja**, ingħatat allowance ta' darba ta' EUR 500 lil kull wild. Fir-reġjun **Belġjan** ta' Brussell, l-unitajiet domestiċi vulnerabbli rċivew benefiċċju ta' darba ta' EUR 100 għal kull wild għas-sena skolastika 2020-21, filwaqt li fi Flanders kien hemm żieda temporanja fil-benefiċċji tat-tfal għal unitajiet domestiċi vulnerabbli. **Il-Bulgarija** pprovdiet allowance mmirata ta' kull xahar lil ġenituri b'introjtu baxx ta' tfal sa 14-il sena li, f'każ ta' lockdown tal-istituzzjonijiet edukattivi, kellhom jibqgħu d-dar sabiex jieħdu ħsieb it-tfal tagħhom u ma setgħux jaħdmu mill-bogħod jew jieħdu liv bi ħlas. L-allowance ammontat għal 100-150 % tal-paga minima (fil-każ ta' tifel/tifla waħda u tnejn jew aktar, rispettivament, għal aktar minn 10 ijiem ta' għeluq).

L-ammonti, il-metodi ta' kalkolu, u l-perjodi ta' eliġibbiltà għall-benefiċċji tal-ġenituri, tat-tfal u tal-familja saru aktar ġenerużi f'diversi Stati Membri. Fl-**Estonja** u fil-**Litwanja**, il-bażijiet għall-kalkolu tal-benefiċċji tal-familja, tal-maternità, tal-paternità u tal-ġenituri ġew rieżaminati sabiex il-ġenituri jkunu jistgħu jirċievu ammonti li jirriflettu l-introjtu tagħhom qabel il-pandemija (jiġifieri, ġeneralment ogħla). Fil-**Latvja**, in-nies, li l-liv tal-ġenituri tagħhom skada matul l-emerġenza tal-COVID-19 u li ma setgħux jirritornaw għax-xogħol, irċivew benefiċċju ta' kull xahar sa EUR 700 sa Ġunju 2021. Fir-**reġjun ta' Brussell (il-Belġju)**, iż-żgħażagħ taħt l-età ta' 21 sena li kienu fil-"perjodu ta' integrazzjoni f'impjieg" saru eliġibbli sabiex jirċievu benefiċċju tat-tfal, anke jekk ma kinux lestew l-edukazzjoni sekondarja. Fil-**Latvja**, hija ppjanata żieda sostanzjali u permanenti fil-benefiċċji tal-familja għall-2022, li tibbenefika l-aktar lil familji kbar. Fil-**Litwanja**, l-ammont tal-benefiċċju universali tat-tfal żdied għal EUR 70 fix-xahar, u l-benefiċċju addizzjonali (għat-tfal b'diżabbiltà jew f'familji żvantaġġati jew kbar) għal EUR 111,20. Fl-**Ungerija**, l-allowance għall-indukrar tat-trabi żdiedet f'Lulju 2021 minn 70 % għal 100 % tal-qligħ gross preċedenti mingħajr limitu massimu. Peress li l-allowance ma hijiex soġġetta għal tnaqqis tas-sigurtà soċjali u tal-kontribuzzjoni tal-pensjoni, hija ogħla mill-qligħ nett preċedenti, filwaqt li, peress li ma għandhiex limitu massimu, tibbenefika l-aktar lill-unitajiet domestiċi b'introjtu aħjar. Fir-**Rumanija**, il-benefiċċji tat-tfal huma ppjanati li jiżdiedu b'20 % fl-1 ta' Jannar 2022.

Ittieħdu wkoll miżuri ta' politika speċifiċi li jindirizzaw il-faqar fost it-tfal u li jappoġġaw l-inklużjoni soċjali ta' tfal vulnerabbli, f'konformità mal-prinċipju 11 (Kura tat-tfal u appoġġ għat-tfal) tal-Pilastru. Fiċ-**Ċekja** , minn Lulju 2021, il-ġenituri tat-tfal li għalihom il-ġenitur l-ieħor ma jħallasx manteniment jistgħu japplikaw għal manteniment ta' sostituzzjoni li jitħallas mill-PES, f'ammont ordnat mill-qorti (iżda mhux aktar minn CZK 3 000, jiġifieri, madwar EUR 118 fix-xahar). Fil-**Litwanja**, studenti tat-tieni grad kienu koperti wkoll minn ikliet b'xejn universali fl-iskola minn Settembru 2021. Fi **Franza**, abbozz ta' liġi li jipproteġi l-benesseri tat-tfal imqegħdin taħt il-protezzjoni tal-Istat jimmodernizza l-qafas tal-familji tar-rispett u l-governanza nazzjonali tal-protezzjoni tat-tfal.

Fl-2020-21, l-Istati Membri komplew jieħdu miżuri sabiex jappoġġaw lil persuni affettwati mill-kriżi u mhux koperti b'mod adegwat mill-protezzjoni soċjali, bħal ħaddiema mhux standard u ħaddiema għal rashom, f'konformità mal-prinċipji 12 (dwar il-protezzjoni soċjali) u 13 (dwar benefiċċji tal-qgħad) tal-Pilastru. Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-miżuri kienu temporanji[271], għalkemm xi pajjiżi wettqu wkoll riformi aktar strutturali sabiex jespandu l-kopertura jew l-adegwatezza tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħhom. Pereżempju, **il-Finlandja** tat aċċess temporanju għall-benefiċċji tal-qgħad lil imprendituri li jaħdmu għal rashom u lil freelancers, filwaqt li **l-Ġermanja**, **l-Awstrija** u **Spanja** ffaċilitaw l-aċċess għall-benefiċċji tal-qgħad għall-artisti. **In-Netherlands** adottaw diversi pakketti ta' appoġġ temporanju għall-introjtu (TOZO) l-aktar għall-ħaddiema għal rashom waħedhom. **Il-Belġju** estenda d-"dritt pont" (allowance f'każ ta' falliment) għal ħaddiema għal rashom li affaċċjaw tnaqqis sostanzjali fil-fatturat jew li kienu mġegħlin jissospendu l-attivitajiet tagħhom. **Spanja** appoġġat lill-ħaddiema għal rashom affettwati mill-kriżi permezz ta' benefiċċju straordinarju u eżenzjonijiet mill-pagamenti tal-kontribuzzjonijiet. **Il-Litwanja** appoġġat l-introjtu ta' ħaddiema għal rashom li l-attivitajiet tagħhom kienu affettwati mill-kwarantina u li l-introjtu tagħhom kien tnaqqas b'tal-anqas 30 %, filwaqt li **l-Greċja** pprovdiet appoġġ speċifiku għall-introjtu għall-ħaddiema għal rashom fl-agrikoltura, fit-turiżmu u fis-sajd kostali.

L-Istati Membri ffaċilitaw l-aċċess għall-benefiċċji tal-mard u ħadu wkoll xi miżuri sabiex isaħħu l-aċċess għall-kura tas-saħħa, b'mod partikolari fir-rigward tal-COVID-19. Il-Litwanja estendiet il-lista ta' persuni eliġibbli sabiex jirċievu l-benefiċċji tal-mard relatati mal-COVID-19. **Ir-Rumanija** adottat kategorija ġdida ta' liv sabiex tipprovdi lil dawk ordnati joqogħdu fi kwarantina b'liv sħiħ minħabba l-mard, filwaqt li **s-Slovakkja** ħolqot allowance għall-aċċidenti għall-impjegati rikonoxxuti bħala temporanjament mhux tajbin għax-xogħol. Barra minn hekk, **l-Estonja** ffinanzjat temporanjament il-ħlas tal-benefiċċji mit-tieni jum tal-mard u **l-Belġju** żied temporanjament il-livell ta' benefiċċji kemm għall-impjegati kif ukoll għall-ħaddiema għal rashom. **L-Estonja** ħadet miżuri sabiex tiffaċilita l-aċċess għall-kura tas-saħħa fir-rigward tal-COVID-19 għal persuni mhux assigurati. Għall-kuntrarju, **l-Ungerija** neħħiet l-intitolament għal kura tas-saħħa bla ħlas għal dawk li ma humiex assigurati, bl-għan partikolari sabiex tnaqqas ix-xogħol mhux iddikjarat. Fi **Franza**, l-impjegaturi pubbliċi se jiffinanzjaw 50 % tal-assigurazzjoni komplementari tas-saħħa għall-impjegati pubbliċi.

L-Istati Membri ħadu miżuri kemm temporanji kif ukoll permanenti sabiex itejbu l-eliġibbiltà u l-adegwatezza tal-benefiċċji u tas-servizzi relatati mad-diżabbiltà, f'konformità mal-prinċipju 17 (dwar l-inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà) tal-Pilastru. Fl-**Italja**, il-persuni qiegħda jew l-ommijiet waħedhom bi tfal dipendenti b'diżabbiltà rikonoxxuta se jirċievu kontribuzzjoni ta' kull xahar sa EUR 500 netti għall-2021, għall-2022 u għall-2023. **Il-Latvja** allokat benefiċċju ta' darba ta' EUR 200 għal benefiċjarji tal-allowance għall-indukrar minħabba diżabbiltà jew tal-allowance għal persuni b'diżabbiltà li jeħtieġu l-indukrar (minbarra dawk li jirċievu pensjonijiet tax-xjuħija, tal-invalidità jew tas-superstiti). **Malta** introduċiet benefiċċju permanenti ta' EUR 300 fis-sena għall-ġenituri li jkollhom jitilqu mill-impjieg tagħhom sabiex jieħdu ħsieb wild ta' aktar minn 16-il sena intitolat għal aktar assistenza minħabba diżabbiltà severa. **Malta** estendiet ukoll il-grupp ta' persuni eliġibbli għall-allowance kontra diżabilitajiet severi f'każ ta' kundizzjonijiet ta' diżabbiltà intellettwali. Minn Lulju 2021, **il-Litwanja** intitolat lill-persuni kollha b'diżabbiltà

---

[271] Ara ESPN (2021, pubblikazzjoni pendenti) "Social protection and inclusion policy responses to the COVID-19 crisis. An analysis of policies in 35 countries".

sabiex jiġu megħjunin minn assistent personali. Jekk l-introjtu tal-persuna b'diżabbiltà jkun anqas minn EUR 256, l-għajnuna tkun bla ħlas, u jekk tkun ogħla, l-ammont imħallas għall-assistent personali ma għandux jaqbeż l-20 % tal-introjtu tal-persuna b'diżabbiltà. **Il-Portugall** estenda l-benefiċċju soċjali għal persuni li d-diżabbiltà tagħhom tirriżulta minn ċerti aċċidenti u pprovda għal akkumulazzjoni mal-allowance għall-indukratur informali jew mal-ħlas lil istituzzjoni fejn tingħata l-kura. **Il-Lussemburgu** żied bi 2,8 % ir-REVIS tad-dħul (*revenu d'inclusion sociale*) u l-benefiċċju għal persuni b'diżabbiltà serja (RPGH) mill-1 ta' Jannar 2021. L-RRP tar-**Rumanija** jipprevedi li tal-anqas 8 455 persuna istituzzjonalizzata b'diżabbiltà jirċievu appoġġ fid-dawl tad-deistituzzjonalizzazzjoni u tal-implimentazzjoni tal-"perkors tal-għajxien indipendenti" tagħhom.

L-aċċessibbiltà tas-servizzi soċjali, b'mod partikolari mill-bogħod, tjiebet f'xi Stati Membri b'rispons għal kuntatti limitati wiċċ imb wiċċ matul il-pandemija , f'konformità mal-prinċipju 20 (dwar aċċess għal servizzi essenzjali) tal-Pilastru. Ħafna mis-servizzi jew mill-funzjonijiet speċifiċi li jeħtieġu kuntatti personali, bħal konsulenza jew żjarat fid-djar, ġew sospiżi wara l-bidu tal-pandemija. Din il-bidla enfasizzat il-ħtieġa li jiġu mmodernizzati s-servizzi soċjali, anke permezz ta' użu akbar tat-teknoloġiji diġitali. Riforma li għaddejja fil-**Bulgarija** tipprevedi t-tħejjija ta' mappa nazzjonali tas-servizzi soċjali f'kooperazzjoni mal-muniċipalitajiet. Proġett iddedikat tal-FSE se jappoġġa l-istabbiliment tal-qafas metodoloġiku, l-aġġornament tal-istandards ta' kwalità u l-kwalifika tal-persunal ta' Aġenzija ġdida b'funzjoni superviżorja. Ir-riforma ppjanata minn **Spanja** fil-kuntest tal-RRP għandha l-għan li tiddefinixxi portafoll minimu komuni tas-servizzi soċjali u l-istandards relatati fil-pajjiż kollu. Xi Stati Membri kienu qed jiffokaw fuq it-tisħiħ tal-aċċess għas-servizzi soċjali. **Il-Litwanja** għamlitha possibbli li jiġu introdotti talbiet għas-servizzi soċjali b'mod elettroniku. Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizzi, **il-Portugall** introduċa kontribuzzjoni finanzjarja temporanja garantita għas-settur soċjali u ta' solidarjetà.

Ħafna Stati Membri komplew jieħdu miżuri fl-2021 sabiex jappoġġaw is-sjieda tal-akkomodazzjoni tal-unitajiet domestiċi, b'mod partikolari minn gruppi vulnerabbli, u xi wħud adottaw miżuri aktar permanenti sabiex itejbu l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni fit-tul, f'konformità mal-prinċipju 19 (dwar akkomodazzjoni u għajnuna għall-persuni mingħajr dar) tal-Pilastru. L-aktar miżuri temporanji komuni meħudin mill-gvernijiet fl-UE kienu eżenzjonijiet fuq pagamenti tal-ipoteki jew tal-kera (**l-Awstrija, il-Belġju, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Litwanja, is-Slovakkja, il-Portugall** u **Spanja**) u moratorji fuq l-iżgumbramenti (**l-Awstrija, il-Belġju, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Portugall** u **Spanja**)[272]. Minbarra dawn, **l-Irlanda** adottat Abbozz ta' Liġi dwar Akkomodazzjoni Affordabbli li jagħti prijorità lill-provvista akbar ta' djar affordabbli. **Il-Litwanja** introduċiet skema ta' adegwatezza għall-kumpens tal-kiri tad-djar sabiex tikkontrolla ż-żidiet fil-livelli tal-kera. **Malta** adopted measures to support first-time buyers and reduce the tax payable on property granted by donation by parents to their children, where the property is to be used as their residence. **Spanja**, fl-RRP tagħha, tipprevedi l-adozzjoni tal-Ordni Amministrattiv li jiddefinixxi l-qafas regolatorju għall-implimentazzjoni tal-Programm dwar abitazzjonijiet soċjali għall-kiri effiċjenti fl-enerġija li jkunu konformi mal-kriterji tal-effiċjenza enerġetika. **Luxembourg** amended the existing Housing Pact to strengthen the public sector's capacity to increase the stock of public affordable and sustainable housing, especially for rental. Ir-riforma, li bħalissa qiegħda tiġi diskussa, toffri lill-muniċipalitajiet appoġġ u inċentivi sabiex jiżviluppaw pjanijiet għall-użu tal-art

[272] Ara OECD (2020), Housing Amid COVID-19: Policy Responses and Challenges.

f'koordinazzjoni mal-gvern ċentrali. **Is-Slovenja** introduċiet emendi għall-Att nazzjonali dwar l-Akkomodazzjoni sabiex tippromwovi approċċ effettiv u bbilanċjat għall-provvista tal-akkomodazzjonijiet, inkluża l-possibbiltà li l-istokk ta' akkomodazzjonijiet eżistenti iżda mhux okkupat jiġi attivat għall-użu bħala akkomodazzjonijiet pubbliċi għall-kiri. Il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ħabbar it-tnedija ta' inizjattiva dwar Akkomodazzjoni affordabbli. Dan se jixpruna r-rinnovazzjoni ta' 100 distrett, u l-ħolqien ta' pjattaforma Ewropea għal kollaborazzjoni msaħħa fil-ġlieda kontra l-kondizzjoni ta' persuni mingħajr dar.

Dan l-aħħar xi Stati Membri introduċew jew espandew miżuri mmirati sabiex jappoġġaw l-aċċess għall-enerġija, bħala servizz essenzjali, għal dawk l-aktar vulnerabbli, f'konformità mal-prinċipju 20 (dwar aċċess għal servizzi essenzjali) tal-Pilastru. **Spanja**, pereżempju, ippromulgat miżuri sabiex tappoġġa l-aċċess għall-enerġija għal persuni b'introjtu baxx, ukoll f'konformità mal-Istrateġija tagħha kontra l-Faqar Enerġetiku 2019-24. **Ċipru**, fost pajjiżi oħrajn, se jimplimenta miżuri għall-effiċjenza enerġetika skont l-RRP tiegħu bl-għan espliċitu li jnaqqas il-faqar enerġetiku. Bħala parti mill-Patt Ekoloġiku, il-Kummissjoni ressqet pakkett komprensiv ta' miżuri li se jikkontribwixxu sabiex itaffu l-faqar enerġetiku u jżidu l-kwalità tal-akkomodazzjoni, b'mod partikolari għall-familji bi dħul medju u baxx[273]. Inizjattivi riċenti, bħall-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %" jew ir-Rakkomandazzjoni dwar il-Faqar Enerġetiku[274], aċċennaw il-ħtieġa ta' aġġustament strutturali bħal dan.

Ħafna Stati Membri wettqu riformi sabiex itejbu r-reżiljenza u l-aċċessibbiltà tas-sistemi tas-saħħa, f'konformità mal-prinċipju 16 (aċċess għal kura tas-saħħa) tal-Pilastru. Firxa wiesgħa ta' miżuri f'dan il-qasam ġew inklużi fl-RRPs approvati s'issa. L-indirizzar tan-nuqqasijiet tal-forza tax-xogħol fil-qasam tal-kura tas-saħħa sar problema kritika fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19 u l-Istati Membri bdew riformi komprensivi sabiex jindirizzawhom fl-RRPs tagħhom. Pereżempju, **Spanja, l-Irlanda, il-Litwanja, Malta u l-Lussemburgu** pproponew miżuri komprensivi sabiex jindirizzaw in-nuqqas ta' professjonisti mediċi, iżidu l-attraenza tal-professjonijiet mediċi u jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol. **Il-Portugall** qed jaħdem għat-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol tas-saħħa, għat-tisħiħ tal-ħidma f'tim multidixxiplinari u għall-espansjoni tan-numru ta' professjonisti tas-saħħa fi ħdan il-kura tas-saħħa primarja tiegħu. L-RRP tal-**Italja** jinkludi taħriġ għall-impjegati tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa. Il-kriżi mmobilizzat ukoll sforzi sabiex jiġu kkunsidrati mill-ġdid modi ta' finanzjament tal-kura tas-saħħa bl-għan li jiġu indirizzati l-insuffiċjenza strutturali ta' finanzjament u s-sostenibbiltà tal-bażi tad-dħul fit-tul. **Il-Lussemburgu u l-Litwanja** ħabbru riformi sabiex jindirizzaw din l-isfida.

L-Istati Membri komplew bl-isforzi tagħhom sabiex jibnu sistemi tas-saħħa aktar reżiljenti bil-forniment ta' servizzi adattat għall-ħtiġijiet tal-popolazzjoni, f'konformità mal-prinċipju 16 (aċċess għal kura tas-saħħa) tal-Pilastru. Wieħed mill-oqsma ta' prijorità kien li jiżdied ir-rwol tal-kura tas-saħħa primarja bħala l-ewwel punt ta' kuntatt għall-pazjenti, u potenzjalment jittaffa l-piż fuq l-isptarijiet ikkawżat minn xokkijiet bħall-pandemija tal-COVID-19 jew pressjonijiet aktar fit-tul relatati mat-tixjiħ tal-popolazzjoni. F'dan is-sens, **il-**

[273] Dawn huma b'mod partikolari: l-Inizjattiva "Mewġa ta' Rinnovazzjoni" (COM(2020) 662 final tas-17 ta' Settembru 2020), ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Faqar Enerġetiku (ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1563 tal-14 ta' Ottubru 2020), ir-reviżjoni futura tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija (id-Direttiva 2012/27/UE tal-25 ta' Ottubru 2012) u t-tmexxija u l-gwida għall-azzjoni lokali mill-Osservatorju tal-UE tal-Faqar Enerġetiku.

[274] Ir-Rakkomandazzjoni u d-dettalji dwar il-kuntest tal-politika huma disponibbli online.

Litwanja pproponiet li ssaħħaħ il-kura mediċinali fil-familja, u **l-Lussemburgu** li jttejjeb l-integrazzjoni tal-kura tas-saħħa primarja mal-isptarijiet. **Il-Portugall** ippropona riforma komprensiva li għandha l-għan li tittrasforma ċ-ċentri tal-kura tas-saħħa primarja f'atturi aktar proattivi bil-portafoll estiż ta' servizzi bbażati fil-komunità, bir-riformi relatati inklużi fl-RRP tiegħu. Ġew indirizzati wkoll il-konġestjonijiet fl-aċċess għall-kura fl-isptarijiet u r-riformi ffokaw l-aktar fuq it-trasformazzjonijiet tas-settur tal-isptarijiet li kienu meħtieġa sabiex jirrispondu għax-xokk. **Il-Litwanja** pproponiet riforma li għandha l-għan li tistabbilixxi raggruppament ta' sptarijiet għal mard infettiv u ċentri ewlenin ta' kura ta' emerġenza. Xi Stati Membri introduċew ukoll miżuri sabiex itejbu l-kopertura tal-kura tas-saħħa, filwaqt li jtejbu l-aċċess għal ċerti servizzi. **Spanja**, pereżempju, iffokat fuq il-kura dentali, il-kura bikrija tat-tfal, u l-mediċina ġenomika, u **l-Portugall dwar** il-kura mentali. Fil-**Portugall**, pakkett komprensiv ta' riformi se jakkumpanja dawn l-isforzi sabiex tiżdied id-disponibbiltà tas-servizzi tal-kura mentali f'kuntesti bbażati fil-komunità. It-trasformazzjoni diġitali tas-sistemi tas-saħħa ġiet aċċellerata wkoll mill-COVID-19. **Il-Lussemburgu** qed jaħdem sabiex jespandi s-soluzzjoni tiegħu għat-telemediċina għal pazjenti b'kundizzjonijiet kroniċi fl-2022 bħala parti mill-RRP tiegħu. **Spanja** pproponiet qafas ġdid għas-saħħa elettronika, inklużi konnettività aħjar u l-istabbiliment ta' "Lag tad-*Data*" tas-saħħa, li jiġbor fih id-*data* mir-reġjuni kollha u minn sistemi ta' informazzjoni differenti. **Il-Litwanja** pproponiet li tespandi b'mod sinifikanti l-infrastruttura għas-saħħa elettronika u l-varar tagħha. Sabiex tittaffa l-pressjoni kemm fuq l-uffiċċji tal-prattikanti ġenerali kif ukoll fuq id-dipartimenti tal-emerġenza tal-isptarijiet, **l-Italja** varat unitajiet speċjali ġodda għall-kontinwità tal-kura u introduċiet il-profil tal-"infermiera tal-familja u tal-komunità", tip ġdid ta' infermiera ta' prattika avvanzata mfassal sabiex tissaħħaħ il-kura fid-djar. **L-Italja** se tirrinnova wkoll l-isptarijiet.

Diversi Stati Membri komplew jirriformaw is-sistemi tal-pensjonijiet tagħhom sabiex itejbu l-adegwatezza u s-sostenibbiltà fiskali tagħhom, b'mod partikolari billi jintervjenu fuq it-tul tal-ħajja tax-xogħol u fuq l-età tal-irtirar, f'konformità mal-prinċipju 15 (dwar l-introjtu u l-pensjoni tax-xjuħija) tal-Pilastru. **Il-Belġju** qed jippjana li juża l-fondi tal-RRF sabiex ikompli r-riformi tal-pensjonijiet immirati lejn l-appoġġ ta' ħajjiet tax-xogħol itwal u lejn sostenibbiltà akbar. Fi **Spanja**, il-gvern stabbilixxa programm ta' riforma li għandu l-għan li jerġa' jistabbilixxi l-indiċjar tal-pensjonijiet u jżid l-użu ta' pensjonijiet supplimentari, filwaqt li jipprevedi miżuri sabiex tiġi ppreservata s-sostenibbiltà fiskali, inkluż billi jintroduċi inċentivi għat-tnaqqis tal-irtirar bikri. Fir-**Rumanija**, għad hemm dibattitu dwar il-pensjonijiet speċjali pendenti (wara li ħafna ngħaqdu fl-iskema ġenerali fl-aħħar deċennju), li prinċipalment ikopru l-forzi militari u tal-pulizija, fid-dawl tal-kost eċċessiv tagħhom.[275] Fir-**Rumanija** wkoll, l-RRP jinkludi r-riforma tas-sistema tal-pensjonijiet pubbliċi, permezz ta' qafas leġiżlattiv ġdid li għandu l-għan li jiżgura s-sostenibbiltà fiskali fil-kuntest tat-tixjiħ tal-popolazzjoni, u jikkoreġi l-inugwaljanzi.[276] Fid-**Danimarka**, dispożizzjoni ġdida minn Awwissu 2020 tippermetti l-irtirar bikri (sena (1) sa tliet (3) snin qabel l-età statutorja, bħalissa 66,5 sena) għal dawk b'karrieri twal (41-43 sena) fl-età ta' 61[277]. Fil-**Ġermanja**, f'Marzu 2020 il-"kummissjoni tal-pensjonijiet"[278] ippubblikat rapport li jipprovdi rakkomandazzjonijiet għal aġġustamenti fis-sistema kurrenti sabiex jiġu indirizzati kemm l-isfidi tal-adegwatezza kif ukoll dawk tas-sostenibbiltà fiskali. **Il-Bulgarija**

[275] ESPN Flash report on Romania, Marzu 2020.
[276] ESPN Flash report on Romania, Lulju 2020.
[277] ESPN Flash report on Denmark, Jannar 2021.
[278] Rentenkommission "Verlässlicher Generationenvertrag".

ħadet passi sabiex iżżid il-pensjonijiet billi introduċiet metodi ġodda ta' kalkoli bl-għan li ma jkollhiex pensjonanti taħt is-soll tal-faqar.

Xi pajjiżi ħadu passi ulterjuri sabiex jirriformaw il-pilastri ffinanzjati tas-sistemi tal-pensjonijiet tagħhom. Fl-**Estonja**, riforma adottata f'Ottubru 2020 tippermetti lill-membri tal-iskema tal-pensjoni statutorja ffinanzjata jipprelevaw it-tfaddil tagħhom mill-iskema, li jista' jnaqqas l-adegwatezza futura. Fil-**Polonja**, f'nofs l-2021, il-gvern ippropona l-likwidazzjoni tal-"fondi tal-pensjonijiet miftuħin obbligatorji" u l-membri se jkollhom jagħżlu bejn it-trasferimenti għal kontijiet privati jew il-kont tal-pensjoni tal-Istat nozzjonali; dan ikun jaffettwa lil aktar minn 15-il miljun persuna. Sadanittant, fil-**Polonja** wkoll, il-Pjanijiet ta' Kapital tal-Impjegati okkupazzjonali ddaħħlu gradwalment (Marzu 2021), u jkopru madwar 3 miljun impjegat.[279] Fin-**Netherlands**, f'nofs l-2020, l-iskema ta' pensjoni okkupazzjonali ġiet irriformata aktar billi ġie ssostitwit il-kunċett ta' "intitolament għall-pensjoni" bl-"aspettattiva tal-pensjoni", li kompla jitbiegħed mill-prinċipju tal-benefiċċju definit.[280]

Kaxxa 6 tal-Pilastru: **Il-kura fit-tul (LTC) fl-Istati Membri tal-UE**

It-tixjiħ tal-popolazzjoni huwa mistenni li jwassal għal żieda qawwija fid-domanda għal servizzi tal-kura fit-tul (LTC), hekk kif il-fraġilità u l-ħtieġa għal-LTC jiżdiedu fl-età avvanzata; l-iżgurar tad-disponibbiltà u tal-affordabbiltà tas-servizzi tal-LTC huwa essenzjali, f'konformità mal-prinċipju 18 (kura fit-tul) tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. In-numru ta' persuni potenzjalment fil-bżonn ta' kura fit-tul fl-EU-27 huwa mistenni jiżdied minn 30,8 miljun fl-2019 għal 33,7 miljun fl-2030 u għal 38,1 miljun fl-2050. It-tisħiħ tal-aċċess għal-LTC formali huwa importanti, f'dan id-dawl ukoll, sabiex jiġu żgurati l-ġustizzja soċjali u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri[281], u jipprovdi wkoll opportunità għall-ħolqien tax-xogħol. L-investiment f'kura fid-djar ta' kwalità tajba u f'servizzi tal-LTC ibbażati fil-komunità huwa importanti sabiex tiġi pprovduta alternattiva aċċessibbli għall-kura residenzjali għal kulħadd.

Is-sehem ta' persuni akbar fl-età li jeħtieġu l-kura jvarja ħafna bejn l-Istati Membri u għandu dimensjoni qawwija marbuta mal-ġeneru. Bħala medja, fl-2019, fl-EU-27, 26,6 % tal-persuni ta' 65 sena jew aktar li jgħixu f'unitajiet domestiċi privati kienu jeħtieġu kura fit-tul. Il-ħtiġijiet awtodikjarati ta' kura fit-tul [282] fost persuni akbar fl-età li jgħixu f'unitajiet domestiċi privati varjaw minn 11,6 % fil-Lussemburgu għal 56,5 % fir-Rumanija (ara l-Illustrazzjoni 1). Fost il-persuni li għandhom aktar minn 65 sena, in-nisa huma aktar spiss fil-bżonn tal-LTC, b'sehem ta' 32,1 % meta mqabblin ma' 19,2 % tal-irġiel fl-istess grupp ta' età fl-EU-27 fl-2019. Dan għaliex l-età medja tan-nisa hija akbar fl-istess grupp ta' età, iżda wkoll minħabba li n-nisa akbar fl-età jqattgħu anqas snin f'saħħa tajba.[283] Is-sehem ta' dawk fil-bżonn varja minn 62,7 % tan-nisa akbar fl-età u 47,4 % tal-irġiel akbar fl-età fir-Rumanija, għal 13,2 % tan-nisa akbar fl-età u 9,6 % tal-irġiel akbar fl-età fil-Lussemburgu.

---

[279] ESPN Flash report on Poland, Lulju 2021

[280] Ara Ed Westerhout, Eduard Ponds, Peter Zwaneveld (2021), *Completing Dutch pension reform*, CPB Background Document.

[281] L-obbligi ta' kura għandhom impatt negattiv qawwi fis-suq tax-xogħol fuq in-nisa, analizzat fit-taqsima 2.2.1.

[282] Bit-teħid tal-preżenza ta' diffikultajiet severi awtodikjarati f'attivitajiet tal-għajxien ta' kuljum u/jew f'attivitajiet strumentali tal-għajxien ta' kuljum bħala approssimazzjoni (indikatur) tal-ħtieġa ta' kura fit-tul, f'konformità mad-definizzjoni użata mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali.

[283] Fl-2019, il-medja tal-istennija tal-għomor tal-EU-27 fit-twelid kienet ta' 84 sena għan-nisa, aktar minn 5 snin itwal minn dik għall-irġiel (ara l-indikatur tal-Eurostat [demo_mlexpec]), filwaqt li n-numru ta' snin ta' ħajja fi stat tajjeb ta' saħħa kien ta' 65,1 u ta' 64,2 għan-nisa u għall-irġiel, rispettivament – differenza ħafna iżgħar (ara l-indikatur tal-Eurostat [hlth_hlye]).

Is-sehem ta' persuni ta' 65 sena jew aktar, li jgħixu f'unitajiet domestiċi privati b'livell serju ta' diffikultà fil-kura personali jew f'attivitajiet domestiċi jew fit-tnejn li huma fl-2019



Nota: Ikkalkolat bħala 100 % nieqes is-sehem ta' dawk mingħajr diffikultà serja.
Sors: Mewġa 3 tal-Istħarriġ Ewropew ta' Intervisti dwar is-Saħħa, 2019, Indikatur tal-Eurostat [hlth_ehis_tadle].

L-unitajiet li jeħtieġu LTC spiss ikollhom aċċess limitat għal servizzi formali ta' kura fid-djar peress li ma jkunux affordabbli jew sempliċiment ma jkunux disponibbli. Fl-2019, 46,5 % tal-persuni ta' 65 sena jew aktar b'diffikultajiet serji fil-kura personali jew fl-attivitajiet fl-unità domestiċi fl-UE rrapportaw li kellhom ħtieġa mhux issodisfata għal għajnuna f'attivitajiet bħal dawn. Dan in-nuqqas ta' għajnuna kien ferm aktar evidenti għal dawk fil-kwintil bl-anqas introjtu (51,2 %) meta mqabblin ma' dawk bl-ogħla introjtu (39,9 %). In-nuqqas ta' aċċess għall-kura formali jista' jsarraf fi ħtiġijiet ta' kura mhux issodisfati jew f'piż fuq persuni li jindukraw b'mod informali, li jipprovdu l-akbar sehem ta' kura. Il-biċċa l-kbira tal-persuni li jindukraw fit-tul fl-UE, 59 %, huma nisa.[284]

Il-kopertura tal-protezzjoni soċjali għall-kura fit-tul hija limitata u tiddependi fuq taħlita ta' benefiċċji *in natura* u fi flus li tvarja fost l-Istati Membri. Fi 17-il pajjiż, l-appoġġ pubbliku *in natura* tal-LTC huwa disponibbli għal 11 % jew anqas mill-persuni kollha li għandhom 65 sena jew aktar. Il-kopertura tal-benefiċċji fi flus tvarja minn 0 sa 37,2 %, u tissostitwixxi jew spiss tikkomplementa l-benefiċċji *in natura*[285]. Bħala medja, fl-UE, filwaqt li 26,6 % tal-popolazzjoni ta' 65

[284] Fuq il-bażi tal-evidenza kkombinata mill-Istħarriġ Ewropew dwar il-Kwalità tal-Ħajja (2016) u mill-Istħarriġ Ewropew ta' Intervisti dwar is-Saħħa (2013-2015). Ara l-indikaturi tal-Eurostat [hlth_ehis_tadlh], [hlth_ehis_tadlhi] u Ecorys (2021) *Study on exploring the incidence and costs of informal long-term care in the EU*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.
[285] Is-sehem ta' dawk li għandhom 65 sena jew aktar b'benefiċċji tal-LTC *in natura* u fi flus kontanti fl-2019 (%). Il-komputazzjonijiet tad-DĠ ECFIN ibbażati fuq id-*data* użata għall-Kummissjoni Ewropea u għall-EPC (2021), *Ageing Report*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

sena jew aktar jeħtieġu l-kura, 9,4 % irċivew kura fid-dar jew istituzzjonali u 8,8 % irċivew benefiċċji fi flus fl-2019. B'mod ġenerali, l-adegwatezza tal-protezzjoni soċjali fir-rigward tal-ħtiġijiet ta' kura fit-tul tvarja b'mod konsiderevoli madwar l-Istati Membri, u l-persuni fil-bżonn jistgħu jiffaċċjaw ħlasijiet mill-but għoljin ħafna għal kura formali fit-tul, anke wara li jirċievu l-benefiċċji soċjali.[286]

Xi Stati Membri qed jimplimentaw riformi wiesgħa tal-LTC filwaqt li oħrajn iffokaw fuq it-titjib tas-sitwazzjoni ta' persuni li jindukraw b'mod informali. Franza u s-Slovenja qed jistabbilixxu l-LTC bħala fergħa ġdida tal-protezzjoni soċjali. **Is-Slovenja**, fl-RRP tagħha, qed tippjana wkoll li tadotta l-Att dwar il-Kura fit-Tul u tadotta mudell ta' monitoraġġ nazzjonali għall-indikaturi tal-kwalità għall-fornituri tal-kura fit-tul fl-istituzzjonijiet. Bħala parti mill-RRP tagħha, **iċ-Ċekja** tipprevedi d-dħul fis-seħħ tal-liġi dwar il-kura fit-tul. L-RRP tal-**Latvja** jipprevedi l-ħolqien ta' postijiet ġodda għall-forniment ta' servizzi ta' kura fit-tul qrib l-ambjent tal-familja għal 852 persuna fl-età tal-irtirar. **Spanja** adottat pjan komprensiv għal-LTC b'finanzjament akbar sabiex tnaqqas il-listi ta' stennija, ittejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tintroduċi titjib fis-servizzi u fil-benefiċċji sabiex tiggarantixxi kura adegwata. Sabiex jiġi stabbilit mill-ġdid il-funzjonament tas-servizzi soċjali tal-LTC, **il-Portugall** adotta programm b'sistema ta' inċentivi mmirati sabiex itaffu l-kostijiet addizzjonali kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19. Ikopri l-ispejjeż tal-akkwist ta' tagħmir ta' protezzjoni individwali għall-ħaddiema u għall-utenti, tagħmir tas-sanità, kuntratti ta' diżinfezzjoni, il-kostijiet tat-taħriġ tal-ħaddiema u r-riorganizzazzjoni tal-postijiet tax-xogħol. Diversi Stati Membri, bħal **Spanja** u **s-Slovakkja**, żiedu l-allowance għall-kura sabiex jappoġġaw lill-persuni li jindukraw b'mod informali, filwaqt li **Malta** estendiet il-kriterji ta' eliġibbiltà tagħha għall-persuni rtirati, dment li l-persuna mogħtija l-kura ma tkunx il-konjuġi.

[286] Fuq il-bażi tal-analiżi tal-OECD ta' 19-il ġuriżdizzjoni kif ukoll ħtiġijiet baxxi, moderati u severi. Ara t-Taqsima 2.3.2 u l-Kaxxa 2 tat-2021 Long-term care report.